IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2018
COM(2018) 691 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

FTEHIM TA’ KUMMERĊ ĦIELES
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM

PREAMBOLU

L-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

u

ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, minn hawn ’il quddiem imsejħa “il-Vjetnam”,

cminn hawn ’il quddiem imsejħa b’mod konġunt “il-Partijiet” jew imsejħa individwalment “il-Parti”,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU s-sħubija b’saħħitha u li ilha teżisti bejniethom abbażi tal-prinċipji u l-valuri komuni riflessi fil-Ftehim ta’ Sħubija u Kooperazzjoni, u r-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta’ investiment importanti tagħhom;

XEWQANA li jsaħħu aktar ir-relazzjoni ekonomika tagħhom, bħala parti mir-relazzjonijiet ġenerali tagħhom u b’mod koerenti magħhom, u konvinti li dan il-Ftehim joħloq klima ġdida għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet;

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan il-Ftehim ser jikkomplementa u jippromwovi l-isforzi ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali;

DETERMINATI li jsaħħu r-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u tal-investiment tagħhom f'konformità mal-għan ta' żvilupp sostenibbli, fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, u li jippromwovu l-kummerċ u l-investiment skont dan il-Ftehim b'mod li jitqiesu l-livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u tax-xogħol u l-istandards u l-ftehimiet rilevanti li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali;

XEWQANA li jgħollu l-istandards tal-għajxien, jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà ekonomika, joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjiegi u jtejbu l-benesseri ġenerali u, għal dan l-għan, jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment;

KONVINTI li dan il-Ftehim ser joħloq suq akbar u sigur għall-prodotti u s-servizzi u ambjent stabbli u prevedibbli għall-kummerċ u l-investiment, sabiex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tad-ditti tagħhom fis-swieq globali;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn il-*Karta tan-Nazzjonijiet Uniti*, iffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945 u wara li kkunsidraw il-prinċipji artikolati f'*Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-trasparenza fil-kummerċ internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet interessati kollha;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu regoli ċari u vantaġġużi b'mod reċiproku li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment tagħhom u li jnaqqsu jew jeliminaw l-ostakoli għall-kummerċ u l-investiment reċiproċi;

DEĊIŻI li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-espansjoni armonjuża tal-kummerċ internazzjonali billi jneħħu l-ostakoli għall-kummerċ permezz ta' dan il-Ftehim u jevitaw li joħolqu ostakoli ġodda għall-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIBNU fuq id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO u l-ftehimiet u l-arranġamenti multilaterali, reġjonali u bilaterali l-oħrajn li huma parti għalihom;

XEWQANA li jippromwovu l-kompetittività tal-kumpaniji tagħhom billi jipprovdulhom qafas legali prevedibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali u tal-investiment tagħhom,

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU 1

GĦANIJIET U DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1.1

L-istabbiliment ta’ Żona ta’ Kummerċ Ħieles

Il-Partijiet b’dan jistabbilixxu żona ta’ kummerċ ħieles, f’konformità mal-Artikolu XXIV ta’ GATT 1994 u mal-Artikolu V ta’ GATS.

ARTIKOLU 1.2

Għanijiet

L-għanijiet ta' dan il-Ftehim huma li jiġu liberalizzati u ffaċilitati l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 1.3

Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni" tfisser il-*Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra*, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2012.

ARTIKOLU 1.4

Ftehimiet tad-WTO

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Ftehim dwar l-Agrikoltura" tfisser il-*Ftehim dwar l-Agrikoltura* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(b) "Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku" tfisser il-*Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku* li jinsab fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO;

(c) "Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta' Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti" tfisser il-*Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta' Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(d) "Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini" tfisser il-*Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(e) "Ftehim dwar l-Anti-Dumping" tfisser il-*Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(f) "Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali" tfisser il-*Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(g) "DSU" tfisser il-*Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim* li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO;

(h) "GATS" tfisser il-*Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi*, li jinsab fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO;

(i) "GATT 1994" tfisser il-*Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994*, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(j) "Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzja għall-Imporazzjoni" tfisser il-*Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzja għall-Imporazzjoni* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(k) "Ftehim ta' Salvagwardji" tfisser il-*Ftehim dwar is-Salvagwardji*, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(l) “Ftehim SCM” tfisser il-*Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji*, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(m) “Ftehim SPS” tfisser il-*Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta’ Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji*, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(n) “Ftehim TBT” tfisser il-*Ftehim dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ*, li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(o) “Ftehim TRIPS” tfisser il-*Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ*, li jinsab fl-Anness 1Ċ tal-Ftehim tad-WTO; u

(p) “Ftehim tad-WTO” tfisser il-*Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ*, magħmul f’Marrakesh fil-15 ta’ April 1994.

ARTIKOLU 1.5

Definizzjonijiet Ġenerali

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor:

(a) “jum” tfisser jum kalendarju;

(b) “domestiċi” tfisser, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, il-liġi jew il-liġijiet u r-regolamenti għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u għall-Vjetnam[1], rispettivament, leġiżlazzjoni, liġi jew liġijiet u regolamenti fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali;

(c) “merkanzija” tfisser prodotti kif jinftiehmu fil-GATT 1994, sakemm ma jiġix previst mod ieħor f’dan il-Ftehim;

(d) “Sistema Armonizzata” tfisser is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, inklużi n-noti legali kollha u l-emendi tagħhom (minn hawn ’il quddiem imsejħa “SA”);

(e) “FMI” tfisser il-Fond Monetarju Internazzjonali;

(f) “miżura” tfisser kwalunkwe miżura minn Parti, kemm jekk fil-forma ta’ liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, jew kwalunkwe forma oħra;

(g) “persuna fiżika ta’ Parti” tfisser ċittadin ta’ wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jew tal-Vjetnam, skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom[2];

(h) “persuna” tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika;

---

[1] Għal ċertezza akbar, għall-Vjetnam, il-forom ta' leġiżlazzjoni, liġi jew liġijiet u regolamentazzjoni fil-livell ċentrali jew fil-livell lokali rilevanti huma previsti fil-Liġi Nru. 80/2015/QH13 tat-22 ta’ Ġunju 2015 dwar il-Promulgazzjoni ta’ Dokumenti Normattivi Legali.

[2] It-terminu “persuna fiżika” jinkludi persuni fiżiċi li jkunu jirrisjedu b’mod permanenti fil-Latvja u li ma jkunux ċittadini tal-Latvja jew ta’ kwalunkwe stat ieħor, iżda li jkunu intitolati, skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Latvja, sabiex jirċievu passaport ta’ nonċittadin (Passaport ta’ Ċittadin Barrani).

(i) “pajjiż terz” tfisser pajjiż jew territorju barra l-kamp ta’ applikazzjoni tal-applikazzjoni territorjali ta’ dan il-Ftehim kif definit fl-Artikolu 17.24 (Applikazzjoni Territorjali);

(j) “UNCLOS” tfisser il-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar*, magħmula f’Montego Bay fl-10 ta’ Diċembru 1982;

(k) “WIPO” tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali; u

(l) “WTO” tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

KAPITOLU 2

TRATTAMENT NAZZJONALI U AĊĊESS GĦAS-SUQ TAL-PRODOTTI

ARTIKOLU 2.1

Għan

Il-Partijiet għandhom jilliberalizzaw b’mod progressiv il-kummerċ tal-prodotti u jtejbu l-aċċess għas-suq matul perjodu tranżitorju li jibda mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim u f’konformità mal-Artikolu XXIV ta’ GATT 1994.

ARTIKOLU 2.2

Kamp ta' applikazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ tal-prodotti bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 2.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "sussidji fuq l-esportazzjoni agrikola" tfisser sussidji kif definiti fil-paragrafu (e) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, inkluża kwalunkwe emenda ta' dak l-Artikolu;

(b) "prodott agrikolu" tfisser prodott elenkat fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(c) "tranżazzjonijiet konsulari" tfisser il-proċedura sabiex tinkiseb, minn konslu tal-Parti li timporta fit-territorju tal-Parti li tesporta, jew fit-territorju ta' parti terza, fattura konsulari jew viża konsulari għal fattura kummerċjali, ċertifikat ta' oriġini, manifest, dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tal-konsenjatur jew kwalunkwe dokumentazzjoni doganali oħra b'konnessjoni mal-importazzjoni tal-merkanzija;

(d) "dazju doganali" jinkludi kull dazju jew ħlas ta' kull xorta impost fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' prodott, inkluża kwalunkwe forma ta' soprataxxa jew ħlas addizzjonali imposti fuq jew b'konnessjoni ma' tali importazzjoni, u ma jinkludi ebda:

(i) ħlas ekwivalenti għal taxxa interna f'konformità mal-Artikolu 2.4 (Trattament Nazzjonali);

(ii) dazju impost f'konformità mal-Kapitolu 3 (Rimedji għall-Kummerċ);

(iii) dazji applikati f'konformità mal-Artikoli VI, XVI u XIX tal-GATT 1994, mal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping, mal-Ftehim SCM, mal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, mal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura u mad-DSU; u

(iv) miżata jew ħlas ieħor imposti f'konformità mal-Artikolu 2.18 (Miżati Amministrattivi, Ħlasijiet Oħrajn u Formalitajiet dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet);

(e) "proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni" tfisser proċeduri amministrattivi[1] li jintużaw għat-tħaddim tar-reġimi tal-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni li jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik meħtieġa għal finijiet doganali, lill-korp amministrattiv rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-esportazzjoni mit-territorju tal-Parti li tesporta;

[1] Dawk il-proċeduri msejħa "ħruġ ta' liċenzji" kif ukoll proċeduri amministrattivi simili oħrajn.

(f) "proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni" tfisser proċeduri amministrattivi[1] li jintużaw għat-tħaddim tar-reġimi tal-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni li jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik meħtieġa għal finijiet doganali, lill-korp amministrattiv rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-importazzjoni fit-territorju tal-Parti li timporta;

(g) "proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni" tfisser proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni fejn l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ma tingħatax għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti kkonċernata għall-involviment f'operazzjonijiet tal-esportazzjoni li jinvolvu l-prodotti soġġetti għall-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni;

(h) "proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni" tfisser proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni fejn l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ma tingħatax għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti kkonċernata għall-involviment f'operazzjonijiet tal-importazzjoni li jinvolvu l-prodotti soġġetti għall-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni;

(i) "oriġinarju" tirreferi għall-oriġini ta' prodott kif iddeterminata f'konformità mar-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll 1 (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva);

(j) "rekwiżit tal-prestazzjoni" tfisser rekwiżit li:

(i) jiġu esportati kwantità, valur jew perċentwal partikolari tal-merkanzija;

[1] Dawk il-proċeduri msejħa "ħruġ ta' liċenzji" kif ukoll proċeduri amministrattivi simili oħrajn.

(ii) il-merkanzija tal-Parti li tagħti liċenzja tal-importazzjoni tiġi sostitwita għal merkanzija importata;

(iii) persuna li tibbenifika minn liċenzja għall-importazzjoni takkwista prodotti oħrajn fit-territorju tal-Parti li tagħti l-liċenzja għall-importazzjoni, jew tagħti preferenza lil prodotti li jiġu manifatturati domestikament;

(iv) persuna li tibbenifika minn liċenzja għall-importazzjoni tipproduċi prodotti fit-territorju tal-Parti li tagħti l-liċenzja għall-importazzjoni, bi kwantità, valur jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku; jew

(v) jirrigwardja, fi kwalunkwe forma, il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet, il-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew l-ammont ta' dħul tal-munita barranija; u

(k) "prodott manifatturat mill-ġdid" tfisser prodott ikklassifikat fil-Kapitoli 84, 85, 87, 90 jew 9402 tas-SA, ħlief dawk elenkati fl-Appendiċi 2-A-5 (Prodotti esklużi mid-Definizzjoni ta' Prodotti Manifatturati mill-Ġdid), li:

(i) huwa magħmul kompletament jew parzjalment minn partijiet miksuba minn prodotti li ntużaw qabel; u

(ii) għandu kundizzjonijiet ta' tħaddim u prestazzjoni simili, kif ukoll durata taċ-ċiklu tal-ħajja simili, meta mqabbel mal-prodott ġdid oriġinali u jingħata l-istess garanzija bħall-prodott ġdid oriġinali.

ARTIKOLU 2.4

Trattament Nazzjonali

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak il-għan, l-obbligi inklużi fl-Artikolu III tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, huma inkorporati f'dan il-Ftehim u huma parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 2.5

Klassifikazzjoni tal-Prodotti

Il-klassifikazzjoni tal-prodotti fil-kummerċ bejn il-Partijiet għandha tkun konformi man-nomenklatura tariffarja rispettiva ta' kull Parti f'konformità mas-SA.

ARTIKOLU 2.6

Prodotti Manifatturati mill-Ġdid

Il-Partijiet għandhom jagħtu lill-prodotti manifatturati mill-ġdid l-istess trattament bħal dak mogħti lil prodotti simili ġodda. Parti tista' tirrikjedi tikkettjar speċifiku ta' prodotti manifatturati mill-ġdid sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. Kull Parti għandha timplimenta dan l-Artikolu f'perjodu tranżitorju ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.7

Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali

1. Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali tagħha fuq il-prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra f'konformità mal-iskeda rispettiva tagħha inkluża fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali).

2. Għall-kalkolu tat-tnaqqis suċċessiv taħt il-paragrafu 1, ir-rata bażi għad-dazji doganali ta' kull prodott għandha tkun dik speċifikata fl-iskedi inklużi fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali). L-eliminazzjoni tat-tariffi stabbilita taħt l-Appendiċi 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) ma tapplikax għall-vetturi bil-mutur użati taħt il-kodiċijiet 8702, 8703 u 8704 tas-SA.

3. Jekk Parti tnaqqas rata tad-dazju doganali applikata għall-pajjiż l-aktar favorit taħt ir-rata tad-dazju doganali applikata f'konformità mal-iskeda rispettiva tagħha inkluża fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali), il-prodott li joriġina fil-Parti l-oħra għandu jkun eliġibbli għal dik ir-rata tad-dazju aktar baxxa.

4. Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti ma għandha żżid l-ebda dazju doganali eżistenti f'konformità mal-iskeda rispettiva tagħha inkluża fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali), jew tadotta l-ebda dazju doganali ġdid, fuq prodott li joriġina fil-Parti l-oħra.

5. Parti tista' taċċellera t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq il-prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra applikati f'konformità mal-iskeda rispettiva tagħha inkluża fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali). Meta Parti tikkunsidra tali aċċellerazzjoni, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra mill-aktar fis possibbli qabel tidħol fis-seħħ ir-rata ġdida tad-dazju doganali. Aċċellerazzjoni unilaterali ma għandhiex tipprekludi lill-Parti milli tgħolli dazju doganali għar-rata prevalenti f'kull stadju tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni f'konformità mal-iskeda rispettiva tagħha inkluża fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali).

6. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jikkunsidraw li jaċċelleraw jew iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali applikati f'konformità mal-iskedi rispettivi tagħhom inklużi fl-Appendiċijiet 2-A-1 (Skeda tat-Tariffi tal-Unjoni) u 2-A-2 (Skeda tat-Tariffi tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali). Jekk il-Partijiet jaqblu li jemendaw dan il-Ftehim sabiex jaċċelleraw jew iwessgħu tali kamp ta' applikazzjoni, dan il-ftehim għandu jieħu post kwalunkwe rata tad-dazju jew kategorija ta' stadji għal tali prodott iddeterminat skont l-Iskedi tagħhom. Tali emenda għandha tidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 17.5 (Emendi).

ARTIKOLU 2.8

Ġestjoni ta' Żbalji Amministrattivi

Fil-każ ta' żball mill-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni tajba tas-sistema preferenzjali fl-esportazzjoni u, b'mod partikolari, fl-applikazzjoni tal-Protokoll 1 (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva), fejn dan l-iżball iwassal għal konsegwenzi f'termini tad-dazji tal-importazzjoni, il-Parti li timporta tista' titlob lill-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 17.1 (Kumitat għall-Kummerċ) sabiex jeżamina l-possibbiltajiet li jiġu adottati l-miżuri xierqa bil-għan li tissolva s-sitwazzjoni.

ARTIKOLU 2.9

Miżuri Speċifiċi li jikkonċernaw it-Trattament ta' Tariffi Preferenzjali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-ksur doganali relatat mat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti taħt dan il-Kapitolu.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, kull Parti għandha toffri lill-Parti l-oħra kooperazzjoni amministrattiva u assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali u dawk relatati bħala parti mill-implimentazzjoni u l-kontroll tat-trattament tariffarju preferenzjali, li għandu jinkludi l-obbligi li ġejjin:

(a) il-verifika tal-istatus oriġinarju tal-prodott jew prodotti kkonċernat(i);

(b) it-twettiq tal-verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini u l-għoti tar-riżultati ta' dik il-verifika lill-Parti l-oħra; u

(c) l-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-Parti li timporta sabiex twettaq żjarat ta' inkjesta bil-għan li tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokumenti jew il-preċiżjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-għoti tat-trattament preferenzjali inkwistjoni.

3. Fejn, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva jew l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali u kwistjonijiet relatati msemmija fil-paragrafu 2, il-Parti li timporta tistabbilixxi li prova tal-oriġini nħarġet indebitament minħabba li r-rekwiżiti previsti fil-Protokoll 1 (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva) ma ġewx issodisfati, dik il-Parti tista' ċċaħħad trattament tariffarju preferenzjali lil dikjarant li jkun talbu fir-rigward tal-prodotti li l-prova tal-oriġini għalihom inħarġet fil-Parti li tesporta.

4. Jekk il-Parti li timporta tqis li ċ-ċaħda ta' trattament tariffarju preferenzjali għal konsenji individwali msemmija fil-paragrafu 3 mhijiex biżżejjed sabiex jiġi implimentat u kkontrollat it-trattament tariffarju preferenzjali ta' prodott partikolari, dik il-Parti tista', f'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafu 5, tissospendi temporanjament it-trattament tariffarju preferenzjali rilevanti tal-prodotti kkonċernati fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta dik il-Parti ssib li kien hemm ksur doganali sistematiku fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim; jew

(b) meta dik il-Parti ssib li l-Parti li tesporta naqset b'mod sistematiku milli tikkonforma mal-obbligi skont il-paragrafu 2.

5. L-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika s-sejba tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta, tipprovdi informazzjoni verifikabbli li fuqha kienet ibbażata s-sejba u tinvolvi ruħha f'konsultazzjonijiet mal-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta bil-għan li tasal għal soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

6. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux waslu għal soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku wara 30 jum wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 5, il-Parti li timporta għandha, mingħajr dewmien żejjed, tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat għall-Kummerċ.

7. Jekk il-Kumitat għall-Kummerċ ikun naqas milli jaqbel fuq soluzzjoni aċċettabbli fi żmien 60 jum wara r-riferiment, il-Parti li timporta tista' tissospendi temporanjament it-trattament tariffarju preferenzjali għall-prodotti kkonċernati.

Il-Parti li timporta tista' tapplika s-sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-paragrafu biss għal perjodu meħtieġ sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha u sakemm il-Parti li tesporta tipprovdi evidenza konvinċenti tal-kapaċità tagħha li tikkonforma mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi kontroll suffiċjenti tal-issodisfar ta' dawk l-obbligi.

Is-sospensjoni temporanja ma għandhiex taqbeż perjodu ta' tliet xhur. Jekk il-kundizzjonijiet li taw lok għas-sospensjoni inizjali jippersistu wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur, il-Parti li timporta tista' tiddeċiedi li ġġedded is-sospensjoni għal perjodu ieħor ta' tliet xhur. Kwalunkwe sospensjoni għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerċ.

8. Il-Parti li timporta għandha tippubblika, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha, avviżi lill-importaturi dwar kwalunkwe notifika u deċiżjoni li tikkonċerna s-sospensjoni temporanja msemmija fil-paragrafu 4. Il-Parti li timporta għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika lill-Parti li tesporta u lill-Kumitat tal-Kummerċ.

ARTIKOLU 2.10

Prodotti Msewwija

1. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jidħol mill-ġdid fit-territorju tagħha wara li l-prodott ikun ġie esportat temporanjament mit-territorju tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għat-tiswija, irrispettivament minn jekk din it-tiswija tkunx tista' titwettaq fit-territorju tal-Parti minn fejn il-prodott ikun ġie esportat temporanjament.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal prodott importat f'bond, f'żona ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li mbagħad jiġi esportat għat-tiswija u ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żona ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

3. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, importat temporanjament mit-territorju tal-Parti l-oħra għat-tiswija.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "tiswija" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar li ssir fuq prodott sabiex jissewwew difetti operattivi jew ħsara materjali u li tinvolvi l-proċess sabiex prodott jinġieb lura għall-funzjoni oriġinali tiegħu jew sabiex tiġi żgurata l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tiegħu, li mingħajrha l-prodott ma jkunx jista' jkompli jintuża bil-mod normali għall-iskopijiet li għalihom kien maħsub. It-tiswija ta' prodott tinkludi r-restawr u l-manutenzjoni. Hija ma għandhiex tinkludi operazzjoni jew proċess li:

(a) jiddestruġġu l-karatteristiċi essenzjali tal-prodott jew joħolqu prodott ġdid jew kummerċjalment differenti;

(b) jittrasformaw prodott mhux lest f'wieħed lest; jew

(c) jintużaw sabiex itejbu jew jammeljoraw il-prestazzjoni teknika ta' prodott.

ARTIKOLU 2.11

Dazji fuq l-Esportazzjoni, Taxxi jew Ħlasijiet Oħrajn

1. Parti ma għandhiex iżżomm jew tadotta dazji, taxxi jew ħlasijiet oħrajn ta' kwalunkwe tip imposti fuq, jew f'konnessjoni ma', l-esportazzjoni ta' prodott lejn it-territorju tal-Parti l-oħra li huma aktar minn dawk imposti fuq prodotti simili destinati għal konsum domestiku, minbarra f'konformità mal-iskeda inkluża fl-Appendiċi 2-A-3 (Skeda tad-Dazji tal-Esportazzjoni tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali).

2. Jekk Parti tapplika rata aktar baxxa ta' dazju, taxxa jew ħlas fuq, jew b'konnessjoni ma', l-esportazzjoni ta' prodott u sakemm din tkun aktar baxxa mir-rata kkalkolata f'konformità mal-iskeda inkluża fl-Appendiċi 2-A-3 (Skeda tad-Dazji tal-Esportazzjoni tal-Vjetnam) tal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali), għandha tapplika dik ir-rata aktar baxxa. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għat-trattament aktar favorevoli mogħti lil kwalunkwe parti terza oħra skont ftehim kummerċjali preferenzjali.

3. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jirrevedi kwalunkwe dazji, taxxi jew ħlasijiet oħrajn ta' kwalunkwe tip imposti fuq, jew b'konnessjoni ma', l-esportazzjoni tal-prodotti lejn it-territorju tal-Parti l-oħra, meta Parti tkun tat trattament aktar favorevoli lil kwalunkwe parti terza oħra skont ftehim kummerċjali preferenzjali.

ARTIKOLU 2.12

Sussidji tal-Esportazzjonijiet Agrikoli

1. Fil-kuntest multilaterali, il-Partijiet jikkondividu l-għan tal-eliminazzjoni u l-prevenzjoni paralleli tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-forom kollha ta' sussidji u dixxiplini tal-esportazzjoni fuq il-miżuri tal-esportazzjoni kollha b'effett ekwivalenti għall-prodotti agrikoli. Għal dak il-għan, huma għandhom jaħdmu flimkien bil-għan li jsaħħu d-dixxiplini multilaterali fuq l-intrapriżi agrikoli Statali li jesportaw, l-għajnuna alimentari internazzjonali u l-appoġġ għall-finanzjament tal-esportazzjoni.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Parti li tesporta ma għandha tintroduċi jew iżżomm ebda sussidju fuq l-esportazzjoni jew miżura oħra b'effett ekwivalenti fuq kwalunkwe prodott agrikolu li huwa soġġett għall-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tad-dazji doganali mill-Parti li timporta f'konformità mal-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali) u li huwa destinat għat-territorju tal-Parti li timporta.

ARTIKOLU 2.13

Regolamenti dwar l-Amministrazzjoni tal-Kummerċ

F'konformità mal-Artikolu X tal-GATT 1994, kull Parti għandha tamministra b'mod uniformi, imparzjali u raġonevoli l-liġijiet, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u d-deċiżjonijiet amministrattivi kollha li jirrigwardjaw:

(a) il-klassifikazzjoni jew il-valwazzjoni tal-prodotti għal finijiet doganali;

(b) ir-rati tad-dazju, tat-taxxi jew ta' ħlasijiet oħrajn;

(c) ir-rekwiżiti, ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet;

(d) it-trasferiment tal-pagamenti; u

(e) il-kwistjonijiet li jaffettwaw il-bejgħ, id-distribuzzjoni, it-trasportazzjoni, l-assigurazzjoni, l-ispezzjoni tal-magazzinaġġ, l-esebizzjoni, l-ipproċessar, it-taħlit jew użu ieħor tal-prodotti għal finijiet doganali.

ARTIKOLU 2.14

Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni

1. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti ma għandha tadotta jew iżżomm ebda projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' kwalunkwe prodott tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, f'konformità mal-Artikolu XI tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak il-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, huma inkorporati u f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Il-paragrafu 1 jipprojbixxi Parti milli tadotta jew iżżomm:

(a) ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni kkundizzjonat fuq l-issodisfar ta' rekwiżit tal-prestazzjoni; jew

(b) restrizzjonijiet volontarji għall-esportazzjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għall-prodotti elenkati fl-Appendiċi 2-A-4 (Miżuri Speċifiċi mill-Vjetnam li jirregolaw l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Prodotti). Kwalunkwe emenda tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Vjetnam li tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Appendiċi 2-A-4 (Miżuri Speċifiċi mill-Vjetnam li jirregolaw l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Prodotti) għandha tapplika awtomatikament skont dan il-Ftehim. Kwalunkwe preferenza mogħtija mill-Vjetnam fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Appendiċi 2-A-4 (Miżuri Speċifiċi mill-Vjetnam li jirregolaw l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni tal-Prodotti) lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali ieħor għandha tapplika awtomatikament skont dan il-Ftehim. Il-Vjetnam għandu jinnotifika lill-Unjoni dwar kwalunkwe emenda jew preferenza msemmija f'dan il-paragrafu.

4. F'konformità mal-Ftehim tad-WTO, Parti tista' timplimenta kwalunkwe miżura awtorizzata mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO kontra l-Parti l-oħra.

5. Meta Parti tadotta jew iżżomm projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, hija għandha tiżgura t-trasparenza sħiħa tagħha.

ARTIKOLU 2.15

Drittijiet Kummerċjali u Drittijiet Relatati għall-Prodotti Farmaċewtiċi

1. Il-Vjetnam għandu jadotta u jżomm strumenti legali xierqa li jippermettu lill-kumpaniji farmaċewtiċi barranin jistabbilixxu intrapriżi b'investiment barrani għall-finijiet tal-importazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi li jkunu kisbu awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Vjetnam. Mingħajr preġudizzju għall-iskedi tal-Vjetnam inklużi fl-Anness 8-B (Skeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), dawn l-intrapriżi b'investiment barrani huma permessi li jbiegħu prodotti farmaċewtiċi li jkunu importaw legalment lid-distributuri jew lill-bejjiegħa bl-ingrossa li għandhom id-dritt li jiddistribwixxu l-prodotti farmaċewtiċi fil-Vjetnam.

2. L-intrapriżi b'investiment barrani msemmija fil-paragrafu 1 huma permessi li:

(a) jibnu l-imħażen tagħhom stess sabiex jaħżnu l-prodotti farmaċewtiċi li jkunu importaw legalment fil-Vjetnam f'konformità mar-regolamenti maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa, jew is-suċċessur tiegħu;

(b) jipprovdu informazzjoni relatata mal-prodotti farmaċewtiċi, li jkunu importaw legalment fil-Vjetnam, lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa f'konformità mar-regolamenti maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa, jew is-suċċessur tiegħu, u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn tal-Vjetnam; u

(c) iwettqu studju u ttestjar kliniku skont l-Artikolu 3 (Standards Internazzjonali) tal-Anness 2-C (Prodotti Farmaċewtiċi/Mediċinali u Apparat Mediku) u f'konformità mar-regolamenti maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa, jew is-suċċessur tiegħu, sabiex jiżguraw li l-prodotti farmaċewtiċi li jkunu importaw legalment fil-Vjetnam huma addattati għall-konsum domestiku.

ARTIKOLU 2.16

Proċeduri ta' Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni eżistenti tagħha, inklużi l-bażi ġuridika u s-sit web uffiċjali rilevanti, fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunux ġew innotifikati diġà jew kif stabbilit skont l-Artikolu 5 jew il-paragrafu 3 tal-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni. In-notifika għandu jkun fiha l-istess informazzjoni bħal dik imsemmija fl-Artikolu 5 jew fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni.

3. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe introduzzjoni jew modifika ta' kwalunkwe proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni li għandha l-intenzjoni li tadotta mhux aktar tard minn 45 jum qabel id-dħul fis-seħħ tal-proċedura jew il-modifika ġdida. Fl-ebda każ Parti ma għandha tipprovdi notifika bħal din aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-introduzzjoni jew tal-modifika, sakemm din ma tkunx ġiet innotifikata diġà f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni. In-notifika għandu jkun fiha l-istess informazzjoni bħal dik imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni.

4. Kull Parti għandha tippubblika fuq sit web uffiċjali kwalunkwe informazzjoni li jeħtieġ li tippubblika taħt is-subparagrafu 4(a) tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni.

5. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha twieġeb fi żmien 60 jum għal mistoqsija raġonevoli rigward kwalunkwe proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni li hija għandha l-ħsieb li tadotta jew li adottat jew żammet, kif ukoll il-kriterji għall-għoti jew għall-allokazzjoni ta' liċenzji għall-importazzjoni, inklużi l-eliġibbiltà tal-persuni, tad-ditti u tal-istituzzjonijiet li jagħmlu applikazzjoni bħal din, id-dritt tal-korp jew korpi amministrattivi li jiġu avviċinati u l-lista ta' prodotti soġġetti għar-rekwiżit ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jintroduċu u jamministraw il-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni f'konformità ma':

(a) il-paragrafi 1 sa 9 tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni;

(b) l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni; u

(c) l-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Importazzjoni.

Għal dak il-għan, id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

7. Parti għandha tadotta jew iżżomm biss il-proċeduri awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni bħala kundizzjoni għall-importazzjoni fit-territorju tagħha sabiex tissodisfa għanijiet leġittimi wara li tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt xierqa.

8. Parti għandha tagħti liċenzji għall-importazzjoni għal tul ta' żmien xieraq li ma għandux ikun iqsar minn dak stabbilit fil-leġiżlazzjoni domestika li tipprevedi r-rekwiżiti ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni u li ma għandhiex tipprekludi l-importazzjonijiet.

9. Meta Parti tkun ċaħdet applikazzjoni għal liċenzja għall-importazzjoni fir-rigward ta' prodott tal-Parti l-oħra, hija għandha, fuq talba tal-applikant u minnufih wara li tirċievi t-talba, tipprovdi lill-applikant spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għaċ-ċaħda. L-applikant għandu jkollu d-dritt ta' appell jew reviżjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika jew mal-proċeduri tal-Parti li timporta.

10. Il-Partijiet għandhom jadottaw jew iżommu biss il-proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni bil-għan li jimplimentaw miżura li mhijiex inkonsistenti ma' dan il-Ftehim, inkluż mal-Artikolu 2.22 (Eċċezzjonijiet Ġenerali). Parti li tadotta proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għandha tindika b'mod ċar l-iskop ta' tali proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji.

ARTIKOLU 2.17

Proċeduri ta' Ħruġ ta' Liċenzji għall-Esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni eżistenti tagħha, inklużi l-bażi ġuridika u s-sit web uffiċjali rilevanti, fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe introduzzjoni jew modifika ta' proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni li għandha l-intenzjoni li tadotta mhux aktar tard minn 45 jum qabel id-dħul fis-seħħ tal-proċedura jew il-modifika ġdida. Fl-ebda każ Parti ma għandha tipprovdi notifika bħal din aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-introduzzjoni jew tal-modifika.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-testi tal-proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni tagħha, inkluża kwalunkwe modifika;

(b) il-prodotti soġġetti għal kull proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni;

(c) għal kull proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, deskrizzjoni ta':

(i) il-proċess għall-applikazzjoni għal liċenzja għall-esportazzjoni; u

(ii) il-kriterji li jrid jissodisfa applikant sabiex ikun eliġibbli sabiex japplika għal liċenzja għall-esportazzjoni;

(d) il-punt jew punti ta' kuntatt minn fejn il-persuni interessati jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb liċenzja għall-esportazzjoni;

(e) il-korp jew korpi amministrattivi li lilhom għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti oħra;

(f) il-perjodu li matulu tidħol fis-seħħ kull proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni;

(g) jekk il-Parti jkollha l-intenzjoni li tuża proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni sabiex tamministra kwota tal-esportazzjoni, il-kwantità ġenerali u, fejn prattikabbli, il-valur tal-kwota u d-dati tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kwota; u

(h) kwalunkwe eċċezzjoni jew deroga minn rekwiżit ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, kif jintalbu dawk l-eċċezzjonijiet jew id-derogi, u l-kriterji għall-għoti tagħhom.

4. Kull Parti għandha tippubblika kwalunkwe proċedura ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, inklużi l-bażi ġuridika u referenza għas-sit web uffiċjali rilevanti. Kull Parti għandha tippubblika wkoll kwalunkwe proċedura ġdida ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, jew kwalunkwe modifika fil-proċeduri tagħha ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, mill-aktar fis possibbli, iżda fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 45 jum wara l-adozzjoni tagħha u mill-inqas 25 jum tax-xogħol qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

5. Fuq talba ta’ Parti, il-Parti l-oħra għandha twieġeb fi żmien 60 jum għal mistoqsija raġonevoli rigward kwalunkwe proċedura ta’ ħruġ ta’ liċenzji għall-esportazzjoni li hija għandha l-ħsieb li tadotta jew li adottat jew żammet, kif ukoll il-kriterji għall-għoti jew għall-allokazzjoni ta’ liċenzji għall-esportazzjoni, inklużi l-eliġibbiltà tal-persuni, tad-ditti u tal-istituzzjonijiet li jagħmlu applikazzjoni bħal din, id-dritt tal-korp jew korpi amministrattivi li jiġu avviċinati u l-lista ta’ prodotti soġġetti għar-rekwiżit ta’ ħruġ ta’ liċenzji għall-esportazzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jintroduċu u jamministraw kwalunkwe proċedura ta’ ħruġ ta’ liċenzji għall-esportazzjoni f’konformità ma’:

(a) il-paragrafi 1 sa 9 tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta’ Liċenzji għall-Importazzjoni;

(b) l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta’ Liċenzji għall-Importazzjoni;

(c) l-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ta’ Liċenzji għall-Importazzjoni bl-eċċezzjoni tas-subparagrafi 5(a), (c), (j) u (k).

Għal dak il-għan, id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) huma inkorporati f’dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

7. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri kollha tal-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni jkunu newtrali fl-applikazzjoni u jkunu amministrati b’mod ġust, ekwu, mhux diskriminatorju u trasparenti.

8. Parti għandha tagħti liċenzji għall-esportazzjoni għal tul ta’ żmien xieraq li ma għandux ikun iqsar minn dak stabbilit fil-leġiżlazzjoni domestika li tipprevedi r-rekwiżit ta’ ħruġ ta’ liċenzji għall-esportazzjoni u li ma għandhiex tipprekludi l-esportazzjonijiet.

9. Meta Parti tkun ċaħdet applikazzjoni għal liċenzja għall-esportazzjoni fir-rigward ta' prodott tal-Parti l-oħra, hija għandha, fuq talba tal-applikant u minnufih wara li tirċievi t-talba, tipprovdi lill-applikant spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għaċ-ċaħda. L-applikant għandu jkollu d-dritt ta' appell jew reviżjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika jew mal-proċeduri tal-Parti li tesporta.

10. Parti għandha tadotta jew iżżomm biss il-proċeduri awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni bħala kundizzjoni għall-esportazzjoni fit-territorju tagħha sabiex tissodisfa għanijiet leġittimi wara li tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt xierqa.

11. Il-Partijiet għandhom jadottaw jew iżommu biss il-proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni bil-għan li jimplimentaw miżura li mhijiex inkonsistenti ma' dan il-Ftehim, inkluż mal-Artikolu 2.22 (Eċċezzjonijiet Ġenerali). Parti li tadotta proċeduri mhux awtomatiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni għandha tindika b'mod ċar l-iskop ta' tali proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji.

ARTIKOLU 2.18

Miżati Amministrattivi, Ħlasijiet Oħrajn u Formalitajiet dwar l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżati, il-ħlasijiet, il-formalitajiet u r-rekwiżiti, minbarra d-dazji doganali tal-importazzjoni u l-esportazzjoni u l-miżuri elenkati fis-subparagrafi (i), (ii) u (iii) tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 2.3 (Definizzjonijiet), ikunu konsistenti mal-obbligi tal-Partijiet skont l-Artikolu VIII tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu.

2. Parti għandha timponi biss miżati u ħlasijiet għas-servizzi pprovduti b'konnessjoni mal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti. Il-miżati u l-ħlasijiet ma għandhomx jiġu imposti fuq bażi *ad valorem* u ma għandhomx jaqbżu l-kost approssimattiv tas-servizz ipprovdut. Kull Parti għandha tippubblika informazzjoni dwar il-miżati u l-ħlasijiet li timponi b'konnessjoni mal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 4.10 (Miżati u Ħlasijiet).

3. Parti ma għandhiex tirrikjedi tranżazzjonijiet konsulari, inklużi miżati u ħlasijiet relatati, b'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodotti. Wara tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex tirrikjedi awtentikazzjoni konsulari għall-importazzjoni tal-prodotti koperti minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.19

Marka tal-Oriġini

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, meta l-Vjetnam japplika rekwiżiti obbligatorji ta' mmarkar tal-pajjiż tal-oriġini għall-prodotti mhux agrikoli tal-Unjoni, il-Vjetnam għandu jaċċetta l-marka "Magħmul fl-UE", jew marka simili bil-lingwa lokali, bħala li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

ARTIKOLU 2.20

Intrapriżi Kummerċjali Statali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont l-Artikolu XVII tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, u l-Ftehim tad-WTO dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994, li huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Meta Parti titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra dwar każijiet individwali ta' intrapriżi kummerċjali statali u dwar l-operazzjonijiet tagħhom, inkluża informazzjoni dwar il-kummerċ bilaterali tagħhom, il-Parti rikjesta għandha tiżgura t-trasparenza soġġetta għas-subparagrafu 4(d) tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994.

ARTIKOLU 2.21

Eliminazzjoni ta' Miżuri Mhux Tariffarji Settorjali

1. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw l-impenji tagħhom dwar miżuri mhux tariffarji settorjali fuq il-prodotti kif stabbilit fl-Annessi 2-B (Vetturi bil-Mutur u Parts u Tagħmir ta' Vetturi bil-Mutur) u 2-C (Prodotti Farmaċewtiċi/Mediċinali u Apparat Mediku).

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom, f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom, jidħlu f'negozjati bil-għan li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji tagħhom dwar miżuri mhux tariffarji settorjali fuq il-prodotti.

ARTIKOLU 2.22

Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jimpedixxi lil waħda mill-Partijiet milli tieħu miżuri f'konformità mal-Artikolu XX tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, li huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jifhmu li qabel ma jieħdu kwalunkwe miżura prevista fil-paragrafi (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti li tesporta li jkollha l-intenzjoni li tieħu miżuri bħal dawn għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni kollha rilevanti. Fuq talba, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq kwalunkwe mezz meħtieġ sabiex jissolvew id-diffikultajiet. Jekk l-informazzjoni jew l-eżami minn qabel ikunu impossibbli minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li jirrikjedu azzjoni immedjata, il-Parti li tesporta tista' tapplika l-miżuri ta' prekawzjoni meħtieġa u għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra b'dan.

ARTIKOLU 2.23

Il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti għandu jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minn dan il-Kapitolu u l-Protokoll 1 (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva).

3. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin f'konformità mal-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati):

(a) ir-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2;

(b) l-identifikazzjoni u r-rakkomandazzjoni ta' miżuri li jsolvu kull differenza li tista' tinqala', u l-promozzjoni, l-iffaċilitar u t-titjib tal-aċċess għas-suq, inkluża kwalunkwe aċċellerazzjoni tal-impenji tariffarji skont l-Artikolu 2.7 (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali);

(c) ir-rakkomandazzjoni lill-Kumitat għall-Kummerċ sabiex jistabbilixxi gruppi ta' ħidma, kif jidhirlu li huwa meħtieġ.

(d) it-twettiq ta' kwalunkwe ħidma addizzjonali li jista' jassenja l-Kumitat għall-Kummerċ; u

(e) il-proposta ta' deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ sabiex tiġi emendata l-lista ta' varjetajiet ta' ross fragranti inklużi fis-subparagrafu 5(c) tas-Subtaqsima 1 (Kwoti tar-Rata Tariffarja tal-Unjoni) tat-Taqsima B (Kwoti tar-Rata Tariffarja) fl-Anness 2-A (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali).

KAPITOLU 3

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

DAZJI ANTI-DUMPING U KUMPENSATORJI

ARTIKOLU 3.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI ta' GATT 1994, il-Ftehim Anti-Dumping u l-Ftehim SCM.

2. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li jista' jsir abbuż mill-miżuri anti-dumping u kumpensatorji sabiex jiġi ostakolat il-kummerċ, jaqblu li:

(a) ir-rimedji kummerċjali għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rilevanti tad-WTO u għandhom ikunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti; u

(b) għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-interessi tal-Parti l-oħra meta Parti tikkunsidra li timponi miżuri bħal dawn.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-oriġini għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

ARTIKOLU 3.2

It-trasparenza

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping u għall-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM, il-Partijiet għandhom jiżguraw, immedjatament wara kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u, fi kwalunkwe każ, qabel ma ssir id-determinazzjoni finali, id-divulgazzjoni sħiħa u sinifikanti lill-partijiet interessati tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali kollha li jifformaw il-bażi għad-deċiżjoni sabiex jiġu applikati l-miżuri. Id-divulgazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub u jippermettu biżżejjed żmien lill-partijiet interessati sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

2. Sakemm din ma tittardjax bla bżonn it-tmexxija tal-investigazzjoni, il-partijiet interessati għandhom jingħataw il-possibbiltà ta' smigħ sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom waqt l-investigazzjonijiet dwar ir-rimedji kummerċjali.

ARTIKOLU 3.3

Kunsiderazzjoni tal-Interess Pubbliku

Parti ma għandha timponi ebda miżura anti-dumping jew kompensatorja fejn, abbażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli waqt l-investigazzjoni, ikun jista' jiġi konkluż b'mod ċar li ma jkunx fl-interess pubbliku li jiġu applikati miżuri bħal dawn. Sabiex tiddetermina l-interess pubbliku, il-Parti għandha tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-industrija domestika, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumaturi, abbażi tal-informazzjoni rilevanti pprovduta lill-awtoritajiet investigattivi.

ARTIKOLU 3.4

Regola tad-Dazju Inferjuri

Dazju anti-dumping jew kompensatorju impost minn Parti ma għandux jaqbeż il-marġini tad-dumping jew tas-sussidju kumpensabbli, u l-Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-ammont ta' dan id-dazju jkun inqas minn dak il-marġini jekk tali dazju inferjuri jkun adegwat sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat lill-industrija domestika.

ARTIKOLU 3.5

Esklużjoni mis-Soluzzjoni tat-Tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

TAQSIMA B

MIŻURI TA' SALVAGWARDJA GLOBALI

ARTIKOLU 3.6

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu XIX ta' GATT 1994, il-Ftehim dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

2. Parti ma għandhiex tapplika, fir-rigward tal-istess prodott, fl-istess ħin:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali taħt it-Taqsima C (Klawżola ta' Salvagwardja Bilaterali) ta' dan il-Kapitolu; u

(b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-oriġini għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

ARTIKOLU 3.7

It-trasparenza

1. Minkejja l-Artikolu 3.6 (Dispożizzjonijiet Ġenerali), il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew li għandha l-ħsieb li timponi miżuri ta' salvagwardja globali għandha tipprovdi minnufih, fuq talba tal-Parti l-oħra u sakemm ikollha interess sostanzjali, notifika *ad hoc* bil-miktub tal-informazzjoni pertinenti kollha li twassal għall-bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja globali u, skont il-każ, il-proposta sabiex jiġu imposti l-miżuri ta' salvagwardja globali, inkluż fuq is-sejbiet provviżorji, fejn ikun rilevanti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Meta jimponu miżuri ta' salvagwardja globali, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jimponuhom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jekk Parti tqis li r-rekwiżiti legali għall-impożizzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja huma ssodisfati, hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħti l-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet bilaterali. Jekk ma tintlaħaq ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 jum min-notifika, il-Parti tista' tadotta l-miżuri definittivi ta' salvagwardja globali. Il-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet għandha tiġi offruta wkoll lill-Parti l-oħra sabiex ikun hemm skambju ta' fehmiet dwar l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 3.8

Esklużjoni mis-Soluzzjoni tat-Tilwim

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima li jirreferu għad-drittijiet u l-obbligi tad-WTO ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

TAQSIMA C

KLAWŻOLA TA' SALVAGWARDJA BILATERALI

ARTIKOLU 3.9

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "industrija domestika" għandha tinftiehem f'konformità mas-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dak il-għan, is-subparagrafu 1(c) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvgwardji huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u jifforma parti minnu, *mutatis mutandis*;

(b) "dannu serju" u "theddida ta' dannu serju" għandhom jinftehmu f'konformità mas-subparagrafi 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji; għal dak il-għan, is-subparagrafi 1(a) u 1(b) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*; u

(c) "perjodu tranżitorju" tfisser perjodu ta' 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3.10

Applikazzjoni ta’ Miżura ta’ Salvagwardja Bilaterali

1. Jekk, bħala riżultat tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni ta’ dazju doganali skont dan il-Ftehim, kwalunkwe prodott li joriġina mit-territorju ta’ Parti jkun qed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra f’tali kwantitajiet miżjuda, f’termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika u taħt kundizzjonijiet li jikkawżaw jew li jheddu li jikkawżaw dannu serju lil industrija domestika li tipproduċi prodotti simili jew direttament kompetittivi, il-Parti li timporta tista’ tadotta l-miżuri previsti fil-paragrafu 2 f’konformità mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stipulati f’din it-Taqsima matul il-perjodu tranżitorju biss, għajr jekk ikun previst mod ieħor fis-subparagrafu 6(c) tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet).

2. Il-Parti li timporta tista’ timponi miżura ta’ salvagwardja bilaterali li:

(a) tissospendi t-tnaqqis ulterjuri tar-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat kif previst fl-Anness 2-A (Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali); jew

(b) iżżid ir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott għal livell li ma jaqbiżx l-inqas waħda minn:

(i) ir-rata tad-dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit applikata fuq il-prodott fis-seħħ fiż-żmien li fih tittieħed il-miżura; jew

(ii) ir-rata bażi tad-dazju doganali speċifikata fl-iskedi inklużi fl-Anness 2-A (Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali) skont l-Artikolu 2.6 (Tnaqqis jew Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali fuq l-Importazzjonijiet).

ARTIKOLU 3.11

Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-bidu tal-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u tikkonsulta mal-Parti l-oħra safejn ikun prattiku qabel ma tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, bil-għan li tirrevedi l-informazzjoni li toħroġ mill-investigazzjoni u tiskambja fehmiet dwar il-miżura.

2. Parti għandha tapplika biss miżura ta' salvagwardja bilaterali wara investigazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha f'konformità mal-Artikolu 3 u mas-subparagrafu 2(c) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dak il-għan, l-Artikolu u s-subparagrafu 2(c) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*;

3. Fl-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tas-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dak il-għan, is-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u jifforma parti minnu, *mutatis mutandis*.

4. L-investigazzjoni għandha turi wkoll, abbażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miżjuda u d-dannu serju jew theddida tiegħu. L-investigazzjoni għandha tqis ukoll l-eżistenza ta' kwalunkwe fattur minbarra l-importazzjonijiet miżjuda, li jistgħu jikkawżaw ukoll ħsara fl-istess ħin.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jtemmu l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien sena mid-data tal-bidu tagħha.

6. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali:

(a) ħlief safejn, u għal dak iż-żmien, li jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat jew irrimedjat dannu serju u sabiex jiġi ffaċilitat l-aġġustament;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn, ħlief li l-perjodu jista' jiġi estiż b'sa sentejn jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta jistabbilixxu, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, li l-miżura tkun għadha neċessarja sabiex timpedixxi jew tirrimedja dannu serju u sabiex tiffaċilita l-aġġustament u li hemm evidenza li l-industrija qiegħda taġġusta, diment li l-perjodu totali tal-applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja, inkluż il-perjodu tal-applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, ma jaqbiżx l-erba' snin; jew

(c) lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ħlief bil-kunsens tal-Parti l-oħra.

7. Bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aġġustament f'sitwazzjoni fejn it-tul mistenni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali jkun ta' aktar minn sentejn, il-Parti li tapplika l-miżura għandha tilliberalizza b'mod progressiv il-miżura f'intervalli regolari matul il-perjodu tal-applikazzjoni.

8. Meta Parti ttemm miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li, skont l-iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A (Eliminazzjoni tad-Dazji Doganali), kienet tkun fis-seħħ li ma kienx għall-miżura.

ARTIKOLU 3.12

Miżuri Provviżorji

F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jikkawża dannu li jkun diffiċli sabiex jissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq bażi provviżorja skont determinazzjoni preliminari li teżisti evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' prodott oriġinarju mill-Parti l-oħra żdiedu b'riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u li dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew theddida tiegħu, għall-industrija domestika. It-tul ta' kwalunkwe miżura provviżorja ma għandux jaqbeż il-200 jum, li matulhom il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet). Il-Parti għandha tirrifondi minnufih kwalunkwe żidiet fit-tariffi jekk l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet) ma tirriżultax f'sejba li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.10 (Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali) ġew issodisfati. It-tul ta' żmien ta' kwalunkwe miżura provviżorja għandu jingħadd bħala parti mill-perjodu preskritt mis-subparagrafu 5(b) tal-Artikolu 3.11 (Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet).

ARTIKOLU 3.13

Kumpens

1. Parti li tapplika miżura ta’ salvagwardja bilaterali għandha tikkonsulta mal-Parti l-oħra sabiex flimkien jilħqu ftehim reċiproku dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta’ konċessjonijiet li jkollhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti jew fil-forma ta' konċessjonijiet ekwivalenti għall-valur tad-dazji addizzjonali li mistennija jirriżultaw mill-miżura ta’ salvagwardja. Il-Parti li tapplika miżura ta’ salvagwardja bilaterali għandha tipprovdi opportunità għal konsultazzjonijiet bħal dawn mhux aktar tard minn 30 jum wara l-applikazzjoni tal-miżura ta’ salvagwardja bilaterali.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1 ma jwasslux għal ftehim dwar kumpens għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien 30 jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet, il-Parti li l-prodotti tagħha jkunu soġġetti għall-miżura ta’ salvagwardja bilaterali tista’ tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet, fir-rigward tal-prodotti oriġinarji tal-Parti li tkun qed tapplika l-miżura ta’ salvagwardja bilaterali, li għandhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti għall-miżura ta’ salvagwardja bilaterali. L-obbligu li jiġi pprovdut kumpens, li jaqa’ fuq il-Parti li tapplika l-miżura ta’ salvagwardja bilaterali, u d-dritt tal-Parti l-oħra li tissospendi l-konċessjonijiet skont dan il-paragrafu għandhom jiġu fi tmiemhom fl-istess data li fiha tiġi fi tmiemha l-miżura ta’ salvagwardja bilaterali.

3. Id-dritt ta’ sospensjoni msemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jiġi eżerċitat għall-ewwel 24 xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura ta’ salvagwardja bilaterali, diment li l-miżura ta’ salvagwardja tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3.14

L-Użu tal-Lingwa Ingliża

Sabiex jiżguraw l-effiċjenza massima għall-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rimedji kummerċjali skont dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet investigattivi tal-Partijiet għandhom jużaw il-lingwa Ingliża bħala bażi għall-komunikazzjoni u d-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-investigazzjonijiet dwar ir-rimedji kummerċjali bejn il-Partijiet.

KAPITOLU 4

ID-DWANA U L-FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 4.1

Għanijiet

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kwistjonijiet ta' dwana u l-faċilitazzjoni kummerċjali fl-ambjent tal-kummerċ bilaterali li qed jevolvi. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam bil-għan li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom jissodisfaw l-għanijiet tal-promozzjoni tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ, filwaqt li jiżguraw kontroll doganali effettiv.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-leġiżlazzjoni tagħhom ma għandiex tkun diskriminatorja u li l-proċeduri doganali għandhom ikunu bbażati fuq l-użu ta' metodi moderni u kontrolli effettivi sabiex jiġu miġġielda l-frodi u jiġi promoss il-kummerċ leġittimu.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-għanijiet ta' politiki pubbliċi leġittimi, inklużi dawk li jirrigwardjaw is-sigurtà, is-sikurezza u l-ġlieda kontra l-frodi, ma għandhomx jiġu kompromessi.

ARTIKOLU 4.2

Kooperazzjoni Doganali u Assistenza Amministrattiva Reċiproka

1. L-awtoritajiet rispettivi tal-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq kwistjonijiet doganali bil-għan li jiżguraw li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.1 (Għanijiet) jintlaħqu.

2. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni doganali, *inter alia*, billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni doganali, l-implimentazzjoni tagħha, u l-proċeduri doganali, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(i) is-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-proċeduri doganali;

(ii) l-infurzar fuq il-fruntieri tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali;

(iii) il-faċilitazzjoni tal-movimenti ta' tranżitu u trasbord; u

(iv) ir-relazzjonijiet mal-komunità tan-negozju;

(b) jesploraw inizjattivi konġunti li jirrigwardjaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u proċeduri doganali oħrajn, inkluża assistenza teknika, bil-għan li jiżguraw il-provvista ta' servizzi effettivi lill-komunità tan-negozju;

(c) isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-dwana f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WCO"); u

(d) jistabbilixxu, fejn ikun rilevanti u xieraq, ir-rikonoxximent reċiproku ta' programmi ta' sħubija kummerċjali u kontrolli doganali, inklużi miżuri ekwivalenti ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ.

3. Il-Partijiet għandhom jagħtu assistenza amministrattiva reċiproka lil xulxin fi kwistjonijiet doganali f'konformità mal-Protokoll 2 (Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali).

ARTIKOLU 4.3

Leġiżlazzjoni u Proċeduri Doganali

1. Il-Partijiet għandhom jibbażaw il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom fuq l-istrumenti u l-istandards internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-dwana u l-kummerċ, inklużi l-elementi sostantivi tal-*Konvenzjoni ta' Kjoto Riveduta dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali*, magħmula fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 1999, il-*Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija* (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni dwar is-SA"), il-*Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali* u l-*Mudell ta' Data Doganali* tad-WCO.

2. Il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali tal-Partijiet għandhom:

(a) jimmiraw għall-protezzjoni tal-kummerċ leġittimu permezz ta' infurzar effettiv u konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi;

(b) jevitaw piżijiet mhux meħtieġa jew diskriminatorji fuq l-operaturi ekonomiċi u jipprevedu l-faċilitazzjoni ulterjuri għall-operaturi b'livelli għolja ta' konformità; u

(c) jiżguraw salvagwardji kontra l-frodi u l-attivitajiet illeċiti jew dannużi.

3. Il-Partijiet jaqblu li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom, inklużi r-rimedji, għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji u li l-applikazzjoni tagħhom ma għandhiex tittardja bla bżonn ir-rilaxx tal-merkanzija.

4. Bil-għan li jtejbu l-metodi ta' ħidma, kif ukoll jiżguraw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, it-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

(a) jissimplifikaw u jirrevedu r-rekwiżiti u l-formalitajiet, kull fejn ikun possibbli, fir-rigward tar-rilaxx u l-approvazzjoni rapidi tal-merkanzija; u

(b) jaħdmu lejn is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni ulterjuri tad-*data* u tad-dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet doganali u minn aġenziji oħrajn.

ARTIKOLU 4.4

Rilaxx tal-Merkanzija

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali japplikaw rekwiżiti u proċeduri li jippermettu r-rilaxx ta' merkanzija f'perjodu mhux itwal minn dak meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-awtoritajiet doganali tagħha u ma' liġijiet u formalitajiet oħrajn relatati mal-kummerċ. Kull Parti għandha taħdem sabiex tkompli tnaqqas dan il-perjodu u tirrilaxxa l-merkanzija mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-Partijiet għandhom jippermettu, *inter alia*, ir-rilaxx tal-merkanzija mingħajr il-ħlas ta' dazji doganali, soġġetti għall-għoti ta' garanzija, jekk meħtieġ, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħhom bil-għan li jiżguraw il-ħlas finali tad-dazji doganali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jipprevedu sottomissjoni elettronika bil-quddiem u l-ipproċessar ulterjuri tal-informazzjoni qabel il-wasla fiżika tal-merkanzija (ipproċessar qabel il-wasla) sabiex tippermetti r-rilaxx tal-merkanzija mal-wasla.

ARTIKOLU 4.5

Proċeduri Doganali Simplifikati

1. Kull Parti għandha tipprevedi proċeduri doganali ssimplifikati li jkunu trasparenti u effiċjenti bil-għan li tnaqqas l-ispejjeż u żżid il-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi, inkluż għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għandu jiġi pprovdut ukoll aċċess aktar faċli għas-simplifikazzjonijiet doganali għall-kummerċjanti awtorizzati skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. Għandu jintuża dokument amministrattiv uniku jew l-ekwivalenti elettroniku tiegħu għall-finijiet tat-tlestija tal-formalitajiet meħtieġa għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura doganali.

3. Il-Partijiet għandhom japplikaw tekniki doganali moderni, inkluża valutazzjoni tar-riskju u metodi ta' verifika wara l-approvazzjoni, bil-għan li jissimplifikaw u jiffaċilitaw id-dħul u r-rilaxx tal-merkanzija.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp u l-użu progressivi tas-sistemi, inklużi dawk ibbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni, sabiex jiffaċilitaw l-iskambju elettroniku tad-*data* fost il-kummerċjanti, l-amministrazzjonijiet doganali u aġenziji relatati oħrajn.

ARTIKOLU 4.6

Tranżitu u Trasbord

1. Kull Parti għandha tiżgura l-faċilitazzjoni u l-kontroll effettiv tal-operazzjonijiet ta' trasbord u tal-movimenti ta' tranżitu mit-territorju tagħha.

2. Sabiex tiffaċilita t-traffiku fi tranżitu, kull Parti għandha tiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-aġenziji kollha kkonċernati fit-territorju tagħha.

ARTIKOLU 4.7

Ġestjoni tar-Riskju

1. Kull Parti għandha tibbaża l-proċeduri tal-analiżi u tar-rilaxx tagħha u l-proċeduri tagħha ta' verifika wara l-approvazzjoni fuq il-prinċipji u l-verifiki tal-valutazzjoni tar-riskju, aktar milli teżamina kull konsenja b'mod komprensiv għall-konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni kollha.

2. Il-Partijiet għandhom jadottaw u japplikaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri tagħhom għall-kontroll tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni, tat-tranżitu u tat-trasbord għall-merkanzija abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni tar-riskju li għandhom jiġu applikati sabiex il-miżuri ta' konformità jiġu ffokati fuq tranżazzjonijiet li jimmeritaw attenzjoni.

ARTIKOLU 4.8

It-trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ, kif ukoll il-proċeduri amministrattivi ġenerali u rekwiżiti oħrajn, inklużi l-miżati u l-ħlasijiet, ikunu faċilment disponibbli għall-partijiet interessati u, fejn ikun fattibbli u possibbli, fuq sit web uffiċjali.

2. Kull Parti għandha taħtar jew iżżomm punt wieħed jew aktar ta' kuntatt jew informazzjoni sabiex tindirizza, fi żmien raġonevoli, il-mistoqsijiet mill-persuni interessati dwar kwistjonijiet doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ.

ARTIKOLU 4.9

Deċiżjonijiet bil-Quddiem

1. Fuq talba bil-miktub min-negozjanti, l-awtoritajiet doganali ta' kull Parti għandhom joħorġu, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, qabel l-importazzjoni ta' prodott fit-territorju tagħha, deċiżjonijiet bil-miktub bil-quddiem dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi jew dwar kwalunkwe kwistjoni oħra li jistgħu jaqblu fuqha l-Partijiet.

2. Soġġetta għal kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità fil-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti, kull Parti għandha tippubblika, pereżempju, fuq sit web uffiċjali, id-deċiżjonijiet bil-quddiem tagħha dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi u dwar kwalunkwe kwistjoni li jistgħu jaqblu fuqha l-Partijiet.

3. Bil-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ, il-Partijiet għandhom jinkludu fid-djalogu bilaterali tagħhom aġġornamenti regolari dwar il-bidliet fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom dwar deċiżjonijiet bil-quddiem.

ARTIKOLU 4.10

Ħlasijiet u Imposti

1. Kull Parti għandha tippubblika informazzjoni dwar il-miżati u l-ħlasijiet b'mezz magħżul uffiċjalment u, fejn fattibbli u possibbli, fuq sit web uffiċjali. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-miżati u l-ħlasijiet li ser jiġu applikati, ir-raġuni għall-miżati jew għall-ħlasijiet għas-servizz ipprovdut, l-awtorità responsabbli, u meta u kif għandu jsir il-ħlas.

2. Kull Parti ma għandhiex timponi miżati u ħlasijiet ġodda jew emendati qabel ma tiġi ppubblikata u magħmula faċilment disponibbli l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1.

ARTIKOLU 4.11

Aġenti Doganali

Il-Partijiet ma għandhomx jirrikjedu fil-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom l-użu obbligatorju ta' aġenti doganali. Il-Partijiet għandhom japplikaw regoli trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati jekk u meta jagħtu l-liċenzja lill-aġenti doganali.

ARTIKOLU 4.12

Valutazzjoni Doganali

1. Il-Partijiet għandhom jiddeterminaw il-valur doganali tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu VII tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jilħqu approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni doganali.

ARTIKOLU 4.13

Spezzjonijiet Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti

Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom ma għandhomx jirrikjedu l-użu obbligatorju ta' spezzjonijiet qabel it-tagħbija ta' bastimenti kif definit fil-Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta' Qabel it-Tagħbija ta' Bastimenti, jew kwalunkwe attività oħra ta' spezzjoni mwettqa fid-destinazzjoni, qabel l-iżdoganar tal-merkanzija, minn kumpaniji privati.

ARTIKOLU 4.14

Rieżami u Appell

Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri effettivi, immedjati, mhux diskriminatorji u faċilment aċċessibbli sabiex tiggarantixxi d-dritt ta' appell kontra azzjonijiet, sentenzi u deċiżjonijiet amministrattivi ta' aġenziji doganali u oħrajn li jaffettwaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija jew merkanzija fi tranżitu.

ARTIKOLU 4.15

Relazzjonijiet mal-Komunità tan-Negozju

Il-Partijiet jaqblu:

(a) fuq il-ħtieġa ta' konsultazzjonijiet f'waqthom mar-rappreżentanti tal-kummerċ dwar il-proposti leġiżlattivi u l-proċeduri ġenerali relatati ma' kwistjonijiet doganali u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ. Għal dak il-għan, kull Parti għandha tagħmel konsultazzjonijiet xierqa bejn l-amministrazzjonijiet u l-komunità tan-negozju;

(b) li jippubblikaw jew jagħmlu disponibbli b'mod ieħor, safejn ikun possibbli b'mezzi elettroniċi, kwalunkwe leġiżlazzjoni u proċeduri ġenerali ġodda relatati ma' kwistjonijiet doganali u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ qabel l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni u proċedura ta' dan it-tip, kif ukoll bidliet f'tali leġiżlazzjoni u proċeduri u interpretazzjonijiet tagħhom. Huma għandhom jagħmlu wkoll disponibbli għall-pubbliku n-notifiki rilevanti disponibbli ta' natura amministrattiva, inklużi r-rekwiżiti tal-aġenziji u l-proċeduri tad-dħul, is-sigħat tal-operat u l-proċeduri operattivi għall-uffiċċji doganali fil-portijiet u fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, kif ukoll il-punti ta' kuntatt minn fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa;

(c) fuq il-ħtieġa għal perjodu ta' żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ta' leġiżlazzjoni, proċeduri u miżati jew ħlasijiet ġodda jew emendati u d-dħul fis-seħħ tagħhom; u

(d) li jiżguraw li r-rekwiżiti u l-proċeduri doganali u relatati rispettivi tagħhom ikomplu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità tan-negozju, isegwu l-aħjar prattiki u jibqgħu kummerċjalment restrittivi mill-inqas possibbli.

ARTIKOLU 4.16

Kumitat Doganali

1. Il-Kumitat Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat Doganali għandu jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' dan il-Kapitolu, l-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali fis-Subtaqsima 4 (Infurzar fil-Fruntiera) tat-Taqsima C (Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali) tal-Kapitolu 12 (Proprjetà Intellettwali), il-Protokoll 1 (Dwar id-Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva), il-Protokoll 2 (Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali) u kwalunkwe dispożizzjoni addizzjonali relatata mad-dwana li jistgħu jilħqu qbil fuqha l-Partijiet.

3. Il-Kumitat Doganali għandu jeżamina l-ħtieġa għal, u jadotta, deċiżjonijiet, opinjonijiet, proposti jew rakkomandazzjonijiet fuq il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Huwa għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku tat-tekniki tal-ġestjoni tar-riskji, tal-kriterji u l-istandards tar-riskji, tal-kontrolli tas-sigurtà u tal-programmi ta' sħubija kummerċjali, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-*data* u benefiċċji maqbula b'mod reċiproku.

KAPITOLU 5

OSTAKOLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 5.1

Affermazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim dwar l-OTK, li huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 5.2

Għanijiet

1. L-għanijiet ta' dan il-Kapitolu huma li jiġi ffaċilitat u jiżdied il-kummerċ bilaterali tal-prodotti billi jiġu evitati, identifikati u eliminati l-ostakoli mhux meħtieġa għall-kummerċ fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK, kif ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu u jtejbu l-kapaċitajiet tekniċi u l-infrastruttura istituzzjonali dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ.

ARTIKOLU 5.3

Kamp ta’ Applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità, kif definiti fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK, li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ tal-prodotti bejn il-Partijiet, ħlief għal:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tal-akkwisti mħejjija minn korpi governattivi għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum ta’ dawk il-korpi; jew

(b) il-miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Anness A għall-Ftehim SPS.

2. Kull Parti għandha d-dritt li tħejji, tadotta u tapplika standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità skont dan il-Kapitolu u l-Ftehim dwar l-OTK.

3. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet tal-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK.

ARTIKOLU 5.4

Regolamenti Tekniċi

1. Kull Parti għandha tagħmel l-aħjar użu minn prattika regolatorja tajba, kif prevista fil-Ftehim dwar l-OTK u f'dan il-Kapitolu, b'mod partikolari billi:

(a) tivvaluta l-alternattivi regolatorji u mhux regolatorji disponibbli għal regolament tekniku propost li jissodisfa l-għanijiet leġittimi tal-Parti, f'konformità mal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK; tagħmel ħilitha sabiex tivvaluta, *inter alia*, l-impatt ta' regolament tekniku propost permezz ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorju, kif irrakkomandat mill-Kumitat dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar l-OTK;

(b) tuża l-istandards internazzjonali rilevanti, bħal dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali, l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Kummissjoni Codex Alimentarius, bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom, ħlief meta dawn l-istandards internazzjonali jkunu ineffettivi jew mhux xierqa għall-issodisfar tal-għanijiet leġittimi segwiti minn Parti. Meta Parti ma tkunx użat standards internazzjonali bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħha, hija għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tidentifika kwalunkwe devjazzjoni sostanzjali mill-istandards internazzjonali rilevanti u tispjega r-raġunijiet għaliex dawk l-istandards ġew iġġudikati mhux xierqa jew ineffettivi għall-għan segwit;

(c) tirrevedi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2.3 tal-Ftehim dwar l-OTK, ir-regolamenti tekniċi bil-għan li tiżdied il-konverġenza tagħhom mal-istandards internazzjonali rilevanti. Meta twettaq din ir-reviżjoni, il-Partijiet għandhom, *inter alia*, jikkunsidraw kwalunkwe żvilupp ġdid fl-istandards internazzjonali rilevanti u jekk għadhomx jeżistu ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-diverġenzi minn kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti;

(d) tispeċifika r-regolamenti tekniċi bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-prodott, aktar milli fuq id-disinn jew il-karatteristiċi deskrittivi.

2. F'konformità mal-Artikolu 2.7 tal-Ftehim dwar l-OTK, Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni favorevoli li taċċetta r-regolamenti tekniċi tal-Parti l-oħra bħala ekwivalenti, anki jekk dawk ir-regolamenti jkunu differenti minn dawk tagħha, sakemm tkun sodisfatta li dawk ir-regolamenti jissodisfaw b'mod adegwat l-għanijiet tar-regolamenti tagħha stess.

3. Parti li tkun ħejjiet regolament tekniku li tqis li huwa ekwivalenti għal regolament tekniku tal-Parti l-oħra, minħabba li jkollu għan u kamp ta' applikazzjoni tal-prodott kompatibbli, tista' titlob bil-miktub li l-Parti l-oħra tirrikonoxxih bħala ekwivalenti. Dik it-talba għandha ssir bil-miktub u tistabbilixxi fid-dettall ir-raġunijiet għaliex ir-regolamenti tekniċi għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti, inklużi r-raġunijiet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Parti li ma taqbilx li r-regolamenti tekniċi huma ekwivalenti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra, fuq talba, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

ARTIKOLU 5.5

Standards

1. Il-Partijiet jaffermaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 4.1 tal-Ftehim dwar l-OTK sabiex jiġi żgurat li l-korpi ta' stadardizzazzjoni tagħhom jaċċettaw u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Prattika Tajba għat-Tħejjija, l-Adozzjoni u l-Applikazzjoni tal-Istandards fl-Anness 3 għall-Ftehim dwar l-OTK. Il-Partijiet jaffermaw ukoll l-aderenza tagħhom mal-prinċipji stabbiliti fid-*Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ mill-1 ta' Jannar 1995*, G/TBT/1/rev.12, tal-21 ta' Jannar 2015, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "id-dokument"), inkluża d-*Deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards, Gwidi u Rakkomandazzjonijiet Internazzjonali fir-rigward tal-Artikoli 2, 5 u l-Anness 3 tal-Ftehim*, imsemmija fl-Annessi għall-Parti 1 tad-dokument.

2. Bil-għan li jarmonizzaw l-istandards fuq bażi kemm jista' jkun wiesgħa, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi ta' standardizzazzjoni tagħhom, kif ukoll lill-korpi reġjonali ta' standardizzazzjoni li tagħhom huma membri huma stess jew il-korpi ta' standardizzazzjoni sabiex:

(a) jipparteċipaw, fil-limiti tar-riżorsi tagħhom, fit-tħejjija ta' standards internazzjonali minn korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni rilevanti;

(b) jużaw l-istandards internazzjonali rilevanti bħala bażi għall-istandards li jiżviluppaw, ħlief fejn dawk l-istandards internazzjonali jkunu ineffettivi jew mhux xierqa għall-issodisfar tal-għanijiet leġittimi segwiti minn Parti, pereżempju, minħabba livell insuffiċjenti ta' protezzjoni, fatturi klimatiċi jew ġeografiċi fundamentali , jew problemi teknoloġiċi fundamentali;

(c) jevitaw li jagħmlu l-istess xogħol, jew jidħlu fi trikkib fuq ix-xogħol tal-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;

(d) jirrevedu l-istandards nazzjonali u reġjonali li mhumiex ibbażati fuq l-istandards internazzjonali rilevanti f'intervalli regolari, bil-għan li tiżdied il-konverġenza tagħhom mal-istandards internazzjonali rilevanti; u

(e) jikkooperaw mal-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti tal-Parti l-oħra f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali. Dik il-kooperazzjoni tista' ssir f'korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni jew fil-livell reġjonali.

3. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu tagħhom tal-istandards b'sostenn għar-regolamenti tekniċi;

(b) il-proċessi ta' standardizzazzjoni tagħhom u l-firxa tal-użu tagħhom tal-istandards reġjonali jew internazzjonali bħala bażi għall-istandards nazzjonali tagħhom; u

(c) il-ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni implimentati minn kwalunkwe Parti, inkluż dwar kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni fi ftehimiet internazzjonali ma' partijiet terzi, sal-punt li dan ma jkunx ipprojbit espliċitament minn dawk il-ftehimiet.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li, f'konformità mal-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-OTK, il-konformità mal-istandards hija volontarja. Meta Parti tagħmel il-konformità mal-istandards obbligatorja, permezz ta' inkorporazzjoni jew referenzjar f'regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, japplika l-Artikolu 5.7 (Trasparenza).

ARTIKOLU 5.6

Proċeduri ta' Valutazzjoni tal-Konformità

1. Fir-rigward tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità obbligatorji, il-Partijiet għandhom japplikaw il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5.4 (Regolamenti Tekniċi), *mutatis mutandis*, bil-għan li jevitaw l-ostakoli bla bżonn għall-kummerċ u jiżguraw it-trasparenza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

2. Skont l-Artikolu 5.1.2 tal-Ftehim dwar l-OTK, meta Parti li timporta tkun teħtieġ garanzija pożittiva tal-konformità mar-regolamenti jew l-istandards tekniċi applikabbli tagħha, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha la għandhom ikunu aktar stretti u lanqas jiġu applikati b'mod aktar strett milli meħtieġ sabiex din il-Parti tingħata fiduċja adegwata li l-prodotti huma konformi mar-regolamenti jew l-istandards tekniċi applikabbli tagħha, filwaqt li jitqiesu r-riskji li jinħolqu min-nuqqas ta' konformità.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li teżisti firxa wiesgħa ta’ mekkaniżmi sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità li jsiru fit-territorju tal-Parti l-oħra, inklużi:

(a) id-dipendenza tal-Parti li timporta fuq id-dikjarazzjoni tal-konformità ta’ fornitur;

(b) ftehimiet dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta’ regolamenti tekniċi speċifiċi li jitwettqu minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(c) l-użu ta’ akkreditazzjoni sabiex jiġu kkwalifikati l-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju ta’ kwalunkwe Parti;

(d) dežinjazzjoni governattiva tal-korpi għall-valutazzjoni tal-konformità, inklużi korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(e) rikonoxximent unilaterali minn Parti tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(f) arranġamenti volontarji bejn il-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju ta’ kwalunkwe Parti; u

(g) l-użu ta’ ftehimiet ta’ rikonoxximent multilaterali reġjonali u internazzjonali li għalihom huma parti l-Partijiet.

4. Wara li kkunsidraw b'mod partikolari l-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-Partijiet għandhom:

(a) jintensifikaw l-iskambju tagħhom ta' informazzjoni dwar il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 3 u dwar mekkaniżmi simili bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u, b'mod partikolari, dwar il-kriterji użati sabiex jintgħażlu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa għal prodotti speċifiċi;

(c) jikkunsidraw dikjarazzjoni tal-konformità ta' fornitur bħala waħda mill-garanziji tal-konformità mal-liġi domestika;

(d) jikkunsidraw arranġamenti dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 5;

(e) jiskambjaw informazzjoni dwar il-politika tal-akkreditazzjoni u jikkunsidraw kif għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni u mill-ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju, permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji u l-Forum Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni;

(f) jikkunsidraw li jissieħbu jew, kif applikabbli, li jinkoraġġixxu lill-korpi ta' ttestjar, spezzjoni u ċertifikazzjoni tagħhom sabiex jissieħbu fi kwalunkwe ftehimiet internazzjonali operattivi jew arranġamenti għall-armonizzazzjoni jew il-faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità;

(g) jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jkollhom għażla fost il-faċilitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità maħtura mill-awtoritajiet sabiex iwettqu l-kompiti meħtieġa mil-liġi domestika sabiex jiggarantixxu l-konformità;

(h) jagħmlu ħilithom sabiex jużaw l-akkreditazzjoni sabiex jikkwalifikaw il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(i) jiżguraw l-indipendenza ta', u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess bejn, il-korpi ta' akkreditazzjoni u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

5. Fuq talba minn xi Parti, il-Parti l-oħra tista' tiddeċiedi li tidħol f'konsultazzjonijiet bil-għan li jiġu definiti inizjattivi settorjali rigward l-użu ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-iffaċilitar tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità li huma xierqa għas-setturi rispettivi. Il-Parti li tagħmel it-talba għandha tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar kif l-inizjattiva settorjali tiffaċilita l-kummerċ. Jekk il-Parti l-oħra ma tilqax dik it-talba, hija għandha, fuq talba, tipprovdi r-raġunijiet tagħha.

6. Il-Partijiet jaffermaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5.2.5 tal-Ftehim dwar l-OTK li l-miżati imposti għall-valutazzjoni tal-konformità obbligatorja tal-prodotti importati għandhom ikunu ekwi fir-rigward ta' kwalunkwe miżati debitabbli għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti simili ta' oriġini domestika jew li joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż ieħor, meta jitqiesu l-kostijiet tal-komunikazzjoni, tat-trasportazzjoni u kostijiet oħrajn li jirriżultaw mid-differenzi bejn il-post tal-faċilitajiet tal-applikant u l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità.

ARTIKOLU 5.7

It-trasparenza

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. F'dak ir-rigward, il-Partijiet jaffermaw l-obbligi tat-trasparenza tagħhom skont il-Ftehim dwar l-OTK. Kull Parti għandha:

(a) tqis il-kummenti tal-Parti l-oħra meta parti mill-proċess tal-iżvilupp ta' regolament tekniku tkun miftuħa għal konsultazzjoni pubblika, u tipprovdi, jekk tintalab, tweġibiet bil-miktub f'waqthom għall-kummenti magħmula mill-Parti l-oħra;

(b) tiżgura li l-operaturi ekonomiċi u persuni interessati oħrajn tal-Parti l-oħra jitħallew jipparteċipaw fi kwalunkwe proċess formali ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi, b'termini mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni ġuridiċi jew fiżiċi tagħha stess;

(c) minbarra s-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 5.4 (Regolamenti Tekniċi), f'każijiet fejn jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt, tinforma lill-Parti l-oħra, jekk tintalab, bl-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt tar-regolament tekniku propost;

(d) meta tagħmel notifiki f'konformità mal-Artikolu 2.9.2 jew 5.6.2 tal-Ftehim dwar l-OTK:

(i) tippermetti mill-inqas perjodu ta' 60 jum, wara n-notifika, sabiex il-Parti l-oħra tkun tista' tipprovdi kummenti bil-miktub għall-proposta u, fejn ikun prattikabbli, tagħti kunsiderazzjoni xierqa lit-talbiet raġonevoli għall-estensjoni ta' dak il-perjodu;

(ii) tipprovdi l-verżjoni elettronika tat-test innotifikat;

(iii) tipprovdi, f'każ li t-test innotifikat ma jkunx miktub b'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO, deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tal-kontenut tal-miżura fil-format tan-notifika tad-WTO;

(iv) twieġeb bil-miktub għal kummenti bil-miktub riċevuti mingħand il-Parti l-oħra dwar il-proposta, mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità finali; u

(v) tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-miżura nnotifikata u t-test finali adottat permezz ta' addendum għan-notifika oriġinali;

(e) tippermetti biżżejjed żmien bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi u d-dħul fis-seħħ tagħhom għall-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra sabiex jadattaw, għajr meta jinħolqu jew ikun hemm theddida li jinħolqu problemi urġenti ta' sikurezza, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sigurtà nazzjonali;

(f) tiżgura li r-regolamenti tekniċi kollha u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità obbligatorji adottati u fis-seħħ ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq siti web uffiċjali u mingħajr ħlas; u

(g) tiżgura li l-punt ta' kuntatt, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 10.1 tal-Ftehim dwar l-OTK, jipprovdi informazzjoni u tweġibiet b'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO għal mistoqsijiet raġonevoli mill-Parti l-oħra jew mingħand persuni interessati tal-Parti l-oħra dwar ir-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati.

ARTIKOLU 5.8

Sorveljanza tas-Suq

Il-Partijiet għandhom:

(a) jiskambjaw opinjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq u l-attivitajiet ta' infurzar;

(b) jiżguraw li l-funzjonijiet tas-sorveljanza tas-suq jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti u li ma jkun jeżisti ebda kunflitt ta' interess bejn il-funzjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-funzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(c) jiżguraw li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess bejn il-korpi ta' sorveljanza tas-suq u l-operaturi ekonomiċi soġġetti għal kontroll jew superviżjoni.

ARTIKOLU 5.9

Immarkar u Tikkettjar

1. Il-Partijiet jinnotaw li regolament tekniku jista' jinkludi jew jittratta esklussivament rekwiżiti ta' mmarkar jew tikkettjar. Meta r-regolamenti tekniċi ta' Parti jkun fihom rekwiżiti obbligatorji ta' mmarkar jew tikkettjar, dik il-Parti għandha tosserva l-prinċipji tal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK, b'mod partikolari, li ma għandhomx jitħejjew regolamenti tekniċi bil-għan jew bl-effett li joħolqu ostakoli mhux meħtieġa għall-kummerċ internazzjonali, kif ukoll li ma għandhomx ikunu aktar restrittivi għall-kummerċ milli meħtieġ sabiex jintlaħaq għan leġittimu.

2. Meta tkun teħtieġ immarkar jew tikkettjar obbligatorju tal-prodotti, Parti għandha:

(a) titlob biss informazzjoni li tkun rilevanti għall-konsumaturi jew l-utenti tal-prodott jew li tindika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji;

(b) ma titlob ebda approvazzjoni minn qabel, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni tat-tikketti jew tal-marki tal-prodotti bħala prekundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tagħha ta' prodotti li jikkonformaw b'mod ieħor mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji tagħha, sakemm dan ma jkunx meħtieġ minħabba r-riskju tal-prodotti għas-saħħa jew il-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, għall-ambjent jew għas-sigurtà nazzjonali; din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parti li titlob l-approvazzjoni minn qabel tal-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta jew l-immarkar fid-dawl tar-regolamenti domestiċi rilevanti;

(c) f'każ li hija titlob l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, toħroġ dak in-numru lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) diment li ma jkunux qarrieqa, kontradittorji jew li joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa fil-Parti li timporta l-prodotti, tippermetti dawn li ġejjin:

(i) informazzjoni b'lingwi oħrajn minbarra l-lingwa meħtieġa fil-Parti li timporta l-prodotti;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafika aċċettati internazzjonalment; jew

(iii) informazzjoni addizzjonali għal dik meħtieġa fil-Parti li timporta l-prodotti;

(e) taċċetta li t-tikkettjar, inklużi t-tikkettjar supplimentari jew il-korrezzjonijiet għat-tikkettjar, iseħħu, fejn rilevanti, f'bini awtorizzat, bħal f'imħażen doganali jew deposti liċenzjati fil-punt tal-importazzjoni fil-Parti li timporta qabel id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-prodott; il-Parti tista' titlob li t-tikkettjar oriġinali ma jitneħħiex;

(f) meta hija tqis li l-objettivi leġittimi skont il-Ftehim dwar l-OTK ma jkunux kompromessi, tagħmel ħilitha sabiex taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew immarkar jew tikkettjar fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament minflok ikunu mwaħħlin fiżikament mal-prodott.

ARTIKOLU 5.10

Kooperazzjoni u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità bil-għan li jżidu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw il-kummerċ bejniethom. Għal dak l-għan, huma jistgħu jistabbilixxu djalogi regolatorji kemm fil-livelli orizzontali kif ukoll f'dawk settorjali.

2. Il-Partijiet għandhom jimmiraw li jidentifikaw, jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi bilaterali rigward l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità li huma xierqa għal kwistjonijiet jew setturi partikolari u li jiffaċilitaw il-kummerċ. Dawk l-inizjattivi jistgħu jinkludu:

(a) il-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajbin permezz ta' kooperazzjoni regolatorja, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenzi u *data*, bil-għan li jittejbu l-kwalità u l-effettività tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom u jsir użu effiċjenti mir-riżorsi regolatorji;

(b) l-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-valutazzjoni tal-konformità, bħad-dipendenza fuq dikjarazzjoni tal-konformità tal-fornitur għal prodotti b'riskju baxx u, fejn xieraq, it-tnaqqis tal-kumplessità tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) iż-żieda tal-konverġenza tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom mal-istandards internazzjonali, mal-gwidi jew mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti;

(d) l-evitar ta' diverġenza mhux meħtieġa ta' approċċ fi standards, regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità meta ma jkunux jeżistu standards, gwidi jew rakkomandazzjonijiet internazzjonali;

(e) il-promozzjoni jew it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tal-Partijiet, pubbliċi jew privati, responsabbli għall-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità u l-metroloġija;

(f) l-iżgurar ta' interazzjoni u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet regolatorji f'livell reġjonali jew internazzjonali; u

(g) l-iskambju ta' informazzjoni, safejn ikun possibbli, dwar il-ftehimiet u l-arranġamenti relatati mal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ sottoskritti fil-livell internazzjonali.

3. Fuq talba, Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-proposti għal kooperazzjoni mill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu. Din il-kooperazzjoni għandha ssir, *inter alia*, permezz ta' djalogu f'*fora* xierqa, proġetti konġunti, assistenza teknika u programmi għall-bini tal-kapaċità fuq l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità f'żoni industrijali magħżula, kif maqbul b'mod reċiproku.

ARTIKOLU 5.11

Konsultazzjonijiet

1. Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni immedjata u favorevoli għal kwalunkwe talba għal konsultazzjonijiet mill-Parti l-oħra dwar kwistjonijiet li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Sabiex jiġu ċċarati jew jissolvew il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma bil-għan li jidentifika soluzzjoni prattika u fattibbli sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. Il-grupp ta' ħidma għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

ARTIKOLU 5.12

Implementazzjoni

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt fil-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-Vjetnam u fil-Kummissjoni Ewropea, rispettivament, u tipprovdi lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju jew tal-uffiċjal responsabbli għall-kwistjonijiet koperti taħt dan il-Kapitolu, inkluża informazzjoni dwar it-telefon, il-faks, il-posta elettronika u dettalji rilevanti oħrajn.

2. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe tibdil fil-punt ta' kuntatt tagħha u emendi għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-punti ta’ kuntatt għandhom, *inter alia*:

(a) jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta’ dan il-Kapitolu;

(b) jiffaċilitaw l-attivitajiet ta’ kooperazzjoni, kif xieraq, f’konformità mal-Artikolu 5.10 (Kooperazzjoni Konġunta u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ);

(c) jindirizzaw fil-pront kwalunkwe kwistjoni mqajma minn Parti fir-rigward tal-iżvilupp, l-adozzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità;

(d) jikkonsultaw, fuq talba ta’ Parti, dwar kwistjonijiet li jirriżultaw taħt dan il-Kapitolu;

(e) jieħdu kwalunkwe azzjoni oħra li tista’ tgħin lill-Partijiet fl-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu; u

(f) iwettqu funzjonijiet oħrajn kif jistgħu jiġu ddelegati mill-Kumitat għall-Kummerċ tal-Prodotti.

4. Il-punti ta’ kuntatt, stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 10.1 tal-Ftehim dwar l-OTK, għandhom:

(a) jiffaċilitaw l-iskambju ta’ informazzjoni bejn il-Partijiet dwar l-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità, b’rispons għat-talbiet raġonevoli kollha għal informazzjoni bħal din mill-Parti l-oħra; u

(b) jirreferu l-mistoqsijiet mill-Parti l-oħra lill-awtoritajiet regolatorji xierqa.

KAPITOLU 6

MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

ARTIKOLU 6.1

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha (minn hawn ’il quddiem imsejħa “SPS”) ta’ Parti, li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax id-drittijiet tal-Partijiet skont il-Kapitolu 5 (Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ) fir-rigward tal-miżuri li ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 6.2

Għanijiet

L-għanijiet ta’ dan il-Kapitolu huma li:

(a) tissaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji u tad-dixxiplini tal-Ftehim SPS u tal-istandards internazzjonali, tal-linji gwida u tar-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(b) tiġi protetta l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorju ta' kull Parti, filwaqt li jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet u jiġi żgurat li l-miżuri SPS adottati minn kull Parti ma joħolqux ostakoli bla bżonn għall-kummerċ;

(c) jissaħħu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fuq, u r-riżoluzzjoni ta', kwistjonijiet SPS li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet u kwistjonijiet miftiehma oħrajn ta' interess reċiproku; u

(d) tingħata promozzjoni lil trasparenza u fehim akbar fl-applikazzjoni tal-miżuri SPS ta' kull Parti.

ARTIKOLU 6.3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Anness A tal-Ftehim SPS;

(b) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet ta' kull Parti responsabbli għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tal-miżuri SPS fit-territorju tagħha; u

(c) "Kumitat SPS" tfisser il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji msemmi fl-Artikolu 6.11 (Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati).

2. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq definizzjonijiet oħrajn għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, filwaqt li jqisu l-glossarji u d-definizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Codex Alimentarius"), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OIE") u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "IPPC").

ARTIKOLU 6.4

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim SPS.

2. Kull Parti għandha tapplika l-Ftehim SPS fl-iżvilupp, l-applikazzjoni jew ir-rikonoxximent ta' kwalunkwe miżura SPS bil-għan li tiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet, filwaqt li tipproteġi l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorju tagħha.

ARTIKOLU 6.5

Awtoritajiet Kompetenti u Punti ta' Kuntatt

1. Bil-għan li jiġu żgurati relazzjonijiet tax-xogħol mill-qrib u effettivi bejn il-Partijiet sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet kompetenti huma:

(a) fil-każ tal-Vjetnam, ir-responsabbiltà għall-kwistjonijiet ta' SPS hija kondiviża bejn l-aġenziji governattivi kif ġej:

(i) il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, jew is-suċċessur tiegħu, huwa responsabbli għas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali; huwa jamministra l-miżuri ta' sorveljanza u kontroll sabiex jipprevjeni l-introduzzjoni ta' mard li jaffettwa b'mod negattiv is-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali; huwa jamministra wkoll programm komprensiv sabiex jikkontrolla u jipprevjeni l-inkursjoni tal-mard u tal-organiżmi ta' ħsara li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-pjanti u l-ekonomija; u, għall-prodotti ta' annimali u pjanti destinati għall-esportazzjoni, huwa responsabbli wkoll għall-ispezzjoni, għall-kwarantina u għall-ħruġ ta' ċertifikazzjonijiet li jattestaw l-istandards u r-rekwiżiti miftiehma tal-Unjoni; u

(ii) il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom, huma, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, responsabbli għas-sikurezza tal-ikel destinat għall-konsum mill-bniedem; għall-importazzjoni tal-ikel, huma jamministraw il-miżuri ta' sorveljanza u kontroll, inkluż l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi nazzjonali u proċeduri tal-approvazzjoni, it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti u spezzjonijiet tal-istabbilimenti, sabiex jiżguraw il-konformità mal-istandards u r-rekwiżiti miftiehma tal-Vjetnam; għall-esportazzjoni tal-ikel, huma responsabbli wkoll għall-ispezzjoni u għall-ħruġ ta' ċertifikazzjonijiet tas-saħħa;

(b) fil-każ tal-Unjoni, ir-responsabbiltà hija kondiviża bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kif ġej:

(i) fir-rigward tal-esportazzjonijiet lejn il-Vjetnam, l-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-produzzjoni, inklużi spezzjonijiet statutorji u l-ħruġ ta' ċertifikazzjonijiet tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali li jattestaw il-konformità mal-istandards u r-rekwiżiti tal-Vjetnam;

(ii) fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Vjetnam, l-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll tal-konformità tal-importazzjonijiet mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Unjoni;

(iii) il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali, l-ispezzjoni u l-awditjar tas-sistemi ta' spezzjoni u għall-azzjoni leġiżlattiva meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-istandards u r-rekwiżiti fis-suq intern tal-Unjoni.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom jipprovdu lil xulxin b'punt ta' kuntatt għall-komunikazzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw taħt dan il-Kapitolu. Il-funzjonijiet tal-punti ta' kuntatt għandhom jinkludu:

(a) it-titjib tal-komunikazzjoni fost l-aġenziji u l-ministeri tal-Partijiet responsabbli għall-kwistjonijiet SPS; u

(b) l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni sabiex jittejjeb il-fehim reċiproku tal-miżuri SPS ta' kull Parti, tal-proċessi regolatorji li għandhom x'jaqsmu ma' dawk il-miżuri u l-impatt tagħhom fuq il-kummerċ tal-prodotti kkonċernati bejn il-Partijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta taħt il-paragrafi 1 u 2 tinżamm aġġornata.

ARTIKOLU 6.6

Rekwiżiti u Proċeduri tal-Importazzjoni

1. Ir-rekwiżiti ġenerali tal-importazzjoni ta' Parti għandhom ikunu applikabbli għat-territorju kollu tal-Parti li tesporta, mingħajr preġudizzju għall-abbiltà tal-Parti li timporta li tieħu deċiżjonijiet u miżuri f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6.9 (Miżuri marbuta mas-Saħħa tal-Pjanti u tal-Annimali).

2. Kull Parti għandha tadotta biss miżuri li huma xjentifikament ġustifikati, konsistenti mar-riskju involut u li jirrappreżentaw l-inqas miżuri restrittivi disponibbli u jirriżultaw f'impediment minimu għall-kummerċ.

3. Il-Parti li timporta għandha tiżgura li r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni tagħha jiġu applikati b'mod proporzjonali u mhux diskriminatorju.

4. Il-proċeduri tal-importazzjoni għandhom jimmiraw li jimminimizzaw l-effetti kummerċjali negattivi u jħaffu l-proċess tal-approvazzjoni, filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-Parti li timporta.

5. Il-Parti li timporta għandha tiżgura t-trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni tagħha.

6. Il-Parti li tesporta għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni tal-Parti li timporta.

7. Kull Parti għandha tistabbilixxi u taġġorna l-listi ta' organiżmi ta' ħsara rregolati, billi tuża terminoloġija xjentifika, u tagħmel dawn il-listi disponibbli għall-Parti l-oħra.

8. Ir-rekwiżiti tal-importazzjoni fitosanitarji għandhom ikunu ristretti għal miżuri li jiżguraw ir-rispett għal-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Parti li timporta, u jkunu limitati għall-organiżmi ta' ħsara rregolati ta' tħassib għall-Parti li timporta. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 tal-IPPC, Parti ma għandhiex timponi jew iżżomm miżuri fitosanitarji għall-organiżmi ta' ħsara mhux irregolati.

9. Għandha titwettaq analiżi tar-riskju tal-organiżmi ta' ħsara minn Parti mingħajr dewmien bla bżonn wara t-talba inizjali tal-Parti li tesporta. F'każ ta' diffikultajiet, il-Partijiet għandhom jaqblu fi ħdan il-Kumitat SPS fuq skeda ta' żmien għat-twettiq tal-analiżi tar-riskju tal-organiżmi ta' ħsara.

10. Il-Parti li timporta għandu jkollha d-dritt li twettaq kontrolli fuq l-importazzjoni abbażi tar-riskji SPS assoċjati mal-importazzjonijiet. Dawk il-kontrolli għandhom jitwettqu mingħajr dewmien bla bżonn u b'impediment minimu għall-kummerċ. Jekk il-prodotti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-Parti li timporta, kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Parti li timporta għandha tkun f'konformità mal-istandards internazzjonali u proporzjonata għar-riskju kkawżat mill-prodott.

11. Il-Parti li timporta għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-frekwenza tal-kontrolli fuq l-importazzjoni mwettqa fuq il-prodotti. Din il-frekwenza tista' tiġi adattata bħala konsegwenza tal-verifiki jew tal-kontrolli fuq l-importazzjoni, jew inkella bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet.

12. Kwalunkwe miżata imposta għall-proċeduri relatati mal-importazzjoni tal-prodotti msemmija f'dan il-Kapitolu għandha tkun ekwa fir-rigward ta' kwalunkwe miżata imposta fuq prodotti domestiċi simili u ma għandhiex tkun ogħla mill-kost attwali tas-servizz.

ARTIKOLU 6.7

Verifiki

1. Bil-għan li tikseb jew iżżomm il-fiduċja fl-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu, il-Parti li timporta għandha d-dritt li twettaq verifiki, inkluż:

(a) billi twettaq żjarat ta' verifika fil-Parti li tesporta sabiex tivverifika s-sistema ta' kontroll kollha, jew parti minnha, tal-Parti li tesporta, f'konformità mal-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti tal-Codex Alimentarius, l-OIE u l-IPPC; l-ispejjeż ta' tali żjarat ta' verifika għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qiegħda twettaq iż-żjara ta' verifika; u

(b) b'talbiet ta' informazzjoni lill-Parti li tesporta dwar is-sistema ta' kontroll tagħha u r-riżultati tal-kontrolli mwettqa taħt dik is-sistema.

2. Kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bir-riżultati u l-konklużjonijiet taż-żjarat ta' verifika mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra.

3. Jekk il-Parti li timporta tiddeċiedi li twettaq żjara ta' verifika fil-Parti li tesporta, hija għandha tinnotifika lill-Parti li tesporta b'din iż-żjara mill-inqas 60 jum tax-xogħol qabel titwettaq tali żjara ta' verifika, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor. Kwalunkwe modifika għal din iż-żjara ta' verifika għandha tiġi miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet.

4. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi abbozz ta' rapport tal-verifika lill-Parti li tesporta fi żmien 45 jum tax-xogħol mit-tlestija tal-verifiki. Il-Parti li tesporta għandu jkollha 30 jum tax-xogħol sabiex tikkummenta dwar l-abbozz tar-rapport. Il-kummenti magħmula mill-Parti li tesporta għandhom jiżdiedu ma' u, fejn xieraq, jiġu inklużi fir-rapport ta' verifika finali, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum tax-xogħol. Jekk, matul il-verifika, il-Parti li timporta tidentifika riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, hija għandha tinforma lill-Parti li tesporta mill-aktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol wara t-tmiem tal-verifika.

ARTIKOLU 6.8

Il-Proċedura għall-Elenkar tal-Istabbilimenti

1. Fuq talba tal-Parti li timporta, il-Parti li tesporta għandha tinforma lill-Parti li timporta bil-lista tagħha ta' stabbilimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Parti li timporta għall-approvazzjoni u li għalihom ġew ipprovduti garanziji sanitarji sodisfaċenti f'konformità mal-Anness 6-A (Ir-Rekwiżiti u l-Proċeduri għall-Approvazzjoni tal-Istabbilimenti għall-Prodotti).

2. Fuq talba tal-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha tapprova fi żmien 45 jum tax-xogħol il-lista ta' stabbilimenti msemmija fil-paragrafu 1, mingħajr spezzjoni minn qabel tal-istabbilimenti individwali.

3. Jekk il-Parti li timporta titlob informazzjoni addizzjonali, il-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi estiż sa 30 jum tax-xogħol. Wara l-approvazzjoni tal-lista ta' stabbilimenti, il-Parti li timporta għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, f'konformità mal-proċeduri legali applikabbli tagħha, sabiex tippermetti l-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati.

4. Jekk il-Parti li timporta tirrifjuta t-talba għall-approvazzjoni, hija għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Parti li tesporta bir-raġunijiet li fuqhom kien ibbażat dak ir-rifjut.

ARTIKOLU 6.9

Miżuri marbuta mas-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-mard, żoni bi prevalenza baxxa ta' mard u kompartimentalizzazzjoni f'konformità mal-Ftehim SPS u mal-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-OIE. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-istatus tas-saħħa tal-annimali kif stabbilit mill-OIE.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara, żoni bi prevalenza baxxa ta' organiżmi ta' ħsara, żoni protetti u siti ta' produzzjoni ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara f'konformità mal-Ftehim SPS u mal-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-IPPC.

3. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw fatturi bħal-lokazzjoni ġeografika, l-ekosistemi, is-sorveljanza epidemjoloġika u l-effettività tal-kontrolli SPS.

4. Il-Kumitat SPS għandu jiddefinixxi f'aktar dettall il-proċedura għar-rikonoxximent tal-kunċetti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 billi jikkunsidra l-Ftehim SPS u l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-OIE u tal-IPPC.

5. Meta l-Parti li timporta tivvaluta l-awtodeterminazzjoni tal-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti magħmula mill-Parti li tesporta, hija għandha, fil-prinċipju, tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti tal-Parti li tesporta, jew partijiet minnha, fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Parti li tesporta f'konformità mal-Ftehim SPS u mal-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-OIE u tal-IPPC. Il-Parti li timporta għandha tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi lill-Parti li tesporta d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien żejjed wara t-talba għall-valutazzjoni.

6. Jekk il-Parti li timporta ma taċċettax l-awtodeterminazzjoni tal-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti magħmula mill-Parti li tesporta, hija għandha tispjega r-raġunijiet u, fuq talba mill-Parti li tesporta, tidħol f'konsultazzjonijiet mill-aktar fis possibbli sabiex tasal għal soluzzjoni alternattiva.

7. Il-Parti li tesporta għandha tipprovdi evidenza rilevanti sabiex turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta li l-istatus tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti ta' dawk iż-żoni x'aktarx jibqa' l-istess. Għal dak il-għan, il-Parti li tesporta għandha, fuq talba mill-Parti li timporta, tagħti lill-Parti li timporta aċċess raġonevoli għall-ispezzjoni, l-ittestjar u proċeduri rilevanti oħrajn.

ARTIKOLU 6.10

Ekwivalenza

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-applikazzjoni tal-ekwivalenza fl-Artikolu 4 tal-Ftehim SPS hija għodda importanti għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u għandha benefiċċji reċiproċi kemm għall-pajjiżi esportaturi kif ukoll għall-pajjiżi importaturi.

2. L-ekwivalenza tista' tiġi aċċettata għal miżura SPS speċifika jew miżuri relatati ma' prodott partikolari jew kategoriji ta' prodotti, jew inkella fuq bażi tas-sistemi kollha.

3. Il-Parti li timporta għandha taċċetta l-miżuri SPS u s-sistemi tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti jekk il-Parti li tesporta turi b'mod oġġettiv li l-miżuri tagħha jilħqu l-livell xieraq ta' protezzjoni tal-SPS tal-Parti li timporta. Sabiex tiffaċilita determinazzjoni tal-ekwivalenza, il-Parti li timporta għandha, fuq talba, tispjega l-għan ta' kwalunkwe miżura SPS rilevanti lill-Parti l-oħra.

4. Fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta l-Parti li timporta tirċievi talba mill-Parti li tesporta, il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet sabiex jiddeterminaw l-ekwivalenza tal-miżuri u s-sistemi SPS.

5. Il-Parti li timporta għandha tagħmel determinazzjoni tal-ekwivalenza mingħajr dewmien żejjed wara li l-Parti li tesporta tkun uriet l-ekwivalenza tal-miżuri u s-sistemi SPS proposti.

6. Il-Parti li timporta għandha taċċellera d-determinazzjoni tal-ekwivalenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-prodotti li hija storikament importat mingħand il-Parti li tesporta.

7. Fil-każ ta' aktar minn talba waħda mill-Parti li tesporta, il-Partijiet għandhom jaqblu fi ħdan il-Kumitat SPS fuq skeda ta' żmien li fiha għandhom jibdew il-proċess.

8. F'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim SPS, il-Parti li timporta għandha tagħti kunsiderazzjoni sħiħa lit-talbiet mill-Parti li tesporta għal assistenza teknika sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din l-għajnuna tista', *inter alia*, tgħin sabiex jiġu identifikati u implimentati miżuri li jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti jew li jtejbu b'xi mod ieħor l-aċċess għas-suq.

9. Il-kunsiderazzjoni mill-Parti li timporta ta' talba mill-Parti li tesporta għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS tagħha fir-rigward ta' prodott speċifiku minna nnifisha ma għandhiex tkun raġuni sabiex tfixkel jew tissospendi l-importazzjonijiet li għaddejjin ta' dak il-prodott minn dik il-Parti. Meta l-Parti li timporta tkun għamlet determinazzjoni tal-ekwivalenza, il-Partijiet għandhom jirreġistrawha b'mod formali u japplikawha mingħajr dewmien għall-kummerċ bejniethom fiż-żona rilevanti.

ARTIKOLU 6.11

Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Il-Kumitat SPS stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet. Id-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Kumitat SPS għandu ikunu bi ftehim reċiproku.

2. Il-Kumitat SPS għandu jiltaqa' personalment fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Minn hemm 'il quddiem, huwa għandu jiltaqa' mill-inqas kull sena jew kif stabbilit b'mod reċiproku mill-Partijiet. Huwa għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu. Huwa għandu jiltaqa' personalment, permezz ta' telekonferenza, vidjokonferenza, jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor, kif miftiehem b'mod reċiproku mill-Partijiet.

3. Il-Kumitat SPS jista' jipproponi lill-Kumitat għall-Kummerċ sabiex jistabbilixxi gruppi ta' ħidma, li għandhom jidentifikaw u jindirizzaw il-kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jirriżultaw minn dan il-Kapitolu u jesploraw opportunitajiet għal aktar kollaborazzjoni fuq kwistjonijiet SPS ta' interess reċiproku.

4. Il-Kumitat SPS jista' jindirizza kwalunkwe kwistjoni relatata mal-funzjonament effettiv ta' dan il-Kapitolu, inklużi l-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet. B'mod partikolari, dan għandu jkollu r-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiżviluppa l-proċeduri jew l-arranġamenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jissorvelja l-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(c) jipprovdi forum għad-diskussjoni dwar il-problemi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' ċerti miżuri SPS bil-għan li jasal għal soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku u jindirizza fil-pront kwalunkwe kwistjoni li tista' toħloq ostakoli bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet;

(d) jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fil-qasam tal-kwistjonijiet tal-SPS;

(e) jidentifika, jibda u jirrevedi proġetti u attivitajiet ta' assistenza teknika bejn il-Partijiet; u

(f) iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra kif miftiehem b'mod reċiproku bejn il-Partijiet.

5. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat SPS, jadottaw rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni tal-importazzjonijiet, l-iskambju ta' informazzjoni, it-trasparenza, ir-rikonoxximent tar-reġjonalizzazzjoni, l-ekwivalenza u miżuri alternattivi, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni oħra msemmija taħt dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 6.12

It-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom:

(a) jiżguraw it-trasparenza fir-rigward tal-miżuri SPS applikabbli għall-kummerċ bejniethom;

(b) isaħħu l-fehim reċiproku tal-miżuri SPS ta' kull Parti u l-applikazzjoni tagħhom;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-miżuri SPS, inkluż il-progress fuq l-evidenza xjentifika ġdida disponibbli, li jaffettwaw, jew jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejniethom bil-għan li jitnaqqsu l-effetti kummerċjali negattivi tagħhom;

(d) fuq talba ta' Parti, jikkomunikaw ir-rekwiżiti tal-importazzjoni li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodott partikolari fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data ta' meta tasal it-talba; u

(e) fuq talba ta' Parti, jikkomunikaw il-progress li jkun sar fl-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott partikolari fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data ta' meta tasal it-talba;

2. Meta Parti tkun għamlet l-informazzjoni disponibbli jew b'notifika lid-WTO f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rilevanti, jew inkella billi tippubblikaha fuq is-siti web uffiċjali tagħha aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas, l-iskambju ta' informazzjoni skont is-subparagrafi (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1 ma għandux ikun meħtieġ.

3. In-notifiki kollha taħt dan il-Kapitolu għandhom isiru lill-punti ta' kuntatt msemmija taħt l-Artikolu 6.5 (Awtoritajiet Kompetenti u Punti ta' Kuntatt).

ARTIKOLU 6.13

Il-konsultazzjonijiet

1. Meta Parti tqis li miżura SPS li taffettwa l-kummerċ bilaterali timmerita aktar diskussjoni, hija tista', permezz tal-punti ta' kuntatt imsemmija taħt l-Artikolu 6.5 (Awtoritajiet Kompetenti u Punti ta' Kuntatt), titlob spjegazzjoni sħiħa u, jekk meħtieġ, titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar dik il-miżura SPS. Il-Parti l-oħra għandha tirrispondi fil-pront għal dawn it-talbiet.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz sabiex, f'perjodu ta' żmien miftiehem, jaslu għal soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku permezz ta' konsultazzjonijiet. Jekk il-konsultazzjonijiet jonqsu milli jsolvu l-kwistjoni, din għandha tiġi kkunsidrata mill-Kumitat SPS.

ARTIKOLU 6.14

Miżuri ta' Emerġenza

1. Kull Parti għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra, fi żmien jumejn tax-xogħol, kwalunkwe riskju serju jew sinifikanti għall-ħajja jew għas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, inkluża kwalunkwe emerġenza tal-ikel, li jaffettwaw lill-prodotti li għalihom isir kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Meta Parti jkollha tħassib serju dwar riskju għall-ħajja jew għas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti li jaffettwa lill-prodotti li għalihom isir kummerċ bejn il-Partijiet, hija tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 6.13 (Konsultazzjonijiet). Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru mill-aktar fis possibbli. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi, fi żmien xieraq, l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ.

3. Il-Parti li timporta tista', mingħajr notifika preċedenti, tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tipproteġi l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti. Għall-kunsinni fit-trasport bejn il-Partijiet, il-Parti li timporta għandha tikkunsidra l-aktar soluzzjoni xierqa u proporzjonali sabiex tevita kull tfixkil mhux meħtieġ għall-kummerċ.

4. Il-Parti li tkun qed tieħu l-miżuri għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara l-adozzjoni tal-miżura. Kwalunkwe Parti tista' titlob kwalunkwe informazzjoni relatata mas-sitwazzjoni tal-SPS u kwalunkwe miżura adottata. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb malli tkun disponibbli l-informazzjoni mitluba.

5. Fuq talba ta' kwalunkwe Parti u f'konformità mal-Artikolu 6.13 (Konsultazzjonijiet), il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet rigward is-sitwazzjoni fi żmien 10 ijiem tax-xogħol min-notifika msemmija fil-paragrafu 1. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru bil-għan li jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ. Il-Partijiet jistgħu jqisu l-għażliet għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni jew is-sostituzzjoni tal-miżuri SPS.

ARTIKOLU 6.15

Assistenza Teknika u Trattament Differenzjali u Speċjali

1. L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika sabiex tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Vjetnam bil-għan li tikkonforma mal-miżuri SPS tal-Unjoni, inklużi s-sikurezza alimentari, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u l-użu ta' standards internazzjonali.

2. F'konformità mal-Artikolu 10 tal-Ftehim SPS, fil-każ ta' miżuri SPS ġodda, l-Unjoni għandha tqis il-ħtiġijiet speċjali tal-Vjetnam sabiex iżżomm l-opportunitajiet tal-esportazzjoni tal-Vjetnam, filwaqt li tkompli tikseb il-livell ta' protezzjoni tal-Unjoni. Il-Kumitat SPS għandu jiġi kkonsultat fuq talba ta' kwalunkwe Parti sabiex jirrifletti fuq u jiddeċiedi dwar:

(a) perjodi ta' żmien itwal għall-konformità;

(b) kundizzjonijiet tal-importazzjoni alternattivi fil-kuntest tal-ekwivalenza; u

(c) attivitajiet ta' assistenza teknika.

KAPITOLU 7

OSTAKOLI MHUX TARIFFARJI GĦALL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT FIL-ĠENERAZZJONI TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

ARTIKOLU 7.1

Għanijiet

Skont l-isforzi globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-Partijiet jikkondividu l-għanijiet tal-promozzjoni, l-iżvilupp u ż-żieda tal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-kummerċ u l-investiment. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex ineħħu jew inaqqsu l-ostakoli mhux tariffarji u jrawmu l-kooperazzjoni, filwaqt li jqisu, fejn xieraq, l-istandards reġjonali u internazzjonali.

ARTIKOLU 7.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "rekwiżit ta' kontenut lokali" tfisser:

(i) fir-rigward tal-prodotti, rekwiżit għal intrapriża sabiex takkwista jew tuża prodotti ta' oriġini domestika jew minn sors domestiku, speċifikat f'termini ta' prodotti partikolari, f'termini tal-volum jew tal-valur tal-prodotti, jew inkella f'termini ta' proporzjon tal-volum jew tal-valur tal-produzzjoni lokali tagħha;

(ii) fir-rigward tas-servizzi, rekwiżit li jillimita l-għażla tal-fornitur tas-servizzi jew is-servizz ipprovdut għad-detriment tas-servizzi jew tal-forniturі tas-servizzi mill-Parti l-oħra;

(b) "miżuri li jirrikjedu li jifformaw sħubija ma' kumpaniji lokali" tfisser kwalunkwe rekwiżiti sabiex jistabbilixxu jew joperaw b'mod konġunt ma' kumpaniji lokali persuna ġuridika, sħubija skont il-liġi domestika, impriża konġunta, jew sabiex jidħlu f'relazzjonijiet kuntrattwali bħal kuntratti ta' kooperazzjoni fin-negozju ma' kumpaniji lokali;

(c) "tpaċija" tfisser kwalunkwe impenn li jimponi l-użu ta' rekwiżit ta' kontenut lokali, forniturі lokali, trasferiment tat-teknoloġija, investiment, negozju kumpensatorju jew azzjonijiet simili li jinkoraġġixxu l-iżvilupp lokali;

(d) “sorsi rinnovabbli u sostenibbli” tfisser sorsi fil-forma ta’ enerġija mir-riħ, mix-xemx, ġeotermali, idrotermali, enerġija mill-oċeani, idroenerġija b’kapaċità ta’ 50 megawatt jew inqas, bijomassa, gass tal-landfill, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ jew bijogassijiet; dan ma jinkludix prodotti li minnhom tiġi ġġenerata l-enerġija; u

(e) “fornitur ta’ servizz” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tipprovdi servizz.

ARTIKOLU 7.3

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri li jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u sostenibbli.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax la għal proġetti ta’ riċerka u żvilupp u lanqas għal proġetti ta’ dimostrazzjoni mwettqa fuq skala mhux kummerċjali.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal proġetti ffinanzjati u rregolati minn ftehimiet ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali jew gvernijiet barranin li għalihom japplikaw il-proċeduri jew il-kundizzjonijiet ta’ dawk id-donaturi.

4. Soġġett għall-paragrafu 5, dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra ta' dan il-Ftehim, inklużi kwalunkwe eċċezzjoni, riżerva jew restrizzjoni għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, *mutatis mutandis*. Għal ċertezza akbar, f'każ ta' inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Ftehim, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jipprevalu sal-punt tal-inkonsistenza.

5. Il-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 7.4 (Prinċipji) japplikaw wara ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 7.4

Prinċipji

Parti għandha:

(a) iżżomm lura milli tadotta miżuri li jipprevedu rekwiżiti ta' kontenut lokali jew kwalunkwe tpaċija oħra li taffettwa l-prodotti, il-forniturі tas-servizzi, l-investituri jew l-intrapriżi tal-Parti l-oħra;

(b) iżżomm lura milli tadotta miżuri li jirrikjedu l-formazzjoni ta' sħubiji ma' kumpaniji lokali, sakemm dawk is-sħubiji ma jitqisux bħala neċessarji għal raġunijiet tekniċi u sakemm dik il-Parti ma tkunx tista' turi dawk ir-raġunijiet fuq talba tal-Parti l-oħra;

(c) tiżgura li kwalunkwe miżura li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u ħruġ ta' liċenzji li jiġu applikati, b'mod partikolari fir-rigward ta' tagħmir, impjanti u infrastrutturi tan-netwerk tat-trażmissjoni assoċjati, ikunu oġġettivi, trasparenti, mhux arbitrarji u ma jiddiskriminawx fost l-applikanti mill-Partijiet;

(d) tiżgura li l-miżati u l-ħlasijiet amministrattivi imposti fuq jew b'konnessjoni ma':

(i) l-importazzjoni u l-użu ta' prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra mill-forniturі tal-Parti l-oħra jkunu soġġetti għall-Artikoli 2.16 (Miżati Amministrattivi, Ħlasijiet Oħrajn u Formalitajiet fuq l-Importazzjonijiet u l-Esportazzjonijiet) u 4.10 (Miżati u Ħlasijiet); u

(ii) il-provvista ta' servizzi mill-forniturі tal-Parti l-oħra jkunu soġġetti għall-Artikoli 8.19 (Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet), 8.20 (Kundizzjonijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzji u l-Kwalifika) u 8.21 (Proċeduri tal-Ħruġ ta' Liċenzji u l-Kwalifika); u

(e) tiżgura li t-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-konnessjoni u l-aċċess għall-grilji ta' trażmissjoni tal-elettriku jkunu trasparenti u ma jiddiskriminawx kontra forniturі tal-Parti l-oħra;

ARTIKOLU 7.5

Standards, Regolamenti Tekniċi u Valutazzjoni tal-Konformità

1. Dan l-Artikolu japplika għall-prodotti koperti mill-intestaturi tat-tariffi elenkati fl-Anness 7-A (Lista ta' Intestaturi tat-Tariffi). Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jinkludu prodotti oħrajn f'din il-lista permezz ta' skambju ta' ittri.

2. Jekk ikunu jeżistu standards internazzjonali rilevanti stabbiliti mill-Organizzazzjoni għall-Istandardizzazzjoni jew mill-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali, il-Partijiet għandhom jużaw dawk l-istandards internazzjonali, jew il-partijiet rilevanti tagħhom, bħala bażi għal kwalunkwe standard, regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, għajr meta dawk l-istandards internazzjonali jew partijiet rilevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti. F'dawk il-każijiet, Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tidentifika l-parti tal-istandard, ir-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivi li tiddevja sostanzjalment mill-istandard internazzjonali rilevanti u tipprovdi ġustifikazzjoni għar-raġunijiet għad-devjazzjoni.

3. Jekk ikun xieraq, il-Partijiet għandhom jispeċifikaw regolamenti tekniċi bbażati fuq ir-rekwiżiti tal-prodott f'termini ta' prestazzjoni, inkluża l-prestazzjoni ambjentali u tas-sikurezza, aktar milli karatteristiċi tad-disinn jew karatteristiċi deskrittivi.

4. Parti li taċċetta dikjarazzjoni ta' konformità ta' fornitur bħala assigurazzjoni pożittiva ta' konformità għandha tagħmel ħilitha sabiex ma tkunx tirrikjedi s-sottomissjoni tar-riżultati tat-test.

5. Jekk Parti tkun tirrikjedi rapporti tat-testijiet, kemm jekk weħidhom, bħala l-bażi ta', jew flimkien ma' assigurazzjonijiet ta' konformità oħrajn, jew inkella bħala assigurazzjoni pożittiva li prodott huwa konformi mal-istandards jew ir-regolamenti tekniċi tagħha, hija għandha tagħmel ħilitha sabiex taċċetta rapporti tat-testijiet fil-forma ta' Rapporti tat-Testijiet tas-Sistema tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali ta' Skemi ta' Valutazzjoni tal-Konformità għal Tagħmir u Komponenti Elettrotekniċi (Skema IECEE CB) mingħajr ma tkun tirrikjedi aktar ittestjar.

6. Jekk Parti tirrikjedi ċ-ċertifikazzjoni ta' parti terza għal prodott, hija għandha tagħmel ħilitha sabiex taċċetta Ċertifikat tat-Test CB validu taħt l-Iskema tal-IECEE CB bħala assigurazzjoni ta' konformità suffiċjenti mingħajr ma tkun tirrikjedi valutazzjoni tal-konformità jew approvazzjonijiet jew proċeduri amministrattivi ulterjuri.

7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Partijiet li japplikaw ir-rekwiżiti mhux relatati mal-prodotti inkwistjoni, bħalma huma l-liġijiet dwar it-tqassim f'żoni jew il-kodiċijiet tal-bini.

ARTIKOLU 7.6

Eċċezzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu huwa soġġett għall-Artikoli 2.22 (Eċċezzjonijiet Ġenerali), 8.54 (Eċċezzjonijiet Ġenerali) u 9.3 (Eċċezzjonijiet Ġenerali u ta' Sigurtà).

2. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi Parti milli tadotta jew tinforza l-miżuri meħtieġa għat-tħaddim sikur tan-netwerks tal-enerġija kkonċernati, jew is-sikurezza tal-provvista tal-enerġija, soġġetti għar-rekwiżit li dawk il-miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-prodotti, il-forniturі tas-servizzi jew l-investituri tal-Partijiet f'ċirkostanzi simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 7.7

Implimentazzjoni u Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fil-kumitati speċjalizzati rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati). Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jadotta miżuri ta' implimentazzjoni xierqa għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni, esperjenzi regolatorji u l-aħjar prattiki f'oqsma bħal:

(a) id-disinn u l-implimentazzjoni mhux diskriminatorja ta' miżuri li jippromwovu l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(b) ir-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, bħal dawk li jirrigwardjaw ir-rekwiżiti tal-kodiċi tal-grilja.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni, fir-rigward tar-regolamenti tekniċi domestiċi jew reġjonali, il-kunċetti regolatorji, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali, fil-*fora* reġjonali rilevanti.

KAPITOLU 8

IL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT, IL-KUMMERĊ TA' SERVIZZI U L-KUMMERĊ ELETTRONIKU

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 8.1

Għanijiet u Kamp ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet, li jaffermaw l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO u l-impenn tagħhom sabiex joħolqu klima aħjar għall-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment bejn il-Partijiet, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għal-liberalizzazzjoni progressiva tal-investiment u l-kummerċ ta' servizzi u għall-kooperazzjoni fil-kummerċ elettroniku.

2. B'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, kull Parti żżomm id-dritt li tadotta, iżżomm u tinforza l-miżuri meħtieġa sabiex issegwi l-għanijiet politiċi leġittimi bħall-ħarsien tal-ambjent u s-saħħa pubblika, il-politika soċjali, l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, il-promozzjoni tas-sigurtà u tas-sikurezza, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri li jaffettwaw lil persuni fiżiċi li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Parti, u lanqas ma japplika għal miżuri rigward iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

4. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jimpedixxi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex jipproteġu l-integrità u jiżguraw il-moviment ordnat ta' persuni fiżiċi bejn il-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jħassru jew idgħajfu l-benefiċċji[1] li jingħataw lil kwalunkwe Parti skont it-termini ta' impenn speċifiku f'dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu.

5. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jillimita l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 9 (Akkwist Pubbliku) jew li jimponi kwalunkwe obbligu addizzjonali relatat mal-akkwist pubbliku.

6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għas-sussidji mogħtija mill-Partijiet[2], għajr għall-Artikolu 8.8 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni).

---

1 Il-fatt biss li tkun meħtieġa viża għall-persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux għal dawk ta' pajjiżi oħrajn ma għandux jitqies bħala li jħassar jew idgħajjef il-benefiċċji skont impenn speċifiku.

2 Fil-każ tal-Unjoni, "sussidju" jinkludi "għajnuna mill-Istat" kif definita fid-dritt tal-Unjoni. Għall-Vjetnam, "sussidju" jinkludi inċentivi ta' investiment u assistenza għall-investiment, bħal assistenza fis-siti tal-produzzjoni, taħriġ fir-riżorsi umani u attivitajiet ta' tisħiħ tal-kompetittività, bħal assistenza għat-teknoloġija, ir-riċerka u l-iżvilupp, għajnuniet legali, informazzjoni tas-suq u promozzjoni.

7. Deċiżjoni ta' Parti li ma toħroġx, ma ġġeddidx jew ma żżommx sussidju jew għotja, ma għandhiex tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8.8 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni), fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mill-impenji speċifiċi tal-Parti lill-investitur skont il-liġi jew il-kuntratt għall-ħruġ, it-tiġdid jew iż-żamma ta' dak is-sussidju jew dik l-għotja; jew

(b) f'konformità ma' kwalunkwe termini jew kundizzjonijiet marbuta mal-ħruġ, it-tiġdid jew iż-żamma tas-sussidju jew tal-għotja.

8. Dan il-Kapitolu ma japplikax għas-sistemi tas-sigurtà soċjali rispettivi tal-Partijiet jew għall-attivitajiet fit-territorju ta' kull Parti, li huma marbuta, anki okkażjonalment, mal-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali.

ARTIKOLU 8.2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz" tfisser tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jiġi rtirat mis-servizz u dawn ma jinkludux l-ħekk imsejħa manutenzjoni bil-linja;

(b) “servizzi ta’ sistema kompjuterizzata ta’ prenotazzjoni (CRS)” tfisser servizzi pprovduti b’sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportatur tal-ajru, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li bihom jistgħu jsiru l-prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

(c) “provvista transfruntiera ta’ servizzi” tfisser il-provvista ta’ servizz:

(i) mit-territorju ta’ Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(d) “attivitajiet ekonomiċi” jinkludu attivitajiet ta’ karattru industrijali, kummerċjali u professjonali u attivitajiet ta’ nies tas-sengħa, iżda ma jinkludux attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar tal-awtorità governattiva;

(e) “intrapriża” tfisser persuna ġuridika, fergħa[1] jew uffiċċju rappreżentattiv stabbiliti permezz ta’ stabbiliment;

(f) “stabbiliment” tfisser it-twaqqif, inkluża l-akkwiżizzjoni, ta’ persuna ġuridika jew il-ħolqien ta’ fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv fl-Unjoni jew fil-Vjetnam, rispettivament[2], bil-għan li jiġu stabbiliti jew jinżammu rabtiet ekonomiċi dejjiema;

---

[1] Għal ċertezza akbar, fergħa ta’ entità ġuridika ta’ pajjiż terz ma għandhiex titqies bħala intrapriża ta’ Parti.

[2] Għal ċertezza akbar, dan ma jinkludix l-operat ta’ intrapriża kif definita fis-subparagrafu (m).

(g) “servizzi fuq l-art” tfisser il-provvista f’ajruport tas-servizzi li ġejjin: ir-rappreżentanza, l-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-linji tal-ajru; l-immaniġġjar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagalji; is-servizzi tar-rampa; il-forniment tal-ikel; il-ġarr ta’ merkanzija bl-ajru u l-immaniġġjar tal-posta; l-alimentazzjoni ta’ inġenju tal-ajru, is-servizz ta’ manutenzjoni u t-tindif ta’ inġenju tal-ajru; it-trasport bis-superfiċje; l-operat tat-titjiriet, l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u l-ippjanar tat-titjiriet. Is-servizzi fuq l-art ma jinkludux is-sigurtà, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru jew il-ġestjoni jew l-operat ta’ infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta’ tneħħija tas-silġ, sistemi ta’ distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi ta’ mmaniġġjar tal-bagalji u sistemi fissi tat-trasport bejn l-ajruporti;

(h) “investitur” tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika ta’ Parti li tfittex li tistabbilixxi[1], li qiegħda tistabbilixxi jew li stabbilixxiet intrapriża fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(i) “persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità legali debitament kostitwita jew organizzata b’xi mod ieħor skont il-liġi applikabbli, kemm jekk għal profitt jew għal fini ieħor, u kemm jekk tkun proprjetà privata jew inkella tal-gvern, inklużi kwalunkwe korporazzjoni, fond fiduċjarju, sħubija, impriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni;

[1] Għal ċertezza akbar, investitur li “jfittex li jistabbilixxi” intrapriża jirreferi għal investitur ta’ Parti li jkun ħa passi attivi sabiex jistabbilixxi intrapriża fit-territorju tal-Parti l-oħra, bħall-allokazzjoni ta’ riżorsi jew kapital bil-għan li jitwaqqaf negozju, jew issir applikazzjoni għal permess jew liċenzja.

(j) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser persuna ġuridika tal-Unjoni jew persuna ġuridika tal-Vjetnam, stabbilita f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, jew tal-Vjetnam, rispettivament, u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi[1] fit-territorju tal-Unjoni jew tal-Vjetnam, rispettivament;

(k) "miżuri adottati jew miżmuma minn Parti" tfisser miżuri meħuda minn:

(i) gvernijiet u awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali; u

(ii) korpi mhux governattivi fl-eżerċitar tas-setgħat iddelegati mill-gvernijiet jew l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali;

(l) "persuna fiżika" tfisser persuna fiżika ta' Parti kif definita fis-subparagrafu (h) tal-Artikolu 1.5;

[1] Skont in-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), l-Unjoni tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni mnaqqax fl-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi". Għaldaqstant, għal persuna ġuridika stabbilita f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Vjetnam u li jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju tal-Vjetnam, l-Unjoni għandha testendi biss il-benefiċċji ta' dan il-Ftehim jekk dik il-persuna ġuridika jkollha rabta ekonomika effettiva u kontinwa mat-territorju tal-Vjetnam.

(m) “operazzjoni” tfisser, fir-rigward ta’ intrapriża, it-twettiq, il-ġestjoni, iż-żamma, l-użu, it-tgawdija, il-bejgħ jew forom oħrajn ta’ disponiment tal-intrapriża[1];

(n) “servizzi ta’ bejgħ u kummerċjalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru” tfisser opportunitajiet għat-trasportatur tal-ajru kkonċernat sabiex ibiegħ u jikkummerċjalizza liberament is-servizzi tiegħu tat-trasport bl-ajru, inklużi l-aspetti kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, bħalma huma r-riċerka tas-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni; dawk l-attivitajiet ma jinkludux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru u lanqas il-kundizzjonijiet applikabbli;

(o) “servizzi” jinkludu kwalunkwe servizz fi kwalunkwe settur, għajr is-servizzi pprovduti fl-eżerċitar ta’ awtorità governattiva;

(p) “servizzi pprovduti u attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar ta’ awtorità governattiva” tfisser servizzi pprovduti jew attivitajiet imwettqa la fuq bażi kummerċjali u lanqas fil-kompetizzjoni ma’ operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(q) “fornitur ta’ servizzi” ta’ Parti tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tipprovdi servizz; u

[1] Għal ċertezza akbar, din ma tinkludix il-passi li jseħħu fil-mument jew qabel jitlestew il-proċeduri meħtieġa għat-twaqqif tal-intrapriża relatata f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

(r) “sussidjarja” ta’ persuna ġuridika ta’ Parti tfisser persuna ġuridika li tkun ikkontrollata minn persuna ġuridika oħra ta’ dik il-Parti f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha[1].

2. Persuna ġuridika tkun:

(a) “proprjetà” ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta’ waħda mill-Partijiet jekk aktar minn 50 fil-mija tal-interessi azzjonarji fiha jkunu taħt is-sjieda benefiċjarja ta’ persuni ta’ dik il-Parti; jew

(b) “ikkontrollata” minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta’ waħda mill-Partijiet jekk tali persuni jkollhom is-setgħa li jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew li jidderieġu legalment b’xi mod ieħor l-azzjonijiet tagħha;

3. Minkejja d-definizzjoni ta’ “persuna ġuridika ta’ Parti” fis-subparagrafu 1(j), il-kumpaniji marittimi stabbiliti barra mill-Unjoni jew fil-Vjetnam u kkontrollati minn ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni jew tal-Vjetnam, rispettivament, għandhom ikunu koperti wkoll minn dan il-Kapitolu jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi rispettivi fi Stat Membru jew fil-Vjetnam u jtajru l-bandiera ta’ dak l-Istat Membru jew tal-Vjetnam, rispettivament.

[1] Għal ċertezza akbar, sussidjarja ta’ persuna ġuridika ta’ Parti tista’ tirreferi wkoll għal persuna ġuridika li tkun sussidjarja ta’ sussidjarja oħra ta’ persuna ġuridika ta’ dik il-Parti.

TAQSIMA B

IL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT

ARTIKOLU 8.3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti li jaffettwaw l-istabbiliment jew l-operat ta' intrapriża minn investitur tal-Parti l-oħra fit-territorju tal-Parti li tadotta jew iżżomm dawk il-miżuri.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) servizzi awdjoviżivi;

(b) it-tħaffir fil-minjieri, il-manifattura u l-ipproċessar[1] ta' materjali nukleari;

(c) il-produzzjoni ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew il-kummerċ tagħhom;

[1] Għal ċertezza akbar, l-ipproċessar ta' materjali nukleari jinkludi l-attivitajiet kollha inklużi fil-*Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha*, kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N 4, ISIC REV 3.1, 2002 kodiċi 2330.

(d) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[1];

(e) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali, skedati jew mhux skedati, u s-servizzi direttament relatati mal-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku, minbarra:

(i) is-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) is-servizzi fuq l-art;

u

(f) is-servizzi fornuti u l-attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar tal-awtorità governattiva.

[1] Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jikkostitwixxu kabotaġġ skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont din it-Taqsima jkopri t-trasportazzjoni ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jkun jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni jew fil-Vjetnam u port jew punt ieħor li jkun jinsab f'dak l-istess Stat Membru tal-Unjoni jew fil-Vjetnam, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst f'UNCLOS, u t-traffiku li joriġina u li jiġi fi tmiemu fl-istess port jew punt li jkun jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni jew fil-Vjetnam.

ARTIKOLU 8.4

Aċċess għas-Suq

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment u ż-żamma ta' intrapriża, kull Parti għandha tagħti trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet miftiehma u speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) jew 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament.

2. F'setturi fejn jitwettqu l-impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta' suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) jew 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament, huma definiti bħala:

(a) il-limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' intrapriżi li jistgħu jwettqu attività ekonomika speċifika, fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, drittijiet esklussivi jew ir-rekwiżiti ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) il-limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(c) il-limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' operazzjonijiet jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(d) il-limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini tal-limitu perċentwali massimu fuq l-ishma barranin jew il-valur totali ta' investiment barrani individwali jew kollettiv;

(e) il-miżuri li jillimitaw jew li jirrikjedu tipi speċifiċi ta' entitajiet legali jew impriżi konġunti li permezz tagħhom investitur tal-Parti l-oħra jista' jwettaq attività ekonomika; u

(f) il-limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li jistgħu jiġu impjegati minn investitur u li huma neċessarji għal, u direttament relatati ma', it-twettiq tal-attività ekonomika fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 8.5

Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi elenkati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) jew 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam) u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet u kwalifiki stabbiliti hemmhekk, kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-istabbiliment fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom.

2. Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi tagħhom[1], fir-rigward tal-operat ta' dawk l-intrapriżi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom.

[1] Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u tal-Artikolu 8.6 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), "intrapriżi tagħhom" tfisser intrapriżi ta' investituri ta' Parti li teżisti fit-territorju tal-Parti l-oħra fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew imwaqqfa jew akkwistati minn hemm 'il quddiem, li ġew stabbiliti f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli ta' dik il-Parti l-oħra.

3. Minkejja l-paragrafu 2 u, fil-każ tal-Vjetnam soġġett għall-Anness 8-C (Eżenzjoni għall-Vjetnam dwar Trattament Nazzjonali), Parti tista' tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-operat ta' intrapriża, sakemm tali miżura ma tkunx inkonsistenti mal-impenji stabbiliti fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament, meta tali miżura tkun:

(a) miżura li tiġi adottata fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew qabel;

(b) miżura msemmija fis-subparagrafu (a) li tkun qed titkompla, tiġi sostitwita jew emendata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm il-miżura ma tkunx inqas konsistenti mal-paragrafu 2 wara li titkompla, tiġi sostitwita jew emendata mill-miżura kif kienet teżisti qabel it-tkomplija, is-sostituzzjoni jew l-emendar tagħha; jew

(c) miżura li ma taqax taħt is-subparagrafi (a) jew (b), sakemm din ma tiġix applikata fir-rigward ta', jew b'mod li jikkawża telf jew dannu lil, l-intrapriżi stabbiliti fit-territorju tal-Parti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' tali miżura[1].

[1] Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, il-Partijiet jifhmu li jekk Parti tkun ipprevediet perjodu raġonevoli ta' introduzzjoni gradwali għall-implimentazzjoni ta' miżura jew jekk dik il-Parti tkun għamlet xi tentattiv ieħor sabiex tindirizza l-effetti tal-miżura fuq l-intrapriżi stabbiliti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżura, dawk il-fatturi għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżura tikkawżax telf jew dannu lill-intrapriżi magħmula qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżura.

ARTIKOLU 8.6

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi tagħhom, fir-rigward tal-operat tagħhom fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha ta' pajjiż terz u lill-intrapriżi tagħhom.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għas-setturi li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' komunikazzjoni, ħlief għas-servizzi postali u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(b) is-servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi;

(c) is-sajd u l-akkwakultura;

(d) il-forestrija u l-kaċċa; u

(e) it-tħaffir fil-minjieri, inkluż għaż-żejt u għall-gass.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux jinftiehem bħala li jobbliga lil Parti sabiex testendi għall-investituri tal-Parti l-oħra jew l-intrapriżi tagħhom il-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament mogħti skont kwalunkwe ftehim bilaterali, reġjonali jew multilaterali li daħal fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan Ftehim.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux jinftiehem bħala li jobbliga lil Parti sabiex testendi għall-investituri tal-Parti l-oħra jew l-intrapriżi tagħhom il-benefiċċju ta':

(a) kwalunkwe trattament mogħti skont kwalunkwe ftehim bilaterali, reġjonali jew multilaterali li jinkludi impenji sabiex jitneħħew sostanzjalment l-ostakoli kollha għall-operat tal-intrapriżi fost il-partijiet jew li jirrikjedi l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-partijiet f'settur ekonomiku wieħed jew aktar[1];

(b) kwalunkwe trattament li jirriżulta minn kwalunkwe ftehim internazzjonali sabiex tiġi evitata tassazzjoni doppja jew ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat kompletament jew prinċipalment mat-tassazzjoni; jew

(c) kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent ta' kwalifiki, liċenzji jew miżuri prudenzjali f'konformità mal-Artikolu VII tal-GATS jew l-Anness tiegħu dwar is-Servizzi Finanzjarji.

5. Għal ċertezza akbar, it-"trattament" imsemmi fil-paragrafu 1 ma jinkludix proċeduri jew mekkaniżmi ta' soluzzjoni għat-tilwim, bħal soluzzjoni ta' tilwim dwar investimenti bejn investituri u Stati, kif previst fi kwalunkwe ftehim bilaterali, reġjonali jew multilaterali ieħor. L-obbligi sostantivi fi ftehimiet bħal dawn minnhom infushom ma jikkostitwixxu ebda "trattament" u, b'hekk, ma jistgħux jitqiesu meta jiġi vvalutat ksur ta' dan l-Artikolu. Miżuri minn Parti skont dawk l-obbligi sostantivi għandhom jitqiesu bħala "trattament".

[1] Għal ċertezza akbar, il-Komunità Ekonomika ASEAN taqa' fi ħdan il-kunċett ta' ftehim reġjonali taħt dan is-subparagrafu.

6. Dan l-Artikolu għandu jiġi interpretat f'konformità mal-prinċipju ta' *ejusdem generis*[1].

ARTIKOLU 8.7

Skeda ta' Impenji Speċifiċi

Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din is-Subtaqsima u t-termini, il-limitazzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-kwalifiki msemmija fl-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq), 8.5 (Trattament Nazzjonali) u 8.8 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni) huma stabbiliti fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) jew 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament.

[1] Għal ċertezza akbar, dan il-paragrafu ma għandux jinftiehem bħala li jimpedixxi l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Ftehim, fejn xieraq, f'konformità mal-prinċipju ta' *ejusdem generis*.

ARTIKOLU 8.8

Rekwiżiti tal-Prestazzjoni

1. Fis-setturi elenkati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi rispettiva fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam) u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet u kwalifiki stabbiliti hemmhekk, Parti ma għandhiex timponi jew tinforza kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti li ġejjin li huma obbligatorji jew infurzabbli skont il-liġi domestika jew skont deċiżjonijiet amministrattivi, b'konnessjoni mal-istabbiliment jew l-operat ta' kwalunkwe intrapriża ta' investituri ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju tagħha sabiex:

(a) tesporta livell jew perċentwal partikolari ta' prodotti jew servizzi;

(b) tikseb livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(c) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti li jiġu manifatturati jew servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew sabiex takkwista prodotti jew servizzi minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(d) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali intrapriża;

(e) tirrestrinġi l-bejgħ ta' prodotti jew servizzi fit-territorju tagħha li tipproduċi jew tipprovdi tali intrapriża billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija;

(f) tittrasferixxi teknoloġija, proċess ta' produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil persuna fiżika jew intrapriżi fit-territorju tagħha; jew

(g) tforni esklussivament mit-territorju tal-Parti prodott li jiġi manifatturat jew servizz li jiġi pprovdut mill-intrapriża lejn suq reġjonali jew globali speċifiku.

2. Fis-setturi elenkati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi rispettiva tagħha fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam) u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet u kwalifiki stabbiliti hemmhekk, Parti ma għandhiex tikkundizzjona r-riċeviment jew ir-riċeviment kontinwu ta' vantaġġ, b'konnessjoni mal-istabbiliment jew l-operat ta' intrapriża ta' investitur ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju tagħha, fuq il-konformità ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin sabiex:

(a) tikseb livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(b) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil prodotti li jiġu manifatturati fit-territorju tagħha, jew sabiex takkwista prodotti mingħand produtturi fit-territorju tagħha;

(c) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali intrapriża; jew

(d) tirrestrinġi l-bejgħ ta' prodotti jew servizzi fit-territorju tagħha li tali intrapriża tipproduċi jew tipprovdi billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jinftiehem bħala li jimpedixxi lil Parti milli tikkundizzjona r-riċeviment jew ir-riċeviment kontinwu ta' vantaġġ b'konnessjoni ma' kwalunkwe intrapriża fit-territorju tagħha fuq il-konformità ma' rekwiżit għal-lokalizzazzjoni tal-produzzjoni, il-provvista ta' servizz, it-taħriġ jew l-impjieg ta' ħaddiema, il-kostruzzjoni jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew it-twettiq ta' riċerka u żvilupp fit-territorju tagħha.

4. Is-subparagrafu 1(f) ma għandux jinftiehem bħala li jimpedixxi l-applikazzjoni ta' rekwiżit impost jew impenn infurzat minn qorti, tribunal amministrattiv jew awtorità tal-kompetizzjoni, bil-għan li jiġi rrimedjat allegat ksur tad-drittijiet tal-kompetizzjoni.

5. Is-subparagrafi 1(a) sa 1(c), 2(a) u 2(b) ma japplikawx għar-rekwiżiti ta' kwalifiki għal prodotti jew servizzi fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-programmi ta' promozzjoni tal-esportazzjoni u għajnuna barranija.

6. Għal ċertezza akbar, is-subparagrafi 2(a) u 2(b) ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta fir-rigward tal-kontenut tal-prodotti neċessarji sabiex jikkwalifikaw għal tariffi preferenzjali jew kwoti preferenzjali.

7. Għal ċertezza akbar, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal kwalunkwe rekwiżit minbarra r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

8. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti f'konformità mas-subparagrafu 8(b) tal-Artikolu III tal-GATT 1994.

TAQSIMA C

IL-PROVVISTA TRANSFRUNTIERA TA' SERVIZZI

ARTIKOLU 8.9

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri tal-Partijiet li jaffettwaw il-provvista transfruntiera tas-setturi tas-servizzi kollha bl-eċċezzjoni ta':

(a) is-servizzi awdjoviżivi;

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali[1]; u

[1] Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jikkostitwixxu kabotaġġ skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont din it-Taqsima jkopri t-trasportazzjoni ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jkun jinsab fil-Vjetnam jew fi Stat Membru tal-Unjoni u port jew punt ieħor li jkun jinsab fil-Vjetnam jew f'dak l-istess Stat Membru tal-Unjoni, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif stabbilit fl-UNCLOS, u t-traffiku li joriġina u li jiġi fi tmiemu fl-istess port jew punt li jkun jinsab fil-Vjetnam jew fi Stat Membru tal-Unjoni.

(c) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali, skedati jew mhux skedati, u s-servizzi direttament relatati mal-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku, minbarra:

(i) is-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) is-servizzi fuq l-art.

ARTIKOLU 8.10

Aċċess għas-Suq

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-provvista transfruntiera ta' servizzi, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet miftiehma u speċifikati fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha.

2. F’setturi fejn jitwettqu l-impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta’ suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tagħha, huma definiti bħala:

(a) il-limitazzjonijiet fuq l-għadd ta’ fornituri tas-servizzi, fil-forma ta’ kwoti numeriċi, monopolji, fornituri ta’ servizzi esklussivi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) il-limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta’ tranżazzjonijiet jew assi ta’ servizz fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; u

(c) il-limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta’ operazzjonijiet ta’ servizz jew fuq il-kwantità totali ta’ produzzjoni ta’ servizz imfissra f’termini ta’ unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta’ kwoti jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 8.11

Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi elenkati fl-Iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tagħha u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni u kwalifika stabbiliti hemmhekk, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta’ servizzi tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-provvista transfruntiera ta’ servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li hija tagħti lis-servizzi u l-fornituri ta’ servizzi simili tagħha stess.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-forniturі tas-servizzi simili tagħha stess.

3. Trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti għandu jitqies bħala inqas favorevoli jekk jimmodifika l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-forniturі ta' servizzi tal-Parti meta mqabbla ma' servizzi jew forniturі ta' servizzi simili tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi preżunti skont dan l-Artikolu ma għandhomx jinftiehmu bħala li jirrikjedu li kwalunkwe Parti tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew tal-forniturі tas-servizzi rilevanti.

ARTIKOLU 8.12

Skeda ta' Impenji Speċifiċi

Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din it-Taqsima u t-termini, il-limitazzjonijiet, il-kundizzjonijiet u l-kwalifiki msemmija fl-Artikoli 8.10 (Aċċess għas-Suq) u 8.11 (Trattament Nazzjonali) huma stabbiliti fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha inklużi fl-Appendiċi 8-A-1 tal-Anness 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) jew fl-Appendiċi 8-B-1 tal-Anness 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament.

TAQSIMA D

PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI FIŻIĊI
GĦAL FINIJIET KUMMERĊJALI

ARTIKOLU 8.13

Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri ta' Parti dwar id-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' viżitaturi kummerċjali, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, bejjiegħa kummerċjali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "bejjiegħa kummerċjali" tfisser persuni fiżiċi li jkunu rappreżentanti ta' fornitur ta' prodotti jew servizzi ta' Parti li tkun qed tfittex id-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew prodotti, jew jidħlu fi ftehimiet sabiex ibigħu servizzi jew prodotti lil dak il-fornitur u li ma jinvolvux ruħhom fil-provvista tas-servizzi jew tal-prodotti; dawn ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali u ma jirċevux rimunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti, u lanqas ma huma aġenti li jitħallsu b'kummissjonijiet;

(b) "viżitaturi kummerċjali għall-finijiet ta' stabbiliment" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' intrapriża ta' tali persuna ġuridika, diment li ma joffrux jew ma jipprovdux servizzi jew li ma jinvolvu ruħhom f'ebda attività ekonomika oħra minbarra dik meħtieġa għall-finijiet ta' stabbiliment u li ma jirċevux rimunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;

(c) "fornituri ta' servizzi kuntrattwali" tfisser persuni fiżiċi impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti li mhijiex aġenzija għal servizzi ta' pjazzament u provvista ta' persunal, u lanqas ma taġixxi permezz ta' aġenzija bħal din, li ma tkunx ġiet stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt *bona fide*[1] sabiex tipprovdi servizzi b'konsumatur finali fil-Parti l-oħra, li jirrikjedu l-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f'dik il-Parti, bil-għan li jissodisfaw il-kuntratt sabiex jipprovdu servizzi;

(d) "professjonisti indipendenti" tfisser persuni fiżiċi involuti fil-provvista ta' servizz u stabbiliti bħala impjegati għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma kinux stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra u li kkonkludew kuntratt *bona fide*,[2] għajr permezz ta' aġenzija għas-servizzi ta' pjazzament u forniment ta' persunal sabiex jipprovdu servizzi b'konsumatur finali fil-Parti l-oħra, li jirrikjedu l-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-Parti, bil-għan li jissodisfaw il-kuntratt sabiex jipprovdu servizzi;

---

[1] Il-kuntratt ta' servizzi għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti u mar-rekwiżiti tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

[2] Il-kuntratt tas-servizz għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti u mar-rekwiżiti tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

(e) "ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali" tfisser kwalunkwe persuni fiżiċi li kienu impjegati minn persuna ġuridika jew fergħa tagħha jew li kienu msieħba fiha għal mill-inqas sena u li jiġu ttrasferiti temporanjament lil intrapriża tal-persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra, diment li l-persuna fiżika kkonċernata tkun tappartjeni għall-kategoriji ta' maniġers jew uffiċjali eżekuttivi, speċjalisti jew impjegati apprendisti;

(f) "maniġers jew uffiċjali eżekuttivi" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti, li primarjament jidderieġu l-ġestjoni tal-intrapriża[1] fil-Parti l-oħra, u li jkunu qegħdin jirċievu superviżjoni jew direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew mill-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inklużi mill-inqas:

(i) dawk li jmexxu l-intrapriża jew dipartiment jew suddiviżjoni tagħha;

(ii) dawk li jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħrajn; u

(iii) dawk li għandhom awtorità personali li jirreklutaw u jkeċċu jew li jirrakkomandaw ir-reklutaġġ, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħrajn relatati mal-persunal;

[1] Għal ċertezza akbar, filwaqt li l-maniġers jew l-uffiċjali eżekuttivi ma jwettqux direttament il-kompiti li jikkonċernaw il-provvista attwali tas-servizzi, dan ma jwaqqafhomx, matul l-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom, milli jwettqu tali kompiti skont kif meħtieġ għall-provvista tas-servizzi.

(g) “kwalifiki” tfisser diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta’ kwalifika formali maħruġa minn awtorità maħtura skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi u li jiċċertifikaw it-tlestija b’suċċess ta’ taħriġ professjonali;

(h) “speċjalisti” tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika b’għarfien speċjalizzat essenzjali għall-oqsma ta’ attività, it-tekniki jew il-ġestjoni tal-istabbilimenti; meta jiġi vvalutat tali għarfien, għandu jittieħed kont mhux biss tal-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll ta’ jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta’ kwalifiki, inkluża esperjenza professjonali adegwata li tirreferi għal tip ta’ xogħol jew ta’ attività li jirrikjedu għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija possibbli ta’ professjoni akkreditata; u

(i) “impjegati apprendisti” tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika jew fergħa tagħha għal mill-inqas sena, li jkollhom lawrja universitarja u li jkunu ttrasferiti temporanjament għal finijiet ta’ żvilupp tal-karriera jew sabiex jiksbu taħriġ f’tekniki jew metodi tan-negozju[1].

[1] L-intrapriża benefiċjarja tista’ tkun meħtieġa tippreżenta programm ta’ taħriġ li jkopri t-tul tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, li juri li l-iskop tas-soġġorn huwa t-taħriġ. Għar-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Ungerija u l-Awstrija, it-taħriġ irid ikun marbut mal-lawrja universitarja li tkun inkisbet.

ARTIKOLU 8.14

Viżitaturi Kummerċjali u Ħaddiema bi Trasferiment Intra-Ażjendali

1. Għas-setturi liberalizzati f'konformità mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment), kull Parti għandha tippermetti lill-investituri tal-Parti l-oħra li jimpjegaw fl-intrapriżi tagħhom persuni fiżiċi ta' dik il-Parti l-oħra, diment li tali impjegati jkunu viżitaturi kummerċjali jew ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali[1].

2. Id-dħul u s-soġġorn temporanju għandhom ikunu:

(a) għal maniġers jew uffiċjali eżekuttivi, perjodu sa massimu ta' tliet snin;

(b) għal speċjalisti, perjodu sa massimu ta' tliet snin;

(c) għal impjegati apprendisti, perjodu sa massimu ta' sena; u

(d) għal viżitaturi kummerċjali għall-finijiet ta' stabbiliment, perjodu sa massimu ta' 90 jum[2].

[1] Għall-Vjetnam, l-obbligi li joħorġu minn din it-Taqsima fir-rigward tal-impjegati apprendisti għandhom jidħlu fis-seħħ tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

[2] Għall-Unjoni, il-perjodu sa massimu ta' 90 jum għandu jkun fi ħdan kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

3. Għal kull settur liberalizzat f'konformità mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment), Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, fuq il-bażi ta' suddiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha, limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li investitur jista' jimpjega bħala viżitaturi kummerċjali għall-finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali f'settur speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi jew rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u bħala limitazzjonijiet diskriminatorji, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-Appendiċi 8-A-3 tal-Anness 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u fl-Appendiċi 8-B-2 tal-Anness 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament.

ARTIKOLU 8.15

Bejjiegħa Kummerċjali

Għal kull settur liberalizzat f'konformità mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment) jew mat-Taqsima C (Provvista Transfruntiera ta' Servizzi) u soġġetta għal kwalunkwe waħda mir-riżervi elenkati fl-Appendiċi 8-A-3 tal-Anness 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u fl-Appendiċi 8-B-2 tal-Anness 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' bejjiegħa kummerċjali għal perjodu sa massimu ta' 90 jum[1].

[1] Għall-Unjoni, il-perjodu sa massimu ta' 90 jum għandu jkun fi ħdan kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

ARTIKOLU 8.16

Fornituri ta’ Servizzi Kuntrattwali

1. Il-Partijiet jaffermaw l-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mill-impenji tagħhom skont il-GATS fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju ta’ fornituri ta’ servizzi kuntrattwali.

2. Kull Parti għandha tippermetti l-provvista ta’ servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri ta’ servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra, soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3 u kwalunkwe riżervi elenkati fl-Appendiċi 8-A-3 tal-Anness 8-A (L-Iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u fl-Appendiċi 8-B-2 tal-Anness 8-B (L-Iskeda ta’ Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam), rispettivament, għas-setturi jew subsetturi li ġejjin:

(a) is-servizzi arkitettoniċi;

(b) is-servizzi tal-ippjanar urban u tal-arkitettura tal-pajsaġġi;

(c) is-servizzi tal-inġinerija;

(d) is-servizzi tal-inġinerija integrata;

(e) is-servizzi tal-informatika u dawk relatati;

(f) is-servizzi tal-edukazzjoni għolja (servizzi ffinanzjati mill-privat biss);

(g) it-taħriġ f'lingwi barranin; u

(h) is-servizzi ambjentali.

3. L-impenji li jidħlu għalihom il-Partijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni fiżiċi għandhom jiġu involuti fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' persuna ġuridika, li tkun kisbet kuntratt ta' servizz ta' mhux aktar minn 12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra għandhom ikunu qegħdin joffru dawn is-servizzi bħala impjegati tal-persuna ġuridika li tipprovdi s-servizzi għal mill-inqas sentejn immedjatament qabel id-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra u, barra minn hekk, il-persuni fiżiċi għandu jkollhom, fid-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali[1] fis-settur ta' attività li huwa s-suġġett tal-kuntratt;

[1] Għal ċertezza akbar, dan il-perjodu jiġi kkalkolat wara li l-persuni fiżiċi jkunu laħqu l-età maġġuri.

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra għandu jkollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[1]; u

(ii) kwalifiki professjonali fil-każ li dawn ikunu meħtieġa sabiex tiġi eżerċitata attività skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti ġuridiċi tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz;

(d) il-persuna fiżika ma għandhiex tirċievi rimunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-Parti l-oħra minbarra r-rimunerazzjoni mħallsa mill-persuna ġuridika li timpjega l-persuna fiżika;

(e) id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi fil-Parti kkonċernata għandhom ikunu għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur[2] jew sakemm idum il-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-inqas;

(f) l-aċċess mogħti skont dan l-Artikolu huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titolu professjonali tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz;

---

[1] Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk din il-lawrja jew il-kwalifika hijiex ekwivalenti għal lawrja universitarja rikjesta fit-territorju tagħha.

[2] Għall-Unjoni, il-perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur għandu jkun fi ħdan kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

(g) l-għadd ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli jkun meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat il-kuntratt, kif jista' jkun rikjest mil-liġijiet u mir-regolamenti jew miżuri oħrajn tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz; u

(h) limitazzjonijiet diskriminatorji oħrajn, inkluż fuq l-għadd ta' persuni fiżiċi fil-forma ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, speċifikati fl-Appendiċi 8-A-3 tal-Anness 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u fl-Appendiċi 8-B-2 tal-Anness 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam).

ARTIKOLU 8.17

Professjonisti Indipendenti

Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jirrevedu din it-Taqsima sabiex jikkunsidraw li jistabbilixxu l-modalitajiet li jestendu d-dispożizzjonijiet fiha għall-professjonisti indipendenti.

TAQSIMA E

QAFAS REGOLATORJU

SUBTAQSIMA 1

REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA

ARTIKOLU 8.18

Kamp ta’ Applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tapplika għall-miżuri meħuda mill-Partijiet b’rabta mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-ħruġ ta’ liċenzji, mar-rekwiżiti tal-kwalifiki u mal-proċeduri li jaffettwaw:

(a) il-provvista transfruntiera ta’ servizzi;

(b) l-istabbiliment u ż-żamma ta’ persuni ġuridiċi jew fiżiċi; u

(c) is-soġġorn temporanju fit-territorji rispettivi tagħhom ta’ kategoriji ta’ persuni fiżiċi.

2. Din is-Subtaqsima tapplika biss għal setturi li għalihom Parti daħlet għal impenji speċifiċi u sal-punt li japplikaw dawn l-impenji speċifiċi.

3. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għal miżuri safejn dawn jikkostitwixxu limitazzjonijiet kif skedati skont l-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq), 8.5 (Trattament Nazzjonali), 8.10 (Aċċess għas-Suq) jew 8.11 (Trattament Nazzjonali).

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe gvern jew awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali jew korp mhux governattiv fl-eżerċitar tas-setgħat iddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, li tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz, inkluż permezz ta' stabbiliment, jew inkella dwar l-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' attività ekonomika, għajr servizzi.

(b) "proċeduri ta' ħruġ ta' liċenzji" tfisser regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika jew ġuridika, li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni sabiex twettaq l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż l-emendar jew it-tiġdid ta' liċenzja, trid tosserva sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti għall-ħruġ tal-liċenzji;

(c) "rekwiżiti għall-ħruġ tal-liċenzji" tfisser rekwiżiti sostantivi, għajr rekwiżiti ta' kwalifika, li magħhom persuna fiżika jew ġuridika hija meħtieġa li tikkonforma sabiex tikseb, temenda jew iġġedded l-awtorizzazzjoni sabiex twettaq l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1;

(d) “proċeduri ta’ kwalifika” tfisser ir-regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika trid tosserva sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta’ kwalifika, bil-għan li tikseb awtorizzazzjoni sabiex tipprovdi servizz; u

(e) “rekwiżiti ta’ kwalifika” tfisser rekwiżiti sostantivi marbuta mal-kompetenza ta’ persuna fiżika sabiex tipprovdi servizz, u li jenħtieġ li jintwerew bil-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni sabiex jiġi pprovdut servizz.

ARTIKOLU 8.19

Il-Kundizzjonijiet tal-Ħruġ tal-Liċenzji u l-Kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri marbuta mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji, kif ukoll ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta’ kwalifika jkunu bbażati fuq kriterji li huma:

(a) ċari;

(b) oġġettivi u trasparenti; u

(c) stabbiliti minn qabel u aċċessibbli għall-pubbliku u għall-persuni interessati.

2. Awtorizzazzjoni jew liċenzja għandha, soġġetta għad-disponibbiltà, tingħata hekk kif jiġi stabbilit, abbażi ta' eżami xieraq, li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni jew liċenzja.

3. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi li jipprevedu, fuq it-talba ta' investitur jew fornitur ta' servizzi affettwat, rieżami fil-pront ta', u fejn ikun ġustifikat, rimedji xierqa għal, deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, il-provvista transfruntiera ta' servizzi jew il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali. Meta dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-awtorità fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri jipprevedu rieżami oġġettiv u imparzjali.

Dan il-paragrafu ma għandux jinftiehem bħala li jitlob lil xi Parti tistabbilixxi tribunali jew proċeduri bħal dawn fejn dan ikun inkonsistenti mal-istruttura kostituzzjonali tagħha jew man-natura tas-sistema legali tagħha.

ARTIKOLU 8.20

Proċeduri ta' Ħruġ ta' Liċenzji u Kwalifika

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' ħruġ ta' liċenzji u ta' kwalifika minnhom infushom ma għandhomx jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-provvista ta' servizz jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel tali proċeduri u formalitajiet sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhiex tikkomplika jew iddewwem mingħajr bżonn il-forniment tas-servizz. Kwalunkwe miżati għall-ħruġ ta' liċenzji[1] li jistgħu jġarrbu l-applikanti mill-applikazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu raġonevoli u minnhom infushom ma għandhomx jirrestringu l-provvista tas-servizz rilevanti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti u l-proċeduri li jintużaw minnha fil-proċess ta' ħruġ ta' liċenzji jew awtorizzazzjoni jkunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'mod indipendenti u ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe persuna li tipprovdi s-servizzi jew li twettaq l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom hija meħtieġa l-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni.

3. F'każ li jkunu jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet fil-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti, applikant għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tagħti bidu għall-ipproċessar ta' applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Fejn possibbli, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati f'format elettroniku skont l-istess kundizzjonijiet ta' awtentiċità bħas-sottomissjonijiet fuq karti.

[1] Il-miżati għall-ħruġ tal-liċenzji ma jinkludux pagamenti għall-irkant, għas-sejħiet għall-offerti jew mezzi mhux diskriminatorji oħrajn għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-provvista ta' servizz universali.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni, inkluż meta tittieħed deċiżjoni finali, jitlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara d-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompleta. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tistabbilixxi perjodu ta' żmien normali għall-ipproċessar ta' applikazzjoni.

5. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tkun irċeviet applikazzjoni li hija tqis bħala inkompleta, tidentifika, safejn ikun fattibbli, l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex titlesta l-applikazzjoni, u tipprovdi l-opportunità sabiex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet.

6. Għandhom jiġu aċċettati kopji awtentikati, kull fejn possibbli, minflok id-dokumenti oriġinali.

7. Jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-awtorità kompetenti, l-applikant għandu jiġi informat bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed. Fil-prinċipju, l-applikant għandu, fuq talba formali, jiġi informat ukoll bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni. Applikant għandu jkun permess, f'limiti ta' żmien raġonevoli, li jerġa' jippreżenta applikazzjoni.

8. Kull Parti għandha tiżgura li liċenzja jew awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

SUBTAQSIMA 2

DISPOŻIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

ARTIKOLU 8.21

Ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali

1. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li jimpedixxi lil Parti milli titlob li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali meħtieġa speċifikati fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur ta' attività kkonċernat.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi professjonali rilevanti jew lill-awtoritajiet rispettivi, kif xieraq, fit-territorji rispettivi tagħhom sabiex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjoni konġunta dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali lill-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati). Tali rakkomandazzjoni konġunta għandha tkun sostnuta b'evidenza ta':

(a) il-valur ekonomiku ta' ftehim previst dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku"); u

(b) il-kompatibbiltà tar-reġimi rispettivi, bħall-punt safejn huma kompatibbli l-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-ħruġ tal-liċenzji, l-operat u ċ-ċertifikazzjoni tal-imprendituri u tal-fornituri tas-servizzi.

3. Malli jirċievi rakkomandazzjoni konġunta, il-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku għandu, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jeżamina mill-ġdid ir-rakkomandazzjoni konġunta bil-għan li jiddetermina jekk din hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Meta, abbażi tal-informazzjoni prevista fil-paragrafu 2, ir-rakkomandazzjoni konġunta tkun instabet li hija konsistenti ma' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinnegozjaw, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew in-nominati awtorizzati minn xi Parti, Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku.

SUBTAQSIMA 3

SERVIZZI TAL-INFORMATIKA

ARTIKOLU 8.22

Qbil dwar is-Servizzi tal-Informatika

1. Sal-punt li l-kummerċ fis-servizzi tal-informatika jkun liberalizzat f'konformità mat-Taqsima B (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment), mat-Taqsima C (Il-Provvista Transfruntiera ta' Servizzi) u mat-Taqsima D (Il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet Kummerċjali), il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 2 sa 4.

2. Il-Partijiet jifhmu li s-CPC[1] 84, li huwa l-kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti li jintuża sabiex jiddeskrivi s-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati, ikopri l-funzjonijiet bażiċi li jintużaw sabiex jiġu pprovduti s-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati kollha. L-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal żieda fl-offerta ta' dawn is-servizzi bħala grupp jew pakkett ta' servizzi relatati li jistgħu jinkludu xi wħud minn dawn il-funzjonijiet bażiċi jew kollha kemm huma. Pereżempju, servizzi bħalma huma web hosting jew domain hosting, servizzi ta' estrazzjoni tad-*data* u grid computing jikkonsistu minn kombinazzjoni ta' funzjonijiet bażiċi ta' servizzi tal-informatika.

[1] CPC tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti ('Central Products Classification') kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991.

3. Is-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati, irrispettivament minn jekk jiġux pprovduti permezz ta' netwerk, inkluż l-Internet, jinkludu s-servizzi kollha li jipprovdu:

(a) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornar, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuters;

(b) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornar, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' jew għall-programmi tal-kompjuters;

(c) ipproċessar ta' *data*, ħażna ta' *data*, 'hosting' ta' *data* jew servizzi ta' bażi tad-*data*;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji, inklużi kompjuters; jew

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, b'rabta ma' programmi tal-kompjuters, kompjuters jew sistemi tal-kompjuters, u li ma jkunux ikklassifikati xi mkien ieħor.

4. Il-Partijiet jifhmu li, f'ħafna każijiet, is-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati jippermettu l-forniment ta' servizzi oħrajn[1] kemm b'mezzi elettroniċi kif ukoll b'mezzi oħrajn. F'dawn il-każijiet, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn is-servizzi tal-informatika u s-servizzi relatati, bħal web-hosting jew application hosting, u s-servizz l-ieħor permess mis-servizz tal-informatika u mis-servizz relatat. Is-servizz l-ieħor, irrispettivament minn jekk huwiex permess minn servizz tal-informatika u servizz relatat, mhuwiex kopert mis-CPC 84.

SUBTAQSIMA 4

SERVIZZI POSTALI[2]

ARTIKOLU 8.23

Prevenzjoni ta' Prattiki Antikompetittivi fis-Settur tas-Servizzi Postali

Kull Parti għandha żżomm jew tintroduċi miżuri xierqa bl-iskop li l-forniturі li, weħidhom jew flimkien, ikollhom il-kapaċità li jaffettwaw b'mod materjali t-termini tal-parteċipazzjoni fis-swieq rilevanti għas-servizzi postali bħala riżultat tal-użu tal-pożizzjoni tagħhom fis-suq, jitwaqqfu milli jinvolvu ruħhom fi jew ikomplu jwettqu prattiki antikompetittivi.

---

[1] Eż., W/120.1.A.b. (servizzi ta' kontabbiltà, awditjar u żamma tal-kotba), W/120.1.A.d (servizzi arkitettorali), W/120.1.A.h (servizzi mediċi u dentali), W/120.2.D (servizzi awdjoviżivi), W/120.5. (servizzi edukattivi).

[2] Din is-Subtaqsima tapplika kemm għal CPC 7511 kif ukoll għal CPC 7512.

ARTIKOLU 8.24

Liċenzji

1. Meta Parti tkun teħtieġ liċenzja għall-provvista ta' servizzi postali, hija għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) il-kriterji kollha tal-ħruġ ta' liċenzji u l-perjodu ta' żmien normalment meħtieġ sabiex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja; u

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet ta' liċenzja bħal din.

2. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja għandhom jiġu nnotifikati lill-applikant fuq talba u għandha tiġi stabbilita proċedura ta' appelli permezz ta' korp regolatorju rilevanti. Il-proċedura tal-appelli għandha tkun trasparenti, mhux diskriminatorja u bbażata fuq kriterji oġġettivi.

ARTIKOLU 8.25

Awtorità Regolatorja Postali

Il-korp regolatorju għandu jkun separat minn, u mhux responsabbli lejn, kwalunkwe fornitur ta' servizzi postali. Id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju u l-proċeduri li jintużaw minnu għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq.

SUBTAQSIMA 5

NETWERKS U SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

ARTIKOLU 8.26

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-provvista ta' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, liberalizzati skont it-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment), it-Taqsima C (Il-Provvista Transfruntiera ta' Servizzi) u t-Taqsima D (Il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet Kummerċjali).

2. Din is-Subtaqsima ma tapplika għall-ebda miżura adottata jew miżmuma minn Parti b'rabta max-xandir[1] jew mad-distribuzzjoni bil-kejbil ta' programmar tar-radju jew tat-televiżjoni.

[1] "Xandir" għandu jiġi definit kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti rilevanti ta' kull Parti. Għal ċertezza akbar, ix-xandir ma jkoprix ir-rabtiet ta' kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

ARTIKOLU 8.27

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) “utent finali” tfisser konsumatur ta’ servizz finali jew fornitur ta’ servizz finali li lilu jiġi pprovdut netwerk jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni, għajr għall-użu fil-provvista ulterjuri ta’ netwerk jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni;

(b) “faċilitajiet essenzjali” tfisser faċilitajiet ta’ netwerk u servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni li:

(i) jiġu pprovduti b’mod esklussiv jew predominanti minn fornitur wieħed jew minn għadd limitat ta’ fornituri; u

(ii) b’mod fattibbli ma jistgħux jiġu sostitwiti ekonomikament jew teknikament sabiex jiġi pprovdut servizz;

(c) “interkonnessjoni” tfisser il-konnessjoni mal-fornituri li jipprovdu servizz pubbliku ta’ trasport tat-telekomunikazzjoni sabiex l-utenti ta’ fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti ta’ fornitur ieħor u jkollhom aċċess għas-servizzi pprovduti minn fornitur ieħor;

(d) “fornitur ewlieni” tfisser fornitur ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jkollu l-kapaċità li jaffettwa b’mod materjali t-termini tal-parteċipazzjoni, filwaqt li jikkunsidra l-prezz u l-provvista, fis-suq rilevanti għas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bħala riżultat tal-kontroll fuq il-faċilitajiet essenzjali jew l-użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq;

(e) “portabbiltà tan-numru” tfisser il-kapaċità tal-utenti finali tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jitolbu sabiex iżommu, fl-istess post, l-istess numri tat-telefon meta jaqilbu bejn l-istess kategorija ta’ fornituri ta’ servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni;

(f) “netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser netwerk tat-telekomunikazzjoni li Parti tkun teħtieġ sabiex tipprovdi servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bejn punti definiti ta’ terminazzjoni tan-netwerk;

(g) “servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni” tfisser kwalunkwe servizz tat-telekomunikazzjoni li Parti titlob, espliċitament jew effettivament, li jiġi offrut lill-pubbliku b’mod ġenerali;

(h) “awtorità regolatorja” fis-settur tat-telekomunikazzjoni tfisser il-korp jew il-korpi li ġew inkarigati minn Parti bir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjoni;

(i) “netwerk tat-telekomunikazzjoni” tfisser sistemi ta’ trażmissjoni u, fejn applikabbli, tagħmir ta’ switching jew routing u riżorsi oħrajn, inklużi elementi tan-netwerk li mhumiex attivi, li jippermettu t-twassil ta’ sinjali permezz ta’ wajer, radju, mezzi ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn;

(j) “servizzi ta’ telekomunikazzjoni” tfisser is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċeviment ta’ sinjali elettromanjetiċi, iżda jeskludu s-servizzi tax-xandir u l-attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu fil-forniment ta’ kontenut li jirrikjedi t-telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu; u

(k) “utent” tfisser konsumatur ta’ servizz jew fornitur ta’ servizz.

ARTIKOLU 8.28

Awtorità Regolatorja

1. L-awtorità regolatorja għandha tkun separata minn, u mhux responsabbli lejn, kwalunkwe fornitur ta’ netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

2. Id-deċiżjonijiet tar-regolaturi u l-proċeduri li jintużaw minnhom għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq. Għal dak l-għan, Parti li żżomm is-sjieda jew il-kontroll tal-forniturі ta’ netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet, id-deċiżjonijiet jew il-miżuri regolatorji meħuda mill-awtorità regolatorja fir-rigward ta’ forniturі bħal dawn ma jiddiskriminawx kontra kwalunkwe wieħed mill-kompetituri tagħhom u, b’riżultat ta’ dan, ma jpoġġuhomx f’xi żvantaġġ materjali.

3. L-awtorità regolatorja għandu jkollha setgħa suffiċjenti sabiex tirregola s-settur u jkollha riżorsi umani u finanzjarji adegwati sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha.

4. Il-kompiti li jitwettqu minn awtorità regolatorja għandhom jiġu magħmula pubbliċi f’forma faċilment aċċessibbli u ċara, b’mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

5. Is-setgħat tal-awtorità regolatorja għandhom jiġu eżerċitati b'mod trasparenti u f'waqtu.

6. L-awtoritajiet regolatorji għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw li l-fornituri ta' netwerks u servizzi tat-telekomunikazzjoni jipprovdulhom, minnufih u jekk jintalbu, l-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni finanzjarja, li hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet regolatorji jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità ma' din is-Subtaqsima. L-informazzjoni mitluba ma għandhiex tkun aktar minn dik meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kompiti tal-awtoritajiet regolatorji u għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

ARTIKOLU 8.29

Awtorizzazzjoni għall-Provvista ta' Netwerks u Servizzi tat-Telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji jkunu disponibbli għall-pubbliku, inklużi:

(a) il-kriterji, it-termini, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri kollha tal-ħruġ tal-liċenzji li hija tapplika; u

(b) perjodu ta' żmien raġonevoli li normalment ikun meħtieġ sabiex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja.

2. Kull Parti għandha tiżgura li applikant jirċievi bil-miktub, fuq talba, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' liċenzja.

3. L-applikant għal liċenzja għandu jkun jista' jfittex rikors quddiem korp ta' appell f'każ li liċenzja tkun ġiet miċħuda.

4. Kwalunkwe miżati għall-ħruġ ta' liċenzji[1] li jistgħu jġarrbu l-applikanti mill-applikazzjoni tagħhom sabiex jiksbu liċenzja għandhom ikunu raġonevoli u minnhom infushom ma għandhomx jirrestringu l-provvista tas-servizz.

ARTIKOLU 8.30

Riżorsi Skarsi

1. Kwalunkwe proċedura għall-allokazzjoni u l-użu ta' riżorsi skarsi, inklużi l-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet tal-passaġġ, għandha titwettaq b'mod oġġettiv, f'waqtu, trasparenti u mhux diskriminatorju.

2. L-istat attwali tal-meded tal-frekwenza allokati għandu jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku, iżda ma hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-ispettru tar-radju allokat għall-użi governattivi speċifiċi.

[1] Il-miżati għall-ħruġ tal-liċenzji ma jinkludux pagamenti għall-irkant, għas-sejħiet għall-offerti jew mezzi mhux diskriminatorji oħrajn għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-provvista ta' servizz universali.

3. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni u l-assenjazzjoni tal-ġestjoni tal-ispettru u tal-frekwenza mhumiex miżuri li minnhom infushom huma inkonsistenti mal-Artikolu 8.4 (Aċċess għas-Suq), mal-Artikoli 8.8 (Rekwiżiti tal-Prestazzjoni) u mal-Artikolu 8.10 (Aċċess għas-Suq). Għaldaqstant, kull Parti żżomm id-dritt tagħha li teżerċita l-politiki tagħha dwar il-ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza, li jistgħu jaffettwaw in-numru ta' fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, sakemm dan isir b'mod konsistenti ma' dan il-Kapitolu. Il-Partijiet iżommu wkoll id-dritt li jallokaw meded ta' frekwenzi b'mod li jqis il-ħtiġijiet eżistenti u futuri.

ARTIKOLU 8.31

Aċċess għan-Netwerks u s-Servizzi Pubbliċi tat-Telekomunikazzjoni u l-Użu Tagħhom

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri tas-servizzi kollha tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess għal, u l-użu ta', kwalunkwe netwerk u servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni ta' fornitur ewlieni[1], inklużi ċirkwiti mikrija privatament, offruti fit-territorju jew bejn il-fruntieri ta' dik il-Parti fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli, mhux diskriminatorji u trasparenti, inkluż kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-ħatra ta' fornitur ta' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bħala fornitur ewlieni għandha tkun konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri domestiċi ta' kull Parti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jitolbu li jkollhom aċċess għan-netwerk ta' fornitur ewlieni jkunu permessi li:

(a) jixtru jew jikru, u jwaħħlu terminal jew tagħmir ieħor li jkollu interfaċċi man-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjoni;

(b) jinterkonnettjaw iċ-ċirkwiti mikrija jew li huma proprjetà tal-privat ma' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha, jew bejn il-fruntieri tagħha, jew inkella ma' ċirkwiti mikrija jew li huma proprjetà ta' fornituri ta' servizzi oħrajn; u

(c) jużaw protokolli operattivi tal-għażla tagħhom, għajr kif meħtieġ sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tan-netwerks u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni lill-pubbliku b'mod ġenerali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri tas-servizzi kollha tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni fit-territorju tagħha jew bejn il-fruntieri tagħha, inkluż għall-komunikazzjonijiet intra-ażjendali ta' tali fornituri tas-servizzi u għall-aċċess għall-informazzjoni li tkun tinsab f'bażijiet ta' *data* jew maħżuna b'mod ieħor f'forma li tista' tinqara minn magna fit-territorju ta' kwalunkwe Parti. Kwalunkwe miżura ġdida jew emendata ta' Parti li taffettwa b'mod sinifikanti dan l-użu għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor fil-proċess tan-negozjar tal-aċċess jużaw dik l-informazzjoni biss għall-iskop li għalih tkun ingħatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa jew maħżuna.

ARTIKOLU 8.32

Interkonnessjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għandu jkollhom id-dritt u, meta jintalbu minn fornitur ieħor, l-obbligu, li jinnegozjaw interkonnessjoni ma' xulxin bl-iskop li jipprovdu netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor fil-proċess tan-negozjar tal-arranġamenti tal-interkonnessjoni jużaw dik l-informazzjoni biss għall-iskop li għalih tkun ingħatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa jew maħżuna.

3. Għas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, kull Parti għandha tiżgura l-interkonnessjoni ma' fornitur[1] ewlieni fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-netwerk. Tali interkonnessjoni għandha tiġi pprovduta:

(a) skont termini, kundizzjonijiet (inkluż fir-rigward ta' standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u rati mhux diskriminatorji, u ta' kwalità mhux inqas favorevoli minn dik ipprovduta għal tali servizzi simili ta' fornitur ewlieni, għal servizzi simili ta' fornituri mhux affiljati jew għas-sussidjarji jew affiljati oħrajn tagħha;

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-ħatra ta' fornitur ta' netwerks u servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bħala fornitur ewlieni għandha tkun konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri domestiċi ta' kull Parti.

(b) b'mod f'waqtu, skont termini, kundizzjonijiet (inkluż fir-rigward ta' standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u rati orjentati lejn il-kost li jkunu trasparenti, raġonevoli, li jqisu l-fattibbiltà ekonomika u li jkunu diżaggregati biżżejjed sabiex il-fornitur ma jkollux bżonn iħallas għal komponenti jew faċilitajiet tan-netwerk li ma jkunx jeħtieġ sabiex jiġi pprovdut is-servizz; u

(c) meta tintalab, f'punti minbarra l-punti tat-terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-utenti, soġġetta għal ħlasijiet li jkunu jirriflettu l-kost tal-kostruzzjoni tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

4. Il-proċeduri applikabbli għal interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni għandhom jiġu magħmula disponibbli għall-pubbliku.

5. Il-forniturі ewlenin għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom jew l-offerti ta' interkonnessjoni ta' referenza tagħhom, fejn xieraq.

ARTIKOLU 8.33

Salvagwardji Kompetittivi fuq Forniturі Ewlenin

Il-Partijiet għandhom jintroduċu jew iżommu miżuri xierqa sabiex jimpedixxu lill-forniturі li, weħidhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, milli jinvolvu ruħhom fi jew ikomplu prattiki antikompetittivi. Dawn il-prattiki antikompetittivi fit-territorji tagħhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) l-involviment f'sussidjar reċiproku antikompetittiv;

(b) l-użu ta’ informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b’riżultati antikompetittivi; u

(c) in-nuqqas ta’ tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ fornituri ta’ servizzi oħrajn ta’ informazzjoni teknika f’waqtha dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment rilevanti li huma jkollhom bżonn sabiex jipprovdu s-servizzi.

ARTIKOLU 8.34

Servizz Universali

1. Kull Parti għandu jkollha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta’ obbligu ta’ servizz universali li tixtieq iżżomm. Kull Parti għandha tamministra kwalunkwe obbligu ta’ servizz universali li hija żżomm b’mod trasparenti, mhux diskriminatorju u kompetittivament newtrali u għandha tiżgura li l-obbligu ta’ servizz universali tagħha ma jkunx ta’ piż aktar milli meħtieġ għat-tip ta’ servizz universali definit minnha.

2. Il-ħatra ta’ fornituri ta’ servizzi universali għandha ssir permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti u mhux diskriminatorju.

ARTIKOLU 8.35

Portabilità tan-Numri

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdu portabbiltà tan-numru għas-servizzi mobbli u għal kwalunkwe servizz ieħor iddeżinjat minn dik il-Parti, sal-punt li jkun teknikament u ekonomikament fattibbli, b'mod f'waqtu u b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

ARTIKOLU 8.36

Kunfidenzjalità tal-Informazzjoni

Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-*data* tat-telekomunikazzjoni u tat-traffiku relatat permezz ta' netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjoni u servizzi tat-telekomunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku mingħajr ma tillimita l-kummerċ ta' servizzi.

ARTIKOLU 8.37

Soluzzjoni ta’ Tilwim dwar it-Telekomunikazzjoni

1. F’każ ta’ tilwima li tinqala’ bejn fornituri ta’ netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni b’konnessjoni mad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn din is-Subtaqsima, l-awtorità regolatorja kkonċernata għandha, meta tintalab minn kwalunkwe parti kkonċernata, toħroġ deċiżjoni vinkolanti sabiex issolvi t-tilwima fl-iqsar żmien possibbli u, fi kwalunkwe każ, f’perjodu ta’ żmien raġonevoli, għajr f’ċirkostanzi eċċezzjonali.

2. Meta tilwima msemmija fil-paragrafu 1 tkun tikkonċerna l-provvista transfruntiera tas-servizzi, l-awtoritajiet regolatorji kkonċernati għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

3. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, wara li jkunu kkunsidrati r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tan-negozju. Il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata u għandu jkollhom id-dritt li jappellaw dik id-deċiżjoni, f’konformità mal-paragrafu 5.

4. Il-proċedura msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandha tipprekludi lil ebda parti kkonċernata milli tressaq azzjoni quddiem il-qrati.

5. Kwalunkwe utent jew fornitur affettwat mid-deċiżjoni ta' awtorità regolatorja għandu jkollu dritt li jappella kontra dik id-deċiżjoni quddiem korp ta' appell li jkun indipendenti mill-parti involuta. Dan il-korp, li jista' jkun qorti, għandu jkollu l-kompetenza xierqa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv. Il-merti tal-każ għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq u l-mekkaniżmu ta' appell għandu jkun effettiv. Meta l-korp ta' appell ma jkollux karattru ġuridiku, għandhom dejjem jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjoni tiegħu u d-deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja imparzjali u indipendenti. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi tal-appell għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv. Sakemm ikun magħruf l-eżitu tal-appell, id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandha tibqa' tgħodd, sakemm ma jkunux ingħataw miżuri interim f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi.

ARTIKOLU 8.38

Kopożizzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ewlenin fit-territorju tagħha:

(a) jipprovdu lill-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra li huma fornituri bbażati fil-faċilitajiet fit-territorju ta' dik il-Parti, il-kopożizzjoni fiżika tat-tagħmir meħtieġ għall-interkonnessjoni; u

(b) f'sitwazzjonijiet fejn il-kopożizzjoni fiżika msemmija fis-subparagrafu (a) ma tkunx prattika għal raġunijiet tekniċi jew minħabba limitazzjonijiet ta' spazju, jikkooperaw mal-forniturі ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra li huma forniturі bbażati fil-faċilitajiet fit-territorju ta' dik il-Parti, sabiex tinstab u tiġi implimentata soluzzjoni alternattiva prattika u kummerċjalment vijabbli.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ewlenin fit-territorju tagħha jipprovdu lill-forniturі ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni l-kopożizzjoni fiżika jew soluzzjoni alternattiva prattika u kummerċjalment vijabbli msemmija fil-paragrafu 1 b'mod f'waqtu u b'termini u kundizzjonijiet, inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi, u b'rati raġonevoli li jqisu l-fattibbiltà ekonomika, mhux diskriminatorji u trasparenti.

3. Kull Parti tista' tiddetermina, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha, il-postijiet fejn hija tirrikjedi li l-forniturі ewlenin fit-territorju tagħha jipprovdu l-kopożizzjoni fiżika jew is-soluzzjonijiet alternattivi prattiċi u kummerċjalment vijabbli msemmija fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 8.39

Servizzi ta' Ċirkwiti Mikrija

Kull Parti għandha, sakemm ma jkunx teknikament fattibbli, tiżgura li l-forniturі ewlenin fit-territorju tagħha jagħmlu s-servizzi ta' ċirkwiti mikrija, li huma servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, disponibbli għall-forniturі ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni tal-Parti l-oħra b'mod f'waqtu u skont termini u kundizzjonijiet (inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u b'rati li jkunu raġonevoli, wara li titqies il-fattibbiltà ekonomika, mhux diskriminatorji u trasparenti.

ARTIKOLU 8.40

Elementi Diżaggregati tan-Netwerk

Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha jkollha s-setgħa li titlob lil forniturі ewlenin jissodisfaw talbiet raġonevoli minn forniturі ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għall-aċċess għal, u l-użu ta', elementi speċifiċi tan-netwerk, fuq bażi diżaggregata, b'mod f'waqtu u skont termini u kundizzjonijiet li jkunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji. Kull Parti għandha tiddetermina tali elementi ta' netwerks speċifiċi mitluba li jkunu disponibbli fit-territorju tagħha f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha.

SUBTAQSIMA 6

SERVIZZI FINANZJARJI

ARTIKOLU 8.41

Kamp ta’ Applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi finanzjarji kollha liberalizzati skont it-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment), it-Taqsima C (Provvista Transfruntiera ta’ Servizzi) u t-Taqsima D (Preżenza Temporanja ta’ Persuni Fiżiċi għal Finijiet Kummerċjali).

2. Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) “servizz finanzjarju” tfisser kwalunkwe servizz ta’ natura finanzjarja offrut minn fornitur ta’ servizz finanzjarju ta’ Parti; is-servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(i) l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni:

(A) assigurazzjoni diretta (inkluża koassigurazzjoni):

(1) assigurazzjoni tal-ħajja; u

(2) assigurazzjoni mhux tal-ħajja;

(B) riassigurazzjoni u retroċessjoni;

(C) inter-medjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija; u

(D) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal konsulenza, valutazzjoni attwarjali, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' saldu tal-pretensjonijiet;

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn (minbarra l-assigurazzjoni):

(A) aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi ripagabbli oħrajn mill-pubbliku;

(B) self ta' kull tip, inklużi kreditu tal-konsumatur, kreditu b'ipoteka, fatturament u finanzjament ta' tranżazzjoni kummerċjali;

(C) lokazzjoni finanzjarja;

(D) is-servizzi kollha ta' trażmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus, inklużi l-kards ta' kreditu, ta' ħlasijiet (charge cards) u ta' debitu, iċ-ċekkijiet tal-vjaġġaturi u ċ-ċekkijiet bankarji;

(E) garanziji u impenji;

(F) negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, jew inkella b'mod ieħor, f'dawn li ġejjin:

(1) strumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożiti);

(2) munita barranija;

(3) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda li mhumiex limitati għal, futuri u opzjonijiet;

(4) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rati tal-imgħax, inklużi prodotti bħal swaps u ftehimiet tar-rata forward;

(5) titoli trasferibbli; u

(6) strumenti negozjabbli oħrajn u assi finanzjarji, inkluż bullion;

(G) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi s-sottoskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent (pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ;

(H) senserija ta' flus;

(I) il-ġestjoni tal-assi, bħall-ġestjoni tal-flus kontanti jew tal-portafolli, il-forom kollha ta’ ġestjoni ta’ investimenti kollettivi, il-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet, is-servizzi ta’ kustodja, ta’ depożitu u fiduċjarji;

(J) is-servizzi ta’ saldu u kklerjar għall-assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi u strumenti negozjabbli oħrajn;

(K) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar ta’ *data* finanzjarja u l-għoti ta' softwer relatat mill-forniturі ta' servizzi finanzjarji oħrajn; u

(L) servizzi ta’ konsulenza, servizzi ta’ intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn dwar l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi 2(a)(ii)(A) sa 2(a)(ii)(K), li jinkludu referenza u analiżi tal-kreditu, investiment u riċerka u pariri dwar portafolji, pariri dwar akkwiżizzjonijiet u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattivi;

(b) “fornitur ta’ servizzi finanzjarji” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tipprovdi jew tfittex li tipprovdi servizzi finanzjarji, iżda ma jinkludi ebda entità pubblika;

(c) “servizz finanzjarju ġdid” tfisser servizz ta’ natura finanzjarja, inklużi servizzi relatati ma’ prodotti eżistenti u ġodda jew mal-mod li bih jiġi kkonsenjat prodott, li ma jiġix ipprovdut minn fornitur ta’ servizzi finanzjarji fit-territorju ta’ Parti, iżda li jiġi pprovdut fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(d) “entità pubblika” tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta’ Parti jew entità proprjetà ta’ jew ikkontrollata minn Parti, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta’ funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal finijiet governattivi, li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-provvista ta’ servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet;

u

(e) “organizzazzjoni awtoregolatorja” tfisser kwalunkwe korp mhux governattiv, kwalunkwe suq tat-titoli jew tal-futuri, aġenzija tal-ikklerjar, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja fuq il-forniturи ta’ servizzi finanzjarji permezz ta’ statut jew delegazzjoni minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, fejn applikabbli.

ARTIKOLU 8.42

Konċessjoni Prudenzjali

1. F’dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi lil xi Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, bħal:

(a) il-protezzjoni ta’ investituri, depożitanti, detenturi ta’ poloz jew persuni li lilhom ikun dovut obbligu fiduċjarju minn fornitur ta’ servizzi finanzjarji; jew

(b) l-iżgurar tal-integrità u tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta’ Parti.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ta’ piż aktar milli meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħhom.

3. L-ebda parti ta' dan il-Ftehim ma għandha tinftiehem li tirrikjedi lil Parti sabiex tikxef informazzjoni b'rabta ma' l-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali jew ta' propjetà fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-istandards maqbula internazzjonalment għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Tali standards maqbula internazzjonalment huma, *inter alia*, il-*Prinċipji Fundamentali għal Kontroll Bankarju Effikaċi* tal-Kumitat ta' Basel, il-*Prinċipji Fundamentali tal-Assigurazzjoni* tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, l-*Għanijiet u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli* tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, il-*Ftehim dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa* tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, id-*Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għall-Finijiet tat-Taxxa* tal-G20 u l-*Erbgħin Rakkomandazzjoni dwar il-Ħasil tal-Flus* u d-*Disa' Rakkomandazzjonijiet Speċjali dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu* tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

5. Il-Partijiet jieħdu nota tal-*Għaxar Prinċipji Fundamentali għall-Iskambju ta' Informazzjoni* ppromulgati mill-Ministri tal-Finanzi tan-Nazzjonijiet tal-G7.

6. Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħrajn ta' regolamentazzjoni prudenzjali tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji, Parti tista' titlob ir-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

ARTIKOLU 8.43

Regolamentazzjoni Trasparenti

Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-persuni interessati r-rekwiżiti tagħha għat-tlestija ta' applikazzjonijiet relatati mal-provvista ta' servizzi finanzjarji.

Fuq it-talba ta' applikant, il-Parti kkonċernata għandha tinforma lill-applikant dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħu. Jekk il-Parti jkollha bżonn informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant, hija għandha tinforma lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn.

ARTIKOLU 8.44

Servizzi Finanzjarji Ġodda

Kull Parti għandha tippermetti lil fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jipprovdi kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid li l-Parti preċedenti tippermetti lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji tagħha jipprovdu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi, f'sitwazzjonijiet simili, diment li l-introduzzjoni tas-servizzi finanzjarji ġodda ma tkunx teħtieġ liġi ġdida jew modifika ta' xi liġi eżistenti. Parti tista' tiddeċiedi l-forma istituzzjonali u legali li biha jista' jiġi pprovdut is-servizz u tista' teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-għoti tas-servizz. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni bħal din, għandha tittieħed deċiżjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal raġunijiet prudenzjali.

ARTIKOLU 8.45

Ipproċessar tad-*Data*

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm salvagwardji xierqa sabiex tipproteġi d-*data* personali u l-privatezza, inklużi r-rekords u l-kontijiet individwali.

2. Mhux aktar tard minn sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji[1] tal-Parti l-oħra jittrasferixxu l-informazzjoni f'forma elettronika jew f'forma oħra, fit-territorju tagħha kif ukoll barra minnu, għall-ipproċessar tad-*data* meta dan l-ipproċessar ikun meħtieġ fil-proċess ordinarju tan-negozju ta' tali fornituri ta' servizzi finanzjarji.

3. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li jirrestrinġi d-dritt ta' Parti li tipproteġi d-*data* personali u l-privatezza, sakemm tali dritt ma jintużax sabiex jiġi evitat dan il-Ftehim.

[1] Għal ċertezza akbar, fil-Vjetnam, skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tiegħu eżistenti fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, l-ebda persuna fiżika ma tista' tittrasferixxi d-*data*.

ARTIKOLU 8.46

Eċċezzjonijiet Speċifiċi

1. F’dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi lil xi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli jwettqu jew jipprovdu esklussivament fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi li jifformaw parti minn pjan ta’ rtirar pubbliku jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali, ħlief meta dawk l-attivitajiet ikunu jistgħu jitwettqu, kif stabbilit mil-liġijiet u r-regolament domestiċi tal-Parti, minn fornituri ta’ servizzi finanzjarji f’kompetizzjoni ma’ entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

2. F’dan il-Ftehim ma hemm xejn, għajr għat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment) li hija soġġetta għall-paragrafu 3, li għandu japplika għal attivitajiet imwettqa minn bank ċentrali jew awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra b’insegwiment tal-politika monetarja jew tal-politika dwar ir-rati tal-kambju.

3. Fit-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-Investiment) ma hemm xejn li għandu japplika għall-miżuri mhux diskriminatorji ta’ applikazzjoni ġenerali meħuda minn kwalunkwe entità pubblika b’insegwiment tal-politika monetarja jew tal-politika dwar ir-rati tal-kambju.

4. F’dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi lil xi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli jwettqu jew jipprovdu esklussivament fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi għall-kont, jew bil-garanzija jew l-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Parti, jew tal-entitajiet pubbliċi tagħha, ħlief meta dawk l-attivitajiet ikunu jistgħu jitwettqu, kif stabbilit mil-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Parti, minn fornituri ta’ servizzi finanzjarji f’kompetizzjoni ma’ entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

5. Għal ċertezza akbar, il-Partijiet jifhmu li l-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx jinftiehmu bħala li jippermettu lill-Partijiet japplikaw, mingħajr ma jipproteġu d-drittijiet tal-investituri jew tal-investimenti affettwati, il-miżuri msemmija f'dawk il-paragrafi, meta l-attivitajiet jew is-servizzi msemmija fihom ikunu ġew liberalizzati jew ikunu jistgħu jitwettqu, kif stabbilit mil-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Parti, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

ARTIKOLU 8.47

Organizzazzjonijiet Awtoregolatorji

Meta Parti tkun tirrikjedi s-sħubija ta', il-parteċipazzjoni fi jew l-aċċess għal kwalunkwe organizzazzjoni awtoregolatorja bil-għan li l-fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jipprovdu servizzi finanzjarji fit-territorju tal-ewwel Parti, il-Parti għandha tiżgura l-osservanza tal-obbligi skont l-Artikoli 8.5 (Trattament Nazzjonali), 8.6 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) u 8.11 (Trattament Nazzjonali).

ARTIKOLU 8.48

Sistemi ta’ Kklerjar u Ħlas

Skont it-termini u l-kondizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali kif previst fl-Artikoli 8.5 (Trattament Nazzjonali) u 8.11 (Trattament Nazzjonali), kull Parti għandha tagħti lill-fornituri ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha aċċess għal sistemi ta’ ħlas u kklerjar operati minn entitajiet pubbliċi, kif ukoll għal faċilitajiet uffiċjali ta’ finanzjament u finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fil-proċess normali tan-negozju ordinarju. Dan l-Artikolu ma għandux jagħti aċċess għall-faċilitajiet mutwanti tal-aħħar istanza tal-Parti.

SUBTAQSIMA 7

SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

ARTIKOLU 8.49

Kamp ta’ Applikazzjoni, Definizzjonijiet u Prinċipji

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsima B (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment), it-Taqsima C (Il-Provvista Transfruntiera ta’ Servizzi) u t-Taqsima D (Il-Preżenza Temporanja ta’ Persuni Fiżiċi għal Finijiet Kummerċjali).

2. Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) “servizzi ta’ depot u stazzjon tal-kontejners” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna ta’ kontejners, kemm fiż-żoni tal-port kif ukoll fiż-żoni interni ta’ pajjiż, bl-għan li jitgħabbew bil-merkanzija/jinħattu, jissewwew u jiġu magħmula disponibbli għat-tbaħħir;

(b) “servizzi ta’ żdoganar” jew, b’mod alternattiv, “servizzi ta’ sensara tad-dwana” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f’isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività prinċipali tal-fornitur tas-servizzi, kif ukoll jekk dan ikun akkumpanjament tas-soltu tal-attività prinċipali tiegħu;

(c) “servizzi ta’ twassil tal-merkanzija” tfisser it-trasportazzjoni minn qabel u ’l quddiem bil-baħar, bejn portijiet li jinsabu fit-territorju ta’ Parti, ta’ merkanzija internazzjonali, notevolment f’kontejners, fi triqitha lejn destinazzjoni barra t-territorju ta’ dik il-Parti;

(d) “servizzi ta’ trasportazzjoni tal-merkanzija” tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f’isem l-ispedituri, permezz tal-akkwiżizzjoni ta’ servizzi tat-trasport u servizzi relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-għoti ta’ informazzjoni kummerċjali;

(e) “merkanzija internazzjonali” tfisser merkanzija ttrasportata bejn port ta’ Parti waħda u port tal-Parti l-oħra jew ta’ pajjiż terz, jew bejn port ta’ Stat Membru wieħed tal-Unjoni u port ta’ Stat Membru ieħor tal-Unjoni;

(f) “servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali” tfisser it-trasport ta’ passiġġieri jew merkanzija permezz ta’ bastimenti li jbaħħru bejn port ta’ Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta’ pajjiż terz, inklużi l-kuntratti diretti ma’ fornituri ta’ servizzi tat-trasport oħrajn, bil-għan li jkopru l-operazzjonijiet ta’ trasport multimodali skont dokument wieħed tat-trasport, iżda mhux id-dritt li jipprovdu servizzi tat-trasport oħrajn bħal dawn;

(g) “servizzi marittimi awżiljarji” tfisser servizzi marittimi ta’ mmaniġġjar tal-merkanzija, servizzi ta’ żdoganar, servizzi ta’ stazzjon tal-kontejners u ta’ depot, servizzi ta’ aġenzija marittima u servizzi marittimi ta’ trasportazzjoni tal-merkanzija;

(h) “servizzi marittimi ta’ mmaniġġjar tal-merkanzija” tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta’ burdnara, inklużi l-operaturi ta’ terminal, iżda ma jinkludux l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata b’mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi ta’ terminal; l-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta’:

(i) it-tagħbija jew il-ħatt ta’ merkanzija fuq jew minn bastiment;

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; u

(iii) ir-riċeviment jew il-kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel id-dispaċċ jew wara r-rilaxx;

u

(i) “operazzjonijiet tat-trasport multimodali” tfisser it-trasport ta’ merkanzija bl-użu ta’ aktar minn mod wieħed ta’ trasport, li jinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar internazzjonali, skont dokument wieħed tat-trasport.

3. Fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' liberalizzazzjoni bejn il-Partijiet fit-trasport marittimu internazzjonali, japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-Partijiet għandhom japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq u n-negozji tat-trasport marittimu internazzjonali fuq bażi kummerċjali u mhux diskriminatorja;

(b) kull Parti għandha tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew operati minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess fir-rigward, *inter alia*, tal-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u l-użu ta' servizzi marittimi awżiljarji, kif ukoll il-miżati u l-ħlasijiet relatati, il-faċilitajiet doganali u l-aċċess għall-postijiet ta' rmiġġ u għall-faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt;

(c) kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi marittimi internazzjonali tal-Parti l-oħra jkollhom intrapriża fit-territorju tagħha taħt il-kundizzjonijiet tal-istabbiliment u l-operat f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda tagħha ta' Impenji Speċifiċi;

(d) il-Partijiet għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, is-servizzi li ġejjin fil-port: il-pilotaġġ, l-assistenza għall-irmonk, il-proviżjonament, l-alimentazzjoni bil-fjuwil u bl-ilma, il-ġbir taż-żibel u r-rimi tal-iskart tas-saborra, is-servizzi ta' kaptan portwali, l-għajnuniet għan-navigazzjoni, il-faċilitajiet ta' tiswija f'emerġenza, l-ankraġġ, l-irmiġġ u s-servizzi ta' rmiġġ, kif ukoll servizzi operattivi bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, inklużi l-mezzi ta' komunikazzjoni u l-provvisti tal-ilma u tal-elettriku;

(e) l-Unjoni, soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha, għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Vjetnam jippożizzjonaw mill-ġdid il-kontejners battala mikrija minnhom jew proprjetà tagħhom li ma jkunux qegħdin jinġarru bħala merkanzija bi ħlas u li jiġu ttrasportati għall-użu tagħhom fl-immaniġġjar tal-merkanzija tagħhom f'kummerċ barrani, bejn il-portijiet ta' Stat Membru tal-Unjoni;

(f) Il-Vjetnam, soġġett għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu,[1] għandu jippermetti lill-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jippożizzjonaw mill-ġdid il-kontejners battala mikrija minnhom jew proprjetà tagħhom li ma jkunux qegħdin jinġarru bħala merkanzija bi ħlas u li jiġu ttrasportati għall-użu tagħhom fl-immaniġġjar tal-merkanzija tagħhom f'kummerċ barrani, bejn il-port ta' Quy Nhon u l-port ta' Cai Mep-Thi Vai. Wara ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Vjetnam għandu jippermetti lill-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jippożizzjonaw mill-ġdid il-kontejners battala mikrija minnhom jew proprjetà tagħhom li ma jkunux qegħdin jinġarru bħala merkanzija bi ħlas u li jiġu ttrasportati għall-użu tagħhom fl-immaniġġjar tal-merkanzija tagħhom f'kummerċ barrani, bejn il-portijiet nazzjonali tiegħu, bil-kundizzjoni li l-bastimenti għat-twassil tal-merkanzija (jiġifieri l-bastimenti ewlenin) għandhom jidħlu f'portijiet tal-Vjetnam;

[1] Għal ċertezza akbar, awtorizzazzjoni hija proċedura amministrattiva stabbilita sabiex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti kollha. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata malli jiġi stabbilit, fid-dawl ta' eżami xieraq, li l-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni ġew issodisfati. L-awtorizzazzjoni ma għandhiex taġixxi bħala restrizzjoni moħbija fuq il-provvista tas-servizzi.

(g) l-Unjoni, soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha, għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Vjetnam jipprovdu servizzi ta' twassil tal-merkanzija bejn il-portijiet nazzjonali tagħhom;

(h) Il-Vjetnam, soġġett għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu,[1] għandu jippermetti lill-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jipprovdu servizzi ta' twassil tal-merkanzija bejn il-port ta' Quy Nhon u l-port ta' Cai Mep-Thi Vai għall-bastimenti tagħhom stess, bil-kundizzjoni li l-bastimenti għat-twassil tal-merkanzija (jiġifieri l-bastimenti ewlenin) għandhom jidħlu fil-port ta' Cai Mep-Thi Vai.

4. Fl-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fis-subparagrafi 3(a) u 3(b), il-Partijiet għandhom:

(a) ma jintroduċux arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija fi ftehimiet ta' futuri ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw servizzi tat-trasport marittimu, inkluż kummerċ f'tagħbija niexfa u likwida u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir, u għandhom itemmu, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, tali arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija f'każ li dawn jeżistu fi ftehimiet preċedenti; u

(b) jastjenu, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, milli jintroduċu jew japplikaw kwalunkwe miżuri unilaterali jew ostakoli amministrattivi, tekniċi u oħrajn li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew ikollhom effetti diskriminatorji fuq il-provvista libera tas-servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

[1] Għal ċertezza akbar, awtorizzazzjoni hija proċedura amministrattiva stabbilita sabiex tiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti kollha. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata malli jiġi stabbilit, fid-dawl ta' eżami xieraq, li l-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni ġew issodisfati. L-awtorizzazzjoni ma għandhiex taġixxi bħala restrizzjoni moħbija fuq il-provvista tas-servizzi.

TAQSIMA F

KUMMERĊ ELETTRONIKU

ARTIKOLU 8.50

Għanijiet u Prinċipji

Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li l-kummerċ elettroniku jżid l-opportunijiet ta' kummerċ f'ħafna setturi, għandhom jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku bejniethom, b'mod partikolari billi jikkooperaw fuq il-kwistjonijiet imqajma mill-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 8.51

Dazji Doganali

Il-Partijiet ma għandhomx jimponu dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi.

ARTIKOLU 8.52

Kooperazzjoni Regolatorja fuq il-Kummerċ Elettroniku

1. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu dwar kwistjonijiet regolatorji mqajma mill-kummerċ elettroniku li, *inter alia*, għandu jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-faċilitazzjoni tas-servizzi ta' ċertifikazzjoni transfruntiera;

(b) ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji fir-rigward tat-trażmissjoni jew il-ħażna tal-informazzjoni;

(c) it-trattament ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku mhux mitluba;

(d) il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-ambitu tal-kummerċ elettroniku; u

(e) kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. Dan id-djalogu jista' jieħu l-forma ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali liġijiet u regolamenti.

TAQSIMA G

EĊĊEZZJONIJIET

ARTIKOLU 8.53

Eċċezzjonijiet Ġenerali

Soġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew l-operat ta' intrapriża jew il-provvista transfruntiera tas-servizzi, f'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar minn kwalunkwe Parti ta' miżuri:

(a) meħtieġa għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika jew tal-morali pubblika jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) relatati mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli jekk tali miżuri jiġu applikati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-investituri domestiċi jew fuq il-provvista domestika jew il-konsum domestiku tas-servizzi;

(d) meħtieġa għall-protezzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku;

(e) meħtieġa għall-iżgurar tal-konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, inklużi dawk relatati ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u frodulenti jew l-indirizzar tal-effetti ta' inadempjenza fuq il-kuntratti;

(ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi fir-rigward tal-ipproċesar u t-tixrid tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u kontijiet individwali; jew

(iii) is-sikurezza;

jew

(f) inkonsistenti mal-paragrafi 1 jew 2 tal-Artikolu 8.5 (Trattament Nazzjonali) jew mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8.11 (Trattament Nazzjonali), bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ekwi jew effettivi ta' taxxi diretti fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi, l-investituri jew il-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra[1].

[1] Il-miżuri li huma mmirati sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ekwi jew effettivi ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda minn Parti skont is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

(i) japplikaw għal investituri u forniturі ta' servizzi mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa tal-persuni mhux residenti jiġi ddeterminat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli miksuba jew li jinsabu fit-territorju tal-Parti;

(ii) japplikaw għal persuni mhux residenti sabiex tiġi żgurata l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti;

(iii) japplikaw għal persuni residenti jew mhux residenti għall-prevenzjoni tal-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità;

(iv) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fi jew mit-territorju ta' Parti oħra sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti;

(v) jagħmlu distinzjoni bejn l-investituri u l-forniturі ta' servizzi soġġetti għat-taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn investituri u forniturі ta' servizzi oħrajn, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi għat-taxxa bejniethom; jew

(vi) jiddeterminaw, jallokaw jew jaqsmu l-introjtu, il-profitt, il-qligħ, it-telf, it-tnaqqis jew il-kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi għat-taxxa tal-Parti.

It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa fis-subparagrafu (f) u f'din in-nota f'qiegħ il-paġna jiġu ddeterminati skont definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Parti li tieħu l-miżura.

TAQSIMA H

DISPOŻIZZJONI ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 8.54

Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi,
il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku

1. Il-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Għal dak il-għan, huwa għandu jissorvelja u jirrevedi regolarment l-implimentazzjoni mill-Partijiet u jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni fir-rigward ta' dan il-Kapitolu li tiġi riferuta lilu minn Parti.

3. Ir-responsabbiltà għall-Kapitolu 9 (Akkwist Pubbliku) hija stabbilita fl-Artikolu 9.23 (Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku).

KAPITOLU 9

AKKWIST PUBBLIKU

ARTIKOLU 9.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "prodotti jew servizzi kummerċjali" tfisser prodotti jew servizzi ta' tip ġeneralment mibjugħ jew offrut għall-bejgħ fis-suq kummerċjali lil xerrejja mhux governattivi għal finijiet mhux governattivi, u normalment mixtrija minnhom;

(b) "servizz ta' kostruzzjoni" tfisser servizz li għandu l-għan li jwettaq, bi kwalunkwe mezz, xogħlijiet ċivili jew ta' bini, abbażi tad-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti (CPC) tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) "irkant elettroniku" tfisser proċess iterattiv li jinvolvi l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni mill-fornituri ta' prezzijiet ġodda, jew ta' valuri ġodda għal elementi kwantifikabbli li mhumiex prezzijiet tal-offerta relatata mal-kriterji tal-evalwazzjoni, jew inkella t-tnejn flimkien, li jirriżulta fi klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid tal-offerti;

(d) “akkwist pubbliku” tfisser il-proċess li bih entità tal-akkwist kif definita fis-subparagrafu (l) tikseb l-użu ta’ jew takkwista prodotti jew servizzi, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, għal finijiet governattivi u mhux għall-iskop ta’ bejgħ jew bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew għall-użu fil-produzzjoni jew il-provvista ta’ prodotti jew servizzi għal bejgħ jew bejgħ mill-ġdid kummerċjali;

(e) “bil-miktub” jew “miktub” tfisser kwalunkwe espressjoni miktuba jew innumerata li tista’ tinqara, tiġi riprodotta u kkomunikata aktar tard, u tista’ tinkludi informazzjoni trażmessa u maħżuna b’mod elettroniku;

(f) “sejħa għall-offerti limitata” tfisser metodu ta’ akkwist li bih l-entità tal-akkwist tikkuntattja fornitur jew forniturі tal-għażla tagħha;

(g) “miżura” tfisser kwalunkwe liġi, regolament, gwida jew prattika amministrattiva, jew kwalunkwe azzjoni ta’ entità tal-akkwist b’rabta ma’ akkwist kopert;

(h) “lista ta’ bosta użi” tfisser lista ta’ forniturі li entità tal-akkwist iddeterminat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f’dik il-lista, u li l-entità tal-akkwist għandha l-ħsieb li tuża aktar minn darba;

(i) “avviż ta’ akkwist intenzjonat” tfisser avviż ippubblikat minn entità tal-akkwist li jistieden lil forniturі interessati sabiex iressqu talba għall-parteċipazzjoni, offerta, jew it-tnejn;

(j) “tpaċija” tfisser kwalunkwe kundizzjoni jew impenn li jinkoraġġixxu l-iżvilupp lokali jew itejbu l-kontijiet tal-bilanċ tal-pagamenti ta’ Parti, bħall-użu ta’ kontenut domestiku, forniturи domestiċi, il-ħruġ ta’ liċenzji u t-trasferiment tat-teknoloġija, l-investiment, in-negozju kumpensatorju u azzjoni jew rekwiżit simili;

(k) “sejħa għall-offerti miftuħa” tfisser metodu tal-akkwist li bih il-forniturи interessati kollha jistgħu jressqu offerta;

(l) “entità tal-akkwist” tfisser entità elenkata fl-Anness ta' kull Parti għal dan il-Kapitolu;

(m) “tippubblika” tfisser li xxerred informazzjoni f’format stampat jew b’mezzi elettroniċi, li tiġi distribwita b’mod wiesa’ u li hija faċilment aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali;

(n) “fornitur ikkwalifikat” tfisser fornitur li entità tal-akkwist tirrikonoxxi bħala li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(o) “sejħa għall-offerti selettiva” tfisser metodu ta’ akkwist li bih huma biss il-forniturи kkwalifikati li jiġu mistiedna mill-entità tal-akkwist sabiex iressqu offerta;

(p) “servizzi” tinkludi servizzi ta’ kostruzzjoni, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor;

(q) “fornitur” tfisser persuna jew grupp ta’ persuni li jipprovdu jew jistgħu jipprovdu prodotti jew servizzi lil entità tal-akkwist; u

(r) “speċifikazzjoni teknika” tfisser rekwiżit ta’ sejħa għall-offerti li:

(a) jistabbilixxi l-karatteristiċi ta’:

(i) il-prodotti li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza u l-qisien, jew il-proċessi u l-metodi għall-produzzjoni tagħhom; jew

(ii) is-servizzi li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni u s-sikurezza, jew il-proċessi jew il-metodi għall-provvista tagħhom;

jew

(b) jindirizza r-rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettjar, hekk kif japplikaw għal prodott jew servizz.

ARTIKOLU 9.2

Kamp ta’ Applikazzjoni u Kopertura

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe miżura dwar l-akkwist kopert, kemm jekk dan jitwettaq esklussivament jew parzjalment b'mezzi elettroniċi, kif ukoll jekk le.

2. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, “akkwist kopert” tfisser akkwist pubbliku:

(a) ta’ prodotti, servizzi jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, kif speċifikati fl-Annessi 9-A (Kopertura ta’ Akkwist Pubbliku għall-Unjoni) u 9-B (Kopertura ta’ Akkwist Pubbliku għall-Vjetnam);

(b) bi kwalunkwe mezz kuntrattwali, inklużi xiri, lokazzjoni u kiri, b’opzjoni ta’ xiri jew mingħajrha;

(c) li għalih, il-valur, kif stmat f’konformità mal-paragrafi 6 u 7, ikun daqs jew akbar mil-limitu massimu rilevanti speċifikat fl-Anness ta' kull Parti għal dan il-Kapitolu, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta’ avviż f’konformità mal-Artikolu 9.6 (Avviżi); u

(d) li mhuwiex esklużż b’mod ieħor mill-kopertura fil-paragrafu 3, jew fl-Anness ta' kull Parti għal dan il-Kapitolu, jew mill-effett ta’ kwalunkwe waħda mill-Partijiet rilevanti l-oħrajn ta’ dan il-Ftehim.

3. Ħlief fejn previst mod ieħor fl-Anness ta' kull Parti għal dan il-Kapitolu, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-akkwiżizzjoni jew il-kiri ta’ art, bini eżistenti jew proprjetà immobbli oħra jew id-drittijiet fuqhom;

(b) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kwalunkwe forma ta' għajnuna li tipprovdi Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, inklużi ftehimiet kooperattivi, għotjiet, sussidji, self, infużjonijiet ta' ekwità, garanziji, inċentivi fiskali u kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji;

(c) l-akkwist jew l-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi depożitarji, servizzi ta' likwidazzjoni u ta' ġestjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji rregolati jew servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortizzament u mad-distribuzzjoni ta' dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u titoli oħrajn;

(d) kuntratti tal-impjiegi pubbliċi; u

(e) l-akkwist imwettaq:

(i) għall-iskop speċifiku li tingħata assistenza internazzjonali, inkluża għajnuna għall-iżvilupp;

(ii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali jew iffinanzjata minn għotjiet, self jew assistenza oħra internazzjonali jew barranin, fejn il-Parti benefiċjarja, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, hija marbuta li tapplika proċeduri jew kundizzjonijiet partikolari imposti mill-organizzazzjoni internazzjonali jew minn donaturi oħrajn għall-benefiċċju tal-għotjiet, tas-self jew ta' assistenza oħra internazzjonali jew barranin tagħhom; Fejn il-proċeduri jew il-kundizzjonijiet tal-organizzazzjoni internazzjonali jew tad-donatur ma jirrestrinġux il-parteċipazzjoni tal-forniturі, l-akkwist għandu jkun soġġett għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 9.4 (Prinċipji Ġenerali); jew

(iii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' ftehim internazzjonali li jirrigwardja l-istazzjonament tat-truppi jew li jirrigwardja l-implimentazzjoni konġunta mill-pajjiżi firmatarji ta' proġett;

4. L-Anness 9-A (Kopertura tal-Akkwist Pubbliku għall-Unjoni) u l-Anness 9-B (Kopertura tal-Akkwist Pubbliku għall-Vjetnam) jispeċifikaw fit-Taqsimiet għal kull Parti l-informazzjoni li ġejja:

(a) fit-Taqsima A, l-entitajiet tal-gvern ċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(b) fit-Taqsima B, l-entitajiet tal-gvern subċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(c) fit-Taqsima C, l-entitajiet l-oħrajn li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(d) fit-Taqsima D, il-prodotti koperti minn dan il-Kapitolu;

(e) fit-Taqsima E, is-servizzi, minbarra s-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti minn dan il-Kapitolu;

(f) fit-Taqsima F, is-servizzi ta' kostruzzjoni koperti minn dan il-Kapitolu;

(g) fit-Taqsima G, kwalunkwe nota ġenerali; u

(h) fit-Taqsima H, il-mezzi għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-akkwist.

5. Il-miżuri tranżitorji għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu huma stabbiliti fit-Taqsima I (Miżuri Tranżitorji) tal-Anness 9-B (Kopertura tal-Akkwist Pubbliku għall-Vjetnam).

6. Jekk il-leġiżlazzjoni domestika ta' Parti tippermetti li akkwist kopert jitwettaq f'isem l-entità tal-akkwist minn entitajiet jew persuni oħrajn li l-akkwist tagħhom ma jkunx kopert fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw b'mod ugwali.

Valwazzjoni

7. Meta tkun qed tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-iskop li tiżgura jekk huwiex akkwist kopert, entità tal-akkwist għandha:

(a) la taqsam akkwist f'akkwisti separati u lanqas tagħżel jew tuża metodu ta' valwazzjoni partikolari sabiex tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-intenzjoni li teskludih totalment jew parzjalment mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(b) tinkludi l-valur totali massimu stmat tal-akkwist matul id-durata kollha tiegħu, kemm jekk dan l-akkwist jingħata lil fornitur wieħed jew aktar fl-istess ħin kif ukoll jekk matul perjodu ta' żmien partikolari, filwaqt li tqis il-forom kollha ta' rimunerazzjoni, inklużi:

(i) primjums, miżati, kummissjonijiet u mgħax; u

(ii) il-valur totali ta' kwalunkwe klawżola ta' opzjoni.

8. Għal kuntratti rikorrenti li jikkonsistu, minħabba rekwiżit individwali tal-akkwist, fl-għoti ta' aktar minn kuntratt wieħed, jew fl-għoti ta' kuntratti f'partijiet separati, il-kalkolu tal-valur totali massimu stmat għandu jkun ibbażat fuq:

(a) il-valur tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz mogħti matul it-12-il xahar preċedenti jew is-sena fiskali preċedenti tal-entità tal-akkwist, aġġustat, fejn possibbli, sabiex jitqiesu l-bidliet antiċipati fil-kwantità jew fil-valur tal-prodott jew tas-servizz li jiġi akkwistat matul it-12-il xahar segwenti; jew

(b) il-valur stmat tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz li għandu jingħata matul it-12-il xahar wara l-għoti tal-kuntratt inizjali jew is-sena fiskali tal-entità tal-akkwist.

ARTIKOLU 9.3

Eċċezzjonijiet ta' Sigurtà u Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jipprevjeni lil xi Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni jew li ma tiddivulgax xi informazzjoni li hija tqis li bħala meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha b'rabta mal-akkwist ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew ma' akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għall-finijiet tad-difiża nazzjonali.

2. Soġġett għar-rekwiżit li miżuri bħal dawn ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali, f'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jipprevjeni lil xi Parti milli timponi jew tinforza miżuri:

(a) meħtieġa għall-protezzjoni tal-morali, l-ordni jew is-sikurezza pubbliċi;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) meħtieġa għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) li jirrigwardjaw prodotti jew servizzi ta' persuni b'diżabbiltà, istituzzjonijiet filantropiċi, istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jwettqu attivitajiet filantropiċi jew xogħol fil-ħabs.

ARTIKOLU 9.4

Prinċipji Ġenerali

Trattament Nazzjonali u Nondiskriminazzjoni

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward l-akkwist kopert, kull Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandhom jagħtu, minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, lill-prodotti u s-servizzi tal-Parti l-oħra u lill-forniturituri tal-Parti l-oħra li tkun qiegħda toffri l-prodotti jew is-servizzi taż-żewġ Partijiet, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li l-Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, jagħtu lill-prodotti, is-servizzi u l-forniturituri domestiċi.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward l-akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhomx:

(a) jittrattaw fornitur stabbilit lokalment b'mod inqas favorevoli minn fornitur ieħor stabbilit lokalment abbażi tal-grad ta' affiljazzjoni jew sjieda barranija; jew

(b) jiddiskriminaw kontra fornitur stabbilit lokalment fuq il-bażi li l-prodotti jew is-servizzi offruti minn dak il-fornitur għal akkwist partikolari jkunu prodotti jew servizzi tal-Parti l-oħra.

Konformità u Twettiq tal-Akkwist

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-entitajiet tal-akkwist tagħha jikkonformaw ma' dan il-Kapitolu fit-twettiq tal-akkwisti koperti.

4. Entità tal-akkwist għandha twettaq akkwist kopert b'mod trasparenti u imparzjali li:

(a) huwa konsistenti ma' dan il-Kapitolu, bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin ta' sejħa għall-offerti miftuħa, sejħa għall-offerti selettiva jew sejħa għall-offerti limitata; u

(b) jevita kunflitti ta' interess u jimpedixxi prattiki korrotti, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi rilevanti.

5. F’dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jimpedixxi lil xi Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, milli jiżviluppaw politiki, proċeduri jew mezzi kuntrattwali tal-akkwist ġodda, sakemm dawn ma jkunux inkonsistenti ma’ dan il-Kapitolu.

L-Użu ta’ Mezzi Elettroniċi

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex iwettqu akkwist kopert b’mezzi elettroniċi. Dan jinkludi l-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni dwar l-akkwist, avviżi u dokumentazzjoni tal-offerti, ir-riċeviment tal-offerti u, fejn xieraq, l-użu ta’ rkanti elettroniċi.

7. Meta twettaq akkwist kopert b’mezzi elettroniċi, entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li l-akkwist isir bl-użu ta' sistemi u softwer ta' teknoloġija tal-informatika, inklużi dawk relatati mal-awtentikazzjoni u l-kriptaġġ tal-informazzjoni, li huma ġeneralment disponibbli u interoperabbli ma' sistemi u softwer oħrajn ta' teknoloġija tal-informatika ġeneralment disponibbli; u

(b) iżżomm mekkaniżmi li jiżguraw l-integrità tat-talbiet għall-parteċipazzjoni u l-offerti, inkluż l-istabbiliment tal-ħin tar-riċevuta u l-prevenzjoni ta’ aċċess mhux xieraq.

Regoli ta’ Oriġini

8. Parti ma għandhiex tapplika għal akkwist kopert tal-prodotti jew tas-servizzi importati jew fornuti mill-Parti l-oħra regoli ta’ oriġini li huma differenti mir-regoli ta’ oriġini li hija tapplika fl-istess ħin fil-proċess normali tan-negozju għall-importazzjonijiet jew għall-provvisti tal-istess prodotti jew servizzi mill-istess Parti.

Tpaċijiet

9. Fir-rigward ta’ akkwist kopert u soġġetta għall-Anness rilevanti għal dan il-Kapitolu, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhom ifittxu, jikkunsidraw, jimponu jew jinfurzaw ebda tpaċija.

Miżuri Mhux Speċifiċi għall-Akkwist

10. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal:

(a) dazji doganali u imposti ta’ kull xorta imposti fuq l-importazzjoni jew b’konnessjoni magħha;

(b) il-metodu tal-impożizzjoni ta’ tali dazji u imposti; u

(c) regolamenti jew formalitajiet oħrajn dwar l-importazzjoni u miżuri li jaffettwaw il-kummerċ f’servizzi oħrajn minbarra l-miżuri li jirregolaw l-akkwist kopert.

ARTIKOLU 9.5

Informazzjoni dwar is-Sistema tal-Akkwist

1. Kull Parti għandha:

(a) tippubblika minnufih kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali, inklużi termini kuntrattwali standard mogħtija b'mandat bil-liġi jew b'regolament, rigward akkwist kopert fuq mezz stampat jew elettroniku magħżul b'mod uffiċjali; u

(b) tipprovdi spjegazzjoni tagħha fuq talba tal-Parti l-oħra u safejn ikun possibbli.

2. It-Taqsima H (Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni dwar l-Akkwist) tal-Anness ta' kull Parti għal dan il-Kapitolu telenka l-mezz stampat jew elettroniku li permezz tiegħu l-Parti tippubblika l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 1 u l-avviżi meħtieġa mill-Artikolu 9.6 (Avviżi), il-paragrafu 7 tal-Artikolu 9.8 (Kwalifika tal-Fornituri) u l-paragrafu 3 tal-Artikolu 9.17 (Informazzjoni Wara l-Għotja).

ARTIKOLU 9.6

Avviżi

Avviż ta’ Akkwist Intenzjonat

1. Għal kull akkwist kopert, ħlief fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 9.14 (Sejħa għall-Offerti Limitata), entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż ta’ akkwist intenzjonat bil-mezz stampat jew elettroniku xieraq elenkat fit-Taqsima H (Pubblikazzjoni ta’ Informazzjoni dwar l-Akkwist) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu. L-avviż ippubblikat fuq mezz elettroniku għandu jibqa’ disponibbli mill-inqas sakemm jiskadi l-perjodu ta’ żmien indikat fl-avviż. L-avviżi għandhom:

(a) għall-entitajiet tal-akkwist koperti mit-Taqsima A (Entitajiet tal-Gvern Ċentrali), ikunu aċċessibbli b’mezzi elettroniċi mingħajr ħlas permezz ta’ punt ta’ aċċess uniku speċifikat fit-Taqsima H (Pubblikazzjoni ta’ Informazzjoni dwar l-Akkwist); u

(b) għall-entitajiet tal-akkwist koperti mit-Taqsima B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn), fejn ikun aċċessibbli b’mezzi elettroniċi, jiġu pprovduti, mill-inqas, permezz ta’ links f’sit elettroniku b’portal uniku li huwa aċċessibbli mingħajr ħlas.

Il-Partijiet, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħhom koperti mit-Taqsimiet B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn), huma mħeġġa sabiex jippubblikaw l-avviżi tagħhom b’mezzi elettroniċi mingħajr ħlas permezz ta’ punt ta’ aċċess uniku.

2. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kull avviż ta' akkwist intenzjonat għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra meħtieġa sabiex tiġi kkuntattjata l-entità tal-akkwist u jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-akkwist, inkluża informazzjoni dwar il-kost u t-termini tal-ħlas għall-kisba ta' dawk id-dokumenti, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, fejn il-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) jekk tkun possibbli, għal kuntratti rikorrenti, stima tal-għażla ta' żmien tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist intenzjonat;

(d) fejn xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe għażla;

(e) il-perjodu ta' żmien għall-konsenja ta' prodotti jew servizzi jew id-durata tal-kuntratt;

(f) il-metodu ta' akkwist li ser jintuża u, fejn xieraq, jekk dan huwiex ser jinvolvi negozjati jew irkant elettroniku;

(g) fejn applikabbli, l-indirizz u kwalunkwe data finali għas-sottomissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist;

(h) l-indirizz u d-data finali għat-tressiq tal-offerti;

(i) il-lingwa jew lingwi li bihom jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk ikunu jistgħu jiġu ppreżentati b'lingwa li mhijiex il-lingwa uffiċjali fil-post tal-entità tal-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-forniturі, inklużi, fejn xieraq, kwalunkwe rekwiżiti għal dokumenti jew ċertifikazzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti mill-forniturі b'konnessjoni magħhom, sakemm tali rekwiżiti ma jkunux inklużi fid-dokumentazzjoni tal-offerta li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі interessati kollha fl-istess ħin tal-avviż tal-akkwist intenzjonat;

(k) fejn, skont l-Artikolu 9.8 (Kwalifika tal-Forniturі), entità tal-akkwist ikollha l-ħsieb li tagħżel numru limitat ta' forniturі kkwalifikati sabiex jiġu mistiedna li jitfgħu offerta, il-kriterji li ser jintużaw sabiex jintgħażlu u, fejn applikabbli, kwalunkwe limitazzjoni fuq in-numru ta' forniturі li ser ikunu permessi li jitfgħu l-offerta tagħhom; u

(l) indikazzjoni li l-akkwist huwa kopert minn dan il-Kapitolu.

Avviż Sommarju

3. Għal kull każ ta' akkwist intenzjonat, entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż sommarju bl-Ingliż li jkun faċilment aċċessibbli mingħajr ħlas permezz ta' mezz elettroniku elenkat fit-Taqsima H (Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni dwar l-Akkwist) fl-istess ħin tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist intenzjonat. L-avviż sommarju għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-suġġett tal-akkwist;

(b) id-data finali għat-tressiq ta' sejħiet għall-offerti jew, fejn applikabbli, kwalunkwe data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi; u

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

4. L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja lill-Vjetnam sabiex tiżviluppa, tistabbilixxi u żżomm sistema awtomatika għat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi sommarji bl-Ingliż. Din il-kooperazzjoni hija indirizzata fl-Artikolu 9.21 (Kooperazzjoni) ta' dan il-Kapitolu. L-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu hija soġġetta għar-realizzazzjoni tal-inizjattiva dwar assistenza teknika u finanzjarja għall-iżvilupp, l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema awtomatika għat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi sommarji bl-Ingliż fil-Vjetnam.

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

5. L-entitajiet tal-akkwist huma mħeġġa jippubblikaw mill-aktar fis possibbli, f'kull sena fiskali, avviż rigward il-pjanijiet ta' akkwist fil-ġejjieni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "avviż ta' akkwist ippjanat"), li għandu jinkludi s-suġġett tal-akkwist u d-data ppjanata tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist intenzjonat.

6. Entità tal-akkwist koperta mit-Taqsimiet B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tista' tuża avviż ta' akkwist ippjanat bħala avviż ta' akkwist intenzjonat, diment li l-avviż ta' akkwist ippjanat ikun jinkludi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli għall-entità tal-akkwist, kif ukoll dikjarazzjoni li l-fornituri interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist.

ARTIKOLU 9.7

Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni

1. Entità tal-akkwist għandha tillimita kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'akkwist kopert għal dawk li jiżguraw li l-fornitur ikollu l-kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-abbiltajiet kummerċjali u tekniċi sabiex iwettaq dak l-akkwist.

2. Fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur jipparteċipa f'akkwist, il-fornitur ikun preċedentement ingħata kuntratt wieħed jew aktar minn entità tal-akkwist ta' Parti partikolari jew dak il-fornitur ikollu esperjenza ta' xogħol preċedenti fit-territorju ta' dik il-Parti;

(b) tista' tesiġi esperjenza preċedenti rilevanti fejn din tkun essenzjali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist.

3. Fil-valutazzjoni ta’ jekk fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, entità tal-akkwist:

(a) għandha tevalwa l-kapaċità finanzjarja u l-abbiltajiet kummerċjali u tekniċi ta’ fornitur abbażi tal-attivitajiet kummerċjali ta’ dak il-fornitur kemm ġewwa kif ukoll barra t-territorju tal-Parti tal-entità tal-akkwist; u

(b) għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha biss fuq il-kundizzjonijiet li l-entità tal-akkwist speċifikat minn qabel fl-avviżi jew fid-dokumentazzjoni tal-offerti.

4. Fejn ikun hemm evidenza ta' sostenn, Parti, inkluży l-entitajiet tal-akkwist tagħha, jistgħu jeskludu fornitur għal raġunijiet bħal:

(a) falliment;

(b) dikjarazzjonijiet foloz;

(c) nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq ta’ kwalunkwe rekwiżit jew obbligu sostantiv skont kuntratt jew kuntratti preċedenti;

(d) sentenzi finali minn qorti ġudizzjarja fir-rigward ta’ delitti serji jew reati serji oħrajn;

(e) evidenza ta’ mġiba ħażina professjonali serja; jew

(f) nuqqas ta’ ħlas tat-taxxi.

ARTIKOLU 9.8

Kwalifika tal-Fornituri

Sistemi ta’ Reġistrazzjoni u Proċeduri ta’ Kwalifika

1. Parti tista’ żżomm sistema ta’ reġistrazzjoni tal-fornitur li abbażi tagħha l-fornituri interessati jkunu mitluba jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu sforzi sabiex inaqqsu d-differenzi fil-proċeduri ta’ kwalifika tagħhom; u

(b) fejn l-entitajiet tal-akkwist tagħha jżommu sistemi ta’ reġistrazzjoni, l-entitajiet jagħmlu sforzi sabiex inaqqsu d-differenzi fis-sistemi ta’ reġistrazzjoni tagħhom.

3. Parti ma għandha tadotta jew tapplika ebda sistema ta’ reġistrazzjoni jew proċedura ta’ kwalifika:

(a) bl-iskop jew bl-effett li toħloq ostakoli bla bżonn għall-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-Parti l-oħra fl-akkwist tagħha; jew

(b) tuża tali sistema ta' reġistrazzjoni jew proċedura ta' kwalifika sabiex timpedixxi jew tittardja l-inklużjoni tal-forniturі tal-Parti l-oħra fuq lista ta' forniturі jew sabiex timpedixxi lil dawn il-forniturі milli jiġu kkunsidrati għal akkwist partikolari.

Proċedura Selettiva ta' Offerti ta' Kuntratt

4. Meta entità tal-akkwist ikollha l-ħsieb li tuża proċedura selettiva ta' offerti ta' kuntratt, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) tinkludi fl-avviż tal-akkwist intenzjonat mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fis-subparagrafi (a), (b), (f), (g), (j), (k) u (l) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) u tistieden lill-forniturі sabiex jissottomettu talba għall-parteċipazzjoni; u

(b) tipprovdi, mill-bidu tal-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti, mill-inqas l-informazzjoni fis-subparagrafi (c), (d), (e), (h), u (i) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) lill-forniturі kkwalifikati li hija tinnotifika kif speċifikat fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 9.12 (Perjodi ta' Żmien).

5. L-entità tal-akkwist għandha:

(a) tippubblika l-avviż biżżejjed qabel l-akkwist sabiex il-forniturі interessati jkunu jistgħu jagħmlu talba għall-parteċipazzjoni fl-akkwist; u

(b) tippermetti lill-fornituri kkwalifikati kollha jressqu offerta, sakemm l-entità tal-akkwist ma tkunx iddikjarat fl-avviż tal-akkwist intenzjonat xi limitazzjoni fuq in-numru ta' fornituri li ser ikunu permessi li jitfgħu l-offerta tagħhom u l-kriterji għall-għażla tal-għadd limitat ta' fornituri.

6. Fejn id-dokumentazzjoni tal-offerti ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 4, entità tal-akkwist għandha tiżgura li dawk id-dokumenti jiġu magħmula disponibbli fl-istess ħin għall-fornituri kkwalifikati kollha magħżula f'konformità mal-paragrafu 5.

Listi ta' Bosta Użi

7. Entità tal-akkwist tista' żżomm lista ta' fornituri għal bosta użi, diment li avviż li jistieden lill-fornituri interessati sabiex japplikaw għall-inklużjoni fil-lista:

(a) jiġi ppubblikat kull sena; u

(b) meta jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi, jiġi magħmul disponibbli kontinwament,

fil-mezz xieraq elenkat fit-Taqsima H (Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni dwar l-Akkwist) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu.

8. L-avviż previst fil-paragrafu 7 għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi, jew il-kategoriji tagħhom, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-forniturи għall-inklużjoni fil-lista u l-metodi li ser tuża l-entità tal-akkwist sabiex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja sabiex tiġi kkuntattjata l-entità tal-akkwist u jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta' validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew għat-terminazzjoni tagħha jew, meta ma jiġix ipprovdut il-perjodu ta' validità, indikazzjoni tal-metodu li permezz tiegħu jingħata avviż tat-terminazzjoni tal-użu tal-lista; u

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

9. Minkejja l-paragrafu 7, meta lista ta' bosta użi tkun valida għal tliet snin jew inqas, entità tal-akkwist tista' tippubblika l-avviż imsemmi fil-paragrafu 7 darba biss, fil-bidu tal-perjodu ta' validità tal-lista, diment li l-avviż:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' validità u li mhux ser jiġu ppubblikati aktar avviżi; u

(b) jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi u jitpoġġa disponibbli kontinwament matul il-perjodu tal-validità tiegħu.

10. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-forniturи kollha inklużi f'lista ta' bosta użi jressqu offerti għal akkwist rilevanti.

11. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-fornituri japplikaw fi kwalunkwe ħin għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi u għandha tinkludi fil-lista l-fornituri kkwalifikati kollha f'perjodu ta' żmien raġonevolment qasir.

12. Meta fornitur li mhuwiex inkluż f'lista ta' bosta użi jippreżenta talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist abbażi ta' lista ta' bosta użi u d-dokumenti kollha meħtieġa fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.12 (Perjodi ta' Żmien), it-talba għandha tiġi eżaminata minn entità tal-akkwist. L-entità tal-akkwist ma għandhiex teskludi lill-fornitur minn kunsiderazzjoni fir-rigward tal-akkwist fuq il-bażi li l-entità tal-akkwist ma jkollhiex biżżejjed żmien sabiex teżamina t-talba, sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-akkwist, l-entità tal-akkwist ma tkunx tista' tlesti l-eżami tat-talba fil-perjodu ta' żmien permess għat-tressiq tal-offerti.

Gvern Subċentrali u Entitajiet Koperti oħrajn

13. Entità tal-akkwist koperta mit-Taqsimiet B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu tista' tuża avviż li bih tistieden lill-fornituri japplikaw għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi bħala avviż ta' akkwist intenzjonat, diment li:

(a) l-avviż jiġi ppubblikat f'konformità mal-paragrafu 7 u jkun jinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 8, l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) disponibbli u dikjarazzjoni li dan jikkostitwixxi avviż ta' akkwist intenzjonat jew li huma biss il-fornituri fil-lista ta' bosta użi li jirċievu avviżi ulterjuri ta' akkwist koperti mil-lista ta' bosta użi; u

(b) l-entità tal-akkwist tipprovdi minnufih lill-forniturili jkunu esprimew interess f'akkwist partikolari lill-entità tal-akkwist biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-interess tagħhom fl-akkwist, inkluża l-bqija tal-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi), safejn tkun disponibbli tali informazzjoni.

14. Entità tal-akkwist koperta mit-Taqsimiet B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu tista' tippermetti lil fornitur li jkun applika għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi f'konformità mal-paragrafu 11 iressaq offerta f'akkwist partikolari, meta jkun hemm biżżejjed żmien sabiex l-entità tal-akkwist teżamina jekk il-fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

Informazzjoni dwar id-Deċiżjonijiet tal-Entità tal-Akkwist

15. Entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lil kwalunkwe fornitur li jissottometti talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi bid-deċiżjoni tal-entità tal-akkwist fir-rigward tat-talba jew tal-applikazzjoni.

16. Meta entità tal-akkwist tirrifjuta talba ta' fornitur għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi, ma tibqax tirrikonoxxi fornitur bħala kkwalifikat, jew tneħħi fornitur minn lista ta' bosta użi, l-entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lill-fornitur u, fuq talba tal-fornitur, tipprovdi minnufih lill-fornitur bi spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

ARTIKOLU 9.9

Speċifikazzjonijiet Tekniċi

1. Entità tal-akkwist ma għandha tħejji, tadotta jew tapplika ebda speċifikazzjoni teknika u ma għandha tippreskrivi ebda proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bl-iskop jew bl-effett li toħloq ostakolu bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Fil-preskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-prodotti jew is-servizzi li jkunu ser jiġu akkwistati, entità tal-akkwist għandha, fejn xieraq:

(a) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni teknika f'termini ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni u funzjonali, aktar milli karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi; u

(b) tibbaża l-ispeċifikazzjoni teknika fuq standards internazzjonali, fejn ikunu jeżistu; inkella, fir-rigward tar-regolamenti tekniċi nazzjonali, fuq standards nazzjonali rikonoxxuti jew fuq kodiċijiet tal-bini.

3. Meta jintużaw karatteristiċi deskrittivi jew tad-disinn fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, entità tal-akkwist għandha tindika li hija ser tikkunsidra offerti ta' prodotti jew servizzi ekwivalenti li jissodisfaw biċ-ċar ir-rekwiżiti tal-akkwist billi tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

4. Entità tal-akkwist ma għandhiex tippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi li jirrikjedu jew jirreferu għal trademark jew isem kummerċjali, privattiva, dritt tal-awtur, disinn, tip, oriġini speċifika, produttur jew fornitur partikolari, sakemm ma jkun hemm l-ebda mod ieħor preċiż jew intelliġibbli biżżejjed sabiex jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-akkwist u diment li, f'każijiet bħal dawn, l-entità tal-akkwist tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

5. Entità tal-akkwist ma għandhiex tfittex jew taċċetta, b'mod li jkollu l-effett li jipprekludi l-kompetizzjoni, parir li jista' jintuża fit-tħejjija jew l-adozzjoni ta' kwalunkwe speċifikazzjoni teknika għal akkwist speċifiku minn persuna li jista' jkollha interess kummerċjali fl-akkwist.

6. Għal ċertezza akbar, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, jistgħu, f'konformità ma' dan l-Artikolu, iħejju, jadottaw jew japplikaw speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex jippromovu l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali jew jipproteġu l-ambjent.

ARTIKOLU 9.10

Konsultazzjonijiet tas-Suq

1. Qabel iniedu akkwist, l-entitajiet tal-akkwist jistgħu jwettqu konsultazzjonijiet tas-suq bil-għan li jħejju l-akkwist, notevolment għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, bil-kundizzjoni li, meta r-riċerka tas-suq titwettaq minn fornitur fil-kuntest ta' akkwist kopert, tali akkwist ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Għal dak il-għan, l-entitajiet tal-akkwist jistgħu jfittxu jew jaċċettaw parir minn esperti jew awtoritajiet indipendenti jew minn parteċipanti fis-suq. Dak il-parir jista' jintuża fl-ippjanar u t-twettiq tal-proċedura tal-akkwist, diment li dan ma jkollux l-effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma jirriżultax fi ksur tal-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' trasparenza.

ARTIKOLU 9.11

Dokumentazzjoni tal-Offerta

Dokumentazzjoni tal-Offerta

1. Entità tal-akkwist għandha tagħmel disponibbli jew tipprovdi minnufih lill-fornituri, fuq talba, id-dokumentazzjoni tal-offerta li tkun jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tippermetti lill-fornituri jħejju u jressqu offerti risponsivi. Sakemm ma tkunx ipprovduta diġà fl-avviż tal-akkwist intenzjonat, tali dokumentazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni kompleta ta':

(a) l-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-prodotti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata u kwalunkwe rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati, inklużi kwalunkwe speċifikazzjonijiet tekniċi, ċertifikazzjonijiet tal-konformità, pjanijiet, tpinġijiet jew materjali ta' struzzjoni;

(b) kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-fornituri, inkluża lista ta' informazzjoni u dokumenti li l-fornituri huma meħtieġa jippreżentaw b'konnessjoni mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(c) il-kriterji tal-evalwazzjoni kollha li għandhom jiġu applikati fl-għoti tal-kuntratt u, ħlief meta l-prezz ikun l-uniku kriterju, l-importanza relattiva ta' tali kriterji;

(d) meta l-entità tal-akkwist tkun ser twettaq l-akkwist b'mezzi elettroniċi, kwalunkwe rekwiżit ta' awtentikazzjoni u kriptaġġ jew kwalunkwe rekwiżiti oħrajn relatati mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi, diment li jkun hemm tali rekwiżiti;

(e) meta l-entità tal-akkwist tkun ser torganizza rkant elettroniku, ir-regoli, inkluża l-identifikazzjoni tal-elementi tal-offerta relatati mal-kriterji tal-evalwazzjoni, li bihom jitwettaq l-irkant;

(f) meta jkun hemm ftuħ pubbliku tal-offerti, id-data, il-ħin u l-post għall-ftuħ tal-offerti u, jekk il-leġiżlazzjoni domestika ta' Parti tistipula li ċerti persuni biss huma awtorizzati li jkunu preżenti, l-indikazzjoni ta' dawk il-persuni;

(g) kwalunkwe terminu ieħor jew kundizzjoni oħra, inklużi termini tal-ħlas u kwalunkwe limitazzjoni fuq il-mezzi li bihom jistgħu jitressqu l-offerti, bħal jekk huwiex fuq karta jew b'mezz elettroniku; u

(h) kwalunkwe data għall-konsenja tal-prodotti jew għall-provvista tas-servizzi.

2. Meta tistabbilixxi kwalunkwe data għall-konsenja tal-prodotti jew għall-provvista tas-servizzi li jkunu qed jiġu akkwistati, entità tal-akkwist għandha tikkunsidra, fejn xieraq, fatturi bħall-kumplessità tal-akkwist, il-firxa tas-subkuntrattar antiċipat u ż-żmien realistiku meħtieġ għall-produzzjoni, it-tneħħija mill-ħażna u t-trasportazzjoni tal-prodotti mill-punt tal-provvista jew għall-provvista tas-servizzi.

3. Il-kriterji tal-evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist intenzjonat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta jistgħu jinkludu, *inter alia*, il-prezz u fatturi ta' kostijiet oħrajn, il-kwalità, il-mertu tekniku, il-karatteristiċi ambjentali u t-termini tal-konsenja.

4. Entità tal-akkwist għandha twieġeb minnufih għal kwalunkwe talba raġonevoli għal informazzjoni rilevanti minn kwalunkwe fornitur interessat jew parteċipant, diment li tali informazzjoni ma tagħtix lil dak il-fornitur vantaġġ fuq il-forniturl-oħrajn.

Modifiki

5. Jekk, qabel l-għoti ta' kuntratt, entità tal-akkwist timmodifika l-kriterji jew ir-rekwiżiti tal-evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist intenzjonat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta pprovduta lill-forniturl parteċipanti, jew temenda jew terġa' toħroġ avviż jew dokumentazzjoni tal-offerta, hija għandha tibgħat bil-miktub dawn il-modifiki kollha jew l-avviż jew id-dokumentazzjoni tal-offerta emendati jew maħruġa mill-ġdid:

(a) lill-forniturl kollha li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-ħin tal-modifika, tal-emenda jew tal-ħruġ mill-ġdid, jekk tali forniturl jkunu magħrufa mal-entità tal-akkwist, jew inkella tippubblika jew tipprovdi tali dokumenti bl-istess mod li bih tkun tpoġġiet disponibbli l-informazzjoni oriġinali; u

(b) fi żmien adegwat sabiex dawn il-forniturl jkunu jistgħu jimmodifikaw l-offerti inizjali tagħhom u jressqu offerti emendati, kif xieraq.

ARTIKOLU 9.12

Il-Perjodi ta' Żmien

Ġenerali

1. Entità tal-akkwist għandha, b’mod konsistenti mal-ħtiġijiet raġonevoli tagħha, tipprovdi biżżejjed żmien sabiex il-fornituri jkunu jistgħu jiksbu d-dokumentazzjoni tal-offerta u sabiex iħejju u jippreżentaw talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti risponsivi, filwaqt li tqis fatturi bħal:

(a) in-natura u l-kumplessità tal-akkwist;

(b) kemm huwa antiċipat li jsir sottokuntrattar; u

(c) iż-żmien meħtieġ għat-trażmissjoni tal-offerti b’mezzi mhux elettroniċi minn punti barranin kif ukoll domestiċi fejn ma jintużawx mezzi elettroniċi.

Tali perjodi ta’ żmien, inkluża kwalunkwe estensjoni tagħhom, għandhom ikunu l-istess għall-fornituri interessati jew parteċipanti kollha.

Dati tal-għeluq

2. Entità tal-akkwist li tuża sejħa għall-offerti selettiva għandha tistabbilixxi li d-data finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun inqas minn 25 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist intenzjonat. Fil-każ ta' stat ta' urġenza, debitament sostanzjat mill-entità tal-akkwist, li jrendi dan il-perjodu ta' żmien imprattikabbli, il-perjodu ta' żmien jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn 10 ijiem.

3. Ħlief kif previst fil-paragrafi 4, 5 u 7, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi li d-data finali għat-tressiq tal-offerti ma għandhiex tkun inqas minn 40 jum mid-data li fiha:

(a) fil-każ ta' sejħa għall-offerti miftuħa, jiġi ppubblikat l-avviż tal-akkwist intenzjonat; jew

(b) fil-każ ta' sejħa għall-offerti selettiva, l-entità tal-akkwist tinnotifika lill-fornituri li huma ser jiġu mistiedna jressqu offerti, kemm jekk tuża lista ta' bosta użi kif ukoll jekk le.

4. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 10 ijiem jekk:

(a) l-entità tal-akkwist tkun ippubblikat avviż tal-akkwist ippjanat kif deskritt fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi) mill-inqas 40 jum u mhux aktar minn 12-il xahar minn qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist intenzjonat, u l-avviż tal-akkwist ippjanat ikun fih:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għat-tressiq ta’ offerti jew għall-preżentazzjoni ta’ talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni li l-fornituri interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist;

(iv) l-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti relatati mal-akkwist; u

(v) l-informazzjoni kollha disponibbli li tkun meħtieġa għall-avviż tal-akkwist intenzjonat skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi);

(b) l-entità tal-akkwist, għal kuntratti rikorrenti, tindika f’avviż inizjali ta’ akkwist intenzjonat li l-avviżi sussegwenti ser jipprovdu perjodi ta’ żmien għas-sejħa għall-offerti abbażi ta’ dan il-paragrafu;

(c) l-entità tal-akkwist takkwista prodotti jew servizzi kummerċjali; jew

(d) stat ta’ urġenza, debitament sostanzjat mill-entità tal-akkwist, li jrendi impraktikabbli l-perjodu ta’ żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit f’konformità mal-paragrafu 3.

5. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 b'ħamest ijiem għal kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-avviż ta’ akkwist intenzjonat jiġi ppubblikat b’mezzi elettroniċi;

(b) id-dokumentazzjoni kollha tal-offerti tiġi magħmula disponibbli b'mezzi elettroniċi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist intenzjonat; u

(c) l-entità tal-akkwist taċċetta l-offerti b'mezzi elettroniċi.

6. L-applikazzjoni tal-paragrafu 5, flimkien mal-paragrafu 4, fl-ebda każ ma għandha tirriżulta f'perjodu ta' żmien imnaqqas għas-sejħa għall-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 ta' inqas minn 10 ijiem mid-data li fiha jiġi ppubblikat l-avviż tal-akkwist intenzjonat.

7. Jekk entità tal-akkwist koperta mit-Taqsimiet B (Entitajiet tal-Gvern Subċentrali) jew C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu tkun għażlet il-forniturи kkwalifikati kollha jew numru limitat tagħhom, il-perjodu ta' żmien għas-sejħa għall-offerti jista' jiġi ffissat bi ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturи magħżula. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-perjodu ma għandux ikun inqas minn 10 ijiem.

ARTIKOLU 9.13

Negozjati

1. Fir-rigward ta' akkwist kopert, Parti tista' tipprevedi li l-entitajiet tal-akkwist tagħha jwettqu negozjati:

(a) jekk l-entità tal-akkwist tkun indikat l-intenzjoni tagħha li tmexxi n-negozjati fl-avviż tal-akkwist intenzjonat meħtieġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi); jew

(b) jekk mill-evalwazzjoni jidher li ma hemmx offerta li hija ovvjament l-aktar waħda vantaġġjuża f'termini tal-kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist intenzjonat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

2. Entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li kwalunkwe eliminazzjoni ta' fornituri li jieħdu sehem fin-negozjati ssir f'konformità mal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta; u

(b) meta jiġu konklużi n-negozjati, tipprovdi data tal-għeluq komuni għall-bqija tal-fornituri parteċipanti sabiex iressqu kwalunkwe offerta ġdida jew riveduta.

ARTIKOLU 9.14

Sejħa għall-Offerti Limitata

1. Sakemm entità tal-akkwist ma tużax sejħa għall-offerti limitata għall-fini tal-evitar tal-kompetizzjoni fost il-forniturі jew b'mod li jiddiskrimina kontra forniturі tal-Parti l-oħra, jew inkella b'mod li jipproteġi lill-forniturі domestiċi, entità tal-akkwist tista' tuża sejħa għall-offerti limitata u tista' tagħżel li ma tapplikax l-Artikoli 9.6 (Avviżi), 9.7 (Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni), 9.8 (Kwalifika tal-Forniturі), 9.10 (Konsultazzjonijiet tas-Suq), 9.11 (Dokumentazzjoni tal-Offerta), 9.12 (Perjodi ta' Żmien), 9.13 (Negozjati) u 9.15 (Irkanti Elettroniċi) biss fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk b'rispons għal avviż ta' akkwist intenzjonat, jew stedina għat-tressiq tal-offerti:

(i) ma tkun ġiet sottomessa ebda offerta jew ma tkun intalbet parteċipazzjoni minn ebda fornitur;

(ii) ma tkun ġiet sottomessa ebda offerta li tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tad-dokumentazzjoni tal-offerta;

(iii) l-ebda fornitur ma ssodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni; jew

(iv) l-offerti ppreżentati kienu kollużivi,

diment li l-entità tal-akkwist ma timmodifikax sostanzjalment ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-offerta;

(b) jekk il-prodotti jew is-servizzi jkunu jistgħu jiġu pprovduti biss minn fornitur partikolari u ma jkunux jeżistu prodotti jew servizzi alternattivi jew sostituti raġonevoli għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) ir-rekwiżit huwa għal opra tal-arti;

(ii) il-protezzjoni ta' privattivi, drittijiet tal-awtur jew drittijiet esklussivi oħrajn; jew

(iii) nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(c) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali ta' prodotti jew servizzi li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali jekk bidla tal-fornitur għal tali prodotti jew servizzi addizzjonali:

(i) ma tkunx tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi, bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjabbiltà jew interoperabbiltà mat-tagħmir, is-softwer, is-servizzi jew l-installazzjonijiet eżistenti akkwistati skont l-akkwist inizjali jew il-kundizzjonijiet skont il-garanziji oriġinali tal-fornitur; u

(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew spejjeż doppji sostanzjali għall-entità tal-akkwist;

(d) safejn ikun strettament neċessarju jekk, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti imprevedibbli mill-entità tal-akkwist, il-prodotti jew is-servizzi ma jkunux jistgħu jinkisbu fil-ħin bl-użu ta' sejħa għall-offerti miftuħa jew sejħa għall-offerti selettiva;

(e) għal prodotti mixtrija f'suq tal-prodotti bażiċi jew in-negozju tagħhom;

(f) meta entità tal-akkwist takkwista prototip jew l-ewwel prodott jew servizz li jiġi żviluppat wara t-talba tagħha matul u għal kuntratt partikolari ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp oriġinali. L-iżvilupp oriġinali ta' prototip jew tal-ewwel prodott jew servizz jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fil-prattika u sabiex jintwera li l-prodott jew is-servizz huwa addattat għall-produzzjoni jew għall-provvista fi kwantità għal standards ta' kwalità aċċettabbli, iżda ma jinkludix il-produzzjoni jew il-provvista tal-kwantità sabiex tiġi stabbilita vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-kostijiet tar-riċerka u tal-iżvilupp;

(g) jekk is-servizzi ta' kostruzzjoni addizzjonali li ma jkunux ġew inklużi fil-kuntratt inizjali, iżda li kienu jaqgħu taħt l-għanijiet tad-dokumentazzjoni tal-offerta oriġinali, ikunu, minħabba ċirkostanzi imprevedibbli, saru meħtieġa għat-tkomplija tas-servizzi ta' kostruzzjoni deskritti hemmhekk;

(h) għal akkwisti magħmula taħt kundizzjonijiet eċċezzjonalment vantaġġużi li jinħolqu biss fuq medda ta' żmien qasira fil-każ ta' disponimenti mhux tas-soltu, bħal dawk li jinħolqu minn likwidazzjoni, riċevitura jew falliment, iżda mhux għal akkwisti ta' rutina minn forniturі regolari; jew

(i) meta kuntratt jingħata lil rebbieħ ta' kompetizzjoni ta' disinji diment li:

(i) il-kompetizzjoni tkun ġiet organizzata b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipji ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' avviż ta' akkwist intenzjonat; u

(ii) il-kompetizzjoni tiġi ġġudikata minn ġurija indipendenti bl-għan li kuntratt ta' disinn jingħata lil rebbieħ.

2. Għal kull kuntratt mogħti f'konformità mal-paragrafu 1, entità tal-akkwist għandha tħejji rapport bil-miktub, jew iżżomm rekord. Ir-rapport jew ir-rekord għandu jinkludi l-isem l-entità tal-akkwist, il-valur u t-tip ta' prodotti jew servizzi akkwistati u dikjarazzjoni li tindika ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1 li ġġustifikaw l-użu ta' sejħa għall-offerti limitata.

ARTIKOLU 9.15

Irkanti Elettroniċi

Meta entità tal-akkwist ikollha l-ħsieb li twettaq akkwist kopert billi tuża rkant elettroniku, l-entità tal-akkwist għandha tipprovdi lil kull parteċipant, qabel ma tibda l-irkant elettroniku:

(a) il-metodu ta' evalwazzjoni awtomatika li huwa bbażat fuq il-kriterji tal-evalwazzjoni stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-offerta u li jintuża fil-klassifikazzjoni jew ir-riklassifikazzjoni awtomatika matul l-irkant; u

(b) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-twettiq tal-irkant.

ARTIKOLU 9.16

It-Trattament tal-Offerti u l-Għoti tal-Kuntratti

It-Trattament tal-Offerti

1. Entità tal-akkwist għandha tirċievi, tiftaħ u tittratta l-offerti kollha taħt proċeduri li jiggarantixxu l-ġustizzja u l-imparzjalità tal-proċess tal-akkwist, kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-offerti.

2. Meta entità tal-akkwist tipprovdi lil fornitur b'opportunità li jikkoreġi żbalji tal-forma mhux intenzjonati bejn il-ftuħ tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt, l-entità tal-akkwist għandha tipprovdi l-istess opportunità lill-forniturі parteċipanti kollha.

L-Għoti ta' Kuntratti

3. Sabiex tiġi kkunsidrata għal għotja, offerta għandha tiġi ppreżentata bil-miktub u, fil-mument tal-ftuħ, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-avviżi u fid-dokumentazzjoni tal-offerta u tiġi ppreżentata minn fornitur li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

4. Sakemm entità tal-akkwist ma tiddeterminax li mhuwiex fl-interess pubbliku li jingħata kuntratt, hija għandha tagħti l-kuntratt lill-fornitur li l-entità tal-akkwist tkun iddeterminat li huwa kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt u li, abbażi biss tal-kriterji ta' evalwazzjoni speċifikati fl-avviżi u fid-dokumentazzjoni tal-offerta, ikun ressaq:

(a) l-aktar offerta vantaġġuża; jew

(b) fejn il-prezz ikun l-uniku kriterju, l-aktar prezz baxx.

5. Meta entità tal-akkwist tirċievi offerta bi prezz li huwa anormalment aktar baxx mill-prezzijiet f'offerti oħrajn imressqa, hija tista' tivverifika mal-fornitur sabiex tara li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u li huwa kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt.

6. Entità tal-akkwist ma għandhiex tuża għażliet, tikkanċella akkwist kopert jew timmodifika l-kuntratti mogħtija b'mod li jiġu evitati l-obbligi skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 9.17

Informazzjoni Wara l-Għotja

Informazzjoni pprovduta lill-Fornituri

1. Entità tal-akkwist għandha tinforma minnufih lill-fornituri li jkunu ressqu offerta jew ippreżentaw applikazzjoni għall-parteċipazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-għoti tal-kuntratti tal-entità tal-akkwist u, fuq it-talba ta' fornitur, għandha tagħmel hekk bil-miktub.

2. Soġġetta għall-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 9.18 (Divulgazzjoni tal-Informazzjoni), entità tal-akkwist għandha, jekk tintalab, tipprovdi lil fornitur li ma jkunx intgħażel bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-entità tal-akkwist ma tkunx għażlet l-offerta tiegħu u, għall-fornituri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li l-offerti tagħhom jgħaddu mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-vantaġġi relattivi tal-offerta tal-fornitur li jintgħażel.

Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar l-Għotja

3. Mhux aktar tard minn 30 jum wara l-għoti ta' kull kuntratt kopert minn dan il-Kapitolu, entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż fuq karta jew mezz elettroniku xieraq elenkat fit-Taqsima H (Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar l-Akkwist) tal-Annessi għal dan il-Kapitolu. Meta l-entità tal-akkwist tippubblika l-avviż fuq mezz elettroniku biss, l-informazzjoni għandha tibqa' faċilment aċċessibbli għal perjodu ta' żmien raġonevoli. L-avviż għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi akkwistati;

(b) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist;

(c) l-isem u l-indirizz tal-fornitur li jintgħażel;

(d) il-valur tal-offerta li tintgħażel jew l-ogħla offerta u l-aktar waħda baxxa kkunsidrati fl-għoti tal-kuntratt;

(e) id-data tal-għotja; u

(f) it-tip ta' metodu ta' akkwist użat u, f'każijiet fejn tintuża sejħa għall-offerti limitata f'konformità mal-Artikolu 9.14 (Sejħa għall-Offerti Limitata), deskrizzjoni qasira taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu ta' sejħa għall-offerti limitata.

Iż-Żamma ta’ Rekords

4. Kull entità tal-akkwist għandha żżomm:

(a) id-dokumentazzjoni, ir-rekords u r-rapporti relatati mal-proċeduri ta’ sejħa għall-offerti u għotjiet ta’ kuntratti għal akkwist kopert, inklużi r-rekords u r-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 9.14 (Sejħa għall-Offerti Limitata), għal perjodu ta’ mill-inqas tliet snin mid-data li fiha tagħti kuntratt; u

(b) id-*data* li tiżgura t-traċċabbiltà xierqa tat-twettiq tal-akkwist kopert b’mezzi elettroniċi.

Statistika

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkomunikaw id-*data* statistika disponibbli rilevanti għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 9.18

Divulgazzjoni ta’ Informazzjoni

Għoti ta’ Informazzjoni

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni meħtieġa sabiex tiddetermina jekk akkwist twettaqx b’mod ġust, imparzjali u f’konformità ma’ dan il-Kapitolu, inkluża, fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula. Il-Parti l-oħra ma għandha tiddivulgaha lil ebda fornitur, ħlief wara li tikkonsulta u tikseb il-kunsens tal-Parti li pprovdiet l-informazzjoni.

Nuqqas ta’ Divulgazzjoni tal-Informazzjoni

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta’ dan il-Kapitolu, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhom jipprovdu lil ebda fornitur informazzjoni li tista’ tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta’ fornitur ieħor jew li tista’ tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі.

3. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jobbliga Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist, l-awtoritajiet u l-korpi ta' rieżami tagħha, jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali fejn id-divulgazzjoni:

(a) tkun ser timpedixxi l-infurzar tal-liġi;

(b) tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі;

(c) tkun ser tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' persuni partikolari, inkluża l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) tkun ser tmur kontra l-interess pubbliku bi kwalunkwe mod ieħor.

ARTIKOLU 9.19

Rieżami Domestiku

1. Kull Parti għandha żżomm, tistabbilixxi jew taħtar mill-inqas awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali waħda li tkun indipendenti mill-entitajiet tal-akkwist tagħha sabiex teżamina mill-ġdid, b'mod nondiskriminatorju, f'waqtu, trasparenti u effettiv, kontestazzjoni minn fornitur ta':

(a) ksur ta' dan il-Kapitolu, jew

(b) nuqqas ta' entità tal-akkwist milli tikkonforma mal-miżuri ta' Parti sabiex timplimenta dan il-Kapitolu, meta l-fornitur ma jkollu ebda dritt li jikkontesta direttament ksur ta' dan il-Kapitolu skont il-liġi domestika ta' Parti,

li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert, li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess. Ir-regoli proċedurali għall-kontestazzjonijiet kollha għandhom ikunu bil-miktub u jiġu magħmula ġeneralment disponibbli.

2. Fil-każ ta’ ilment minn fornitur, li jirriżulta fil-kuntest ta’ akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Parti tal-entità tal-akkwist li twettaq l-akkwist għandha tħeġġeġ lill-entità tal-akkwist u lill-fornitur, fejn ikun xieraq, sabiex ifittxu soluzzjoni għall-ilment permezz ta’ konsultazzjonijiet. L-entità tal-akkwist għandha tagħti kunsiderazzjoni f’waqtha u imparzjali lil kwalunkwe ilment bħal dan b’mod li ma jippreġudikax il-parteċipazzjoni tal-fornitur fl-akkwist attwali jew futur jew id-dritt tiegħu li jfittex miżuri korrettivi skont il-proċeduri ta’ rieżami ġudizzjarju jew amministrattiv. Kull Parti jew l-entitajiet tal-akkwist tagħha għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar tali mekkaniżmi tal-ilmenti ġeneralment disponibbli.

3. Kull fornitur għandu jingħata perjodu ta’ żmien twil biżżejjed sabiex iħejji u jippreżenta kontestazzjoni, li fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 10 ijiem miż-żmien meta l-bażi tal-kontestazzjoni tkun saret magħrufa jew b’mod raġonevoli kellha ssir magħrufa mill-fornitur.

4. Fejn korp li mhuwiex awtorità msemmija fil-paragrafu 1 inizjalment jirrevedi kontestazzjoni, il-Parti għandha tiżgura li l-fornitur ikun jista’ jappella d-deċiżjoni inizjali quddiem awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali li tkun indipendenti mill-entità tal-akkwist li l-akkwist tagħha jkun is-suġġett tal-kontestazzjoni.

5. Kull Parti għandha tiżgura li korp ta’ rieżami li mhuwiex qorti jkollu d-deċiżjoni tiegħu soġġetta għal rieżami ġudizzjarju jew ikollu proċeduri li jistabbilixxu li:

(a) l-entità tal-akkwist għandha twieġeb bil-miktub għall-kontestazzjoni u tiddivulga d-dokumenti kollha rilevanti lill-korp ta’ rieżami;

(b) il-parteċipanti fil-proċedimenti (minn hawn ’il quddiem imsejħa “parteċipanti”) għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni mill-korp ta’ rieżami dwar il-kontestazzjoni;

(c) il-parteċipanti għandu jkollhom id-dritt li jkunu rrappreżentati u akkumpanjati;

(d) il-parteċipanti għandu jkollhom aċċess għall-proċedimenti kollha; u

(e) il-korp ta’ rieżami għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu dwar kontestazzjoni ta’ fornitur b’mod f’waqtu, bil-miktub u għandu jinkludi spjegazzjoni tar-raġunijiet għal kull deċiżjoni.

6. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu:

(a) miżuri interim rapidi, sakemm tiġi riżolta kontestazzjoni, sabiex tiġi ppreservata l-opportunità tal-fornitur li jipparteċipa fl-akkwist. Tali miżuri interim jistgħu jirriżultaw f’sospensjoni tal-proċess ta’ akkwist. Il-proċeduri jistgħu jistabbilixxu li, meta jkun ser jiġi deċiż jekk għandhomx jittieħdu miżuri bħal dawn, jistgħu jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi avversi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku. Għandha tiġi pprovduta bil-miktub kawża ġusta għal nuqqas ta’ azzjoni; u

(b) azzjoni korrettiva jew kumpens għat-telf jew għad-danni mġarrba, meta korp ta’ rieżami jkun iddetermina li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-kumpens għad-danni mġarrba jista’ jkun limitat jew għall-kostijiet imġarrba b’mod raġonevoli fit-tħejjija tal-offerta jew inkella fit-tressiq tal-kontestazzjoni, jew it-tnejn.

ARTIKOLU 9.20

Modifika u Rettifika għall-Kopertura

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar kwalunkwe modifika jew rettifika proposta għall-kopertura tagħha (minn hawn ’il quddiem imsejħa “modifika”).

2. Għal kwalunkwe rtirar propost ta’ entità mill-kopertura tagħha fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħha fuq il-bażi li l-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuqha jkunu ġew effettivament eliminati, il-Parti li tipproponi l-modifika (minn hawn ’il quddiem imsejħa “Parti li timmodifika”) għandha tinkludi fl-evidenza tan-notifika li tali kontroll jew influwenza tal-gvern ġew effettivament eliminati.

3. Il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq entità jitqiesu bħala li ġew effettivament eliminati meta l-Parti li timmodifika, inklużi, għall-Unjoni, l-entitajiet tal-gvern ċentrali u l-entitajiet tal-gvern subċentrali tagħha, u, għall-Vjetnam, l-entitajiet tal-gvern ċentrali u l-entitajiet tal-gvern subċentrali tagħha:

(a) ma jkollhomx, direttament jew indirettament, aktar minn 50 fil-mija tal-kapital sottoskritt tal-entità jew il-voti marbuta mal-ishma maħruġa mill-entità; u

(b) ma jistgħux jaħtru, direttament jew indirettament, aktar minn nofs il-membri tal-bord tad-diretturi tal-entità jew korp ekwivalenti.

4. Għal kwalunkwe modifika proposta oħra, il-Parti li timmodifika għandha tinkludi fin-notifika informazzjoni rigward il-konsegwenzi li x'aktarx iġġib magħha l-bidla għall-kopertura miftiehma b'mod reċiproku pprovduta fil-Ftehim. Meta l-Parti li timmodifika tipproponi li tagħmel rettifiki ta' natura purament formali u modifiki minuri għall-kopertura tagħha li ma taffettwax l-akkwist kopert, modifiki ta' din ix-xorta għandhom jiġu nnotifikati mill-inqas kull sentejn.

Il-modifiki proposti tal-kopertura jitqiesu bħala li jikkostitwixxu rettifiki ta' natura purament formali u modifiki minuri għall-kopertura tal-Parti fil-każijiet li ġejjin:

(a) bidliet fl-isem ta' entità tal-akkwist;

(b) fużjoni ta' waħda jew aktar mill-entitajiet tal-akkwist elenkati fl-Anness tal-Parti għal dan il-Kapitolu; jew

(c) is-separazzjoni ta' entità tal-akkwist elenkata fl-Anness tal-Parti għal dan il-Kapitolu f'żewġ entitajiet jew aktar li kollha jiżdiedu mal-entitajiet tal-akkwist elenkati fl-istess Taqsima tal-Anness.

5. Il-Parti li timmodifika tista' tinkludi fl-avviż tagħha offerta ta' aġġustamenti kumpensatorji għall-bidla fil-kopertura tagħha, jekk ikun meħtieġ, sabiex jinżamm livell ta' kopertura komparabbli ma' dak li kien jeżisti qabel il-modifika. Il-Parti li timmodifika ma għandhiex tkun meħtieġa li tipprovdi aġġustamenti kumpensatorji lill-Parti l-oħra meta modifika proposta tkun tikkonċerna:

(a) entità tal-akkwist li fuqha eliminat b'mod effettiv il-kontroll jew l-influwenza tagħha fir-rigward ta' akkwist kopert minn dik l-entità; jew

(b) rettifiki ta’ natura purament formali u modifiki minuri għall-Anness tagħha għal dan il-Kapitolu;

Minkejja s-subparagrafu (a), jekk l-irtirar minn Parti li timmodifika ta’ għadd sinifikanti ta’ entitajiet tal-akkwist mill-kopertura tagħha fuq il-bażi li dawn l-entitajiet ma jibqgħux taħt il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern f’konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 jirriżulta fi żbilanċ sinifikanti tal-koperturi miftiehma bejn il-Partijiet, il-Parti li timmodifika għandha taċċetta li tidħol f’konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra sabiex flimkien jiddiskutu, mingħajr preġudizzju, il-modalitajiet għar-rimedju ta’ tali żbilanċ.

6. Il-Parti l-oħra għandha tinnotifika lill-Parti li timmodifika bi kwalunkwe oġġezzjoni għall-modifika proposta fi żmien 45 jum min-notifika.

7. Jekk il-Parti l-oħra tinnotifika oġġezzjoni, iż-żewġ Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu l-kwistjoni permezz ta’ konsultazzjonijiet. Matul il-konsultazzjonijiet, il-Parti li tkun qed toġġezzjona tista’ titlob aktar informazzjoni bil-għan li tikkjarifika l-modifika proposta, inkluża n-natura ta’ kwalunkwe kontroll jew influwenza mill-gvern.

8. Jekk il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 7 ma jsolvux il-kwistjoni, il-Partijiet jistgħu jużaw il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previst fil-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim).

9. Modifika proposta għandha ssir effettiva biss jekk:

(a) il-Parti l-oħra ma tkunx ippreżentat lill-Parti li timmodifika oġġezzjoni bil-miktub għall-modifika proposta fi żmien 45 jum mid-data tan-notifika tal-modifiki proposti;

(b) il-Partijiet ikunu laħqu ftehim; jew

(c) tribunal tal-arbitraġġ ikun ħareġ rapport finali f'konformità mal-Artikolu 15.11 (Rapport Finali) li jikkonkludi li l-Partijiet għandhom jagħtu effett lill-modifika proposta.

ARTIKOLU 9.21

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interess komuni tagħhom li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-liberalizzazzjoni internazzjonali tas-swieq tal-akkwist pubbliku bl-għan li jiksbu fehim imtejjeb tas-sistemi rispettivi tagħhom ta' akkwist pubbliku u jtejbu l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 9.6 (Avviżi), il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw fi kwistjonijiet bħal:

(a) l-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni, bħal oqfsa regolatorji u l-aħjar prattiki;

(b) l-iżvilupp u l-espansjoni tal-użu tal-mezzi elettroniċi fis-sistemi ta' akkwist pubbliku;

(c) il-bini tal-kapaċità tal-uffiċjali tal-gvern fl-aħjar prattiki ta' akkwist pubbliku; u

(d) it-tisħiħ istituzzjonali għall-issodisfar tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 9.22

Negozjati Futuri

Akkwist b'Mezzi Elettroniċi

1. Il-Partijiet għandhom jirrevedu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9.15 (Irkanti Elettroniċi) ladarba s-sistema ta' akkwisti elettroniċi tkun ġiet żviluppata b'mod sħiħ sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet teknoloġiċi possibbli u, b'mod partikolari, jiġu kkunsidrati aspetti oħrajn, bħall-formula matematika li tintuża għall-metodu ta' evalwazzjoni awtomatika u l-komunikazzjoni possibbli tar-riżultati ta' kwalunkwe evalwazzjoni inizjali lill-parteċipanti fl-irkant.

2. Il-Partijiet għandhom iwettqu aktar negozjati dwar it-tul tal-perjodu għall-ħażna ta' *data* relatata mal-akkwist b'mezzi elettroniċi ladarba s-sistema ta' akkwisti elettroniċi tal-Vjetnam tkun operattiva.

Aċċess għas-Suq

3. Il-Partijiet għandhom iwettqu aktar negozjati dwar il-kopertura ta' entitajiet tal-gvern sub-ċentrali addizzjonali sa mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 9.23

Il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku

Il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. B'mod partikolari, huwa jista':

(a) jiddiskuti l-iskambju ta' *data* statistika f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 9.17 (Informazzjoni Wara l-Għotja);

(b) jirrevedi n-notifiki pendenti tal-modifiki għall-kopertura u japprova l-lista riveduta tal-entitajiet tal-akkwist fit-Taqsimiet A (Entitajiet tal-Gvern Ċentrali) sa C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tal-Annessi ta' dan il-Kapitolu;

(c) japprova l-aġġustamenti kumpensatorji li jirriżultaw mill-modifiki li jaffettwaw il-kopertura;

(d) jikkunsidra kwistjonijiet li jiġu riferuti lilu minn Parti fir-rigward ta' akkwist pubbliku; u

(e) jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mat-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 10

POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

TAQSIMA A

MĠIBA ANTIKOMPETITTIVA

ARTIKOLU 10.1

Prinċipji

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni mhux imxekkla fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-imġiba antikompetittiva għandha l-potenzjal li xxekkel il-funzjonament tajjeb tas-swieq u timmina l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

ARTIKOLU 10.2

Qafas Leġiżlattiv

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm leġiżlazzjoni komprensiva dwar il-kompetizzjoni li tipprojbixxi mġiba antikompetittiva, bil-għan li tippromwovi l-effiċjenza ekonomika u l-benesseri tal-konsumaturi, u għandha tieħu azzjoni xierqa fir-rigward ta' mġiba bħal din.

2. Id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Partijiet għandu, fit-territorji rispettivi tagħhom, jindirizza b'mod effettiv:

(a) il-ftehimiet bejn l-intrapriżi, id-deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet ta' intrapriżi u l-prattiki miftiehma, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew ifixklu l-kompetizzjoni;

(b) l-abbużi minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti; u l-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi li jistgħu jxekklu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva.

ARTIKOLU 10.3

Implementazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm l-awtonomija tagħha fl-iżvilupp u l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni tagħha.

2. Kull Parti għandu jkollha awtoritajiet li jkunu responsabbli għall-applikazzjoni sħiħa u l-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni tagħha, li jkunu mgħammra b'mod xieraq u li jkollhom is-setgħat meħtieġa għall-issodisfar tar-responsabbiltajiet tagħhom.

3. L-intrapriżi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għandhom ikunu soġġetti għad-dritt tal-kompetizzjoni msemmi fl-Artikolu 10.2 (Qafas Leġiżlattiv).

4. Kull Parti għandha tapplika d-dritt tal-kompetizzjoni tagħha b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, inkluż għall-intrapriżi pubbliċi u privati, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-drittijiet tad-difiża tal-intrapriżi kkonċernati.

5. L-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni ma għandhiex ixxekkel it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari ta' interess pubbliku assenjati lill-intrapriżi inkwistjoni. L-eżenzjonijiet mid-dritt tal-kompetizzjoni ta' Parti għandhom ikunu limitati għal kompiti ta' interess pubbliku, proporzjonati għall-għan tal-ordni pubbliku mixtieq, kif ukoll trasparenti.

TAQSIMA B

SUSSIDJI

ARTIKOLU 10.4

Prinċipji

1. Il-Partijiet jaqblu li Parti tista' tagħti sussidji meta dawn ikunu meħtieġa sabiex jintlaħaq għan tal-ordni pubbliku. Il-Partijiet jirrikonoxxu li ċerti sussidji għandhom il-potenzjal li jfixklu l-funzjonament tajjeb tas-swieq u li jimminaw il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. Fil-prinċipju, Parti ma għandhiex tagħti sussidji lill-intrapriżi li jipprovdu prodotti jew servizzi jekk dawn jaffettwaw jew x'aktarx li jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetizzjoni u l-kummerċ.

2. Lista illustrattiva tal-għanijiet tal-ordni pubbliku li għalihom Parti tista' tagħti sussidji, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, tinkludi dawn li ġejjin:

(a) kull għajnuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali;

(b) il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn hemm nuqqas serju ta' impjiegi;

(c) ir-rimedju ta' tfixkil serju fl-ekonomija ta' waħda mill-Partijiet;

(d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, inklużi iżda mhux limitati għal, sussidji għal skopijiet definiti b'mod ċar ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, sussidji għat-taħriġ jew għall-ħolqien tal-impjiegi, sussidji għal skopijiet ambjentali, sussidji favur l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tal-Partijiet; u

(e) il-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-kultura u tal-patrimonju.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw is-sussidji speċifiċi pprovduti minn Parti biss għall-għan ta' politika li għalih ingħataw is-sussidji speċifiċi[1].

ARTIKOLU 10.5

Definizzjoni u Kamp ta' Applikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, sussidju huwa miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM, irrispettivament minn jekk is-sussidju jingħatax lil intrapriża li timmanifattura prodotti jew li tipprovdi servizzi[2].

[1] Għal ċertezza akbar, meta Parti tkun waqqfet il-qafas leġiżlattiv u l-proċeduri amministrattivi rilevanti għal dan il-għan, l-obbligu jitqies bħala li ġie ssodisfat.

[2] Dan l-Artikolu ma jippreġudikax il-pożizzjonijiet tal-Partijiet u l-eżitu possibbli tad-diskussjonijiet futuri fid-WTO dwar is-sussidji għas-servizzi. Skont il-progress ta' dawk id-diskussjonijiet fil-livell tad-WTO, il-Partijiet jistgħu jadottaw deċiżjoni minn kumitat rilevanti sabiex jaġġornaw dan il-Ftehim f'dan ir-rigward.

2. Din it-Taqsima tapplika biss għal sussidji li huma speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM. Is-sussidji lil konsumaturi individwali jew il-miżuri ġenerali, inklużi sussidji jew miżuri maħsuba sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika soċjali, ma jitqisux bħala speċifiċi.

3. Din it-Taqsima tapplika għal sussidji speċifiċi għall-intrapriżi kollha, inklużi intrapriżi pubbliċi u privati.

4. L-applikazzjoni ta' din it-Taqsima ma għandhiex ixxekkel it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari ta' interess pubbliku, inklużi l-obbligi ta' servizz pubbliku, assenjati lill-intrapriżi inkwistjoni. L-eżenzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-kompiti ta' interess pubbliku, proporzjonati għall-għanijiet tal-ordni pubbliku, assenjati lil dawk l-intrapriżi, kif ukoll għandhom ikunu trasparenti.

5. Din it-Taqsima ma tapplikax għal attivitajiet mhux ekonomiċi.

6. Il-Paragrafu 1 tal-Artikolu 10.9 (Sussidji Speċifiċi Soġġetti għal Kundizzjonijiet) ma japplikax għas-sussidji tas-sajd u għas-sussidji relatati mal-kummerċ ta' prodotti koperti mill-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

7. Din it-Taqsima tapplika biss għal sussidji speċifiċi li l-ammont tagħhom għal kull benefiċjarju matul perjodu ta' tliet snin huwa ta' aktar minn 300 000 dritt speċjali ta' prelevament[1].

[1] Għal ċertezza akbar, l-obbligu ta' notifika ma jirrikjedix li l-Parti li tinnotifika tipprovdi l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju.

8. Fir-rigward tas-sussidji lil intrapriżi li jfornu servizzi, l-Artikolu 10.7 (Trasparenza) u l-Artikolu 10.9 (Sussidji Speċifiċi Soġġetti għal Kundizzjonijiet) japplikaw biss għas-setturi tas-servizzi li ġejjin: it-telekomunikazzjoni, is-servizzi bankarji, l-assigurazzjoni, it-trasport, inkluż dak marittimu, l-enerġija, is-servizzi tal-informatika, l-arkitettura u l-inġinerija, u s-servizzi tal-kostruzzjoni u ambjentali, soġġetti għar-riżervi previsti fil-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku).

9. Din it-Taqsima ma tapplikax għal setturi jew subsetturi li l-Partijiet ma elenkawx fil-Kapitolu 8 (l-Liberalizzazzjoni tal-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku).

10. L-Artikolu 10.9 (Sussidji Speċifiċi Soġġetti għal Kundizzjonijiet) ma japplikax għas-sussidji miftiehma b'mod formali jew mogħtija qabel jew fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 10.6

Ir-Relazzjoni mad-WTO

Din it-Taqsima tapplika mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim SCM u l-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

ARTIKOLU 10.7

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura t-trasparenza fil-qasam ta' sussidji speċifiċi. Għal dak il-għan, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kull erba' snin dwar il-bażi ġuridika, il-forma, l-ammont jew il-baġit u, jekk possibbli, il-benefiċjarju ta' sussidju speċifiku[1].

2. L-obbligu ta' notifika msemmi fil-paragrafu 1 jitqies bħala li ġie ssodisfat jekk il-Parti tagħmel l-informazzjoni rilevanti disponibbli fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, mill-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li ssegwi s-sena meta ngħata s-sussidju. L-ewwel notifika għandha tkun disponibbli mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

[1] Għal ċertezza akbar, l-obbligu ta' notifika ma jirrikjedix li l-Parti notifikanti tipprovdi l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju.

ARTIKOLU 10.8

Konsultazzjonijiet

1. Jekk Parti tqis li sussidju speċifiku mogħti mill-Parti l-oħra, li mhuwiex kopert mill-Artikolu 10.9 (Sussidji Speċifiċi Soġġetti għal Kundizzjonijiet), jaffettwa b'mod negattiv, jew jista' jaffettwa b'mod negattiv, l-interessi kummerċjali jew ta' investiment tagħha, dik il-Parti tista' tesprimi t-tħassib tagħha bil-miktub lill-Parti l-oħra u titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Il-Parti rikjesta għandha tagħti kunsiderazzjoni favorevoli lil din it-talba. B'mod partikolari, il-konsultazzjonijiet għandhom jimmiraw li jidentifikaw jekk:

(a) is-sussidju speċifiku ngħatax biss sabiex jintlaħaq għan tal-ordni pubbliku;

(b) l-ammont tas-sussidju inkwistjoni huwiex limitat għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan;

(c) is-sussidju joħloqx inċentiv; u

(d) l-effett negattiv fuq il-kummerċ u l-investiment tal-Parti rikjedenti huwiex limitat.

2. Bil-għan li jiġu ffaċilitati l-konsultazzjonijiet, il-Parti rikjesta għandha tipprovdi informazzjoni dwar is-sussidju speċifiku inkwistjoni fi żmien 90 jum mid-data tal-wasla tat-talba. Jekk il-Parti rikjedenti, wara li tirċievi informazzjoni dwar is-sussidju inkwistjoni, tqis li s-sussidju kkonċernat mill-konsultazzjonijiet jaffettwa b'mod negattiv, jew jista' jaffettwa b'mod negattiv, kif ukoll b'mod sproporzjonat, l-interessi kummerċjali jew ta' investiment tagħha, il-Parti rikjesta għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex telimina jew tnaqqas dawn l-effetti negattivi kkawżati mis-sussidju inkwistjoni.

ARTIKOLU 10.9

Sussidji Speċifiċi Soġġetti għal Kundizzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom japplikaw kundizzjonijiet għas-sussidji speċifiċi li ġejjin:

(a) arranġament legali, li bih gvern jew kwalunkwe korp pubbliku jkun responsabbli sabiex ikopri d-djun jew l-obbligazzjonijiet ta' ċerti intrapriżi, huwa permess, diment li l-kopertura tad-djun u tal-obbligazzjonijiet tkun limitata fir-rigward tal-ammont ta' dawk id-djun u l-obbligazzjonijiet jew it-tul ta' żmien ta' dik ir-responsabbiltà;

(b) appoġġ lil intrapriżi insolventi jew f'diffikultà f'diversi forom, bħal self u garanziji, għotjiet ta' flus kontanti, injezzjonijiet ta' kapital, provvediment ta' assi taħt il-prezzijiet tas-suq u eżenzjonijiet mit-taxxa, b'tul ta' aktar minn sena permess, diment li jkun tħejja pjan ta' ristrutturar kredibbli, li jkun ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiċi bl-għan li jiġi żgurat ir-ritorn tal-intrapriża għal vijabbiltà fit-tul fi żmien raġonevoli u bl-intrapriża nnifisha tikkontribwixxi għall-kostijiet tar-ristrutturar[1].

[1] Dan ma jwaqqafx lill-Partijiet milli jipprovdu appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji fuq is-self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sabiex l-intrapriża tinżamm fin-negozju għall-perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex tfassal pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

2. Il-Paragrafu 1 ma japplikax għas-sussidji speċifiċi li għalihom il-Parti li tagħti s-sussidju tkun uriet, fuq talba bil-miktub tal-Parti l-oħra, li s-sussidju inkwistjoni la jaffettwa u lanqas x'aktarx li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment tal-Parti l-oħra.

3. Il-Paragrafu 1 ma japplikax għas-sussidji speċifiċi li jingħataw sabiex jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija ta' Parti. Taqlib serju fl-ekonomija ta' Parti għandu jitqies bħala serju jekk ikun eċċezzjonali, temporanju u sinifikanti u jekk jaffettwa lill-Istati Membri jew lill-ekonomija kollha ta' Parti aktar milli xi reġjun jew settur ekonomiku speċifiku.

ARTIKOLU 10.10

Rieżami

Il-Partijiet għandhom jirrevedu din it-Taqsima mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-ħtieġa li tiġi mmodifikata din it-Taqsima fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-iżvilupp ta' kwalunkwe regoli korrispondenti fid-WTO. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jirrevedu l-inklużjoni ta' setturi ta' servizzi addizzjonali taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-Taqsima fl-Artikolu 10.5 (Definizzjonijiet u Kamp ta' Applikazzjoni).

TAQSIMA C

DEFINIZZJONIJIET U PRINĊIPJI KOMUNI

ARTIKOLU 10.11

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "għan ta' politika pubblika" tfisser l-għan ġenerali li jwassal għal eżitu fil-benefiċċju pubbliku kumplessiv; u

(b) "kompiti ta' interess pubbliku" tfisser attivitajiet speċifiċi li jwasslu għal eżiti fil-benefiċċju pubbliku kumplessiv li ma jiġux fornuti jew li jiġu fornuti f'kundizzjonijiet differenti f'termini tal-aċċessibbiltà, il-kwalità, is-sikurezza, l-affordabbiltà jew it-trattament ugwali mis-suq mingħajr intervent pubbliku.

ARTIKOLU 10.12

Kunfidenzjalità

1. Meta jiskambjaw l-informazzjoni skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-limitazzjonijiet imposti mil-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali u għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra.

2. Kwalunkwe informazzjoni kkomunikata skont dan il-Ftehim għandha tiġi ttrattata mill-Parti riċeventi bħala kunfidenzjali, sakemm il-Parti l-oħra ma tkunx awtorizzat id-divulgazzjoni jew ma tkunx għamlet dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

ARTIKOLU 10.13

Soluzzjoni tat-Tilwim

Ebda Parti ma għandu jkollha rikors għal soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' skont it-Taqsima A (Imġiba Antikompetittiva) u l-Artikolu 10.8 (Konsultazzjonijiet).

ARTIKOLU 10.14

Kooperazzjoni

Sabiex jiġu ssodisfati l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu u jissaħħaħ l-infurzar ta' kompetizzjoni effettiva, il-Partijiet jirrikonoxxu li huwa fl-interess komuni tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika tal-kompetizzjoni, inkluż il-kontroll tas-sussidju, soġġetti għad-disponibbiltà tal-fondi taħt l-istrumenti u l-programmi ta' kooperazzjoni tal-Partijiet.

KAPITOLU 11

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, INTRAPRIŻI MOGĦTIJA DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI U MONOPOLJI MAGĦŻULA

ARTIKOLU 11.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "attivitajiet kummerċjali" tfisser attivitajiet li r-riżultat aħħari tagħhom huwa l-produzzjoni ta' prodott jew il-provvista ta' servizz, li ser jinbiegħu fis-suq relevanti fi kwantitajiet u bi prezzijiet stabbiliti mill-intrapriża, u li jitwettqu bi skop ta' qligħ[1];

(b) "kunsiderazzjonijiet kummerċjali" tfisser il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasportazzjoni u termini u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ, jew fatturi oħrajn li normalment jiġu kkunsidrati fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta' intrapriża li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq fin-negozju jew l-industrija rilevanti;

[1] Għal ċertezza akbar, l-attivitajiet imwettqa minn intrapriża li topera mingħajr skop ta' qligħ jew fuq bażi ta' rkupru tal-kostijiet mhumiex attivitajiet imwettqa bi skop ta' qligħ.

(c) “taħtar” tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li tespandi l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ monopolju sabiex tkopri prodott jew servizz addizzjonali;

(d) “monopolju maħtur” tfisser entità, inkluż grupp ta’ entitajiet jew aġenzija tal-gvern, u kwalunkwe sussidjarja tagħha, li f’suq rilevanti fit-territorju ta’ Parti tinħatar bħala l-uniku fornitur jew akkwirent ta’ prodott jew servizz, iżda ma jinkludi ebda entità li ngħatat dritt esklussiv ta’ proprjetà intellettwali biss minħabba din l-għotja;

(e) “intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali” tfisser kwalunkwe intrapriża, inkluża kwalunkwe sussidjarja, pubblika jew privata, li ngħatat, skont il-liġi jew fil-fatt, drittijiet jew privileġġi speċjali minn Parti;

(f) “drittijiet jew privileġġi speċjali” tfisser drittijiet jew privileġġi mogħtija minn Parti lil għadd limitat ta’ intrapriżi, jew kwalunkwe sussidjarji tagħhom, f’żona ġeografika jew suq tal-prodott partikolari, li l-effett tagħhom huwa li jillimitaw sostanzjalment il-kapaċità ta’ kwalunkwe intrapriża oħra li twettaq l-attività tagħha fl-istess żona ġeografika jew suq tal-prodott f’ċirkostanzi simili. L-għoti ta’ liċenzja jew permess lil numru limitat ta’ intrapriżi fl-allokazzjoni ta’ riżorsa skarsa permezz ta’ kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, fih u minnu nnifsu mhuwiex dritt jew privileġġ speċjali; u

(g) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża, inkluż kwalunkwe sussidjarja, li fiha Parti, direttament jew indirettament:

(i) għandha aktar minn 50 fil-mija tal-kapital sottoskritt tal-intrapriża jew tikkontrolla aktar minn 50 fil-mija tal-voti marbutin mal-ishma maħruġa mill-intrapriża;

(ii) tista' taħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord tad-diretturi tal-intrapriża jew korp ekwivalenti; jew

(iii) tista' teżerċita kontroll fuq id-deċiżjonijiet strateġiċi tal-intrapriża.

ARTIKOLU 11.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994, il-*Qbil dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994*, kif ukoll skont il-paragrafi 1, 2 u 5 tal-Artikolu VIII tal-GATS li huma b'hekk inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Dan il-Kapitolu japplika għall-intrapriżi tal-Istat kollha, għall-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għall-monopolji maħtura involuti f'attività kummerċjali. Jekk intrapriża tikkombina attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali[1], huma biss l-attivitajiet kummerċjali ta' dik l-intrapriża li huma koperti minn dan il-Kapitolu.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura li għalihom Parti ħadet miżuri fuq bażi temporanja b'reazzjoni għal emerġenza ekonomika nazzjonali jew globali.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura jekk, fi kwalunkwe waħda mit-tliet snin konsekuttivi preċedenti, id-dħul annwali derivat mill-attivitajiet kummerċjali ta' dik l-intrapriża jew dik l-entità jkun inqas minn 200 miljun dritt speċjali ta' prelevament[2]. Dan il-limitu stabbilit japplika għal intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura f'livelli subċentrali tal-gvern wara ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

5. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal akkwist kopert minn Parti jew mill-entitajiet tal-akkwist tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 9.2 (Kamp ta' Applikazzjoni u Kopertura).

---

1 Dan jinkludi t-twettiq ta' obbligu ta' servizz pubbliku.

2 Il-kalkolu tad-dħul għandu jinkludi d-dħul rilevanti tal-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji maħtura kollha, inkluż id-dħul tas-sussidjarji involuti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess swieq jew fi swieq relatati.

6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura, li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn awtorità governattiva ta' Parti responsabbli mid-difiża nazzjonali, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika, ħlief jekk dawn ikunu involuti esklussivament f'attivitajiet kummerċjali mhux relatati mad-difiża nazzjonali, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika.

7. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal kwalunkwe servizz ipprovdut minn intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva[1].

8. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-miżuri jew l-attivitajiet elenkati fl-Anness 11-A (Regoli Speċifiċi għall-Vjetnam dwar l-Intrapriżi tal-Istat).

ARTIKOLU 11.3

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jaffettwa l-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti li jirregolaw is-sistemi tagħha ta' sjieda tal-Istat.

[1] It-terminu "servizz ipprovdut fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva" għandu l-istess tifsira kif definita fis-subparagrafu 3(c) tal-Artikolu I tal-GATS.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Kapitolu, f'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jimpedixxi lil xi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm intrapriżi tal-Istat milli jagħtu lill-intrapriżi drittijiet jew privileġġi speċjali, jew milli jaħtru jew iżommu monopolji.

3. Ebda Parti ma għandha titlob jew tħeġġeġ lill-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji maħtura tagħha sabiex jaġixxu b'mod inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 11.4

Nondiskriminazzjoni u Kunsiderazzjonijiet Kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji maħtura tagħha, meta jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali:

(a) jaġixxu f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri jew il-bejgħ tagħhom ta' prodotti jew servizzi, ħlief sabiex jissodisfaw it-termini tal-mandat pubbliku tagħhom li ma jkunux inkonsistenti mas-subparagrafu 1(b);

(b) fix-xiri tagħhom ta' prodott jew servizz:

(i) jagħtu lil prodott jew servizz ipprovdut minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli milli jagħtu lil prodott jew servizz simili pprovdut minn intrapriżi tal-Parti; u

(ii) jagħtu lil prodott jew servizz ipprovdut minn intrapriża tal-investituri tal-Parti l-oħra fit-territorju tal-Parti trattament mhux inqas favorevoli milli jagħtu lil prodott jew servizz simili pprovdut minn intrapriżi tal-investituri tal-Parti l-oħra fis-suq rilevanti fit-territorju tal-Parti;

(c) fil-bejgħ tagħhom ta' prodott jew servizz:

(i) jagħtu lil intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli milli jagħtu lil intrapriżi tal-Parti; u

(ii) jagħtu lil intrapriża tal-investituri tal-Parti l-oħra fit-territorju tal-Parti trattament mhux inqas favorevoli milli jagħtu lil intrapriżi tal-investituri tal-Parti l-oħra fis-suq rilevanti fit-territorju tal-Parti.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi lil intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolji maħtura milli:

(a) jakkwistaw jew jipprovdu prodotti jew servizzi b'termini jew kundizzjonijiet differenti, inklużi dawk relatati mal-prezz; jew

(b) jirrifjutaw li jakkwistaw jew jipprovdu prodotti jew servizzi,

diment li tali termini jew kundizzjonijiet differenti jew rifjut jsiru f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għas-setturi msemmija fl-Artikolu 8.3 (Kamp ta' Applikazzjoni) u fl-Artikolu 8.9 (Kamp ta' Applikazzjoni).

4. Il-paragrafi 1 u 2 japplikaw għal attivitajiet kummerċjali ta' intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura, jekk l-istess attività tkun ser taffettwa l-kummerċ ta' servizzi u investiment li fir-rigward tagħhom Parti tkun għamlet impenn skont l-Artikoli 8.5 (Trattament Nazzjonali), 8.6 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 8.11 (Trattament Nazzjonali), soġġetta għall-kundizzjonijiet jew għall-kwalifiki stabbiliti fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi rispettiva tagħha fl-Annessi 8-A (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni) u 8-B (L-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam) skont l-Artikoli 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u 8.12 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi). Għal ċertezza akbar, fil-każ ta' kunflitt bejn il-paragrafu 4 tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u l-kundizzjonijiet jew il-kwalifiki stabbiliti fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi tagħha skont l-Artikoli 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u 8.12 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi), dawk l-iskedi għandhom jipprevalu.

ARTIKOLU 11.5

Qafas Regolatorju

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiżguraw li l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji maħtura josservaw l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment ta' governanza korporattiva.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-korpi regolatorji jew il-funzjonijiet tagħha ma jkunux responsabbli lejn kwalunkwe intrapriża jew entità li jirregolaw sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-korpi regolatorji jew tal-funzjonijiet u jaġixxu b'mod imparzjali[1] f'ċirkostanzi simili fir-rigward tal-intrapriżi jew l-entitajiet kollha li jirregolaw, inklużi intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura[2].

3. Kull Parti għandha tiżgura l-infurzar tal-liġijiet u tar-regolamenti b'mod konsistenti u mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward ta' intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura.

[1] Għal ċertezza akbar, l-imparzjalità li biha l-korp regolatorju jeżerċita l-funzjonijiet regolatorji tiegħu għandha tiġi vvalutata b'referenza għal mudell jew prattika ġenerali ta' dak il-korp regolatorju.

[2] Għal ċertezza akbar, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet ikunu qablu mal-obbligi speċifiċi li jirrigwardjaw il-korp regolatorju f'Kapitoli oħrajn, id-dispożizzjoni rilevanti fil-Kapitoli l-oħrajn għandha tipprevali.

ARTIKOLU 11.6

Trasparenza

1. Parti li għandha raġuni raġonevoli sabiex temmen li l-interessi tagħha skont dan il-Kapitolu qegħdin jiġu affettwati ħażin mill-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju maħtur tal-Parti l-oħra tista' titlob lill-Parti l-oħra bil-miktub sabiex tipprovdi informazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' dik l-intrapriża jew l-entità. It-talba għandha tindika l-intrapriża jew l-entità, il-prodotti jew is-servizzi u s-swieq ikkonċernati, u tinkludi indikazzjonijiet li l-intrapriża jew l-entità hija involuta fi prattiki li jfixklu l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) is-sjieda u l-istruttura tal-votazzjoni tal-intrapriża jew tal-entità, li jindikaw il-perċentwal tal-ishma u l-perċentwal tad-drittijiet tal-vot li b'mod kumulattiv għandhom Parti jew intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju maħtur;

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe ishma speċjali jew drittijiet tal-vot jew drittijiet oħrajn speċjali li għandhom Parti jew intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali, jew monopolju maħtur, fejn dawn id-drittijiet ikunu differenti mid-drittijiet marbuta mal-ishma komuni ta' tali intrapriża jew entità;

(c) l-istruttura organizzazzjonali tal-intrapriża jew tal-entità, il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta' korp ekwivalenti li jeżerċita kontroll dirett jew indirett f'tali intrapriża jew entità, u parteċipazzjonijiet inkroċjati u konnessjonijiet oħrajn ma' intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolji maħtura;

(d) deskrizzjoni ta' liema dipartimenti tal-gvern jew korpi pubbliċi jirregolaw jew jissorveljaw l-intrapriża jew l-entità, deskrizzjoni tal-linji ta' rapportar[1], u d-drittijiet u l-prattiki tad-dipartiment tal-gvern jew tal-korpi pubbliċi fil-ħatra, it-tkeċċija jew ir-rimunerazzjoni tal-maniġers;

(e) id-dħul annwali jew l-assi totali, jew it-tnejn li huma;

(f) eżenzjonijiet, immunitajiet u kwalunkwe miżuri oħrajn, inkluż trattament aktar favorevoli, applikabbli fit-territorju tal-Parti rikjesta għal kwalunkwe intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali, jew monopolju maħtur.

3. Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra tipprovdi informazzjoni addizzjonali rigward il-kalkoli tal-limitu massimu tad-dħul imsemmi fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 11.2 (Kamp ta' Applikazzjoni).

[1] Għal ċertezza akbar, Parti mhijiex obbligata li tiddivulga rapporti jew il-kontenut ta' kwalunkwe rapport.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 ma għandhomx jesiġu li Parti tiddivulga informazzjoni kunfidenzjali li tkun inkonsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, timpedixxi l-infurzar tal-liġi jew tmur b'xi mod ieħor kontra l-interess pubbliku, jew inkella tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari.

5. Fil-każ tal-Unjoni, is-subparagrafi 2(a) sa (e) ma japplikawx għal intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju kif definiti fid-dritt tal-Unjoni.

ARTIKOLU 11.7

Kooperazzjoni Teknika

Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-promozzjoni ta' oqfsa legali u regolatorji effettivi għall-intrapriżi tal-Istat, il-Partijiet għandhom jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' kooperazzjoni teknika miftiehma b'mod reċiproku bil-għan li jippromwovu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-intrapriżi tal-Istat, soġġetti għad-disponibbiltà tal-fondi taħt l-istrumenti u l-programmi ta' kooperazzjoni tal-Parti.

KAPITOLU 12

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U PRINĊIPJI

ARTIKOLU 12.1

Għanijiet

1. L-għanijiet ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jiġu ffaċilitati l-ħolqien, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi u kreattivi bejn il-Partijiet, billi jikkontribwixxu għal ekonomija aktar sostenibbli u inklużiva f'kull Parti; u

(b) jintlaħaq livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijet tal-proprjetà intellettwali għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-innovazzjoni teknoloġika u għat-trasferiment u d-disseminazzjoni tat-teknoloġija, għall-benefiċċju reċiproku tal-produtturi u tal-utenti tal-għarfien teknoloġiku u b'mod li jagħti lok għall-ġid soċjali u ekonomiku, u għal bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi.

ARTIKOLU 12.2

In-Natura u l-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Obbligi

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont it-trattati internazzjonali li jittrattaw il-proprjetà intellettwali li għalihom huma parti, inkluż il-Ftehim TRIPS. Il-Partijiet għandhom jiżguraw implimentazzjoni adegwata u effettiva ta' dawk it-trattati. Dan il-Kapitolu għandu jikkomplementa u jispeċifika aktar dawk id-drittijiet u l-obbligi bejn il-Partijiet bl-għan li jiżgura implimentazzjoni adegwata u effettiva ta' dawk it-trattati, kif ukoll il-bilanċ bejn id-drittijiet tad-detenturi tal-proprjetà intellettwali u l-interess tal-pubbliku.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, proprjetà intellettwali tirreferi mill-inqas għall-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali msemmija fit-Taqsimiet 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS, jiġifieri:

(a) drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati;

(b) trademarks;

(c) indikazzjonijiet ġeografiċi;

(d) disinji industrijali;

(e) drittijiet tal-privattivi;

(f) disinji tat-tqassim (topografiji) ta' ċirkwiti integrati;

(g) il-protezzjoni ta' informazzjoni sigrieta; u

(h) varjetajiet ta' pjanti.

3. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi l-protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10*bis* tal-*Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali* tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Pariġi").

ARTIKOLU 12.3

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, kwalunkwe vantaġġ, favur, privileġġ jew immunità mogħtija minn Parti liċ-ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż terz għandhom jingħataw minnufih u mingħajr kundizzjonijiet liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra, soġġetti għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 12.4

Eżawriment

Kull Parti għandha tkun libera li tistabbilixxi r-reġim tagħha stess għall-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, soġġetta għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim TRIPS.

TAQSIMA B

STANDARDS LI JIRRIGWARDJAW ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUBTAQSIMA 1

DRITTIJIET TAL-AWTUR U DRITTIJIET RELATATI

ARTIKOLU 12.5

Protezzjoni Mogħtija

1. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fit-trattati internazzjonali li ġejjin:

(a) il-*Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi tad-9 ta' Settembru 1886*, kif emendata l-aħħar f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Berna");

(b) il-*Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Prestaturi, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir*, magħmula f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961; u

(c) il-Ftehim TRIPS.

2. Il-Partijiet għandhom jaderixxu mat-trattati internazzjonali li ġejjin fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

(a) it-*Trattat tal-WIPO dwar id-Dritt tal-Awtur*, li ġie adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996; u

(b) it-*Trattat tal-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi*, li ġie adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996.

ARTIKOLU 12.6

Awturi

Kull Parti għandha tipprevedi li l-awturi jkollhom id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, kompletament jew parzjalment, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kwalunkwe forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, tax-xogħlijiet oriġinali tagħhom jew tal-kopji tagħhom; u

(c) kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, b'mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluża d-disponibbiltà lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jiksbu aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżula individwalment minnhom.

ARTIKOLU 12.7

Prestaturi

Kull Parti għandha tipprevedi li l-prestaturi jkollhom id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) l-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, kompletament jew parzjalment, tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom;

(c) id-distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom;

(d) id-disponibbiltà lill-pubbliku, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jiksbu aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżula individwalment minnhom; u

(e) ix-xandir b’mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet mhux iffissati tagħhom, għajr meta l-prestazzjoni nnifisha tkun diġà prestazzjoni mxandra.

ARTIKOLU 12.8

Produtturi ta’ Fonogrammi

Kull Parti għandha tipprevedi li l-produtturi tal-fonogrammi jkollhom id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tal-fonogrammi tagħhom;

(b) id-distribuzzjoni lill-pubbliku, b’bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, tal-fonogrammi tagħhom, inklużi kopji tagħhom; u

(c) id-disponibbiltà lill-pubbliku, b’mezzi bil-fili jew mingħajr fili, tal-fonogrammi tagħhom b’tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jiksbu aċċess għalihom minn post u f’ħin magħżula individwalment minnhom.

ARTIKOLU 12.9

Organizzazzjonijiet tax-Xandir

Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) l-iffissar tax-xandiriet tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni tar-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom;

(c) id-distribuzzjoni lill-pubbliku tal-iffissar tax-xandiriet tagħhom; u

(d) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili.

ARTIKOLU 12.10

Xandir u Komunikazzjoni lill-Pubbliku

Kull Parti għandha tipprovdi lill-prestaturi u lill-produtturi ta' fonogrammi d-dritt li jiżguraw li titħallas rimunerazzjoni ekwa unika mill-utent lilhom, jekk tintuża fonogramma ppubblikata għal finijiet kummerċjali jew riproduzzjoni ta' tali fonogramma għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill pubbliku. Kull Parti għandha tiżgura li din ir-rimunerazzjoni tiġi kondiviża bejn il-prestaturi rilevanti u l-produtturi ta' fonogrammi. Kull Parti tista', fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-prestaturi u l-produtturi tal-fonogrammi, tistipula l-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni ta' din ir-rimunerazzjoni bejniethom.

ARTIKOLU 12.11

Terminu tal-Protezzjoni

1. Id-drittijiet ta' awtur ta' xogħol artistiku jew letterarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna għandhom idumu tul il-ħajja tal-awtur u għal mhux inqas minn 50 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku.

2. Fil-każ ta' xogħol ta' aktar minn awtur wieħed, it-tul ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkolat mill-mewt tal-aħħar awtur li jibqa' ħaj.

3. Id-drittijiet tal-prestaturi għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara d-data tar-rappreżentazzjoni. Jekk l-iffissar tal-prestazzjoni jiġi ppubblikat legalment jew ikkomunikat legalment lill-pubbliku f'dak il-perjodu, dawk id-drittijiet għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni legali jew l-ewwel komunikazzjoni legali lill-pubbliku, skont liema minnhom tkun l-ewwel.

4. Id-drittijiet tal-produtturi ta' fonogrammi jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara li jsir l-iffissar. Jekk il-fonogramma tkun ġiet ippubblikata legalment f'dan il-perjodu, dawk id-drittijiet għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni legali. Jekk ma tkun saret l-ebda pubblikazzjoni legali fil-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza u jekk il-fonogramma tkun ġiet ikkomunikata legalment lill-pubbliku f'dak il-perjodu, dawk id-drittijiet għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena mid-data tal-ewwel komunikazzjoni legali lill-pubbliku.

5. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, kemm jekk dik ix-xandira tiġi trażmessa bil-fili kif ukoll jekk mingħajr fili, inkluż bil-kejbil jew bis-satellita.

6. It-termini stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkolati mill-ewwel ta' Jannar tas-sena ta' wara l-avveniment li jwassal għalihom.

ARTIKOLU 12.12

Protezzjoni ta' Miżuri Teknoloġiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva, li tintuża mid-detentur ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew dritt relatat li l-persuna kkonċernata twettaq bl-għarfien, jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, li tkun qiegħda ssegwi dak l-għan.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, l-offerta lill-pubbliku għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparat, prodotti jew komponenti, jew il-provvista ta' servizzi, li:

(a) jiġu promossi, irreklamati jew kummerċjalizzati għall-iskop tal-evitar ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva;

(b) ikollhom biss skop jew użu kummerċjali sinifikanti limitat ħlief li jevitaw kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva; jew

(c) ikunu primarjament iddisinjati, manifatturati, adattati jew imwettqa għall-iskop li jippermettu jew jiffaċilitaw l-evitar ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva.

3. Meta tipprovdi protezzjoni legali adegwata skont il-paragrafi 1 u 2, Parti tista' tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet xierqa għall-miżuri li jimplimentaw dawk il-paragrafi. L-obbligi skont il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, għal-limitazzjonijiet, għall-eċċezzjonijiet, jew għad-difiżi tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati skont il-liġi domestika ta' kull Parti.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "miżuri teknoloġiċi" tfisser kwalunkwe teknoloġija, apparat jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tagħhom, ikunu mfasslin sabiex jevitaw jew jirrestrinġu atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew suġġetti oħrajn, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati, hekk kif previst mil-leġiżlazzjoni domestika. Il-miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala "effettivi" meta l-użu ta' xogħol jew suġġett ieħor protett ikun ikkontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll tal-aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal kriptaġġ, "scrambling" jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew ta' suġġett ieħor, jew mekkaniżmu ta' kontroll tal-ikkopjar, li jilħaq l-għan ta' protezzjoni.

ARTIKOLU 12.13

Il-Protezzjoni ta’ Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar tad-Drittijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li konxjament u mingħajr ebda awtorità twettaq kwalunkwe wieħed mill-atti li ġejjin:

(a) it-tneħħija jew il-bdil ta’ kwalunkwe informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet; jew

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta’ xogħlijiet, eżekuzzjonijiet, fonogrammi jew soġġetti oħrajn protetti skont din is-Subtaqsima, li minnha tneħħiet jew inbidlet mingħajr awtorità l-informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġjar ta’ drittijiet,

jekk din il-persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet biżżejjed sabiex tkun taf, li billi tagħmel dan il-persuna tkun qiegħda tikkawża, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi l-ksur ta’ kwalunkwe dritt tal-awtur jew kwalunkwe dritt relatat kif previsti mil-leġiżlazzjoni domestika.

2. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, it-terminu “informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet” tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew suġġett ieħor imsemmi f’din is-Subtaqsima, l-awtur jew kwalunkwe detentur ta’ dritt ieħor, informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ta’ suġġett ieħor, jew kwalunkwe numri jew kodiċi li jirrappreżentaw tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 japplika meta kwalunkwe wieħed minn dawn il-punti ta' informazzjoni jkun assoċjat ma' kopja ta', jew jidher b'konnessjoni mal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta', xogħol jew suġġett ieħor imsemmi f'din is-Subtaqsima.

ARTIKOLU 12.14

Eċċezzjonijiet u Limitazzjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprevedi eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 12.6 (Awturi) sa 12.10 (Xandir u Komunikazzjoni lill-Pubbliku) biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttament normali tas-suġġett u li ma jippreġudikawx mingħajr raġuni l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet f'konformità mat-trattati internazzjonali li għalihom huma parti.

2. Kull Parti għandha tistabbilixxi li l-atti ta' riproduzzjoni msemmija fl-Artikoli 12.6 (Awturi) sa 12.10 (Xandir u Komunikazzjoni lill-Pubbliku), li huma temporanji jew inċidentali, li huma parti integrali u essenzjali ta' proċess teknoloġiku u li l-iskop uniku tagħhom ikun li jippermettu:

(a) trażmissjoni f'netwerk bejn partijiet terzi minn intermedju; jew

(b) użu legali,

ta' xogħol jew suġġett ieħor li għandu jsir, u li ma għandu ebda sinifikat ekonomiku indipendenti, għandu jkunu eżentat mid-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikoli 12.6 (Awturi) sa 12.10 (Ix-Xandir u l-Komunikazzjoni lill-Pubbliku).

ARTIKOLU 12.15

Dritt tal-Artisti għall-Bejgħ mill-Ġdid ta' Xogħlijiet tal-Arti

1. Parti tista' tipprovdi, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti, id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li għandu jiġi definit bħala dritt inaljenabbli, sabiex jirċievi royalty abbażi tal-prezz tal-bejgħ għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentement għall-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur.

2. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvu, bħala bejjiegħa, xerrejja jew intermedjarji, professjonisti fis-suq tal-arti, bħal kmamar fejn jinbiegħu oġġetti bl-irkant, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjanti professjonali ta' xogħlijiet tal-arti.

3. Parti tista' tistabbilixxi li d-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax għal atti ta' bejgħ mill-ġdid fejn il-bejjiegħ ikun kiseb ix-xogħol direttament mill-awtur inqas minn tliet snin qabel dak il-bejgħ mill-ġdid u fejn il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ma jkunx jaqbeż ċertu ammont minimu.

4. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintalab f'Parti biss jekk il-leġiżlazzjoni domestika ta' dik il-Parti li għaliha jappartjeni l-awtur tippermetti dan, u sakemm ikun permess mill-Parti fejn jintalab dan id-dritt. Il-proċedura għall-ġbir u l-ammonti għandhom jiġu ddeterminati fil-leġiżlazzjoni domestika.

ARTIKOLU 12.16

Kooperazzjoni fuq l-Immaniġġjar Kollettiv tad-Drittijiet tal-Awtur

Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv rispettivi tagħhom bil-għan li jippromwovu d-disponibbiltà tax-xogħlijiet u suġġetti protetti oħrajn fit-territorji tal-Partijiet u t-trasferiment tar-royalties għall-użu ta' tali xogħlijiet jew kwalunkwe suġġett protett ieħor.

SUBTAQSIMA 2

TRADEMARKS

ARTIKOLU 12.17

Trattati Internazzjonali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-*Protokoll li Jirrigwardja l-Ftehim ta' Madrid Dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Marki*, li ġie adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989, kif emendat l-aħħar fit-12 ta' Novembru 2007.

2. Kull Parti għandha tuża l-klassifikazzjoni prevista fil-*Ftehim ta' Nizza Dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tal-Marki*, magħmul f'Nizza fil-15 ta' Ġunju 1957, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Klassifikazzjoni ta' Nizza")[1].

3. Kull Parti għandha tissimplifika u tiżviluppa l-proċeduri tar-reġistrazzjoni tat-trademarks tagħha billi tuża, *inter alia*, it-*Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks*, li ġie adottat f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994, u t-*Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks*, magħmul f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006, bħala punti ta' referenza.

[1] Għal ċertezza akbar, Parti għandha tuża l-verżjonijiet aġġornati tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza sal-punt li tkun ġiet ippubblikata l-verżjoni aġġornata mill-WIPO u, fil-każ tal-Vjetnam, li tkun ġiet ippubblikata t-traduzzjoni uffiċjali.

ARTIKOLU 12.18

Drittijiet Mogħtija minn Trademark

Trademark irreġistrata għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklussivi fuqha. Il-proprjetarju għandu d-dritt li jipprojbixxi lill-partijiet terzi kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw matul il-kummerċ:

(a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għat-trademark fir-rigward ta' prodotti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark[1]; u

(b) kwalunkwe sinjal li huwa identiku jew simili għat-trademark b'rabta mal-prodotti jew is-servizzi li huma identiċi jew simili għal dawk li għalihom tiġi rreġistrata t-trademark, meta dan l-użu jista' jirriżulta fi probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku.

ARTIKOLU 12.19

Proċedura ta' Reġistrazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprevedi sistema għar-reġistrazzjoni tat-trademarks, fejn kull deċiżjoni finali ta' rifjut ta' reġistrazzjoni ta' trademark meħuda mill-amministrazzjoni rilevanti tat-trademarks għandha tiġi kkomunikata bil-miktub u tkun debitament motivata.

[1] Għal ċertezza akbar, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12.21 (Eċċezzjonijiet għad-Drittijiet Mogħtija minn Trademark).

2. Kull Parti għandha tipprevedi l-possibbiltà li wieħed jopponi applikazzjonijiet għal trademark li l-applikant għat-trademark ikollu l-opportunità li jirrispondi għal oppożizzjoni bħal din.

3. Kull Parti għandha tipprovdi bażi ta' *data* elettronika disponibbli għall-pubbliku ta' applikazzjonijiet għat-trademarks u reġistrazzjonijiet tat-trademarks ippubblikati.

ARTIKOLU 12.20

Trademarks Magħrufin Sewwa

Għall-finijiet tal-għoti ta' effett lill-protezzjoni ta' trademarks magħrufin sewwa, kif imsemmi fl-Artikolu 6*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 16 tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni lir-*Rakkomandazzjoni Konġunta Rigward Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Magħrufin Sewwa*, li ġiet adottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mill-Assemblea Ġenerali tal-WIPO fl-Erbgħa u Tletin Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-WIPO mill-20 sad-29 ta' Settembru 1999.

ARTIKOLU 12.21

Eċċezzjonijiet għad-Drittijiet Mogħtija minn Trademark

Kull Parti:

(a) għandha tipprevedi l-użu ġust ta' termini deskrittivi[1] bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija mit-trademarks; u

(b) tista' tipprevedi eċċezzjonijiet limitati oħrajn,

diment li dawn l-eċċezzjonijiet jikkunsidraw l-interessi leġittimi tas-sidien tat-trademarks u ta' partijiet terzi.

[1] L-użu ġust ta' termini deskrittivi jinkludi l-użu ta' sinjal li jindika l-oriġini ġeografika tal-prodotti jew tas-servizzi, fejn tali użu jkun konformi ma' prattiki onesti fi kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali.

ARTIKOLU 12.22

Revoka ta' Trademark Irreġistrata[1]

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi li trademark irreġistrata għandha tkun soġġetta għal revoka jekk, f'perjodu kontinwu ta' ħames snin qabel talba għal revoka, din ma tkunx intużat ġenwinament[2] mis-sid tagħha jew mid-detentur tal-liċenzja tas-sid fit-territorju rilevanti b'konnessjoni mal-prodotti jew is-servizzi li fir-rigward tagħhom tkun irreġistrata, mingħajr raġunijiet ġustifikabbli, ħlief fejn l-użu jinbeda jew jitkompla mill-inqas tliet xhur qabel it-talba għal revoka. Parti tista' tistabbilixxi li din l-eċċezzjoni tiġi injorata fejn it-tħejjijiet għall-bidu jew għat-tkomplija jseħħu biss wara li l-proprjetarju jsir jaf li tista' tiġi ppreżentata t-talba għal revoka.

2. Parti tista' tistabbilixxi li trademark tista' tkun soġġetta għal revoka jekk, wara d-data li fiha tkun ġiet irreġistrata, hija tkun saret, bħala riżultat ta' atti jew inattività tal-proprjetarju, l-isem komuni fil-kummerċ għal prodott jew servizz li fir-rigward tiegħu hija rreġistrata.

---

1 Għall-Vjetnam, "revoka" hija ekwivalenti għal "terminazzjoni".

2 Użu ġenwin jimplika użu reali għall-fini tal-kummerċ tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni sabiex jiġi ġġenerat avvjament. B'mod ġenerali, dan jimplika bejgħ attwali u kellu jkun hemm xi bejgħ tal-prodotti jew provvista tas-servizzi matul il-perjodu ta' żmien rilevanti. L-użu fir-reklamar jista' jammonta għal użu ġenwin. Madankollu, is-sempliċi passi preparatorji ma għandhomx jitqiesu bħala użu ġenwin ta' marka. Użu ġenwin huwa kontra użu simboliku jew artifiċjali maħsub biss sabiex iżomm it-trademark fuq ir-reġistru.

3. Kwalunkwe użu ta' trademark irreġistrata mill-proprjetarju tat-trademark jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward tal-prodotti jew is-servizzi li għalihom tiġi rreġistrata, li jista' jiżgwida lill-pubbliku, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam man-natura, il-kwalità jew l-oriġini ġeografika ta' dawk il-prodotti jew is-servizzi, għandu jagħmel it-trademark soġġetta għal revoka jew inkella jkun ipprojbit mil-liġi domestika rilevanti.

SUBTAQSIMA 3

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

ARTIKOLU 12.23

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għar-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li qed joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet.

2. L-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' Parti, li għandhom jiġu protetti mill-Parti l-oħra, għandhom ikunu soġġetti biss għal din is-Subtaqsima jekk ikunu protetti bħala indikazzjonijiet ġeografiċi f'konformità mas-sistema msemmija fl-Artikolu 12.24 (Sistema ta' Reġistrazzjoni u Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fit-territorju tal-Parti tal-oriġini.

ARTIKOLU 12.24

Sistema ta’ Reġistrazzjoni u Protezzjoni ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Kull Parti għandha żżomm sistema għar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi, li għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) reġistru li jelenka l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fit-territorju ta’ dik il-Parti;

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li l-indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiddaħħlu jew jinżammu fir-reġistru msemmi fis-subparagrafu (a) jidentifikaw prodott bħala li joriġina f’territorju, reġjun jew lokalità ta’ Parti, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) proċedura ta’ oppożizzjoni li tippermetti li jittieħdu f’kunsiderazzjoni l-interessi leġittimi ta’ kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika; u

(d) proċeduri għar-rettifika u għat-tneħħija jew it-terminazzjoni tal-effetti tal-entrati fuq ir-reġistru msemmi fis-subparagrafu (a), li jieħdu f’kunsiderazzjoni l-interessi leġittimi ta’ partijiet terzi u tad-detenturi tad-drittijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati inkwistjoni[1].

[1] Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni domestika tagħha dwar is-sistema ta’ reġistrazzjoni u protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, kull Parti għandha tipprevedi mezzi legali għall-invalidazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Kull Parti tista' tipprovdi fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha protezzjoni aktar estensiva milli hija meħtieġa minn din is-Subtaqsima, diment li tali protezzjoni ma tiksirx il-protezzjoni pprovduta skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 12.25

Indikazzjonijiet Ġeografiċi Stabbiliti

1. Wara li tlestew proċedura ta' oppożizzjoni u eżami tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tal-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-Vjetnam jirrikonoxxi li dawk l-indikazzjonijiet huma indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS u li dawn ġew irreġistrati mill-Unjoni f'konformità mas-sistema msemmija fl-Artikolu 12.24 (Sistema ta' Reġistrazzjoni u Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi). Il-Vjetnam għandu jipproteġi dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni previst f'dan il-Ftehim.

2. Wara li tlestew proċedura ta' oppożizzjoni u eżami tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Vjetnam elenkati fil-Parti B tal-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi), l-Unjoni tirrikonoxxi li dawk l-indikazzjonijiet huma indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 tal-Ftehim TRIPS u li dawn ġew irreġistrati mill-Vjetnam f'konformità mas-sistema msemmija fl-Artikolu 12.24 (Sistema ta' Reġistrazzjoni u Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi). L-Unjoni għandha tipproteġi dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni previst f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 12.26

Emendar tal-Lista ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Il-Partijiet jistgħu jemendaw il-lista ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 12-A (Lista ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi) f’konformità mal-proċedura stabbilita fis-subparagrafu 3(a) tal-Artikolu 12.63 (Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet ta’ Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi) u fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 17.5 (Emendi) billi, *inter alia*:

(a) ineħħu l-indikazzjonijiet ġeografiċi li ma għadhomx protetti fil-pajjiż tal-oriġini; jew

(b) iżidu l-indikazzjonijiet ġeografiċi, wara li jkunu lestew il-proċedura ta’ oppożizzjoni u wara li jkunu eżaminaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 12.25 (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Stabbiliti) għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.

2. Indikazzjoni ġeografika għal inbejjed, spirti, prodotti agrikoli jew oġġetti tal-ikel ma għandhiex, fil-prinċipju, tiżdied mal-Anness 12-A (Lista ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi), jekk tkun isem li fid-data tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim ikun elenkat fir-reġistru rilevanti ta’ Parti bi status ta’ “Irreġistrat”.

ARTIKOLU 12.27

Il-Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi l-mezzi legali sabiex il-partijiet interessati jimpedixxu:

(a) l-użu ta' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) għal kwalunkwe prodott li jaqa' fi ħdan il-klassi tal-prodott, kif definit fl-Anness 12-B (Klassijiet ta' Prodotti) u speċifikat fl-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) għal dik l-indikazzjoni ġeografika u li:

(i) ma joriġinax fil-pajjiż tal-oriġini speċifikat fl-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) għal dik l-indikazzjoni ġeografika; jew

(ii) joriġina fil-pajjiż tal-oriġini speċifikat fl-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) għal dik l-indikazzjoni ġeografika iżda li ma jkunx ġie prodott jew manifatturat f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti l-oħra li kienu japplikaw li kieku l-prodott kien maħsub għall-konsum fil-Parti l-oħra;

(b) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-dežinjazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' prodott li jindika jew jissuġġerixxi li l-prodott inkwistjoni joriġina f'żona ġeografika oħra li ma tkunx il-post veru tal-oriġini, b'mod li jqarraq bil-pubbliku f'dak li jirrigwardja l-oriġini ġeografika jew in-natura tal-prodott; u

(c) kwalunkwe użu ieħor li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta skont it-tifsira tal-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

2. Il-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu 1(a) għandha tingħata anki meta l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew meta l-indikazzjoni ġeografika tintuża fi traduzzjoni jew tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal “xorta”, “tip”, “stil”, “imitazzjoni” jew simili.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23 tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu b’mod reċiproku l-kundizzjonijiet prattiċi tal-użu li abbażi tagħhom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi ser ikunu differenti minn xulxin, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa. Isem omonimu li jqarraq bil-konsumatur billi jagħtih x’jifhem li prodott ikun ġej minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat, anki jekk l-isem ikun preċiż sa fejn huwa kkonċernat it-territorju, ir-reġjun jew il-post tal-oriġini attwali tal-prodott inkwistjoni.

4. Meta Parti, fil-kuntest tan-negozjati ma’ pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz li tkun omonima ma’ indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra protetta skont din it-Subtaqsima, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra b’dan u tagħtiha opportunità li tikkummenta qabel ma l-indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz tiġi protetta.

5. F’din is-Subtaqsima ma hemm xejn li għandu jobbliga lil Parti li tipproteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li mhijiex, jew li ma tibqax, protetta fil-pajjiż tal-oriġini tagħha. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fil-pajjiż tal-oriġini. Tali notifika għandha sseħħ f’konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 12.63 (Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet ta’ Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

6. Parti ma għandhiex tkun meħtieġa li tipproteġi bħala indikazzjoni ġeografika isem li x'aktarx iqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott f'każ li jkun konfliġġenti mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew razza ta' annimal.

ARTIKOLU 12.28

Eċċezzjonijiet

1. Minkejja l-Artikolu 12.27 (Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi "Asiago", "Fontina" u "Gorgonzola" elenkati fil-Parti A tal-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandhiex timpedixxi l-użu ta' kwalunkwe waħda minn dawn l-indikazzjonijiet fit-territorju tal-Vjetnam minn kwalunkwe persuni, inklużi s-suċċessuri tagħhom, li għamlu użu kummerċjali attwali *in bona fede* ta' dawk l-indikazzjonijiet fir-rigward tal-prodotti fil-klassi ta' "ġobnijiet" qabel l-1 ta' Jannar 2017.

2. Minkejja l-Artikolu 12.27 (Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Feta" elenkata fil-Parti A tal-Anness 12A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandhiex timpedixxi l-użu ta' din l-indikazzjoni fit-territorju tal-Vjetnam minn kwalunkwe persuni, inklużi s-suċċessuri tagħhom, li għamlu użu kummerċjali attwali *in bona fede* ta' din l-indikazzjoni fir-rigward tal-prodotti fil-klassi ta' "ġobnijiet" magħmula minn ħalib tan-nagħaġ jew magħmula minn ħalib tan-nagħaġ u tal-mogħoż, qabel l-1 ta' Jannar 2017.

3. Minkejja l-Artikolu 12.27 (Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), matul perjodu tranżitorju ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Champagne", elenkata fil-Parti A tal-Anness 12-A (Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) ma għandhiex timpedixxi l-użu ta' din l-indikazzjoni, jew it-traduzzjoni, it-trasliterazzjoni jew it-traskrizzjoni tagħha, fit-territorju tal-Vjetnam minn kwalunkwe persuni, inklużi s-suċċessuri tagħhom, li għamlu użu kummerċjali attwali *in bona fede* ta' din l-indikazzjoni fir-rigward tal-prodotti fil-klassi ta' "nbejjed".

4. Parti tista' tistabbilixxi li kwalunkwe talba magħmula taħt din is-Subtaqsima b'konnessjoni mal-użu jew mar-reġistrazzjoni tat-trademark trid tiġi ppreżentata fi żmien ħames snin minn meta l-użu ħażin tal-indikazzjoni protetta jkun sar magħruf b'mod ġenerali f'dik il-Parti jew wara d-data tar-reġistrazzjoni tat-trademark f'dik il-Parti, diment li t-trademark kienet ippubblikata sa dik id-data, jekk dik id-data tkun aktar kmieni mid-data li fiha l-użu ħażin ikun sar magħruf b'mod ġenerali f'dik il-Parti, diment li l-indikazzjoni ġeografika ma tintużax jew ma tiġix irreġistrata *in mala fede*.

5. F'din is-Subtaqsima ma hemm xejn li għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, matul il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, għajr meta dak l-isem jintuża b'mod tali li jqarraq bil-pubbliku.

ARTIKOLU 12.29

Id-Dritt ta' Użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

Ladarba indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont dan il-Ftehim, l-użu leġittimu ta’ tali indikazzjoni ġeografika ma għandu jkun soġġett għal ebda reġistrazzjoni tal-utenti jew għal imposti ulterjuri.

ARTIKOLU 12.30

Relazzjoni mat-Trademarks

1. Meta l-applikazzjoni għal trademark jew ir-reġistrazzjoni ta’ trademark tkun saret in bona fede, jew meta d-drittijiet għal trademark ikunu nkisbu permezz tal-użu in bona fede, f’Parti qabel id-data applikabbli stabbilita fil-paragrafu 2, il-miżuri adottati sabiex tiġi implimentata din is-Subtaqsima f’dik il-Parti ma għandhomx jippreġudikaw l-eliġibbiltà għall-validità tat-trademark, jew id-dritt għall-użu tat-trademark, fuq il-bażi li dik it-trademark hija identika jew simili għal indikazzjoni ġeografika.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-data applikabbli hija:

(a) id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 12.25 (Indikazzjonijiet Ġeografiċi Stabbiliti); jew

(b) id-data li fiha l-awtorità kompetenti ta' Parti tirċievi talba mill-Parti l-oħra b'applikazzjoni kompleta għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika addizzjonali msemmija fl-Artikolu 12.26 (Emendar tal-Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

3. Trademark kif imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tkompli tiġi protetta, tintuża u tiġġedded minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, diment li ma tkun teżisti ebda bażi għall-invalidità jew ir-revoka tat-trademark fil-leġiżlazzjoni domestika dwar it-trademarks tal-Parti kkonċernata.

ARTIKOLU 12.31

Infurzar tal-Protezzjoni

1. Kull Parti għandha tipprevedi l-infurzar tal-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi permezz ta' azzjoni amministrattiva xierqa, sal-punt previst mil-liġi domestika tagħha, li tipprojbixxi persuna milli timmanifattura, tħejji, tippakkja, tittikkettja, tbiegħ, timporta jew tirreklama komodità tal-ikel b'mod li jkun falz jew qarrieqi jew li x'aktarx joħloq impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tagħha.

2. Kull Parti għandha mill-inqas tinforza l-protezzjoni prevista fl-Artikoli 12.27 (Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) u 12.30 (Relazzjoni mat-Trademarks) fuq it-talba ta' parti interessata.

ARTIKOLU 12.32

Regoli Ġenerali

1. Il-prodotti li jkollhom indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, inklużi kwalunkwe emendi tagħhom, approvati mill-awtoritajiet tal-Parti li fit-territorju tagħha joriġina l-prodott.

2. Kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta' prodotti rreġistrati għandha tiġi ttrattata fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi, imsemmija fl-Artikolu 12.63 (Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

ARTIKOLU 12.33

Kooperazzjoni u Trasparenza

1. Il-Partijiet għandhom, direttament jew permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi, imsemmija fl-Artikolu 12.63 (Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi), iżommu kuntatt fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' din is-Subtaqsima. B'mod partikolari, Parti tista' titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra rigward l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, inklużi kwalunkwe emendi għalihom, u l-punti ta' kuntatt rilevanti għall-kontroll jew il-ġestjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Kull Parti tista' tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, jew sommarju tagħhom, u l-punti ta' kuntatt rilevanti għall-kontroll jew il-ġestjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti skont din is-Subtaqsima.

SUBTAQSIMA 4

DISINJI INDUSTRIJALI

ARTIKOLU 12.34

Trattati Internazzjonali

Il-Partijiet jaderixxu mal-*Att ta' Ġinevra (1999) tal-Ftehim tal-Aja Dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Disinji Industrijali*, magħmul f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999, fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 12.35

Il-Protezzjoni ta’ Disinji Industrijali Rreġistrati

1. Il-Partijiet għandhom jipprevedu l-protezzjoni ta’ disinji industrijali maħluqa indipendentement[1] li huma ġodda jew oriġinali[2]. Din il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta’ reġistrazzjoni u għandha tagħti drittijiet esklussivi lid-detenturi tagħhom f’konformità ma’ din is-Subtaqsima[3].

[1] Il-Partijiet jaqblu li meta l-liġi domestika ta’ Parti hekk tistabbilixxi, disinn ifisser id-dehra tal-prodott kollu jew parti separabbli jew inseparabbli tal-prodott.

[2] Il-Partijiet jaqblu li meta l-liġi domestika ta’ Parti hekk tistabbilixxi, jista’ jkun meħtieġ ukoll il-karattru individwali tad-disinji. Dan jirreferi għal disinji li jvarjaw b’mod sinifikanti mid-disinji jew kombinazzjonijiet ta’ karatteristiċi ta' disinji magħrufa. L-Unjoni tqis li d-disinji jkollhom karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jħalli fuq l-utenti infurmati tkun differenti mill-impressjoni ġenerali li titħalla fuq tali utent minn kwalunkwe disinn li jkun sar disponibbli għall-pubbliku.

[3] Huwa mifhum li d-disinji ma jiġux esklużi mill-protezzjoni sempliċiment fuq il-bażi li jkunu jikkostitwixxu parti minn oġġett jew prodott, sakemm dawn ikunu viżibbli, jissodisfaw il-kriterji ta’ dan il-paragrafu, u:

(a) jissodisfaw kwalunkwe kriterju ieħor għall-protezzjoni tad-disinn; u

(b) ma jkunux esklużi b’mod ieħor mill-protezzjoni tad-disinn,

f’konformità mal-liġi domestika rispettiva tal-Partijiet.

2. Disinn li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jitqies biss li jkun ġdid u oriġinali:

(a) jekk il-parti komponenti, ladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali ta' dan tal-aħħar; u

(b) safejn dawk il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jissodisfaw minnhom infushom ir-rekwiżiti fir-rigward tan-novità u l-oriġinalità.

3. It-terminu "użu normali" fis-subparagrafu 2(a) ifisser użu mill-utent finali, minbarra xogħol ta' manutenzjoni, servicing jew tiswija.

4. Is-sid ta' disinn irreġistrat għandu jkollu d-dritt li ma jħallix partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid li mill-inqas jagħmlu, joffru għall-bejgħ, ibiegħu, jimportaw jew jaħżnu għall-bejgħ prodott li jġorr jew li jinkorpora d-disinn protett meta dawn l-atti jsiru għal finijiet kummerċjali.

5. It-tul tal-protezzjoni disponibbli għandu jammonta għal mill-inqas 15-il sena.

ARTIKOLU 12.36

Eċċezzjonijiet u Esklużjonijiet

1. Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinji, diment li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt mhux raġonevoli mal-isfruttament normali tad-disinji protetti u ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tas-sid tad-disinn protett, filwaqt li tqis l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinji industrijali ma għandhiex testendi għal disinji ddettati essenzjalment minn kunsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali.

ARTIKOLU 12.37

Relazzjoni mad-Drittijiet tal-Awtur

Disinn għandu jkun eliġibbli wkoll għal protezzjoni skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur ta' Parti mid-data li fiha nħoloq id-disinn jew, b'mod alternattiv, li fiha ġie ffissat fi kwalunkwe forma. L-eliġibbiltà għall-protezzjoni, il-punt safejn u l-kundizzjonijiet li taħthom tingħata tali protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, inkluż il-livell tal-oriġinalità meħtieġa, għandha tiġi ddeterminata minn dik il-Parti.

SUBTAQSIMA 5

PRIVATTIVI

ARTIKOLU 12.38

Ftehimiet Internazzjonali

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont it-*Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi*, magħmul f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 u mmodifikat l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001. Kull Parti għandha tissimplifika u tiżviluppa l-proċeduri ta' reġistrazzjoni tal-privattivi tagħha billi tuża, *inter alia*, it-*Trattat dwar il-Liġi tal-Privattivi*, li ġie adottat f'Ġinevra fl-1 ta' Ġunju 2000, bħala punt ta' referenza.

ARTIKOLU 12.39

Il-Privattivi u s-Saħħa Pubblika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-*Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika*, li ġiet adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Doha. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom id-dritt li jistrieħu fuq din id-Dikjarazzjoni.

2. Il-partijiet għandhom jirrispettaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar l-*Implimentazzjoni tal-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika*.

ARTIKOLU 12.40

Awtorizzazzjoni Amministrattiva

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prodotti farmaċewtiċi protetti minn privattiva fit-territorju rispettiv tagħhom ġeneralment ikunu soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni amministrattiva qabel jitpoġġew fis-suq tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq").

2. Kull Parti għandha tipprevedi mekkaniżmu adegwat u effettiv sabiex tikkumpensa lis-sid tal-privattiva għat-tnaqqis fil-ħajja effettiva tal-privattiva li tirriżulta minn dewmien mhux raġonevoli[1] fl-għoti tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fit-territorju rispettiv tagħha. Dan il-kumpens jista' jkun fil-forma ta' estensjoni tat-tul tad-drittijiet mogħtija mill-protezzjoni tal-privattiva, daqs iż-żmien li bih jinqabeż il-perjodu msemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna għal dan il-paragrafu. It-tul massimu ta' din l-estensjoni ma għandux jaqbeż is-sentejn.

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dewmien mhux raġonevoli għandu jinkludi mill-inqas dewmien ta' aktar minn sentejn fl-ewwel tweġiba lill-applikant wara d-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq. Kwalunkwe dewmien li jseħħ fl-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq minħabba l-perjodi attribwibbli lill-applikant jew kwalunkwe perjodu li ma jkollux kontroll fuq l-awtorità tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn li jkun inkluż fid-determinazzjoni ta' tali dewmien.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 2, Parti tista' tagħmel disponibbli estensjoni, ta' mhux aktar minn ħames snin[1], tat-tul tad-drittijiet mogħtija mill-protezzjoni tal-privattivi sabiex tikkumpensa lis-sid tal-privattiva għat-tnaqqis fil-ħajja effettiva tal-privattiva bħala riżultat tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq. It-tul tal-estensjoni għandu jibda jgħodd mill-aħħar tat-terminu legali tal-privattiva għal perjodu li jkun twil daqs il-perjodu li jkun għadda bejn id-data li fiha kienet depożitata l-applikazzjoni għal privattiva u d-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq sabiex il-prodott jitqiegħed fis-suq fil-Parti, imnaqqas b'perjodu ta' ħames snin.

SUBTAQSIMA 6

IL-PROTEZZJONI TA' INFORMAZZJONI MHUX DIVULGATA

ARTIKOLU 12.41

Il-Protezzjoni ta' Informazzjoni Mhux Divulgata

1. Sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS, u waqt li tkun qed tiġi żgurata protezzjoni effettiva kontra l-kompetizzjoni inġusta kif previst fl-Artikolu 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, kull Parti għandha tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali u d-*data* sottomessa lill-gvern jew lill-aġenziji governattivi f'konformità ma' dan l-Artikolu.

[1] Dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal sitt xhur oħra fil-każ ta' prodotti mediċinali li għalihom twettqu studji pedjatriċi, u r-riżultati ta' dawk l-istudji huma riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott.

2. Jekk Parti titlob, bħala kundizzjoni għall-approvazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti farmaċewtiċi jew agrokimiċi, is-sottomissjoni ta' *data* tat-test jew *data* oħra mhux divulgata, li l-oriġini tagħhom tinvolvi sforz konsiderevoli, il-Parti għandha tipproteġi din id-*data* minn użu kummerċjali inġust. Barra minn hekk, kull Parti għandha tipproteġi tali *data* kontra d-divulgazzjoni, ħlief fejn din tkun meħtieġa biex tipproteġi lill-pubbliku.

3. Kull Parti għandha tistabbilixxi li għad-*data* msemmija fil-paragrafu 2 li tiġi sottomessa lill-Parti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-ebda applikant ieħor għal approvazzjoni għat-tqegħid fis-suq ma jista', mingħajr il-permess tal-persuna li ssottomettiet id-*data*, jistrieħ fuq dik id-*data* b'sostenn għal applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tqegħid fis-suq matul perjodu raġonevoli, li normalment għandha tfisser mhux inqas minn ħames snin mid-data li fiha l-Parti tkun tat l-approvazzjoni lill-persuna li tkun ipproduċiet id-*data* għall-approvazzjoni sabiex tqiegħed il-prodott tagħha fis-suq.

SUBTAQSIMA 7

DRITTIJIET TAL-VARJETAJIET TA' PJANTI

ARTIKOLU 12.42

Drittijiet tal-Varjetajiet ta' Pjanti

Il-Partijiet għandhom jipproteġu d-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti f'konformità mal-*Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti*, li ġiet adottata f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 1961, kif riveduta l-aħħar f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991, inklużi l-eċċezzjonijiet għad-dritt tan-nissiela kif imsemmi fl-Artikolu 15 ta' din il-Konvenzjoni, u għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu u jinfurzaw dawn id-drittijiet.

TAQSIMA C

INFURZAR TAD-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUBTAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI TA' INFURZAR

ARTIKOLU 12.43

Obbligi Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim TRIPS, b'mod partikolari l-Parti III tiegħu. Kull Parti għandha tipprevedi l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji komplementarji stabbiliti f'din it-Taqsima, li huma meħtieġa sabiex jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[1]. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u ekwi u ma għandhomx ikunu kkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti ta' żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat.

[1] Għall-finijiet tas-Subtaqsima 1 tat-Taqsima C (Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali), it-terminu "drittijiet tal-proprjetà intellettwali" għandu jinkludi mill-inqas id-drittijiet li ġejjin: id-drittijiet tal-awtur; id-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur; id-drittijiet ta' min joħloq it-topografiji ta' prodott semikunduttur; id-drittijiet tat-trademarks; id-drittijiet tad-disinn; id-drittijiet tal-privattivi; l-indikazzjonijiet ġeografiċi; id-drittijiet ta' mudell ta' utilità; id-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti; l-ismijiet kummerċjali, sakemm dawn ikunu protetti bħala drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-liġi domestika kkonċernata.

2. Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu effettivi u proporzjonati u għandhom jiġu applikati b'tali mod li jevitaw il-ħolqien ta' ostakoli għall-kummerċ leġittimu u jipprevedu salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

ARTIKOLU 12.44

Applikanti Intitolati

Kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala persuni intitolati sabiex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

(a) id-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(b) il-persuni l-oħrajn kollha awtorizzati sabiex jużaw dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, b'mod partikolari d-detenturi tal-liċenzji, safejn ikun permess minn, u f'konformità ma', id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(c) il-korpi ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi tal-proprjetà intellettwali li jkunu rikonoxxuti regolarment bħala li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, safejn ikun permess minn, u f'konformità ma', id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli; u

(d) il-korpi ta' difiża professjonali li jkunu rikonoxxuti regolarment bħala li għandhom dritt li jirrrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, safejn ikun permess minn, u f'konformità ma', id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.

SUBTAQSIMA 2

INFURZAR ĊIVILI

ARTIKOLU 12.45

Miżuri Provviżorji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħha, fuq talba minn parti li tkun ippreżentat evidenza disponibbli b'mod raġonevoli sabiex tappoġġja l-affermazzjonijiet tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali tagħha nkiser jew wasal biex jinkiser, ikollhom l-awtorità li jordnaw miżuri provviżorji fil-pront u effettivi sabiex:

(a) jipprevjenu ksur ta' kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali milli jseħħ u, b'mod partikolari, sabiex jipprevjenu d-dħul u ċ-ċaqliq fi ħdan il-mezzi tal-kummerċ fil-ġuriżdizzjoni tal-merkanzija tagħhom, inkluża l-merkanzija importata immedjatament wara l-iżdoganar tal-merkanzija:

(i) tista' tinħareġ inġunzjoni interlokutorja kontra parti li s-servizzi tagħha qed jintużaw minn parti terza sabiex tikser dritt ta' proprjetà intellettwali u li fuqha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġuriżdizzjoni; u

(ii) fil-każ ta' allegat ksur li jiġi kommess fuq skala kummerċjali, il-Partijiet għandhom jiżguraw li, jekk l-applikant imsemmi fl-Artikolu 12.44 (Applikanti Intitolati) juri ċirkostanzi li x'aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw is-sekwestru prekawzjonarju jew l-imblokkar tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, inkluż l-ibblokkar tal-kontijiet bankarji u assi oħrajn tiegħu;

u

(b) jippreservaw l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-allegat ksur, soġġetti għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, li tista' tinkludi d-deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid ta' kampjuni jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-allegati prodotti kontraventorji u, f'każijiet xierqa, il-materjali u l-għodod użati fil-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti, u d-dokumenti relatati magħhom.

2. Fejn xieraq, b'mod partikolari meta kwalunkwe dewmien x'aktarx jikkawża ħsara irreparabbli lid-detentur tad-dritt jew meta jkun hemm riskju evidenti li tinqered l-evidenza, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandu jkollhom l-awtorità li jadottaw il-miżuri provviżorji msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma l-parti l-oħra tinstema'.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 50 tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 12.46

Evidenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li, fuq applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza disponibbli b'mod raġonevoli suffiċjenti sabiex tappoġġja l-affermazzjonijiet tagħha u li, sabiex tissostanzja dawk l-affermazzjonijiet, għandha evidenza speċifikata li tinsab fil-kontroll tal-parti opposta, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu jordnaw li dik l-evidenza tiġi ppreżentata mill-parti opposta, bla ħsara għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, Parti tista' tistabbilixxi li kampjun raġonevoli ta' għadd sostanzjali ta' kopji ta' biċċa xogħol jew ta' kwalunkwe oġġett protett ieħor jitqies mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti bħala li jikkostitwixxi evidenza raġonevoli.

2. Fil-każ ta' ksur imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex jippermettu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw, fejn xieraq, fuq applikazzjoni minn xi parti, il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, bla ħsara għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

ARTIKOLU 12.47

Dritt għall-Informazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi domestika tagħha li tirregola l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jew l-ipproċessar tad-*data* personali, kull Parti għandha tiżgura li, fi proċedimenti ċivili li jikkonċernaw ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u bi tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata tal-applikant, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu jordnaw lill-kontraventur, lill-allegat kontraventur jew lil kwalunkwe persuna oħra tipprovdi l-informazzjoni, kif previst fil-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha, li din il-persuna tippossjedi jew tikkontrolla.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "kwalunkwe persuna oħra" jista' jinkludi persuna li:

(a) instabet li kienet fil-pussess tal-prodotti kontraventorji fuq skala kummerċjali;

(b) instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi kontraventorji fuq skala kummerċjali;

(c) instabet li kienet qiegħda tipprovdi, fuq skala kummerċjali, servizzi użati f'attivitajiet kontraventorji; jew

(d) ġiet indikata mill-persuna msemmija f'dan il-paragrafu bħala li hija involuta fil-produzzjoni, il-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-prodotti kontraventorji jew fil-provvista tas-servizzi kontraventorji.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi informazzjoni rigward kwalunkwe persuna involuta fuq skala kummerċjali fil-ksur jew fl-allegat ksur u rigward il-mezzi ta' produzzjoni u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kontraventorji.

ARTIKOLU 12.48

Rimedji Oħrajn

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw, fuq talba tal-applikant u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni dovuti lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, kif ukoll mingħajr kumpens ta' kwalunkwe tip b'tali mod li jitnaqqsu r-riskji ta' ksur ulterjuri:

(a) is-sejħa lura mill-mezzi tal-kummerċ[1];

(b) id-disponiment barra l-mezzi tal-kummerċ; jew

(c) il-qerda,

ta' prodotti li huma jkunu sabu li qegħdin jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali.

[1] Kull Parti għandha tiżgura li din id-dispożizzjoni tapplika għal prodotti kontraventorji li jinstabu fil-mezzi tal-kummerċ u li l-kontraventuri għandhom jiġu ordnati sabiex mill-inqas isejħu lura l-prodotti mingħand il-klijenti tagħhom, bħal bejjiegħa bl-ingrossa, distributuri u bejjiegħa bl-imnut.

L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u strumenti, li l-użu predominanti tagħhom kien fil-ħolqien jew fil-manifattura tal-prodotti kontraventorji, jew id-disponiment tagħhom barra l-mezzi tal-kummerċ b'tali mod li jitnaqqsu r-riskji ta' ksur ulterjuri.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw li r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1, mill-inqas għall-qerda, inkluża t-tneħħija mill-mezzi tal-kummerċ għall-qerda, jitwettqu għas-spejjeż tal-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan.

ARTIKOLU 12.49

Inġunzjonijiet

Kull Parti għandha tiżgura li, meta deċiżjoni ġudizzjarja ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu joħorġu inġunzjoni, kontra l-kontraventur u, fejn xieraq, kontra parti li s-servizzi tagħha jkunu qegħdin jintużaw mill-kontraventur u li fuqha l-awtorità ġudizzjarja teżerċita l-ġuriżdizzjoni, li tkun immirata sabiex tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur.

ARTIKOLU 12.50

Miżuri Alternattivi

Parti tista' tistabbilixxi li, f'każijiet xierqa u fuq talba tal-persuna li tista' tkun soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 12.48 (Rimedji Oħrajn) jew fl-Artikolu 12.49 (Inġunzjonijiet), l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġata minflok ma jiġu applikati l-miżuri previsti fl-Artikolu 12.48 (Rimedji Oħrajn) u fl-Artikolu 12.49 (Inġunzjonijiet) jekk dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonali u mingħajr negliġenza, jekk l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni jikkawżalha dannu sproporzjonat u jekk il-kumpens fi flus lill-parti danneġġata jidher li jkun raġonevolment sodisfaċenti.

ARTIKOLU 12.51

Ħsarat

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-kontraventur li, konxjament jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, ikun involva ruħu f'attività kontraventorja, sabiex iħallas id-danni lid-detentur tad-dritt bil-għan li jikkumpensa għad-dannu proprju mġarrab minnu bħala riżultat tal-ksur.

Meta jiġu biex jiddeterminaw l-ammont ta' danni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità li:

(a) jikkunsidraw l-aspetti xierqa kollha, bħall-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, inklużi l-profitti mitlufa, li tkun ġarrbet il-parti danneġġata, kwalunkwe profitti inġusti magħmula mill-kontraventur[1] u, f'każijiet xierqa, elementi oħrajn minbarra fatturi ekonomiċi[2]; u

(b) f'każijiet xierqa, jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f'daqqa abbażi ta' elementi bħal, mill-inqas, l-ammont ta' royalties jew miżati li kien ikollhom jitħallsu kieku l-kontraventur talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni.

2. Meta l-kontraventur ma jkunx involva ruħu, konxjament jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, f'attività kontraventorja, Parti tista' tistabbilixxi li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw l-irkupru tal-profitti jew il-ħlas tad-danni, li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel, favur il-parti danneġġata.

---

1 Il-kalkolu tal-profitti inġusti magħmula mill-kontraventur ma għandux jiġi dduplikat fil-kalkolu tal-profitti mitlufa.

2 It-terminu "elementi oħrajn minbarra fatturi ekonomiċi" għandu jinkludi preġudizzju morali kkawżat mill-ksur tad-drittijiet morali tal-inventuri jew tal-awturi.

ARTIKOLU 12.52

Spejjeż Legali

Kull Parti għandha tistabbilixxi li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, bħala regola ġenerali u fejn xieraq, għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw li l-parti prevalenti tingħata ħlas ta' kumpens mill-parti telliefa għall-ispejjeż jew il-miżati tal-qorti u għall-miżati xierqa tal-avukati, jew kwalunkwe spejjeż oħrajn previsti skont il-liġi domestika ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 12.53

Pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet Ġudizzjarji

L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw, skont il-liġi u l-politiki domestiċi tagħhom, il-pubblikazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, għas-spejjeż tal-kontraventur, ta' informazzjoni xierqa dwar id-deċiżjoni ġudizzjarja finali.

ARTIKOLU 12.54

Preżunzjoni tal-Oriġini jew tas-Sjieda

Il-Partijiet jirrikonoxxu li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti f'dan il-Kapitolu, huwa biżżejjed li l-isem ta' awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku u l-isem ta' detenturi ta' drittijiet oħrajn fir-rigward tas-suġġett protett tagħhom ikunu jidhru fuq ix-xogħol jew is-suġġett protett bil-mod tas-soltu sabiex dak l-awtur jew detentur ta' dritt ieħor jitqies bħala tali, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja u, konsegwentament, ikun intitolat li jibda proċedimenti ta' ksur.

SUBTAQSIMA 3

FORNITUR TA' SERVIZZ INTERMEDJARJU

ARTIKOLU 12.55

Ir-Responsabbiltà ta' Fornitur ta' Servizz Intermedjarju

1. Kull Parti għandha, f'konformità ma' dan l-Artikolu, tipprevedi limitazzjonijiet jew eżenzjonijiet fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha dwar ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji, fir-rigward tal-provvista jew l-użu tas-servizzi tagħhom, għal ksur tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati li jseħħ fuq in-netwerks tat-telekomunikazzjoni jew permezz tagħhom[1].

2. Il-limitazzjonijiet jew l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikopru mill-inqas l-attivitajiet li ġejjin:

(a) it-trażmissjoni f'netwerk tat-telekomunikazzjoni ta' informazzjoni pprovduta minn utent tas-servizz, jew l-għoti ta' aċċess għal netwerk tat-telekomunikazzjoni ("sempliċiment passaġġ");

[1] Għal ċertezza akbar, dan jinkludi l-Internet.

(b) it-trażmissjoni f'netwerk tat-telekomunikazzjoni ta' informazzjoni pprovduta minn utent tas-servizz dwar il-ħażna awtomatika, intermedja u temporanja ta' dik l-informazzjoni, imwettqa għall-iskop biss li t-trażmissjoni 'l quddiem tal-informazzjoni ssir aktar effiċjenti għal utenti oħrajn tas-servizz fuq talba tagħhom ("caching"), bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(i) ma jimmodifikax l-informazzjoni għajr għal raġunijiet tekniċi;

(ii) jikkonforma mal-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni;

(iii) jikkonforma mar-regoli rigward l-aġġornament tal-informazzjoni, speċifikati b'mod rikonoxxut u użat b'mod estensiv mill-industrija;

(iv) ma jinterferixxix mal-użu leġittimu tat-teknoloġija, rikonoxxuta u użata b'mod estensiv mill-industrija, sabiex tinkiseb *data* dwar l-użu tal-informazzjoni; u

(v) ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni li huwa jkun ħażen malli kiseb għarfien[1] tal-fatt li l-informazzjoni fis-sors inizjali tat-trażmissjoni tkun tneħħiet min-netwerk, jew li jkun ġie diżattivat l-aċċess għaliha;

u

[1] F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jipprekludi lil waħda mill-Partijiet milli tiddefinixxi fil-liġi domestika tagħha l-kundizzjonijiet sabiex tiddetermina kif jinkiseb l-għarfien tal-informazzjoni illegali li tkun qed tiġi ospitata.

(c) il-ħażna tal-informazzjoni pprovduta minn utent tas-servizz fuq it-talba ta' utent tas-servizz ("ospitar") bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(i) ma jkollux l-għarfien ta' informazzjoni illegali; u

(ii) malli jikseb tali għarfien[1], jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni.

3. Kull Parti tista', fil-liġi domestika tagħha, tipprevedi kundizzjonijiet li taħthom il-forniturі ta' servizzi intermedjarji ma jikkwalifikawx għal-limitazzjonijiet jew għall-eċċezzjonijiet fil-paragrafu 2.

4. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-forniturі ta' servizzi intermedjarji sabiex jikkwalifikaw għal-limitazzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet fil-paragrafu 2 ma jistgħux jinkludu l-fornitur ta' servizz intermedjarju li jissorvelja s-servizz tiegħu, jew li jfittex fatti li jindikaw attività kontraventorja.

5. Kull Parti tista' tistabbilixxi proċeduri għal notifiki effettivi ta' pretensjoni ta' ksur u kontronotifiki effettivi.

6. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà li qorti jew awtorità amministrattiva, f'konformità mas-sistema legali ta' kull Parti, titlob lill-fornitur ta' servizz intermedjarju jtemm jew jipprevjeni ksur.

[1] F'dan il-Kapitolu ma hemm xejn li jipprekludi lil waħda mill-Partijiet milli tiddefinixxi fil-liġi domestika tagħha l-kundizzjonijiet sabiex tiddetermina kif jinkiseb l-għarfien tal-informazzjoni illegali li tkun qed tiġi ospitata.

SUBTAQSIMA 4

INFURZAR FIL-FRUNTIERI

ARTIKOLU 12.56

Konsistenza mal-GATT 1994 u mal-Ftehim TRIPS

Meta jimplimentaw miżuri fil-fruntieri għall-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali, kif stabbilit f'din is-Subtaqsima, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-konsistenza mal-obbligi tagħhom skont il-GATT 1994 u l-Ftehim TRIPS u, b'mod partikolari, mal-Artikolu V tal-GATT 1994 u mal-Artikolu 41 u t-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 12.57

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) "oġġetti ffalsifikati" tfisser oġġetti bi trademark iffalsifikata u oġġetti b'indikazzjoni ġeografika ffalsifikata;

(b) “oġġetti b’indikazzjoni ġeografika ffalsifikata” tfisser oġġetti, inkluż imballaġġ, li jkollhom indikazzjoni ġeografika illegali li tkun identika għall-indikazzjoni ġeografika rreġistrata b’mod validu fir-rigward tal-istess tip ta’ oġġetti, jew li ma tistax tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali indikazzjoni ġeografika u li, b’hekk, l-importazzjoni tagħhom tikser, jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet tikkostitwixxi ksur, tad-drittijiet tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni skont il-liġi tal-Parti fejn jinsabu l-oġġetti;

(c) “oġġetti bi trademark iffalsifikata” tfisser oġġetti, inkluż imballaġġ, li jkollhom, mingħajr ebda awtorizzazzjoni, trademark li tkun identika għat-trademark irreġistrata b’mod validu fir-rigward ta’ tali oġġetti, jew li ma tistax tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali trademark u li, b’hekk, l-importazzjoni tagħhom tikser, jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet tikkostitwixxi ksur, tad-drittijiet tas-sid tat-trademark inkwistjoni skont il-liġi tal-Parti fejn jinsabu l-oġġetti;

(d) “oġġetti għall-esportazzjoni” tfisser oġġetti li għandhom jittieħdu mit-territorju ta’ Parti lejn post barra dak it-territorju, filwaqt li dawk l-oġġetti jibqgħu taħt kontroll doganali;

(e) “oġġetti li jiksru dritt ta’ proprjetà intellettwali” tfisser oġġetti ffalsifikati u oġġetti bi dritt tal-awtur ikkopjat li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom, skont il-liġi tal-Parti fejn jinsabu l-oġġetti, tikser dritt ta’ proprjetà intellettwali;

(f) “oġġetti għall-importazzjoni” tfisser oġġetti mdaħħla fit-territorju ta’ Parti minn post barra dak it-territorju, filwaqt li dawk l-oġġetti jibqgħu taħt kontroll doganali; u

(g) “oġġetti bi dritt tal-awtur ikkopjat” tfisser oġġetti li huma kopji magħmula mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt jew ta’ persuna debitament awtorizzata mid-detentur tad-dritt fil-pajjiż tal-produzzjoni u li huma magħmula direttament jew indirettament minn oġġett fejn il-kopji li jsiru, kif ukoll l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom, ikunu jikkostitwixxu ksur ta’ dritt tal-awtur jew ta’ dritt relatat skont il-liġi tal-Parti tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, rispettivament.

ARTIKOLU 12.58

Kamp ta’ Applikazzjoni tal-Miżuri fil-Fruntieri

1. Fir-rigward tal-merkanzija importata u esportata, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li permezz tagħhom detentur ta’ dritt jista’ jippreżenta applikazzjonijiet li jitolbu lill-awtoritajiet doganali sabiex jissospendu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija suspettata li tikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom, f’konformità mal-proċeduri domestiċi, jissospendu r-rilaxx tal-merkanzija suspettata li tikser dritt tal-proprjetà intellettwali.

ARTIKOLU 12.59

Involviment Attiv tal-Awtoritajiet Doganali

L-awtoritajiet doganali għandhom, abbażi ta' tekniki ta' analiżi tar-riskji, ikunu attivi fl-immirar u l-identifikazzjoni ta' vjeġġi li jkun fihom merkanzija importata u esportata suspettata li tikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Huma għandhom jikkooperaw mad-detenturi tad-drittijiet, inkluż billi jippermettu l-għoti ta' informazzjoni għall-analiżi tar-riskji.

ARTIKOLU 12.60

Kooperazzjoni Speċifika fil-Qasam tal-Miżuri fil-Fruntieri

1. Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 4.2 (Kooperazzjoni Doganali u Assistenza Amministrattiva Reċiproka), il-Partijiet għandhom, fejn xieraq, jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet doganali tagħhom sabiex jippermettu kontrolli effettivi fil-fruntieri għall-finijiet tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari bil-għan li jiġi implimentat b'mod effettiv l-Artikolu 69 tal-Ftehim TRIPS.

2. Fir-rigward tal-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'assistenza amministrattiva reċiproka f'konformità mal-Protokoll 2 (Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17.1 (Kumitat għall-Kummerċ), il-Kumitat Doganali msemmi fl-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Il-Kumitat Doganali għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet u jipprevedi l-proċeduri adegwati għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

SUBTAQSIMA 5

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRAJN RELATATI MAL-INFURZAR

ARTIKOLU 12.61

Kodiċijiet ta' Kondotta

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu:

(a) l-iżvilupp, permezz ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet kummerċjali jew professjonali, ta' kodiċi ta' kondotta maħsub sabiex jikkontribwixxi għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; u

(b) il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet ta' abbozz ta' kodiċijiet ta' kondotta u kwalunkwe evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dawk il-kodiċijiet ta' kondotta.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U TA' KOOPERAZZJONI

ARTIKOLU 12.62

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Soġġetti għall-Kapitolu 16 (Kooperazzjoni u Bini tal-Kapaċità), l-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-qafas legali fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-regoli rilevanti tal-protezzjoni u l-infurzar, kif ukoll l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-Unjoni u l-Vjetnam dwar il-progress leġiżlattiv;

(b) l-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni bejn l-Unjoni u l-Vjetnam dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(c) l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-Unjoni u l-Vjetnam dwar l-infurzar fil-livelli ċentrali u subċentrali mill-awtoritajiet doganali, mill-pulizija u minn korpi amministrattivi u ġudizzjarji, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom għall-prevenzjoni tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti ffalsifikati, inkluż ma' pajjiżi oħrajn;

(d) il-bini tal-kapaċità u l-iskambju u t-taħriġ tal-persunal;

(e) il-promozzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fi, *inter alia*, ċrieki tan-negozju, organizzazzjonijiet soċjali u soċjoprofessjonali, kif ukoll il-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet;

(f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni intergovernattiva bejn, *inter alia*, l-uffiċċji tal-proprjetà intellettwali; u

(g) il-promozzjoni attiva tal-għarfien u l-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar il-politiki tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tal-formulazzjoni ta' strateġiji effettivi sabiex jiġu identifikati l-udjenzi ewlenin u l-ħolqien ta' programmi ta' komunikazzjoni sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi u tal-midja dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u l-konnessjoni mal-kriminalità organizzata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, il-Partijiet jaqblu li jindirizzaw, kif meħtieġ, is-suġġetti rilevanti għall-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, kif ukoll kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi, stabbiliti skont l-Artikolu 17.3 (Gruppi ta' Ħidma).

ARTIKOLU 12.63

Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali,
inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Il-Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi, stabbilit skont l-Artikolu 17.3 (Gruppi ta’ Ħidma), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu, l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni tagħhom u t-twettiq ta’ djalogi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Il-Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi, jista’ jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u t-tħaddim ta’ dan il-Kapitolu. B’mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli:

(a) mit-tħejjija ta’ rakkomandazzjoni għall-Partijiet sabiex jemendaw l-Anness 12-A (Lista ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f’konformità mal-Artikolu 12.26 (Emendar tal-Lista ta’ Indikazzjonijiet Ġeografiċi);

(b) mill-iskambju ta’ informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u ta’ politika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u kwalunkwe kwistjoni oħra ta’ interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi; u

(c) mill-iskambju ta’ informazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-finijiet tal-kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tagħhom f’konformità ma’ din is-Subtaqsima 3 (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) tat-Taqsima B (Standards li Jikkonċernaw id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali).

KAPITOLU 13

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 13.1

Għanijiet

1. L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, notevolment billi jrawwem il-kontribuzzjoni ta' aspetti relatati mal-kummerċ u l-investiment ta' kwistjonijiet tax-xogħol u ambjentali.

2. Il-Partijiet ifakkru l-*Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp* tal-1992, il-*Pjan ta' Johannesburg tal-Implimentazzjoni tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli* tal-2002, id-*Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Impjieg Sħiħ u x-Xogħol Deċenti* tal-2006, l-*Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILO"), l-*Aġenda tax-Xogħol Deċenti*, id-*Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli* tal-2012, intitolat "*Il-futur li rridu*", u d-*Dokument ta' Eżitu tas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli* tal-2015, intitolat "*It-trasformazzjoni tad-Dinja Tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli*". Huma jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'tali mod li dan jikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp sostenibbli, għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. L-għan tal-iżvilupp sostenibbli għandu jiġi integrat fir-relazzjoni tal-kummerċ bilaterali tagħhom.

3. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jsegwu l-iżvilupp sostenibbli, li jikkonsisti fi żvilupp ekonomiku, żvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, bit-tlieta li huma interdipendenti u jirrinforzaw lil xulxin b'mod reċiproku.

4. Il-Partijiet jenfasizzaw il-benefiċċji tal-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ambjentali[1] u tax-xogħol relatati mal-kummerċ bħala parti mill-approċċ globali għall-kummerċ u għall-iżvilupp sostenibbli.

5. Dan il-Kapitolu jinkorpora approċċ kooperattiv ibbażat fuq valuri u interessi komuni, filwaqt li jikkunsidra d-differenzi fil-livelli ta' żvilupp rispettivi tal-Partijiet.

ARTIKOLU 13.2

Dritt ta' Regolazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt rispettiv tagħhom li:

(a) jiddeterminaw l-għanijiet, l-istrateġiji, il-politiki u l-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli;

(b) jistabbilixxu l-livelli ta' protezzjoni domestika tagħhom stess fl-oqsma soċjali u ambjentali kif iqisu li huwa xieraq; u

[1] Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "kwistjonijiet tax-xogħol" tfisser dawk skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti, kif imsemmija fid-*Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta*, li ġiet adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol waqt is-97 Sessjoni tagħha, f'Ġinevra fl-10 ta' Ġunju 2008.

(c) jadottaw jew jimmodifikaw kif xieraq il-liġijiet u l-politiki rilevanti tagħhom b'mod konsistenti mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment, u l-ftehimiet, li Parti hija parti minnhom, imsemmija fl-Artikoli 13.4 (Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol) u 13.5 (Ftehimiet Ambjentali Multilaterali).

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġijiet u l-politiki tagħha jipprevedu u jinkoraġġixxu livelli għoljin ta' protezzjoni domestika fl-oqsma soċjali u ambjentali u għandha tagħmel ħilitha kontinwament sabiex ittejjeb dawk il-liġijiet u l-politiki.

ARTIKOLU 13.3

Iż-Żamma tal-Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jenfasizzaw li d-dgħjufija tal-livelli ta' protezzjoni fl-oqsma ambjentali jew tax-xogħol hija detrimentali għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu u li mhuwiex xieraq li jiġu inkoraġġiti l-kummerċ u l-investiment billi jiddgħajfu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi domestika dwar l-ambjent jew ix-xogħol.

2. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga, jew inkella toffri li tirrinunzja jew tidderoga, mil-liġijiet ambjentali jew tax-xogħol tagħha, b'mod li jaffettwa l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet.

3. Parti ma għandhiex tonqos, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sostnut jew rikorrenti, milli tinforza b'mod effettiv il-liġijiet ambjentali u tax-xogħol tagħha, bħala inkoraġġiment għall-kummerċ u l-investiment.

4. Parti ma għandhiex tapplika liġijiet ambjentali u tax-xogħol b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jew bħala restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

ARTIKOLU 13.4

Standards u Ftehimiet Internazzjonali dwar ix-Xogħol

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, b'mod partikolari bħala rispons għall-globalizzazzjoni. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali tagħhom b'mod li dan iwassal għal impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, inkluż għan-nisa u ż-żgħażagħ. F'dan il-kuntest, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw, kif xieraq, fuq kwistjonijiet tax-xogħol relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku.

2. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-ILO u d-*Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u s-Segwitu tagħha*, li ġiet adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol waqt is-86 Sessjoni tagħha fl-1998, li tirrispetta, tippromwovi u timplimenta b'mod effettiv il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, jiġifieri:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol.

3. Kull Parti għandha:

(a) tagħmel sforzi kontinwi u sostnuti sabiex tirratifika, sakemm ma tkunx għamlet dan diġà, il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO;

(b) tikkunsidra r-ratifika ta' konvenzjonijiet oħrajn li huma kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO, filwaqt li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi domestiċi tagħha; u

(c) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra fir-rigward tar-ratifiki msemmija fis-subparagrafi (a) u (b).

4. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b'mod effettiv fil-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki domestiċi tagħha l-konvenzjonijiet tal-ILO rratifikati mill-Vjetnam u mill-Istati Membri tal-Unjoni, rispettivament.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ksur tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella użat bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist.

ARTIKOLU 13.5

Ftehimiet Multilaterali dwar l-Ambjent

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet ambjentali multilaterali bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-isfidi ambjentali u jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ reċiproku bejn il-kummerċ u l-ambjent. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw, kif xieraq, fir-rigward tal-kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku.

2. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b'mod effettiv fil-liġijiet u l-prattiki domestiċi tagħha l-ftehimiet ambjentali multilaterali li hija parti minnhom.

3. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u, kif xieraq, f'okkażjonijiet oħrajn, informazzjoni u esperjenzi dwar is-sitwazzjoni u l-progress rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-ftehimiet ambjentali multilaterali jew l-emendi tagħhom.

4. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li jwaqqaf lil xi Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri maħsuba għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali li minnhom hija parti, sakemm dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

ARTIKOLU 13.6

Tibdil fil-Klima

1. Bil-għan li jindirizzaw it-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilħqu l-għan aħħari tal-*Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima* tal-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UNFCCC") u li jimplimentaw b'mod effettiv il-UNFCCC, il-*Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima*, kif emendat l-aħħar fit-8 ta' Diċembru 2012 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll ta' Kjoto"), u l-*Ftehim ta' Pariġi*, magħmul fit-12 ta' Diċembru 2015, stabbilit hemmhekk. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-UNFCCC, tal-Protokoll ta' Kjoto u tal-*Ftehim ta' Pariġi*. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, jikkooperaw u jippromwovu l-kontribut pożittiv ta' dan il-Kapitolu sabiex isaħħu l-kapaċitajiet tal-Partijiet fit-tranżizzjoni għal emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u għal ekonomiji reżiljenti għat-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

2. Fi ħdan il-qafas tal-UNFCCC, il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol tal-politiki domestiċi fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u jikkondividu informazzjoni u esperjenzi ta' prijorità jew ta' interess reċiproku, inklużi:

(a) l-aħjar prattiki u l-lezzjonijiet miksuba fit-tfassil, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-mekkaniżmi għall-ipprezzar tal-karbonju;

(b) il-promozzjoni tas-swieq tal-karbonju domestiċi u internazzjonali, inkluż permezz ta' mekkaniżmi bħal Skemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u t-Tnaqqis tal-Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti; u

(c) il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, tat-teknoloġija b'emissjonijiet baxxi u tal-enerġija rinnovabbli.

ARTIKOLU 13.7

Diversità Bijoloġika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika skont il-*Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika* tal-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CBD") u l-*Pjan Strateġiku għad-Diversità 2011-2020 u l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi*, li ġie adottat fl-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet f'Nagoya bejn it-18 u d-29 ta' Ottubru 2010, il-*Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu*, kif emendata l-aħħar f'Gaborone fl-1983 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CITES") u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn li huma parti minnhom, kif ukoll id-deċiżjonijiet adottati taħthom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu, f'konformità mal-Artikolu 15 tas-CBD, id-drittijiet sovrani tal-Istati fuq ir-riżorsi naturali tagħhom u li l-awtorità li tiddetermina l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi tagħhom hija tal-gvernijiet rispettivi tagħhom u hija soġġetta għal-liġi domestika tagħhom. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu kundizzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi għal użi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li ma jimponux restrizzjonijiet li jmorru kontra l-għanijiet tas-CBD. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi għandu jkun soġġett għall-kunsens infurmat minn qabel tal-Parti li tipprovdi riżorsi ġenetiċi, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor minn dik il-Parti.

3. Għal dan l-għan, kull Parti għandha:

(a) tinkoraġġixxi l-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tagħha;

(b) tippromwovi u tinkoraġġixxi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluż l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom;

(c) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar azzjonijiet bħal strateġiji, inizjattivi ta' politika, programmi, pjanijiet ta' azzjoni, kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi ta' rilevanza f'kuntest kummerċjali li jimmiraw li jwaqqfu t-telf tad-diversità bijoloġika u li jnaqqsu l-pressjonijiet fuq id-diversità bijoloġika u, fejn rilevanti, tikkoopera sabiex timmassimizza l-impatt u tiżgura l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħha;

(d) tadotta u timplimenta miżuri effettivi xierqa, li jkunu konsistenti mal-impenji tagħha skont it-trattati internazzjonali li hija parti minnhom, li jwasslu għal tnaqqis tal-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, monitoraġġ u miżuri ta' infurzar;

(e) issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Parti l-oħra, kif xieraq, sabiex tipproponi speċijiet ġodda ta' annimali u pjanti li għandhom jiġu inklużi fl-Appendiċijiet I u II għas-CITES; u

(f) tikkoopera mal-Parti l-oħra fil-livelli reġjonali u globali, kif xieraq, bl-għan li tippromwovi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fl-ekosistemi naturali jew agrikoli, inklużi speċijiet fil-periklu, il-ħabitat tagħhom, iż-żoni naturali protetti b'mod speċjali u d-diversità ġenetika; ir-restawr tal-ekosistemi; l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi naturali ħajjin u mhux ħajjin, inklużi l-ekosistemi; l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom.

ARTIKOLU 13.8

Il-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti u l-Kummerċ ta' Prodotti tal-Foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti fil-kontribut li l-foresti jagħtu għall-għanijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tagħhom.

2. Għal dan l-għan, kull Parti għandha:

(a) tinkoraġġixxi l-promozzjoni tal-kummerċ fi prodotti tal-foresti li ġejjin minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda f'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika tal-pajjiż tal-ħsad; din tista' tinkludi l-konklużjoni ta' *Ftehim ta' Sħubija Volontarju dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, il-Governanza u l-Kummerċ* ("*FLEGT*");

(b) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar miżuri li jippromwovu l-konsum ta' injam u prodotti tal-injam minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u, fejn relevanti, tikkoopera sabiex jiġu żviluppati dawn il-miżuri;

(c) tadotta miżuri li jkunu konsistenti mal-liġijiet domestiċi u mat-trattati internazzjonali li għalihom hija parti, sabiex tippromwovi l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-foresti u tiġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat;

(d) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra, kif xieraq, dwar azzjonijiet maħsuba biex itejbu l-infurzar tal-liġi tal-foresti u, fejn ikun rilevanti, tikkoopera sabiex timmassimizza l-impatt u tiżgura l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom li jimmiraw li jeskludu l-injam u prodotti tal-injam maħsuda b'mod illegali mill-flussi tal-kummerċ; u

(e) tikkoopera mal-Parti l-oħra fil-livelli reġjonali u globali, kif xieraq, bil-għan li tippromwovi l-konservazzjoni u l-immaniġġjar sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti.

ARTIKOLU 13.9

Il-Kummerċ u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar
u l-Prodotti tal-Akkwakultura

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar, kif ukoll il-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli.

2. Għal dan l-għan, kull Parti għandha:

(a) tikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fit-tul u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, kif definiti fil-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982*; tinkoraġġixxi l-konformità mal-*Ftehim għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna*, magħmul fi New York bejn l-24 ta' Lulju u l-4 ta' Awwissu 1995, mal-*Ftehim li Jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri ta' Konservazzjoni u Ġestjoni Internazzjonali mill-Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Internazzjonali*, approvat mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura waqt is-27 Sessjoni tagħha f'Novembru 1993, kif ukoll mal-*Ftehim dwar Miżuri tal-Istat tal-Port Maħsuba sabiex Jipprevjenu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Irregolat*, approvat mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura fit-22 ta' Novembru 2009; u taderixxi mal-prinċipji tal-*Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli*, adottat mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura f'Cancun fil-31 ta' Ottubru 1995;

(b) tikkoopera mal-Parti l-oħra, kif xieraq, ma' u fi ħdan l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd li tagħhom hija membru, osservatur jew parti mhux kontraenti li tikkoopera, inkluż permezz tal-applikazzjoni effettiva tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tagħhom u l-infurzar tal-miżuri ta' ġestjoni u, fejn applikabbli, timplimenta l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni jew Dokumentazzjoni tal-Qbid tagħhom;

(c) tikkoopera mal-Parti l-oħra u tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IUU") u l-attivitajiet relatati mas-sajd b'miżuri komprensivi, effettivi u trasparenti għall-ġlieda kontra l-IUU. Kull Parti għandha tiffaċilita wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' IUU u timplimenta politiki u miżuri sabiex teskludi l-prodotti li jirriżultaw mill-IUU mill-flussi tal-kummerċ;

(d) tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli, filwaqt li tikkunsidra l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha; u

(e) tiskambja informazzjoni dwar il-miżuri ġodda kollha dwar il-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-prodotti tas-sajd li jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet, fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u, kif xieraq, f'okkażjonijiet oħrajn.

ARTIKOLU 13.10

Kummerċ u Investiment li Jiffavorixxu l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Kull Parti tafferma l-impenn tagħha li ssaħħaħ il-kontribut tal-kummerċ u tal-investiment lejn l-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu.

2. Għal dak l-għan, il-Partijiet:

(a) jirrikonoxxu r-rwol ta' benefiċċju li jista' jkollu x-xogħol deċenti għall-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-produttività ekonomika, u huma għandhom jinkoraġġixxu koerenza politika akbar bejn il-politiki kummerċjali, fuq naħa waħda, u l-politiki tax-xogħol fuq in-naħa l-oħra;

(b) għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim;

(c) għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħal enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli;

(d) jirrikonoxxu li l-inizjattivi volontarji jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba u ż-żamma ta' livelli għoljin ta' protezzjoni tax-xogħol u tal-ambjent u jikkomplementaw il-miżuri regolatorji domestiċi; għalhekk, f'konformità mal-liġijiet jew il-politiki domestiċi tagħha, kull Parti għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' inizjattivi bħal dawn u l-parteċipazzjoni fihom, inklużi skemi volontarji ta' assigurazzjoni sostenibbli bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku u eko-tikketti; u

(e) f'konformità mal-liġijiet jew il-politiki domestiċi tagħhom, jaqblu li jippromwovu r-responsabbiltà soċjali, diment li l-miżuri relatati magħhom ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ. Il-miżuri għall-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva jinkludu, fost oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ u pariri tekniċi. F'dan ir-rigward, kull Parti tqis l-istrumenti rilevanti miftiehma internazzjonalment li jkunu ġew approvati jew appoġġjati minn dik il-Parti, bħalma huma l-*Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi għal Intrapriżi Multinazzjonali*, il-*Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti* u d-*Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali*.

ARTIKOLU 13.11

Informazzjoni Xjentifika

Meta tfassal u timplimenta miżuri maħsuba sabiex jipproteġu l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika, teknika u relatata mal-innovazzjoni li tkun disponibbli, kif ukoll l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-prinċipju ta' prekawzjoni.

ARTIKOLU 13.12

Trasparenza

Kull Parti għandha, f'konformità mal-liġi domestika tagħha u mal-Kapitolu 14 (Trasparenza), tiżgura li kwalunkwe miżuri mmirati sabiex jipproteġu l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment jiġu żviluppati, introdotti u implimentati b'mod trasparenti, b'avviż xieraq u opportunità sabiex il-persuni interessati jipprovdu l-fehmiet tagħhom.

ARTIKOLU 13.13

Reviżjoni tal-Impatti tas-Sostenibbiltà

Il-Partijiet għandhom, flimkien jew individwalment, jirrevedu, jissorveljaw u jivvalutaw l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim dwar l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-politiki, il-prattiki, il-proċessi parteċipattivi u l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 13.14

Ħidma Flimkien fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza li jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati mal-kummerċ tal-iżvilupp sostenibbli sabiex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, jistgħu jaħdmu flimkien, *inter alia*, fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'*fora* internazzjonali, inklużi l-ILO, il-Laqgħa Asja-Ewropa, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza fir-rigward tal-metodoloġiji u l-indikaturi għall-valutazzjonijiet tal-impatt dwar is-sostenibbiltà tal-kummerċ;

(c) l-impatt tal-liġijiet, ir-regolamenti, in-normi u l-istandards tax-xogħol u tal-ambjent fuq il-kummerċ jew l-investiment, kif ukoll l-impatt tar-regoli dwar il-kummerċ jew l-investiment fuq ix-xogħol u l-ambjent, inkluż fuq l-iżvilupp ta' strateġiji u politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli;

(d) il-kondiviżjoni ta' esperjenza dwar il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet tal-ILO u ftehimiet ambjentali multilaterali fundamentali, ta' prijorità u aġġornati ta' rilevanza għall-kummerċ;

(e) l-aspetti relatati mal-kummerċ tal-*Aġenda tal-ILO dwar ix-Xogħol Deċenti*, b'mod partikolari l-interkonnessjoni bejn il-kummerċ u l-impjiegi sħaħ u produttivi għal kulħadd, inklużi ż-żgħażagħ, in-nisa u l-persuni b'diżabilità, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards tax-xogħol ewlenin u internazzjonali oħrajn, l-istatistika tax-xogħol, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-tagħlim tul il-ħajja, il-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inkluż għal gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati, bħal ħaddiema migranti, nisa, żgħażagħ u persuni b'diżabilità, kif ukoll l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(f) l-aspetti relatati mal-kummerċ ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluża l-kooperazzjoni doganali;

(g) l-aspetti relatati mal-kummerċ tar-reġim internazzjonali attwali u futur tat-tibdil fil-klima, inklużi mezzi li jippromwovu teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-effiċjenza enerġetika;

(h) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u esperjenza dwar l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u tikkettar, inkluż l-ekotikkettar;

(i) il-promozzjoni tal-akkontabbiltà u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluż fir-rigward tal-istrumenti miftiehma internazzjonalment li jkunu ġew approvati jew appoġġjati minn kull Parti;

(j) il-miżuri relatati mal-kummerċ għall-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inklużi l-immappjar, il-valutazzjoni u l-valwazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom, u għall-ġlieda kontra l-kummerċ internazzjonali illegali ta' organiżmi selvaġġi;

(k) il-miżuri relatati mal-kummerċ għall-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bil-għan li jitnaqqsu d-deforestazzjoni u l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam;

(l) il-miżuri relatati mal-kummerċ għall-promozzjoni tal-prattiki tas-sajd sostenibbli u l-kummerċ ta' prodotti tal-ħut ġestiti b'mod sostenibbli; u

(m) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u esperjenza dwar l-aspetti relatati mal-kummerċ li jikkonċernaw id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u politiki ta' tkabbir ekoloġiku, inklużi iżda mhux limitati għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-teknoloġija li tirrispetta l-ambjent.

2. Il-Partijiet għandhom jikkondividu informazzjoni u esperjenza għall-finijiet tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni u bini tal-kapaċità dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

3. F'konformità mal-Kapitolu 16 (Kooperazzjoni u Bini tal-Kapaċità), il-Partijiet jistgħu jaħdmu flimkien fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta', *inter alia*:

(a) sessjonijiet ta' ħidma, seminars, taħriġ u djalogi għall-kondiviżjoni ta' għarfien, esperjenzi u l-aħjar prattiki;

(b) studji; u

(c) assistenza teknika u bini tal-kapaċità, kif xieraq.

Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq forom oħrajn ta' kooperazzjoni.

ARTIKOLU 13.15

Dispożizzjonijiet Istituzzjonali

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt fl-amministrazzjoni tagħha għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jkun magħmul minn uffiċjali anzjani mill-amministrazzjonijiet rilevanti ta' kull Parti jew uffiċjali maħtura minnhom.

3. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' fi żmien l-ewwel sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u, suċċessivament, skont il-ħtieġa, sabiex jirrevedi l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluża kooperazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 13.14 (Ħidma Flimkien fuq il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli). Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu permezz ta' ftehim reċiproku.

4. Kull Parti għandha tlaqqa' grupp konsultattiv domestiku ġdid jew tikkonsulta gruppi konsultattivi domestiċi eżistenti dwar l-iżvilupp sostenibbli bil-kompitu li jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Kull Parti għandha tiddeċiedi dwar il-proċeduri domestiċi tagħha għat-twaqqif tal-grupp konsultattiv domestiku jew gruppi konsultattivi domestiċi tagħha u l-ħatra tal-membri ta' tali grupp jew gruppi. Il-grupp jew gruppi għandhom jinkludu organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti, li jiżguraw rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi, soċjali u ambjentali, inklużi, fost l-oħrajn, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, gruppi tan-negozju u organizzazzjonijiet ambjentali. Kull grupp konsultattiv domestiku jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jissottometti fehmiet jew rakkomandazzjonijiet lill-Parti rispettiva tiegħu dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

5. Il-membri tal-grupp konsultattiv domestiku jew tal-gruppi konsultattivi domestiċi ta' kull Parti għandhom jiltaqgħu f'forum konġunt sabiex imexxu djalogu dwar aspetti ta' żvilupp sostenibbli tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet. Permezz ta' ftehim konġunt, il-gruppi konsultattivi domestiċi taż-żewġ Partijiet jistgħu jinvolvu partijiet ikkonċernati oħrajn fil-laqgħat tal-forum konġunt. Il-forum għandu jkun ibbażat fuq rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Ir-rapport ta' kull laqgħa tal-forum konġunt għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u, suċċessivament, jitpoġġa disponibbli għall-pubbliku.

6. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, il-forum konġunt għandu jiltaqa' darba fis-sena u flimkien mal-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. F'okkażjonijiet bħal dawn, il-Partijiet għandhom jippreżentaw lill-forum konġunt aġġornament dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar l-operat tal-forum konġunt mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 13.16

Konsultazzjonijiet Governattivi

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim fuq kwalunkwe kwistjoni koperta f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jirrikorru biss għall-proċeduri stabbiliti skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 13.17 (Bord ta' Esperti). Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, il-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim) u l-Anness 15-C tiegħu (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) ma japplikawx għal dan il-Kapitolu. L-Anness 15-A (Regoli ta' Proċedura) japplika *mutatis mutandis* f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 13.17 (Bord ta' Esperti).

2. Parti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe kwistjoni li tinqala' skont dan il-Kapitolu billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. It-talba għandha tippreżenta l-kwistjoni b'mod ċar, billi tidentifika l-problema inkwistjoni u tipprovdi sommarju qasir tat-talbiet taħt dan il-Kapitolu, inkluża l-indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiegħu u spjegazzjoni ta' kif il-problema taffettwa l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala rilevanti mill-Parti. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew immedjatament wara li Parti tibgħat talba għall-konsultazzjonijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull tentattiv sabiex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat. Waqt il-konsultazzjonijiet, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-problemi u l-interessi partikolari tal-Parti li hija pajjiż li għadu qed jiżviluppa. Fejn ikun rilevanti, il-Partijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-attivitajiet tal-ILO jew lill-organizzazzjonijiet jew il-korpi ambjentali multilaterali rilevanti u jistgħu, permezz ta' ftehim reċiproku, ifittxu pariri minn dawn l-organizzazzjonijiet jew il-korpi, jew minn kwalunkwe korp ieħor jew persuna oħra li huma jqisu xierqa, sabiex jeżaminaw il-kwistjoni b'mod sħiħ.

4. Jekk Parti tqis li l-kwistjoni teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista', billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra, titlob li jitlaqqa' l-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli sabiex jikkunsidra l-kwistjoni. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jfittex li jaqbel fuq soluzzjoni tal-kwistjoni.

5. Fejn xieraq, il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jista' jitlob il-parir tal-grupp konsultattiv domestiku jew tal-gruppi konsultattivi domestiċi ta' waħda mill-Partijiet jew taż-żewġ Partijiet, jew inkella assistenza esperta oħra, bil-għan li jiffaċilita l-analiżi tiegħu.

6. Kwalunkwe soluzzjoni milħuqa mill-Partijiet dwar il-kwistjoni għandha titpoġġa disponibbli għall-pubbliku, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor b'mod reċiproku.

ARTIKOLU 13.17

Bord ta’ Esperti

1. Jekk il-kwistjoni ma tissolviex b’mod sodisfaċenti mill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fi żmien 120 jum, jew perjodu itwal miftiehem miż-żewġ Partijiet, wara li tkun ġiet ippreżentata talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 16.4 (Relazzjonijiet ma’ Kapitoli Oħrajn), Parti tista’ titlob, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta’ kuntatt tal-Parti l-oħra, li jitlaqqa’ Bord ta’ Esperti sabiex jeżamina dik il-kwistjoni.

2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu, wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, jistabbilixxi regoli ta’ proċeduri għall-Bord ta’ Esperti għal kwalunkwe kwistjoni proċedurali li mhijiex koperta f’dan l-Artikolu. Sakemm il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ma jiftiehemx mod ieħor, sakemm jiġu stabbiliti dawk ir-regoli ta’ proċeduri, ir-Regoli ta’ Proċedura stabbiliti fl-Anness 15-A (Regoli ta’ Proċedura) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, filwaqt li titqies in-natura tal-ħidma tal-Bord ta’ Esperti.

3. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas ħmistax-il individwu li jkunu lesti u kapaċi jservu fuq il-Bord ta' Esperti. Din il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista ta' individwi li mhumiex ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom jaġixxu bħala presidenti tal-Bord ta' Esperti. Kull Parti għandha tipproponi għas-sublista tagħha mill-inqas ħames individwi sabiex iservu bħala esperti. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll mill-inqas ħames individwi għas-sublista ta' presidenti. Fil-laqgħat tiegħu, il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jirrevedi l-lista u jiżgura li din tinżamm mill-inqas fil-livell ta' ħmistax-il individwu.

4. Il-lista msemmija fil-paragrafu 3 għandha tinkludi individwi b'għarfien speċjalizzat dwar, jew għarfien espert fi, il-liġi dwar ix-xogħol jew l-ambjent, il-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu, jew is-soluzzjoni tat-tilwim li jinqala' skont il-ftehimiet internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu ebda struzzjoni mingħand ebda organizzazzjoni jew gvern fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mas-suġġett inkwistjoni, u lanqas ma għandhom ikunu affiljati mal-gvern ta' xi Parti. Il-prinċipji stabbiliti fl-Anness 15-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi) għandhom japplikaw għall-esperti *mutatis mutandis*, filwaqt li titqies in-natura tal-ħidma tagħhom.

5. Bord ta’ Esperti għandu jkun magħmul minn tliet membri, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-Partijiet. Fi żmien 30 jum mid-data li fiha l-Parti rispondenti tirċievi t-talba sabiex jitwaqqaf Bord ta’ Esperti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tiegħu. F’każ li l-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-kompożizzjoni tal-Bord ta’ Esperti f’dan il-limitu ta’ żmien, huma għandhom jagħżlu l-president mis-sublista rilevanti msemmija fil-paragrafu 3, permezz ta’ ftehim reċiproku jew, f’każ li ma jaslux għal qbil fi żmien sebat ijiem oħra, bil-polza. Kull Parti għandha tagħżel espert wieħed li jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 4 fi żmien 14-il jum wara t-tmiem tal-perjodu ta’ 30 jum. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq kwalunkwe espert ieħor li jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 4 sabiex iservi fuq il-Bord ta’ Esperti. F’każ li l-kompożizzjoni tal-Bord ta’ Esperti ma tkunx tlestiet f’dan il-perjodu ta’ żmien ta’ 44 jum mid-data li fiha l-Parti rispondenti tirċievi t-talba sabiex jitwaqqaf Bord ta’ Esperti, l-espert jew esperti li jkun fadal għandhom jintgħażlu bil-polza mis-sublista jew sublisti msemmija fil-paragrafu 3 fi żmien sebat ijiem minn fost l-individwi proposti mill-Parti jew Partijiet li tkun lestiet jew li jkunu lestew il-proċedura. F’każ li l-lista msemmija fil-paragrafu 3 tkun għadha ma ġietx stabbilita, l-esperti għandhom jintgħażlu bil-polza minn fost l-individwi li jkunu ġew proposti formalment miż-żewġ Partijiet jew, f’każ li Parti waħda biss tkun għamlet il-proposta tagħha, minn waħda mill-Partijiet. Id-data ta’ meta jitwaqqaf il-Bord ta’ Esperti għandha tkun id-data li fiha jintgħażel l-aħħar wieħed mit-tliet esperti.

6. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien sebat ijiem mid-data tat-twaqqif tal-Bord ta' Esperti, it-termini ta' referenza tal-Bord ta' Esperti għandhom ikunu:

"Li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-Bord ta' Esperti, u li jippubblika rapporti, f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, billi jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-kwistjoni.".

7. Fi kwistjonijiet relatati mar-rispett tal-ftehimiet multilaterali kif stabbilit fl-Artikolu 13.4 (Standards u Ftehimiet Multilaterali dwar ix-Xogħol) u fl-Artikolu 13.5 (Ftehimiet Ambjentali Multilaterali), il-Bord għandu jfittex informazzjoni u pariri mill-ILO jew mill-korpi tal-ftehim ambjentali multilaterali rilevanti. Kwalunkwe informazzjoni li tinkiseb skont dan il-paragrafu għandha tiġi pprovduta liż-żewġ Partijiet għall-kummenti tagħhom.

8. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ rapport interim u rapport finali lill-Partijiet. Dawn ir-rapporti għandhom jistabbilixxu s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunijiet bażiċi ta’ kwalunkwe sejbiet u rakkomandazzjonijiet. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ ir-rapport interim lill-Partijiet mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu. Kwalunkwe Parti tista’ tissottometti kummenti bil-miktub lill-Bord ta’ Esperti dwar ir-rapport interim fi żmien 45 jum mill-ħruġ tiegħu. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kummenti bil-miktub bħal dawn, il-Bord ta’ Esperti jista’ jimmodifika r-rapport u jagħmel kwalunkwe eżami ulterjuri li jidhirlu li huwa xieraq. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali lill-Partijiet mhux aktar tard minn 150 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu. Meta huwa jqis li d-dati tal-għeluq stabbiliti f’dan il-paragrafu ma jistgħux jintlaħqu, il-president tal-Bord ta’ Esperti għandu jinnotifika lill-Partijiet bil-miktub, billi jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-Bord ta’ Esperti qed jippjana li joħroġ ir-rapport interim jew finali tiegħu. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali mhux aktar tard minn 180 jum wara d-data tat-twaqqif tiegħu, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Dan ir-rapport finali għandu jitpoġġa disponibbli għall-pubbliku sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor b’mod reċiproku.

9. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-azzjonijiet jew il-miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati, filwaqt li jqisu r-rapport finali tal-Bord ta’ Esperti u r-rakkomandazzjonijiet fih. Il-Parti kkonċernata għandha tinforma lill-grupp konsultattiv domestiku jew gruppi konsultattivi domestiċi tagħha u lill-Parti l-oħra bid-deċiżjonijiet tagħha dwar kwalunkwe azzjoni jew miżura li għandha tiġi implimentata mhux aktar tard minn 90 jum, jew perjodu ta’ żmien itwal maqbul b’mod reċiproku mill-Partijiet, wara li r-rapport finali jkun ġie sottomess lill-Partijiet. Is-segwitu għall-implimentazzjoni ta’ tali azzjonijiet jew miżuri għandu jiġi ssorveljat mill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Il-grupp konsultattiv domestiku jew gruppi konsultattivi domestiċi u l-forum konġunt jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli f’dan ir-rigward.

KAPITOLU 14

TRASPARENZA

ARTIKOLU 14.1

Għan u Kamp ta' Applikazzjoni

Filwaqt li tirrikonoxxi l-impatt li l-ambjent regolatorju u l-proċeduri jista' jkollhom fuq il-kummerċ u l-investiment, kull Parti għandha tippromwovi ambjent regolatorju prevedibbli u proċeduri effiċjenti għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

ARTIKOLU 14.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "persuna interessata" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista' tiġi affettwata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali; u

(b) “miżura ta’ applikazzjoni ġenerali” tinkludi l-liġijiet, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta’ applikazzjoni ġenerali li jista’ jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 14.3

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li miżura ta’ applikazzjoni ġenerali:

(a) tiġi ppubblikata minnufih b’mezz magħżul uffiċjalment, inkluż, fejn possibbli, b’mezz elettroniku, b’tali mod li l-gvernijiet u l-persuni interessati jkunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom magħha; u

(b) tippermetti perjodu ta’ żmien suffiċjenti bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta’ dik il-miżura, ħlief meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet ta’ urġenza.

2. Kull Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha sabiex tippubblika, fi stadju kmieni u xieraq, kwalunkwe proposta sabiex tiġi adottata jew emendata kwalunkwe miżura ta’ applikazzjoni ġenerali, li tinkludi, fuq talba, spjegazzjoni tal-għan tal-proposta u r-raġuni għaliha;

(b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jikkummentaw dwar kwalunkwe proposta sabiex tiġi adottata jew emendata kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali, li tippermetti, b'mod partikolari, biżżejjed żmien għal opportunitajiet bħal dawn, ħlief meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet ta' urġenza; u

(c) tagħmel ħilitha sabiex tikkunsidra l-kummenti li tirċievi mingħand persuni interessati fir-rigward ta' kwalunkwe proposta sabiex tiġi adottata jew emendata kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali.

ARTIKOLU 14.4

Mistoqsijiet u Punti ta' Kuntatt

1. Kull Parti għandha, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, taħtar punt ta' kuntatt sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim u sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

2. Fuq talba tal-Parti l-oħra, il-punti ta' kuntatt għandhom jidentifikaw liema huwa l-uffiċċju jew l-uffiċjal responsabbli għall-kwistjoni u għandhom jassistu, skont il-ħtieġa, fl-iffaċilitar tal-komunikazzjoni mal-Parti rikjedenti.

3. Kull Parti għandha, fil-limiti tar-riżorsi disponibbli tagħha, tistabbilixxi jew iżżomm mekkaniżmi xierqa, inklużi dawk previsti f'Kapitoli oħrajn ta' dan il-Ftehim, sabiex ikunu jistgħu jiġu mwieġba l-mistoqsijiet minn kwalunkwe persuna interessata rigward kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali li tiġi proposta jew li hija fis-seħħ, u kif din għandha tiġi applikata. Il-mistoqsijiet jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' punti ta' kuntatt maħtura skont il-paragrafu 1 jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor, kif xieraq, sakemm ma jkunx hemm mekkaniżmu speċifiku stabbilit f'dan il-Ftehim.

4. Kull Parti għandha tipprevedi l-mekkaniżmi disponibbli għall-persuni interessati li jfittxu soluzzjoni għall-problemi li jkunu nqalgħu mill-applikazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali skont dan il-Ftehim.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-risposti pprovduti skont dan l-Artikolu jistgħu ma jkunux definittivi jew legalment vinkolanti, iżda jkunu għal finijiet ta' informazzjoni biss.

6. Kull Parti għandha tipprovdi, fuq talba, spjegazzjoni tal-għan tal-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali u r-raġuni għalihom.

7. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi l-informazzjoni minnufih u twieġeb għal mistoqsijiet li jappartjenu għal kwalunkwe miżura attwali jew miżura proposta ta' applikazzjoni ġenerali li l-Parti rikjedenti tqis li tista' taffettwa b'mod materjali t-tħaddim ta' dan il-Ftehim, irrispettivament minn jekk il-Parti rikjedenti tkunx ġiet innotifikata qabel b'dik il-miżura.

ARTIKOLU 14.5

Amministrazzjoni ta’ Miżuri ta’ Applikazzjoni Ġenerali

Kull Parti għandha tamministra b’mod uniformi, oġġettiv, imparzjali u raġonevoli l-miżuri kollha ta’ applikazzjoni ġenerali. Kull Parti, fl-applikazzjoni ta’ tali miżuri għal persuni, prodotti jew servizzi partikolari tal-Parti l-oħra, għandha:

(a) tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi lill-persuni interessati, li jkunu affettwati direttament mill-proċedimenti, b’avviż raġonevoli, f’konformità mal-proċeduri domestiċi tagħha, meta jinbdew il-proċedimenti, inkluża deskrizzjoni tan-natura tal-proċedimenti, dikjarazzjoni tal-awtorità ġuridika li taħtha jinbdew il-proċedimenti u deskrizzjoni ġenerali ta’ kwalunkwe kwistjoni kkonċernata;

(b) tagħti lil persuni interessati bħal dawn opportunità raġonevoli li jippreżentaw fatti u argumenti bħala sostenn għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, meta ż-żmien, in-natura tal-proċedimenti u l-interess pubbliku jippermettu dan; u

(c) tiżgura li l-proċeduri tagħha jkunu bbażati fuq il-liġi domestika tagħha u jkunu konformi magħha.

ARTIKOLU 14.6

Reviżjoni u Appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm, f'konformità mal-liġi domestika tagħha, tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, tribunali jew amministrattivi għall-finijiet tar-reviżjoni fil-pront u, fejn tkun iġġustifikata, il-korrezzjoni ta' azzjoni amministrattiva relatata ma' kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim. Dawk it-tribunali u l-proċeduri għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew mill-awtorità inkarigati mill-infurzar amministrattiv u ma għandu jkollhom ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, fi kwalunkwe tribunal jew proċedura bħal dawn, il-partijiet għall-proċedimenti jiġu pprovduti bid-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli sabiex jappoġġjaw jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u sottomissjonijiet ta' rekord jew, fejn ikun meħtieġ mil-liġi domestika tagħha, ir-rekord ikkompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha tiżgura, soġġetta għal appell jew rieżami ulterjuri kif previst fil-liġi domestika tagħha, li tali deċiżjoni għandha tiġi implimentata minn, u għandha tirregola l-prattika ta', l-uffiċċju jew l-awtorità fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva inkwistjoni.

ARTIKOLU 14.7

Prattika Regolatorja u Mġiba Amministrattiva Tajba

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-promozzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar il-proċessi ta' riforma regolatorja u l-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet jissottoskrivu għall-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba u jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni ta' dawn il-prinċipji, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki.

ARTIKOLU 14.8

Regoli Speċifiċi

Dan il-Kapitolu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita f'Kapitoli oħrajn ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 15

SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A

GĦAN U KAMP TA’ APPLIKAZZJONI

ARTIKOLU 15.1

Għan

L-għan ta’ dan il-Kapitolu huwa li jistabbilixxi mekkaniżmu effettiv u effiċjenti sabiex tiġi evitata u solvuta kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta’ dan il-Ftehim bil-għan li jaslu għal soluzzjoni maqbula b’mod reċiproku.

ARTIKOLU 15.2

Kamp ta’ Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika fir-rigward tal-evitar u s-soluzzjoni ta’ kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f’dan il-Ftehim.

TAQSIMA B

KONSULTAZZJONIJIET U MEDJAZZJONI

ARTIKOLU 15.3

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isolvu kwalunkwe tilwima msemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta’ Applikazzjoni) billi jidħlu f’konsultazzjonijiet in bona fede bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni maqbula b’mod reċiproku.

2. Parti għandha tfittex konsultazzjonijiet permezz ta’ talba bil-miktub lill-Parti l-oħra, b’kopja mibgħuta lill-Kumitat għall-Kummerċ, billi tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ dan il-Ftehim.

3. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien 30 jum mid-data ta' meta tasal it-talba msemmija fil-paragrafu 2 u jseħħu, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li lilha tkun saret it-talba. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi fi żmien 45 jum mid-data ta' meta tasal it-talba, sakemm iż-żewg Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari l-informazzjoni kollha ddivulgata u l-pożizzjonijiet meħuda mill-Partijiet, għandhom ikunu kunfidenzjali u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe proċediment ulterjuri.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, inklużi dawk li jirrigwardjaw prodotti li jitħassru, prodotti staġjonali jew servizzi staġjonali, għandhom isiru fi żmien 15-il jum mid-data ta' meta tasal it-talba msemmija fil-paragrafu 2. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi fi żmien 20 jum, sakemm iż-żewg Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

5. Il-Parti li fittxet li jsiru konsultazzjonijiet tista' tirrikorri għall-Artikolu 15.5 (Il-Bidu tal-Proċedura ta' Arbitraġġ) jekk:

(a) il-Parti l-oħra ma tweġibx għat-talba għal konsultazzjonijiet fi żmien 15-il jum mid-data tal-wasla tagħha;

(b) il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta' żmien previsti fil-paragrafi 3 jew 4;

(c) il-Partijiet jaqblu li ma jsirux konsultazzjonijiet; jew

(d) il-konsultazzjonijiet ikunu ġew konklużi mingħajr soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

6. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni fattwali għal eżami tal-mod li bih il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa t-tħaddim u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 15.4

Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni

Il-Partijiet jistgħu fi kwalunkwe ħin jaqblu li jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni skont l-Anness 15-C (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

TAQSIMA C

PROĊEDURI TA’ SOLUZZJONI TAT-TILWIM

SUBTAQSIMA 1

PROĊEDURA TA’ ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU 15.5

Il-Bidu tal-Proċedura ta’ Arbitraġġ

1. Meta l-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima wara li jkunu rrikorrew għall-konsultazzjonijiet kif previsti fl-Artikolu 15.3 (Konsultazzjonijiet), il-Parti li tkun fittxet il-konsultazzjonijiet tista’ titlob li jitwaqqaf tribunal tal-arbitraġġ.

2. It-talba sabiex jitwaqqaf tribunal tal-arbitraġġ għandha ssir bil-miktub lill-Parti l-oħra u tiġi kkopjata lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Parti li tilmenta għandha tidentifika l-miżura inkwistjoni fit-talba tagħha u tispjega kif dik il-miżura hija inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim b’tali mod li tiġi ppreżentata b’mod ċar il-bażi ġuridika għall-ilment.

ARTIKOLU 15.6

It-Termini ta’ Referenza tat-Tribunal tal-Arbitraġġ

Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor fi żmien 10 ijiem mid-data tal-għażla tal-arbitri, it-termini ta’ referenza tat-tribunal tal-arbitraġġ għandhom ikunu:

“Li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ dan il-Ftehim iċċitati mill-Partijiet, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif ta’ tribunal tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 15.5 (Il-Bidu tal-Proċedura ta’ Arbitraġġ), li jiddeċiedi dwar il-konformità tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta’ Applikazzjoni) u li jagħmel is-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunament bażiku għal kwalunkwe sejbiet u rakkomandazzjonijiet konformi mal-Artikoli 15.10 (Rapport Interim) u 15.11 (Rapport Finali).”.

ARTIKOLU 15.7

It-Twaqqif tat-Tribunal tal-Arbitraġġ

1. Tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun magħmul minn tliet arbitri.

2. Fi żmien 10 ijiem mid-data li fiha l-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tkun irċeviet it-talba għat-twaqqif ta’ tribunal tal-arbitraġġ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

3. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, kull Parti tista' taħtar arbitru mis-sublista ta' dik il-Parti stabbilita skont l-Artikolu 15.23 (Lista ta' Arbitri) fi żmien 10 ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2. Jekk Parti tonqos milli taħtar arbitru mis-sublista tagħha, l-arbitru għandu jintgħażel bil-polza, fuq talba tal-Parti l-oħra, mill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew mid-delegat tal-president, mis-sublista ta' dik il-Parti stabbilita skont l-Artikolu 15.23 (Lista ta' Arbitri).

4. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, għandu jagħżel bil-polza, fuq talba ta' Parti, il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ mis-sublista ta' presidenti stabbilita skont l-Artikolu 15.23 (Lista ta' Arbitri).

5. Il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, għandu jagħżel l-arbitri fi żmien ħamest ijiem mit-talba msemmija fil-paragrafi 3 jew 4.

6. Id-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tkun id-data li fiha t-tliet arbitri magħżula jkunu nnotifikaw lill-Partijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-ħatra tagħhom f'konformità mal-Anness 15-A (Regoli ta' Proċedura).

7. Jekk kwalunkwe waħda mil-listi previsti fl-Artikolu 15.23 (Lista ta' Arbitri) ma tkunx ġiet stabbilita jew ma tinkludix biżżejjed ismijiet fiż-żmien li fih issir it-talba skont il-paragrafi 3 jew 4, l-arbitri għandhom jintgħażlu bil-polza minn fost l-individwi li jkunu ġew proposti b'mod formali miż-żewġ Partijiet jew minn Parti waħda f'każ li tali proposta tkun saret minn Parti waħda biss.

ARTIKOLU 15.8

Proċedimenti ta’ Soluzzjoni tat-Tilwim tat-Tribunal tal-Arbitraġġ

1. Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f’dan l-Artikolu, l-Annessi 15-A (Regoli ta’ Proċedura) u 15-B (Kodiċi ta’ Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi) għandhom jirregolaw il-proċedimenti ta’ soluzzjoni tat-tilwim ta’ tribunal tal-arbitraġġ.

2. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mat-tribunal tal-arbitraġġ fi żmien 10 ijiem mit-twaqqif tiegħu sabiex jiddeterminaw il-kwistjonijiet kollha li l-Partijiet jew it-tribunal tal-arbitraġġ iqisu li huma xierqa, inklużi l-iskeda ta’ żmien tal-proċedimenti u r-rimunerazzjoni u l-ispejjeż tal-arbitri f’konformità mal-Anness 15-A (Regoli ta’ Proċedura). L-arbitri u r-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jieħdu sehem f’din il-laqgħa permezz ta’ konferenza bit-telefon jew bil-vidjo.

3. Il-post fejn issir is-seduta ta’ smigħ għandu jiġi deċiż b’kunsens reċiproku tal-Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-post fejn issir is-seduta ta’ smigħ, din għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti li tilmenta tkun il-Vjetnam u f’Ha Noi jekk il-Parti li tilmenta tkun l-Unjoni.

4. Kwalunkwe seduta ta’ smigħ għandha tkun miftuħa għall-pubbliku, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness 15-A (Regoli ta’ Proċedura).

5. F'konformità mal-Anness 15-A (Regoli ta' Proċedura), il-Partijiet għandhom jingħataw l-opportunità li jattendu kwalunkwe preżentazzjoni, dikjarazzjoni, argument jew konfutazzjoni fil-proċedimenti. Kwalunkwe informazzjoni jew sottomissjoni bil-miktub ippreżentata lit-tribunal tal-arbitraġġ minn Parti, inklużi kwalunkwe kummenti dwar il-parti deskrittiva tar-rapport interim, tweġibiet għal mistoqsijiet mit-tribunal tal-arbitraġġ u kummenti minn Parti dwar dawk it-tweġibiet, għandhom jiġu magħmula disponibbli għall-Parti l-oħra.

6. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor fi żmien tlett ijiem mid-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jirċievi, f'konformità mal-Anness 15-A (Regoli ta' Proċedura), sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitluba (sottomissjonijiet *amicus curiae*) minn persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fit-territorju ta' Parti.

7. Għad-deliberazzjonijiet interni tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiltaqa' f'sessjoni fil-magħluq fejn jieħdu sehem biss l-arbitri. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jippermetti wkoll lill-assistenti tiegħu jkunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu. Id-deliberazzjonijiet tat-tribunal tal-arbitraġġ u d-dokumenti ppreżentati lilu għandhom jinżammu kunfidenzjali.

ARTIKOLU 15.9

Deċiżjoni Preliminari dwar l-Urġenza

Jekk Parti titlob hekk, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħti deċiżjoni preliminari fi żmien 10 ijiem mit-twaqqif tiegħu dwar jekk huwa jqisx il-każ bħala urġenti jew le.

ARTIKOLU 15.10

Rapport Interim

1. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu joħroġ rapport interim lill-Partijiet, li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunament bażiku wara kull sejba u rakkommandazzjoni, sa mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ. Meta huwa jqis li din id-data tal-għeluq ma tistax tintlaħaq, il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinnotifika bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal tal-arbitraġġ jippjana li joħroġ ir-rapport interim. It-tribunal tal-arbitraġġ taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu joħroġ ir-rapport aktar tard minn 120 jum wara d-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ.

2. Parti tista' tressaq talba bil-miktub, inklużi kummenti, lit-tribunal tal-arbitraġġ sabiex jeżamina mill-ġdid l-aspetti preċiżi tar-rapport interim fi żmien 14-il jum min-notifika tiegħu.

3. F'każijiet ta' urġenza, inklużi dawk li jinvolvu prodotti li jitħassru jew prodotti jew servizzi staġjonali, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex joħroġ ir-rapport interim tiegħu fi żmien 45 jum u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ. Parti tista' tressaq talba bil-miktub, inklużi kummenti, lit-tribunal tal-arbitraġġ sabiex jeżamina mill-ġdid l-aspetti preċiżi tar-rapport interim, fi żmien sebat ijiem min-notifika tar-rapport interim.

4. Wara li jikkunsidra kwalunkwe talba bil-miktub, inklużi kummenti, mill-Partijiet dwar ir-rapport interim, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel kwalunkwe eżami ulterjuri li jqis li huwa xieraq.

ARTIKOLU 15.11

Rapport Finali

1. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 120 jum mid-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ. Meta huwa jqis li din id-data tal-għeluq ma tistax tintlaħaq, il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinnotifika bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal tal-arbitraġġ jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. It-tribunal tal-arbitraġġ taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu joħroġ ir-rapport finali aktar tard minn 150 jum mid-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ.

2. F'każijiet ta' urġenza, inklużi dawk li jinvolvu prodotti li jitħassru jew prodotti jew servizzi staġjonali, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex jinnotifika r-rapport finali tiegħu fi żmien 60 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu. It-tribunal tal-arbitraġġ taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu joħroġ ir-rapport finali aktar tard minn 75 jum mid-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ.

3. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni suffiċjenti tal-argumenti magħmula fl-istadju tar-rieżami interim u għandu jindirizza b'mod ċar il-kummenti tal-Partijiet.

SUBTAQSIMA 2

KONFORMITÀ

ARTIKOLU 15.12

Konformità mar-Rapport Finali

Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tkun konformi minnufih u f'bona fide mar-rapport finali.

ARTIKOLU 15.13

Perjodu ta' Żmien Raġonevoli għall-Konformità

1. Jekk il-konformità immedjata ma tkunx possibbli, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu b'mod reċiproku fuq il-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-konformità mar-rapport finali. F'każ bħal dan, il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara li jiġi riċevut ir-rapport finali, tinnotifika lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar iż-żmien meħtieġ għall-konformità (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"perjodu ta' żmien raġonevoli").

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar il-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità mar-rapport finali, il-Parti li tilmenta għandha, fi żmien 20 jum mill-wasla tan-notifika magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 mill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment, tagħmel talba bil-miktub lit-tribunal tal-arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 15.7 (It-Twaqqif tat-Tribunal tal-Arbitraġġ) (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ it-"tribunal tal-arbitraġġ oriġinali") sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment u tiġi kkopjata lill-Kumitat għall-Kummerċ.

3. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu dwar il-perjodu ta' żmien raġonevoli lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 20 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha tinforma bil-miktub lill-Parti li tilmenta dwar il-progress tagħha sabiex tikkonforma mar-rapport finali mill-inqas 30 jum qabel ma jiskadi l-perjodu ta' żmien raġonevoli.

5. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jestendu l-perjodu ta' żmien raġonevoli.

ARTIKOLU 15.14

Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità mar-Rapport Finali

1. Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jintemm il-perjodu ta' żmien raġonevoli dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali.

2. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq l-eżistenza jew il-konsistenza ta' kwalunkwe miżura meħuda għall-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u nnotifikata skont il-paragrafu 1, il-Parti li tilmenta tista' tagħmel talba bil-miktub lit-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. It-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment u tiġi kkopjata lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Parti li tilmenta għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura speċifika inkwistjoni u tispjega kif tali miżura mhijiex konsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) b'mod suffiċjenti sabiex tiġi ppreżentata b'mod ċar il-bażi ġuridika għall-ilment.

3. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 45 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 15.15

Rimedji Temporanji f'Każ ta' Nuqqas ta' Konformità

1. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tinnotifika lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali qabel ma jiskadi l-perjodu ta' żmien raġonevoli, jew jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li ma ttieħdet ebda miżura għall-konformità, jew inkella li l-miżura nnotifikata skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 15.14 (Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità mar-Rapport Finali) mhijiex konsistenti mal-obbligi ta' dik il-Parti skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha, jekk tintalab mill-Parti li tilmenta u wara konsultazzjonijiet ma' dik il-Parti, tippreżenta offerta għal kumpens.

2. Jekk il-Parti li tilmenta tiddeċiedi li ma titlobx offerta għal kumpens jew, f'każ li ssir tali talba, jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar kumpens fi żmien 30 jum wara t-tmiem tal-perjodu ta' żmien raġonevoli jew mill-ħruġ tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 15.14 (Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità mar-Rapport Finali) li ma ttieħdet ebda miżura għall-konformità, jew inkella li miżura meħuda mhijiex konsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), il-Parti li tilmenta għandu jkollha d-dritt, wara notifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ, li tissospendi l-obbligi li joħorġu minn kwalunkwe dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) f'livell ekwivalenti għat-tħassir jew l-indeboliment ikkawżat mill-ksur. In-notifika għandha tispeċifika l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi. Il-Parti li tilmenta tista' timplimenta s-sospensjoni fi kwalunkwe ħin wara li jiskadi l-perjodu ta' 10 ijiem mid-data li fiha l-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tirċievi n-notifika, sakemm il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment ma tkunx talbet li jsir arbitraġġ skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tqis li l-livell ta' sospensjoni ma jkunx ekwivalenti għat-tħassir jew l-indeboliment ikkawżat mill-ksur, hija tista' titlob bil-miktub lit-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta u tiġi kkopjata lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 2. It-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fuq il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. L-obbligi ma għandhomx jiġu sospiżi sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu u kwalunkwe sospensjoni għandha tkun konsistenti ma' dik id-deċiżjoni.

4. Is-sospensjoni tal-obbligi u l-kumpens għandhom ikunu temporanji u ma għandhomx jiġu applikati wara li:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont l-Artikolu 15.19 (Soluzzjoni Miftiehma b'Mod Reċiproku);

(b) il-Partijiet ikunu qablu li l-miżura nnotifikata skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 15.14 (Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità mar-Rapport Finali) iġġib lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni); jew

(c) kwalunkwe miżura li tinstab li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif deċiż skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 15.14 (Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità mar-Rapport Finali).

ARTIKOLU 15.16

Rieżami tal-Miżura Meħuda għall-Konformità
Wara l-Adozzjoni tar-Rimedji Temporanji għan-Nuqqas ta' Konformità

1. Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport tat-tribunal tal-arbitraġġ wara s-sospensjoni tal-obbligi jew wara l-applikazzjoni tal-kumpens, skont il-każ. Bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Parti li tilmenta għandha ttemm is-sospensjoni tal-obbligi fi żmien 30 jum mid-data li fiha tirċievi n-notifika. F'każ li l-kumpens ikun ġie applikat, u bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tista' ttemm l-applikazzjoni ta' tali kumpens fi żmien 30 jum min-notifika tagħha li hija kkonformat mar-rapport tat-tribunal tal-arbitraġġ.

2. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq jekk il-miżura nnotifikata ġġibx lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tan-notifika, il-Parti li tilmenta għandha tagħmel talba bil-miktub lit-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Dik it-talba għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment u tiġi kkopjata lill-Kumitat għall-Kummerċ.

3. Id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tiġi nnotifika lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 45 jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba. Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li l-miżura nnotifikata hija f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni), is-sospensjoni tal-obbligi jew tal-kumpens, skont il-każ, għandha tiġi tterminata. Fejn ikun rilevanti, il-livell ta' sospensjoni tal-obbligi jew tal-kumpens għandu jiġi adattat fid-dawl tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

SUBTAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

ARTIKOLU 15.17

Sostituzzjoni tal-Arbitri

Jekk matul il-proċedimenti tal-arbitraġġ, it-tribunal tal-arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jipparteċipaw, jirtiraw jew ikollhom bżonn jiġu sostitwiti minħabba li l-membru ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta fl-Anness 15-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi), għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15.7 (It-Twaqqif tat-Tribunal tal-Arbitraġġ). Il-limitu ta' żmien għan-notifika tar-rapporti u tad-deċiżjonijiet, skont il-każ, għandu jiġi estiż b'20 jum.

ARTIKOLU 15.18

Sospensjoni u Terminazzjoni tal-Proċedimenti tal-Arbitraġġ

1. Wara talba miż-żewġ Partijiet, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jissospendi l-ħidma tiegħu fi kwalunkwe ħin għal perjodu miftiehem mill-Partijiet ta' mhux aktar minn 12-il xahar konsekuttivi. Huwa għandu jissokta bil-ħidma tiegħu qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' sospensjoni fuq talba bil-miktub taż-żewġ Partijiet. Il-Partijiet għandhom jinformaw lill-Kumitat għall-Kummerċ kif xieraq. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' wkoll jissokta bil-ħidma tiegħu fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni fuq talba bil-miktub ta' waħda mill-Partijiet. Il-Parti rikjedenti għandha tinforma lill-Kumitat għall-Kummerċ u lill-Parti l-oħra kif xieraq. Jekk Parti ma titlobx li tissokta l-ħidma tat-tribunal tal-arbitraġġ malli jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni, l-awtorità tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tiskadi u l-proċedimenti għandhom jiġu fi tmiemhom. F'każ ta' sospensjoni tal-ħidma tat-tribunal tal-arbitraġġ, il-perjodi ta' żmien stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu estiżi bl-istess perjodu ta' żmien li għalih il-ħidma kienet sospiża. Is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-ħidma tat-tribunal tal-arbitraġġ huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kwalunkwe Parti fi proċedimenti oħrajn soġġetti għall-Artikolu 15.24 (Għażla tal-Forum).

2. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jtemmu l-proċedimenti tat-tribunal tal-arbitraġġ billi jinnotifikaw dan il-ftehim b'mod konġunt lill-president tat-tribunal tal-arbitraġġ u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi kwalunkwe ħin qabel il-ħruġ tar-rapport finali tat-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU 15.19

Soluzzjoni Miftiehma b'Mod Reċiproku

Fi kwalunkwe ħin, il-Partijiet jistgħu jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku għal tilwima skont dan il-Kapitolu. Huma għandhom jinnotifikaw b'mod konġunt lill-Kumitat għall-Kummerċ u lill-president tat-tribunal tal-arbitraġġ, fejn applikabbli, bi kwalunkwe soluzzjoni bħal din. Jekk is-soluzzjoni tkun tirrikjedi approvazzjoni skont il-proċeduri domestiċi rilevanti ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, in-notifika għandha tirreferi għal dan ir-rekwiżit u l-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim għandha tiġi sospiża. Jekk tali approvazzjoni ma tkunx meħtieġa, jew jekk it-tlestija ta' kwalunkwe proċedura domestika bħal din tiġi nnotifikata, il-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim għandha tiġi fi tmiemha.

ARTIKOLU 15.20

Informazzjoni u Parir Tekniku

Fuq talba ta' Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni li jqis li hija xierqa għall-proċedimenti tat-tribunal tal-arbitraġġ minn kwalunkwe sors, inkluży l-Partijiet involuti fit-tilwima. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu wkoll id-dritt li jfittex l-opinjoni ta' esperti, kif iqis li huwa xieraq. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jikkonsulta mal-Partijiet qabel jagħżel dawn l-esperti. Kwalunkwe informazzjoni miksuba skont dan l-Artikolu trid tiġi ddivulgata u ppreżentata lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom fil-perjodu ta' żmien stabbilit mit-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU 15.21

Regoli tal-Interpretazzjoni

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) f'konformità mar-regoli tal-interpretazzjoni konswetudinarji tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk ikkodifikati fil-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati*, konkluża fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jikkunsidra wkoll l-interpretazzjonijiet rilevanti fir-rapporti tat-tribunali u tal-Korp tal-Appell adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO. Ir-rapporti u s-sentenzi tat-tribunal tal-arbitraġġ ma għandhomx iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet previsti f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 15.22

Deċiżjonijiet u Sentenzi tat-Tribunal tal-Arbitraġġ

1. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz sabiex jieħu kwalunkwe deċiżjoni b'kunsens. F'każ li ma tkunx tista' tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni kkonċernata għandha tiġi deċiża b'vot ta' maġġoranza. L-opinjonijiet diverġenti tal-arbitri fl-ebda każ ma għandhom jiġu ddivulgati.

2. Ir-rapporti u s-sentenzi tat-tribunal tal-arbitraġġ għandhom jiġu aċċettati b'mod mhux kundizzjonali mill-Partijiet. Dawn ma għandhom joħolqu ebda dritt jew obbligu fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Ir-rapporti u s-sentenzi għandhom jistabbilixxu s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 15.2 (Kamp ta' Applikazzjoni) u r-raġunament bażiku wara kwalunkwe sejba u konklużjoni. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jagħmel ir-rapporti u s-sentenzi tat-tribunal tal-arbitraġġ disponibbli għall-pubbliku fl-intier tagħhom fi żmien 10 ijiem mill-ħruġ tagħhom, sakemm ma jiddeċidix li ma jagħmilx dan bil-għan li jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali.

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 15.23

Lista tal-Arbitri

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas 15-il individwu li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala arbitri. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti:

(a) sublista waħda għall-Unjoni;

(b) sublista waħda għall-Vjetnam; u

(c) sublista waħda ta' individwi li mhumiex ċittadini ta' waħda mill-Partijiet u li ma għandhomx residenza permanenti f'waħda mill-Partijiet u li għandhom jaġixxu bħala l-president tal-bord tal-arbitraġġ.

2. Kull sublista għandha tinkludi mill-inqas ħames individwi. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiżgura li l-lista dejjem tinżamm f'dan l-għadd minimu ta' individwi.

3. L-arbitri għandhom ikunu wrew għarfien espert u esperjenza tad-dritt u tal-kummerċ internazzjonali. Dawn għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma jkunu affiljati mal-gvern ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-Kodiċi ta' Kondotta fl-Anness 15-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi).

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jistabbilixxi lista addizzjonali ta' 10 individwi b'għarfien espert u esperjenza f'setturi speċifiċi koperti minn dan il-Ftehim. Soġġetta għall-qbil tal-Partijiet, tali lista addizzjonali għandha tintuża għall-kompożizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15.7 (It-Twaqqif tat-Tribunal tal-Arbitraġġ).

ARTIKOLU 15.24

Għażla tal-Forum

1. Ir-rikors għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim taħt dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni fil-qafas tad-WTO, inkluża azzjoni ta' soluzzjoni tat-tilwim, jew skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor li minnu jagħmlu parti ż-żewġ Partijiet.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, Parti ma għandhiex, għal miżura partikolari, tfittex rimedju għall-ksur ta' obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont dan il-Ftehim u skont il-Ftehim tad-WTO jew skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor li minnu jagħmlu parti ż-żewġ Partijiet fil-fora rilevanti. Ladarba jkunu nbdew il-proċedimenti tas-soluzzjoni tat-tilwim, il-Parti ma għandhiex tressaq talba li tfittex rimedju għall-ksur tal-obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont il-ftehim l-ieħor għall-forum l-ieħor, sakemm il-forum magħżul l-ewwel ma jonqosx milli jagħmel sejbiet dwar it-talba li tfittex rimedju għal dak l-obbligu għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu li jkunu nbdew permezz ta' talba minn Parti għat-twaqqif ta' tribunal skont l-Artikolu 6 tal-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO;

(b) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jitqiesu li jkunu nbdew permezz ta' talba minn Parti għat-twaqqif ta' tribunal tal-arbitraġġ skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 15.5 (Il-Bidu tal-Proċedura tal-Arbitraġġ);

(c) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor jitqiesu li jkunu nbdew f'konformità ma' dak il-ftehim.

4. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jipprekludi lil Parti milli timplimenta s-sospenzjoni ta' obbligi awtorizzati mill-Korp tad-WTO għas-Soluzzjoni tat-Tilwim. Il-Ftehim tad-WTO ma għandux jiġi invokat sabiex iwaqqaf Parti milli tissospendi l-obbligi f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 15.25

Limiti taż-Żmien

1. Il-limiti taż-żmien kollha stipulati f'dan il-Kapitolu, inklużi l-limiti sabiex il-bordijiet tal-arbitraġġ jinnotifikaw ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tagħhom, għandhom jingħaddu f'jiem kalendarji mill-jum li jsegwi l-att jew il-fatt li jkunu qed jirreferu għalih, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

2. Kwalunkwe limitu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu jista' jiġi mmodifikat bi qbil reċiproku tal-Partijiet fit-tilwima. Il-bord tal-arbitraġġ jista', fi kwalunkwe ħin, jipproponi lill-Partijiet li jimmodifikaw kwalunkwe limitu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għall-proposta.

ARTIKOLU 15.26

Reviżjoni u Modifika

Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jirrevedi u jimmodifika l-Annessi 15-A (Regoli ta' Proċedura), 15-B (Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi) u 15-C (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni).

KAPITOLU 16

KOOPERAZZJONI U BINI TAL-KAPAĊITÀ

ARTIKOLU 16.1

Għanijiet u Kamp ta' Applikazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw l-importanza tal-kooperazzjoni u tal-bini tal-kapaċità għall-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan il-Ftehim, li jappoġġja l-espansjoni kontinwa u joħloq opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investiment bejniethom.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li japprofondixxu l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-livelli differenti ta' żvilupp bejn l-Unjoni u l-Vjetnam. Dik il-kooperazzjoni għandha trawwem żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inkluż it-tkabbir sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar.

3. Dan il-Kapitolu japplika għad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.2

Oqsma u Mezzi ta' Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni għandha titwettaq fi ħdan il-qafas legali u istituzzjonali eżistenti u skont ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

2. Sabiex jilħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 16.1 (Għanijiet u Kamp ta' Applikazzjoni), il-Partijiet jagħtu importanza partikolari lill-kooperazzjoni fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali;

(b) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ;

(c) il-politika u r-regolamenti kummerċjali;

(d) aspetti relatati mal-kummerċ tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-forestrija;

(e) l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fid-dimensjonijiet ambjentali u tax-xogħol tiegħu;

(f) intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(g) oqsma oħrajn identifikati taħt Kapitoli speċifiċi ta' dan il-Ftehim; u

(h) oqsma oħrajn ta' interess reċiproku relatati ma' dan il-Ftehim.

3. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għandha titwettaq primarjament permezz ta' skambju ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattiki, kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni politika. Fejn xieraq, jistgħu jiġu kkunsidrati seminars, sessjonijiet ta' ħidma, taħriġ, studji, assistenza teknika u bini tal-kapaċità.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol potenzjalment importanti tas-settur privat f'kooperazzjoni u għandhom jappoġġjaw l-involviment tiegħu bil-għan li jikkontribwixxu sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċju tal-Ftehim għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku.

ARTIKOLU 16.3

Benesseri tal-Annimali

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw kif meħtieġ fuq it-trattament xieraq tal-annimali, inklużi l-assistenza teknika u l-bini ta' kapaċità għall-iżvilupp ta' standards għat-trattament xieraq tal-annimali. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, huma għandhom jikkonsultaw lill-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji stabbiliti skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati).

ARTIKOLU 16.4

Mekkaniżmu Istituzzjonali

1. Il-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni għandhom jiġu diskussi fil-kumitati speċjalizzati rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 17.2 (Kumitati Speċjalizzati). F'oqsma ta' kooperazzjoni barra l-mandat tal-kumitati speċjalizzati, dawk il-kwistjonijiet għandhom jiġu diskussi fi ħdan il-Kumitat tal-Kummerċ.

2. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt fl-amministrazzjoni tagħha sabiex tikkollabora mal-Parti l-oħra fuq kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 17

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 17.1

Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat tal-Kummerċ magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiltaqa' darba fis-sena, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kumitat tal-Kummerċ, jew f'każijiet urġenti fuq talba ta' Parti. Il-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ għandhom isiru b'mod alternat fl-Unjoni u fil-Vjetnam, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jkun kopresedut mill-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija tal-Vjetnam u mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ, jew id-delegati rispettivi tagħhom. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jaqbel fuq l-iskeda tal-laqgħat tiegħu u jistabbilixxi l-aġenda tiegħu.

3. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu:

(a) jiżgura t-tħaddim tajjeb ta' dan il-Ftehim;

(b) jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu;

(c) jissorvelja u jikkoordina l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha, tal-gruppi ta' ħidma u ta' korpi oħrajn stabbiliti skont dan il-Ftehim, jirrakkomanda lil dawk il-korpi kwalunkwe azzjoni meħtieġa u jevalwa u jadotta d-deċiżjonijiet, fejn previsti f'dan il-Ftehim, rigward kwalunkwe suġġett li ssir referenza għalih minn dawk il-korpi;

(d) jikkunsidra modi kif isaħħaħ aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bejn il-Partijiet;

(e) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim), ifittex li jsolvi l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, jew isolvi t-tilwim li jista' jinqala' rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim; u

(f) jikkunsidra kull kwistjoni oħra ta' interess relatata mal-oqsma koperti minn dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista', f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim:

(a) jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati speċjalizzati, gruppi ta' ħidma jew korpi oħrajn, sabiex jalloka responsabbiltajiet lilhom bil-għan li jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, kif ukoll li jxoljihom. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, il-mandat u l-kompiti tal-kumitati speċjalizzati, tal-gruppi ta' ħidma jew ta' korpi oħrajn stabbiliti minnu;

(b) jikkomunika dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim mal-partijiet interessati kollha, inklużi s-settur privat, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) jikkunsidra u jirrakkomanda lill-Partijiet emendi għal dan il-Ftehim jew, fil-każijiet speċifikament previsti f'dan il-Ftehim, jemenda, b'deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim;

(d) jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet u l-korpi kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim, inklużi l-bordijiet tal-arbitraġġ imsemmija taħt il-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim);

(e) jadotta deċiżjonijiet jew jagħmel arranġamenti kif previsti minn dan il-Ftehim;

(f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess; u

(g) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu f'konformità ma' dan il-Ftehim.

5. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jinforma lill-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bħala parti mill-qafas istituzzjonali komuni dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, kif rilevanti, fil-laqgħat regolari tal-Kumitat Konġunt.

ARTIKOLU 17.2

Kumitati Speċjalizzati

1. Il-kumitati speċjalizzati li ġejjin huma b'dan stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat għall-Kummerċ:

(a) il-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti;

(b) il-Kumitat dwar id-Dwana;

(c) il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(d) il-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku; u

(e) il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

2. Il-kompożizzjoni, il-mandat u l-kompiti tal-kumitati speċjalizzati msemmija fil-paragrafu 1 huma definiti fil-kapitoli u l-protokolli rilevanti ta' dan il-Ftehim u jistgħu jiġu mmodifikati, jekk ikun meħtieġ, b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ.

3. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-kumitati speċjalizzati għandhom jiltaqgħu darba fis-sena. Huma għandhom jiltaqgħu wkoll fuq talba ta' waħda mill-Partijiet jew tal-Kumitat għall-Kummerċ. Huma għandhom jiġu kopreseduti, f'livell xieraq, minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Vjetnam. Il-laqgħat għandhom isiru b'mod alternat fl-Unjoni u fil-Vjetnam, jew bi kwalunkwe mezz xieraq ieħor ta' komunikazzjoni kif miftiehem bejn il-Partijiet. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jaqblu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom b'kunsens reċiproku. Kull kumitat speċjalizzat jista' jiddeċiedi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, madankollu, fin-nuqqas tagħhom, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

4. Il-kumitati speċjalizzati jistgħu jippreżentaw proposti sabiex jiġu adottati deċiżjonijiet mill-Kumitat għall-Kummerċ jew jieħdu deċiżjonijiet meta dan il-Ftehim hekk jistabbilixxi.

5. Fuq it-talba ta' Parti, jew fuq referenza mill-kumitat speċjalizzat rilevanti, jew meta jkun qed iħejji diskussjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ, il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti jista' jindirizza wkoll kwistjonijiet li jitqajmu fl-oqsma tad-dwana u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji jekk dan ikun jista' jiffaċilita s-soluzzjoni ta' kwistjoni li ma tistax tissolva b'mod ieħor mill-kumitat speċjalizzat rilevanti.

6. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinformaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-iskedi u l-aġendi tagħhom fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tagħhom u għandhom jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tagħhom. L-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat ma għandhiex timpedixxi lil waħda mill-Partijiet milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ.

ARTIKOLU 17.3

Gruppi ta’ Ħidma

1. Il-gruppi ta’ ħidma li ġejjin huma b’dan stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti:

(a) il-Grupp ta’ Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi; u

(b) il-Grupp ta’ Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet tagħhom.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista’ jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta’ ħidma oħrajn għal kompitu jew suġġett speċifiku.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, il-mandat u l-kompiti tal-gruppi ta’ ħidma.

4. Sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, il-gruppi ta’ ħidma għandhom jiltaqgħu darba fis-sena. Huma għandhom jiltaqgħu wkoll fuq talba ta’ waħda mill-Partijiet jew tal-Kumitat għall-Kummerċ. Huma għandhom jiġu kopreseduti, f’livell xieraq, minn rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Vjetnam. Il-laqgħat għandhom isiru b’mod alternat fl-Unjoni jew fil-Vjetnam, jew bi kwalunkwe mezz xieraq ieħor ta’ komunikazzjoni kif miftiehem bejn il-Partijiet. Il-gruppi ta’ ħidma għandhom jaqblu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom b’kunsens reċiproku. Huma jistgħu jaqblu fuq ir-regoli ta’ proċedura tagħhom stess, madankollu, fin-nuqqas tagħhom, ir-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

5. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jinformaw lill-kumitati speċjalizzati rilevanti dwar l-iskedi u l-aġenda tagħhom biżżejjed minn qabel il-laqgħat tagħhom. Huma għandhom jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa regolari tal-kumitati speċjalizzati rilevanti. L-eżistenza ta' grupp ta' ħidma ma għandhiex timpedixxi lil waħda mill-Partijiet milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ jew il-kumitati speċjalizzati rilevanti.

ARTIKOLU 17.4

It-Teħid tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu, għall-fini tal-kisba tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim, ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet, fejn previst f'dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Partijiet.

3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom isiru b'kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 17.5

Emendi

1. Il-Partijiet jistgħu jemendaw dan il-Ftehim. Emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma lestew il-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom kif previsti fl-Artikolu 17.16 (Dħul fis-Seħħ).

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jemenda dan il-Ftehim kif previst f'dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jadottaw id-deċiżjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ f'konformità mal-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom.

3. Minkejja l-paragrafu 1, il-lista ta' entitajiet fit-Taqsimiet A (Entitajiet tal-Gvern Ċentrali) sa C (Entitajiet Koperti Oħrajn) tal-Annessi 9A (Kopertura tal-Akkwist Pubbliku għall-Unjoni) u 9B (Kopertura tal-Akkwist Pubbliku għall-Vjetnam) tista' tiġi mmodifikata f'konformità mal-Artikoli 9.20 (Modifika u Rettifika għall-Kopertura) u 9.23 (Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku).

ARTIKOLU 17.6

Il-liġi tad-WTO li qed tevolvi

Jekk tiġi emendata kwalunkwe dispożizzjoni tal-Ftehim tad-WTO li l-Partijiet ikunu inkorporaw f'dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin bil-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku, fejn tkun meħtieġa. Bħala riżultat ta' tali rieżami, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jieħu deċiżjoni sabiex dan il-Ftehim jiġi emendat kif xieraq.

ARTIKOLU 17.7

Tassazzjoni

1. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni jew ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha, jew inkella tal-Vjetnam, skont kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa bejn kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni u l-Vjetnam. Fil-każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa, dak il-ftehim dwar it-taxxa għandu jipprevali fir-rigward tal-inkonsistenza.

2. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi lill-Partijiet milli jiddistingwu, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom, bejn kontribwenti li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn jiġi investit il-kapital tagħhom.

3. F’dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar ta’ xi miżura mmirata lejn l-impediment tal-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet dwar it-taxxa sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew arranġamenti fiskali oħrajn jew il-leġiżlazzjoni fiskali domestika.

ARTIKOLU 17.8

Kont Kurrenti

Il-Partijiet għandhom jawtorizzaw, f’munita liberament konvertibbli, u f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-*Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali*, kif applikabbli, kwalunkwe pagamenti u trasferimenti fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti bejn il-Partijiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Ftehim, b’mod partikolari b’rabta mal-impenji speċifiċi rispettivi tagħhom taħt is-Subtaqsima 6 (Servizzi Finanzjarji) tat-Taqsima E (Qafas Regolatorju) tal-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku).

ARTIKOLU 17.9

Movimenti tal-Kapital

1. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fuq il-kont finanzjarju u tal-kapital tal-bilanċ tal-pagamenti, il-Partijiet ma għandhom jimponu l-ebda restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital b'rabta mal-investimenti liberalizzati f'konformità mat-Taqsima B (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment) tal-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investiment, il-Kummerċ tas-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku).

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin bl-għan li jiffaċilitaw il-moviment ta' kapital bejniethom sabiex jippromwovu l-kummerċ u l-investiment.

ARTIKOLU 17.10

L-applikazzjoni tal-Liġijiet u tar-Regolamenti li jirrigwardjaw
il-Movimenti tal-Kapital, il-Pagamenti jew it-Trasferimenti

L-Artikoli 17.8 (Kont Kurrenti) u 17.9 (Movimenti tal-Kapital) ma għandhomx jinftiehmu bħala li jimpedixxu lil Parti milli tapplika b'mod ekwu u mhux diskriminatorju, u b'mod li ma jikkostitwixxi ebda restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u l-investiment, il-liġijiet u r-regolamenti tagħha relatati ma':

(a) falliment, insolvenza, l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-krediturі, jew is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji;

(b) il-ħruġ, in-negozjar jew it-trattament ta' strumenti finanzjarji;

(c) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma ta' rekords tat-trasferimenti, fejn meħtieġa, sabiex jgħinu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) reati kriminali jew penali, prattiki qarrieqa jew frodulenti;

(e) l-iżgurar tas-sodisfazzjon tas-sentenzi fi proċedimenti ta' aġġudikazzjoni; jew

(f) skemi tas-sigurtà soċjali, tal-irtirar pubbliku jew skemi ta' tfaddil obbligatorju.

ARTIKOLU 17.11

Miżuri ta' Salvagwardja Temporanji fir-Rigward
tal-Movimenti tal-Kapital, il-Pagamenti jew it-Trasferimenti

F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji għat-tħaddim tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Unjoni, jew, fil-każ tal-Vjetnam, għat-tħaddim tal-politika monetarja u tar-rata tal-kambju, jew theddida tagħhom, il-Parti kkonċernata tista' tieħu l-miżuri ta' salvagwardja li huma strettament meħtieġa fir-rigward tal-movimenti tal-kapital, tal-pagamenti jew tat-trasferimenti għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

ARTIKOLU 17.12

Restrizzjonijiet fil-Każ ta' Bilanċ tal-Pagamenti jew Diffikultajiet Finanzjarji Esterni

1. Meta Parti tesperjenza bilanċ tal-pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida tagħhom, hija tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' movimenti ta' kapital, pagamenti jew trasferimenti, li:

(a) ma għandhomx ikunu diskriminatorji meta mqabbla ma' pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet simili;

(b) ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju għar-rimedju tal-bilanċ tal-pagamenti jew ta' diffikultajiet finanzjarji esterni;

(c) ikunu konsistenti mal-*Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali*, kif applikabbli;

(d) jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra; u

(e) ikunu temporanji u eliminati b'mod gradwali hekk kif is-sitwazzjoni titjieb.

2. Fil-każ tal-kummerċ ta' prodotti, kull Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha jew il-bilanċ tal-pagamenti tagħha. Dawk il-miżuri restrittivi għandhom ikunu f'konformità ma' GATT 1994 u mal-*Fehim dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994*.

3. Fil-każ tal-kummerċ ta' servizzi jew il-liberalizzazzjoni tal-investimenti, kull Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha jew il-bilanċ tal-pagamenti tagħha. Dawk il-miżuri restrittivi għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu XII ta' GATS.

4. Parti li żżomm jew li tkun adottat il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra dwarhom u tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, skeda taż-żmien għat-tneħħija tagħhom.

5. Meta jiġu adottati jew miżmuma restrizzjonijiet skont dan l-Artikolu, għandhom isiru konsultazzjonijiet minnufih fil-Kumitat dwar l-Investiment, il-Kummerċ ta' Servizzi, il-Kummerċ Elettroniku u l-Akkwist Pubbliku, sakemm ma jsirux konsultazzjonijiet f'*fora* oħrajn. Il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw il-bilanċ tal-pagamenti jew id-diffikultà finanzjarja esterna li wasslet għall-miżuri rispettivi, filwaqt li jqisu, *inter alia*, fatturi bħal:

(a) in-natura u l-firxa tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; jew

(c) il-miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

Il-konsultazzjonijiet għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kwalunkwe miżura restrittiva mal-paragrafi 1 sa 3. Is-sejbiet rilevanti kollha ta' natura statistika jew fattwali ppreżentati mill-FMI għandhom jiġu aċċettati u l-konklużjonijiet għandhom jikkunsidraw il-valutazzjoni mwettqa mill-FMI tal-bilanċ tal-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

ARTIKOLU 17.13

Eċċezzjonijiet ta' Sigurtà

F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala:

(a) li jitlob lil xi Parti tagħti informazzjoni, li d-divulgazzjoni tagħha titqies bħala li tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha;

(b) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu azzjoni li hija tqis bħala neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) b'konnessjoni mal-produzzjoni jew il-kummerċ ta' armi, munizzjon u materjali tal-gwerra u marbuta mat-traffiku ta' oġġetti u materjali oħrajn u mal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament għall-fini tal-forniment ta' stabbiliment militari;

(ii) marbuta mal-provvista ta' servizzi mwettqa direttament jew indirettament għall-fini tal-forniment ta' stabbiliment militari;

(iii) marbuta ma' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew mal-materjali li minnhom huma derivati; jew

(iv) meħuda fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali;

jew

(c) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu azzjoni skont l-obbligi tagħha taħt il-*Karta tan-Nazzjonijiet Uniti* għall-fini taż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

ARTIKOLU 17.14

Utilizzazzjoni tal-Preferenzi

Wara sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, statistika annwali dwar l-importazzjoni għas-sena preċedenti, inklużi ċifri fil-livell tal-linja tariffarja, dwar kummerċ preferenzjali u mhux preferenzjali ta' merkanzija bejniethom.

ARTIKOLU 17.15

Divulgazzjoni ta’ Informazzjoni

1. F’dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jitlob lil xi Parti tagħmel informazzjoni kunfidenzjali disponibbli, li d-divulgazzjoni tagħha tista’ timpedixxi l-infurzar tal-liġi, jew inkella li tmur kontra l-interess pubbliku, jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta’ intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati, għajr meta bord ikun jirrikjedi informazzjoni kunfidenzjali fi proċedimenti ta’ soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 15 (Soluzzjoni tat-Tilwim). F’każijiet bħal dawn, il-bord għandu jiżgura li l-kunfidenzjalità tkun protetta b’mod sħiħ.

2. Meta Parti tissottometti lill-Kumitat għall-Kummerċ jew lil kumitati speċjalizzati informazzjoni li hija tqis bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali, sakemm il-Parti li ssottomettietha ma tiftiehemx mod ieħor.

ARTIKOLU 17.16

Dħul fis-Seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet f’konformità mal-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar li jiġi wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri legali applikabbli tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq data oħra.

3. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ tal-Vjetnam.

ARTIKOLU 17.17

Tul ta' żmien

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' validu b'mod indefinit.

2. Kwalunkwe Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub bl-intenzjoni tagħha li tittermina dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-aħħar tas-sitt xahar wara n-notifika.

ARTIKOLU 17.18

Twettiq tal-Obbligi

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Huma għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

2. Jekk xi Parti tqis li l-Parti l-oħra wettqet ksur materjali tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, hija tista' tieħu miżuri xierqa fir-rigward ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 57 tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.

ARTIKOLU 17.19

Persuni li Jeżerċitaw Awtorità Delegata mill-Gvern

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuni, inklużi intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju maħtur, li jkunu ġew iddelegati awtorità regolatorja, amministrattiva jew governattiva oħra minn Parti fi kwalunkwe livell tal-gvern, kif previst fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha, jaġixxu f'konformità mal-obbligi tal-Parti kif stabbiliti f'dan il-Ftehim fl-eżerċitar tal-awtorità tagħhom.

ARTIKOLU 17.20

Ebda Effett Dirett

F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku. Il-Vjetnam jista' jistabbilixxi mod ieħor skont il-liġi domestika tiegħu.

ARTIKOLU 17.21

Annessi, Appendiċijiet, Dikjarazzjonijiet Konġunti, Protokolli u Qbil

L-Annessi, l-Appendiċijiet, id-Dikjarazzjonijiet Konġunti, il-Protokolli u l-Qbil ta'dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 17.22

Ir-relazzjonijiet ma' Ftehimiet oħrajn

1. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ftehimiet preċedenti bejn l-Istati Membri tal-Unjoni jew il-Komunità Ewropea jew bejn l-Unjoni u l-Vjetnam ma jiġux sostitwiti jew itterminati minn dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu jkun parti mir-relazzjonijiet ġenerali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Vjetnam, fuq in-naħa l-oħra, kif previst fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u għandu jifforma parti mill-qafas istituzzjonali komuni.

3. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jirrikjedi li xi Parti taġixxi b'mod inkonsistenti mal-obbligi tagħha skont il-Ftehim tad-WTO.

ARTIKOLU 17.23

Adeżjonijiet Futuri mal-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tinnotifika lill-Vjetnam bi kwalunkwe talba għal adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni.

2. Matul in-negozjati bejn l-Unjoni u pajjiż kandidat li jkun qed ifittex adeżjoni, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex:

(a) tipprovdi, fuq talba tal-Vjetnam u, safejn possibbli, informazzjoni rigward kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim; u

(b) tikkunsidra t-tħassib espress mill-Vjetnam.

3. L-Unjoni għandha tinnotifika lill-Vjetnam dwar id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe adeżjoni mal-Unjoni.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jeżamina, minn qabel biżżejjed id-data tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni, kwalunkwe effetti li jista' jkollha dik l-adeżjoni fuq dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, jimplimentaw kwalunkwe aġġustament jew arranġament tranżitorju meħtieġ.

ARTIKOLU 17.24

Applikazzjoni Territorjali

1. Dan il-Ftehim għandu japplika:

(a) fir-rigward tal-Unjoni, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-*Trattat dwar l-Unjoni Ewropea* u t-*Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea* u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati; u

(b) fir-rigward tal-Vjetnam, għat-territorju tiegħu.

Ir-referenzi għal "territorju" f'dan il-Ftehim għandhom jinftiehmu f'dan is-sens, sakemm ma jkunx previst espliċitament mod ieħor.

2. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament tariffarju tal-prodotti, dan il-Ftehim għandu japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni li mhumiex koperti mis-subparagrafu 1(a).

ARTIKOLU 17.25

Testi Awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa abbozzat f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Vjetnamiża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi [……] nhar [……]

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam